

Brussell, 24 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15076/22

SOC 640
EMPL 441
ECOFIN 1188
EDUC 399

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 783 final
Suġġett:	PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL DWAR L-IMPJIEGI

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 783 final.

Mehmuż: COM(2022) 783 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 22.11.2022
COM(2022) 783 final

**PROPOSTA GĦAL RAPPORT KONĠUNT TAL-KUMMISSJONI U TAL-KUNSILL
DWAR L-IMPJEGI**

Werrej

MESSAĠĠ EWLENIN	1
KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET TAS-SUQ TAX-XOGĦOL U DAWK SOĊJALI FL-UNJONI EWROPEA, IL-MIRI EWLENIN U ĦARSA LEJN IT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI	22
1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol	22
1.2 Xejriet soċjali.....	26
1.3 Il-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali sal-2030	30
1.4 Ħarsa ġenerali lejn l-isfidi bbażati fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali	35
KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI	42
2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol	42
2.2 Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-kompetenzi	63
2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali	105
2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar.....	134

MESSAĠĠI EWLENIN

Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Kunsill jimmonitorja s-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi, f'konformità mal-Artikolu 148 tat-TFUE. Ir-rapport jipprovdi ħarsa ġenerali annwali lejn l-iżviluppi ewlenin fl-impjiegi u dawk soċjali fl-Unjoni u lejn il-miżuri ta' politika riċenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-Linji Gwida għall-Politiki dwar l-Impjiegi tal-Istati Membri¹. Jidentifika wkoll l-oqsma prijoritarji ewlenin relatati li jeħtieġu azzjoni politika. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, u wara skambji fil-kumitati konsultattivi rilevanti tal-Kunsill, it-test finali se jadottah il-Kunsill tal-Impjiegi, il-Politika Soċjali, is-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO). Li l-isfidi identifikati fir-rapport jiġu indirizzati se jgħin biex tinkiseb il-konverġenza soċjali 'l fuq, jissaħħaħ l-isforz tal-Unjoni favur tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, u se jgħin biex jiġi indirizzat it-tibdil demografiku u biex jintlaħqu l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli.

Il-JER tal-2023 għadu qed jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni ta' Marzu 2021 milqugħ tajjeb mill-Mexxejja tal-UE fis-Summit Soċjali ta' Porto. Il-monitoraġġ imsaħħaħ tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru fl-oqsma tal-opportunitajiet indaqs u tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali jissokta f'din l-edizzjoni tar-rapport. Dan isir b'mod partikolari permezz ta' kaxxi tematiċi li jkopru għadd ta' sfidi ewlenin f'dawn l-oqsma, fid-dawl tal-prospett soċjoekonomiku u l-aktar inizjattivi ta' politika riċenti. Ir-rapport jintegra l-miri ewlenin tal-UE tal-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar li ntlagħhu tajjeb mill-mexxejja tal-UE f'Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021. Ikopri wkoll għall-ewwel darba l-miri nazzjonali li ressqu l-Istati Membri, kif ippreżentati u diskussi fil-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2022 wara proċess ta' diskussjonijiet bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni u rieżamijiet multilaterali mal-Kumitat tal-Impjiegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali. Ir-rapport ikompli jinkorpora l-oġġettivi tal-istrateġiji tal-Unjoni tal-Ugwaljanza² u jkopri l-isfidi li jaffaċċjaw il-gruppi affettwati mill-inugwaljanzi.

Il-miri nazzjonali tal-2030 li ressqu l-Istati Membri juru grad għoli ta' ambizzjoni fil-livell aggregat tal-UE, u dan mistenni jrawwem konverġenza soċjali 'l fuq fl-Unjoni tul id-deċennju li jmiss. F'daqqa, il-miri nazzjonali tal-impjiegi jisbqu l-ambizzjoni tal-mira ewlenija korrispondenti tal-UE ta' mill-inqas 78 % b'0,5 pp. Fl-istess ħin, l-Istati Membri flimkien impenjaw ruħhom li jgħollu 600 000 persuna oħra mill-faqar minn kemm teżiġi l-mira ewlenija tal-UE ta' mill-inqas 15-il miljun persuna inqas fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali³. Il-miri nazzjonali tal-ħiliet ġew stabbiliti f'livelli varji ta' ambizzjoni, f'konformità mal-ħtieġa li jingħata kontribut għall-mira ewlenija tal-UE għall-2030 li kull sena jkun hemm mill-anqas 60 % tal-adulti qed jieħdu taħriġ, jiġifieri impenn aggregat ta' 57,6 %. Il-miri nazzjonali tal-2030 se jaqdu rwol importanti biex tinħoloq azzjoni politika favur konverġenza soċjali 'l fuq.

¹ L-aħħar aġġornament tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottat il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea f'Ottubru 2021 (ĠU L 379, 26.10.2021, p. 1-5).

² L-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-ġlieda kontra r-razzizzmu 2020-2025, il-qafas strateġiku tal-UE 2020-2030 għar-Rom għal ugwaljanza, inklużjoni u parteċipazzjoni, l-Istrateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ, u l-Istrateġija 2021-2030 dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà.

³ Mingħajr il-Ġermanja, id-Danimarka u Malta, li stabbilew il-miri nazzjonali tagħhom permezz ta' indikaturi differenti min-numru tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali, użati biex tiġi definita l-mira ewlenija tal-UE.

Flimkien mal-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, l-implimentazzjoni tar-riformi u tal-investimenti fil-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) tal-Istati Membri ssostni rkupru ġust, inklużiv u sostenibbli. Minbarra s-sostenn mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tul l-2021-27, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) tippromwovi l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni billi ttejjeb ir-reżiljenza, it-tnejjija għall-kriżi, il-kapaċità ta' aġġustament, u l-potenzjal tat-tkabbir tal-Istati Membri u trawwem il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità għolja bir-riformi u l-investimenti rilevanti. B'dan il-mod, il-Faċilità tgħin ukoll biex jiġi implimentat il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, b'attenzjoni partikolari li jingħelbu l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.⁴ Erbgħa mis-sitt pilastru li jiddefinixxu l-ambitu tal-Faċilità huma rilevanti f'dan ir-rigward, jiġifieri: (i) it-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv; (ii) il-koeżjoni soċjali u territorjali; (iii) is-saħħa u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali, u (iv) il-politiki għall-ġenerazzjoni li jmiss, għat-tfal u għaż-żgħażaġġ. Sal-lum, il-Kummissjoni qassmet iżjed minn EUR 137 biljun permezz tal-Faċilità, bħala għotjiet u self u bħala prefinanzjament⁵. Mill-15 ta' Novembru sal-lum intlaħqu 106 oġġettivi intermedji u miri attribwiti lill-kategoriji soċjali, minn total ta' 357 (jiġifieri madwar 30 %).⁶ Madwar 30 % tal-oġġettivi intermedji u tal-miri li laħqu l-Istati Membri s'issa huma attribwiti għall-erba' pilastru tal-RRF imsemmijin hawn fuq. Bħala parti mill-analiżi tar-rispons tal-politika, ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi jinkludi wkoll għażla ta' miżuri sostnuti b'finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-RRF, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Dawn il-koll se jsostnu l-prospetti tat-tkabbir u tal-impjiegi, kif ukoll il-koeżjoni soċjali u ekonomika u r-reżiljenza fl-Unjoni.

L-analiżi fil-JER 2023 hija sostnuta mit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni pproponiet reviżjoni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, biex tippermetti monitoraġġ aħjar tal-prinċipji tal-Pilastru b'sett rivedut ta' indikaturi ewlenin, li ġiet approvata mill-EPSCO f'Ġunju 2021. Din tinkludi indikaturi ġodda dwar dimensjonijiet ta' politika importanti bħat-tagħlim tal-adulti,⁷ l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni b'diżabbiltà, ir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali fost it-tfal, u l-piż eċċessiv tal-kostijiet tal-abitazzjoni. Is-sett rivedut tal-indikaturi ewlenin jippermetti identifikazzjoni aktar eżatta tal-impjiegi, tal-ħiliet u tal-isfidi soċjali ewlenin fl-UE u fl-Istati Membri u monitoraġġ aktar mill-qrib tal-konverġenza soċjali 'l fuq kif stabbilit fl-Grafika ta' hawn taħt. Skont il-mandat tal-Presidenza Ċeka, inħoloq Grupp ta' Ħidma *ad hoc* biex jiddiskuti dwar qafas possibbli msaħħaħ ta' valutazzjoni tal-konverġenza soċjali fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u dan qed jirrapporta dwar il-ħidmitu lill-kumitati konsultattivi tal-Kunsill EPSCO.


⁴ L-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/241 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

⁵ Mill-15 ta' Novembru 2022.

⁶ Il-kategoriji soċjali huma definiti u applikati skont il-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew u mal-Istati Membri fir-Regolament Delegat 2021/2105.

⁷ Id-*data* għall-indikatur ewleni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali dwar it-tagħlim tal-adulti se tkun disponibbli għall-ewwel darba fl-2023.

L-impjiegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fost l-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali



Noti: 1) Id-*data* għall-indikatur dwar il-parteeċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim għadha mhix disponibbli; 2) Hemm *data* nieqsa għal xi indikaturi dwar xi pajjiżi – ara n-Nota għat-Tabella 1.4.1 fit-taqsim 1.4. Id-didaskaliji għall-indikaturi kollha jinsabu fl-Annessi.

Wara rkupru sod fl-2021 u fl-ewwel nofs tal-2022, is-swieq tax-xogħol tal-UE qed jaffaċċjaw inċertezzi relatati mal-impatt tal-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna u pressjonijiet inflazzjonarji qawwija. Is-swieq tax-xogħol tal-UE marru tajjeb ħafna fl-2021, wara l-pandemija tal-COVID-19 u t-tneħħija tal-miżuri tal-konteniment neċessarji. Dawn komplew jitjiebu fl-ewwel nofs tal-2022, meta r-rata tal-impjiegi laħqet l-ogħla rekord (74,8 % fl-UE u 74,3 % fiż-żona tal-euro, fi Q2-2022, ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi b'1,6 pp u b'1,4 pp rispettivament). F'Settembru 2022, ir-rata tal-qgħad tal-UE laħqet rekord baxx ta' 6 % fl-UE u ta' 6,6 % fiż-żona tal-euro, jiġifieri naqset minn 6,7 % u minn 7,3 % rispettivament fis-sena qabel. Fl-istess ħin, ir-rata tan-NEETs fl-UE naqset għal 11,7 % minn 13,3 % fis-sena qabel, filwaqt li l-qgħad fost iż-żgħażaġħ laħaq l-14,4 %, minn 17,5 %. Ir-rata tal-qgħad fit-tul żdiedet bi ftit fl-2021. Madankollu, minn nofs l-2021 'il quddiem, l-inflazzjoni żdiedet għal livelli storikament għoljin, u ħalliet impatt qawwi fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi u fuq il-profittabbiltà tan-negozji. It-tkabbir ekonomiku għall-2022 u għall-2023 ġie rivedut 'l isfel fl-aħħar previżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, u l-prospetti ġew affettwati għmielhom minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. L-impjiegi fl-UE mistennija jiżdiedu b'1,7 % fl-2022, qabel jistaġnaw fl-2023 u jiżdiedu moderatament b'xi 0,4 % fl-2024. Saru interventi ta' politika eċċezzjonali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri bħala rispons għall-kriżi tal-enerġija attwali (aktar dettalji jinsabu aktar 'il quddiem u fit-Taqsima 2.4). B'ħarsa 'l quddiem, is-sitwazzjoni attwali tal-kriżi tal-enerġija teżiġi koordinazzjoni effettiva tal-politika ekonomika, tal-impjiegi u soċjali li trawwem tkabbir inklużiv, intensiv fejn jidħlu l-impjiegi, u sostenibbli u tiproteġi lin-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.


L-eżiti tas-suq tax-xogħol għadhom sodi iżda żdiedet l-inċertezza minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna

74,8 %
ir-rata tal-impjiegi fi Q2-2022 (2 pp anqas mis-sena ta' qabel)

79,4 %
ir-rata tal-attività (20-64) fi Q2-2022 (1,1 pp iżjed mis-sena ta' qabel)

6,1 %
ir-rata tal-qgħad fi Q2-2022 (1,2 pp iżjed mir-rata fi Q2-2021)

14,3 %
ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (15-24), 3,2 pp anqas mis-sena ta' qabel



Sors: Bażi tad-*data* tal-Eurostat [[lfsi_emp_q](#)], [[une_rt_q](#)], [[une_ltu_q](#)] u [[lfsi_neet_q](#)]. *Data* aġġustata staġunalment, mhux aġġustata skont il-kalendarju.

L-iskarsezzi tal-ħaddiema u l-ħiliet qabeż il-livelli ta' qabel il-pandemija f'diversi pajjiżi tal-UE, u dan jixhed l-importanza li jissaħħu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u li jitjiebu l-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid b'mod partikolari. Bl-irkupru ekonomiku malajr, fl-2021 reġgħu feġġew malajr l-iskarsezzi tal-ħaddiema, speċjalment f'ċerti setturi u xogħlijiet. Sa tmiem l-2021, laħqu jew qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija fl-industrija, fis-servizzi u fil-kostruzzjoni ta' diversi pajjiżi. Il-gruppi ewlenin tax-xogħoljiet li rrapportaw skarsezzi fl-UE tul l-2021 huma relatati mal-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, is-software, il-kostruzzjoni u l-inġenji tal-inġinerija. L-iskarsezzi tal-ħaddiema tas-sengħa ġew osservati wkoll f'xi setturi relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u dawn mistennija jiżdiedu bil-qawwa fit-tranżizzjoni enerġetika minħabba l-manipulazzjoni Russa tas-swieq tal-enerġija. Anki l-iskarsezzi tal-ħiliet, inkluż fejn jidhru l-ħiliet diġitali, hu minħabba n-nuqqas ta' kwalità u effettività biżżejjed f'xi sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Anki ċerti fatturi aktar ġenerali, bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-qligħ, u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol iħallu impatt fuq il-provvista tal-ħaddiema u tal-ħiliet. Barra minn hekk, it-tixjiħ tal-popolazzjoni qed inaqqas il-forza tax-xogħol disponibbli fl-Ewropa. Fost l-azzjonijiet ta' politika ewlenin f'dan ir-rigward hemm il-politiki attivi effettivi tas-suq tax-xogħol li jrawmu l-inklużjoni fis-suq tax-xogħol tan-nisa u tal-gruppi sottorappreżentati, u t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid. Fid-dawl tal-proċess attwali tar-ristrutturar industrijali, hu partikolarment importanti li jiġu appoġġati t-tranżizzjonijiet tal-impjiegi skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (EASE). Anki li jissaħħaħ it-tbassir tal-ħiliet hu essenzjali biex jitfasslu kif xieraq u jinkisbu politiki attivi tas-suq tax-xogħol, u għall-edukazzjoni u għat-taħriġ.

L-iskarsezzi tal-ħaddiema ilhom jżiedu minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19


Rati oġhla minn 4 % tal-postijiet tax-xogħol battala fl-UE skont l-attività ekonomika (% data trimestrali)

Rati oġhla minn 4 % tal-postijiet tax-xogħol battala fl-attività ekonomika (% data trimestrali)

Rati oġhla minn 4 % tal-postijiet tax-xogħol battala fl-attività ekonomika (% data trimestrali)

Ir-rati tal-postijiet tax-xogħol battala rduppjaw fis-setturi ewlenin mill-bidu tal-2022

Ir-rati tal-postijiet tax-xogħol battala fl-UE skont l-attività ekonomika (% data trimestrali)




Nota: L-attivitàjiet tal-NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi (ħlief l-attivitàjiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali)), C (manifattura), F (kostruzzjoni), G-I (kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, akkomodazzjoni, u servizzi tal-ikel), J (informazzjoni u komunikazzjoni), M-N (attivitàjiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi). Sors: il-Eurostat [\[teilm310\]](#)

Meta mqabbla mal-kuntest attwali ta' inflazzjoni għolja, il-mekkaniżmi għall-iffissar tal-pagi jridu jibqgħu jirriflettu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi, jibżgħu għall-impjegati u l-kompetittività, u jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'pagi baxxi. Iż-żieda malajr fl-inflazzjoni osservata wara l-ewwel nofs tal-2021 u li kompliet fl-2022, minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, wasslet għal tnaqqis fil-pagi reali, speċjalment fost il-ħaddiema b'pagi baxxi. Għaldaqstant jeħtieġ jiġu żgurati aġġustamenti adegwati fil-pagi li jikkompensaw it-telf fil-kapaċità tal-akkwist u jnaqqsu r-riskji ta' żieda fil-faqar (inkluż il-faqar enerġetiku), filwaqt li jibqgħu konsistenti mal-oġettiv ġenerali li tiġi indirizzata l-inflazzjoni qawwija. Fl-ambjent makroekonomiku attwali, iż-żidiet fil-pagi fil-faxxa t'isfel tad-distribuzzjoni mhux mistennija jikkontribwixxu għal pressjonijiet inflazzjonarji mhux ġustifikati jew jaffettwaw il-kompetittività. In-negozjar kollettiv għandu rwol prominenti biex jinkisbu riżultati bilanċjati fl-iffissar tal-pagi fil-kuntest attwali, u barra minn hekk jirrispetta r-rwol tas-sħab soċjali u jkun allinjat mal-prattiki prevalenti tal-iffissar tal-pagi fl-Istati Membri, u jqis ukoll il-pressjonijiet partikolari tal-kostijiet li qed iġarrbu xi kumpaniji, setturi u ħaddiema. Biex jiġu promossi l-impjegati u titħares il-kapaċità tal-akkwist, għad hemm aktar lok biex jonqos il-porzjon tat-taxxa tal-ħaddiema b'pagi baxxi u medji f'diversi Stati Membri.

Pagi minimi adegwati jistgħu jgħinu biex titħares il-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'pagi baxxi u jevitaw li jkollna żidiet fil-faqar fost il-ħaddiema, isostnu d-domanda u jsaħħu l-inċentivi għax-xogħol. Fl-UE, ħafna ħaddiema għadhom mhux protetti b'pagi minimi adegwati. B'mod ġenerali, kważi impjegat minn kull għaxra jinsab fir-riskju tal-faqar. Barra minn hekk, il-pagi minimi naqsu f'termini reali fl-Istati Membri kważi kollha. Il-mitigazzjoni tal-effetti taż-żidiet sostanzjali riċenti fil-prezzijiet hi partikolarment importanti fir-rigward tal-ħaddiema b'pagi baxxi, li huma l-aktar milqutin mill-prezzijiet għaljin tal-enerġija u tal-ikel. Id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati tistabbilixxi qafas b'regoli ċari biex tittejjeb l-adeqwatezza tal-pagi minimi statutorji fl-Istati Membri li għandhom fis-seħħ. Id-Direttiva se tgħin biex issostni lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli billi thegġegħ l-iffissar tal-pagi minimi statutorji f'livelli adegwati, filwaqt li tqis il-kapaċità tal-akkwist tal-paga

minima, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-iżviluppi tal-produttività fit-tul, fost l-oħrajn. Barra minn hekk, aġġornamenti regolari tal-pagi minimi f'konformità mad-Direttiva jgħinu biex jiġi evitat it-telf fil-kapaċità tal-akkwist fost il-ħaddiema b'paga minima fil-kuntest attwali. Id-Direttiva fiha wkoll dispożizzjonijiet li jippromwovu n-negozjar kollettiv u jsaħħu l-mekkaniżmi tal-infurzar u tal-monitoraġġ fl-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, din teżiġi l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni u l-istabbiliment ta' qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti għan-negozjar kollettiv meta r-rata tal-kopertura tiegħu tkun anqas minn 80%. Filwaqt li hemm perjodu ta' sentejn biex id-Direttiva tiġi trasposta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, implimentazzjoni qabel tista' tteġġeg sforzi tal-Istati Membri li jgħinu biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien adegwati għall-ħaddiema. Barra minn hekk, il-miżuri temporanji tal-appoġġ baġitarju mmirati għall-ħaddiema b'pagi baxxi jistgħu jgħinu biex jittaffa t-telf fil-kapaċità tal-akkwist minħabba l-kriżi tal-enerġija.



L-impjegi b'terminu fiss f'ħafna mill-Istati Membri żdiedu biss bi ftit fl-2021 meta wieħed iqis li kellna kundizzjonijiet ekonomiċi aktar favorevoli. Filwaqt li ġew osservati differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fejn jidħlu s-sehem tal-impjegati temporanji u r-rati tat-tranżizzjoni tagħhom lejn impjieg permanenti (xi pajjiżi li qed jaffaċċjaw sfidi f'dan ir-rigward), il-kuntratti temporanji għadhom aktar mifruxin fost iż-żgħażaġh u n-nisa f'ħafna mill-Istati Membri. Is-sehem tal-impjegi part-time fl-UE baqa' ġeneralment stabbli fl-2021, iżda x-xogħol part-time involontarju għadu jaffettwa sehem sinifikanti ta' impjegati f'ħafna pajjiżi. Meta jaqbad sew, l-użu mifruq tax-xogħol temporanju jew part-time, b'mod partikolari jekk involontarju, jista' jikkawża tnaqqis fl-iżvilupp tal-kapital uman, fil-produttività u fil-mobbiltà soċjali, li lkoll jimpattaw it-tkabbir potenzjali. F'dan il-kuntest, it-tisħiħ tal-ispettorati tax-xogħol u l-impatt tal-miżuri deterrenti jistgħu jgħinu għal funzjonament aħjar tas-suq tax-xogħol u jippromwovu kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali. Dawn l-azzjonijiet, flimkien ma' politiki attivi mfasslin apposta tas-suq tax-xogħol, jistgħu jħeġġu tranżizzjonijiet 'l fuq fl-impjegi, u jsostnu riallokazzjoni bla xkiel tal-ħaddiema bejn is-setturi jew x-xogħlijiet, inkluż dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.


L-irkupru ma żiedx is-sehem tal-kuntratti temporanji iżda r-rati tat-tranżizzjoni lejn impjegi permanenti jvarjaw bejn l-Istati Membri

13,3 % tal-ħaddiema (20-64) b'kuntratti temporanji fi Q2-2022 (0,4 pp anqas milli kienu fi Q4-2019)


50,4 % tal-impjegati żgħażaġh (15-24) u **14,3 %** tal-impjegati nisa b'kuntratti temporanji fi Q2-2022

7,8 % tal-impjegati (20-64) b'kuntratti temporanji involuntarji fl-UE fl-2021

Bidliet fl-impjegi skont l-istatus fl-impjieg (eluf, 20-64 sena, bidla sena wara sena abbażi ta' *data* mhux aġġustata staġunalment), EU-27



Impjegati temporanji bħala persentaġġ tal-impjegati totali (20-64, %, 2020) u r-rata tat-tranżizzjoni lejn impjegi permanenti (% medja għall-2018, l-2019 u l-2020), EU-27.



Sors: il-Eurostat [lfsq_egaps], [lfsa_eipgan], [ilc_lvhl32] u [lfsq_etgagd]. Nota: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika minn Q1-2021.

Prattiki ta' ħidma emerġenti, bħat-telexogħol u x-xogħol fuq il-pjattaformi, jistgħu jġibu benefiċċji soċjetali u ekonomiċi, iżda jeħtieġu l-adattament ta' regolamenti, ta' politiki, u tal-kultura tax-xogħol. Il-pandemija żiedet l-użu tat-telexogħol: f'kuntrast qawwi ma' wieħed minn kull għaxar impjegati fl-2019, sal-2021 kważi kwart kienu teleħaddiema. Esperjenzi ġodda bit-telexogħol juru li t-taħlit tiegħu ma' xogħol fuq il-post jista' jgħin lill-ħaddiema tat-telexogħol ibridu jgawdu bilanċ ġenerali aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, minbarra li jżid il-produttività. Sabiex jiġu evitati effetti li jbaxxu l-kwalità tax-xogħol, bħal xogħol għal sigħat twal b'mod regolari, ħafna Stati Membri ħadu azzjoni biex jirregolaw it-telexogħol, u dan wassal għal medda ta' approċċi diversi. Minbarra t-telexogħol, ix-xogħol fuq il-pjattaformi sar aktar rilevnati, u kkontribwixxa għall-ħolqien tax-xogħol iżda jippreżenta wkoll sfidi għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti. Bis-saħħa wkoll tat-teknoloġiji diġitali, aktar minn 28 miljun persuna fl-UE diġà ħadmu permezz tal-pjattaformi. Il-ġestjoni algoritmika, il-klassifikazzjoni ħażina possibbli tal-istatus fl-impjieg u n-nuqqas ta' trasparenza transfrontiera huma problemi importanti li huma indirizzati mill-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva relatata. Hekk kif it-telexogħol u x-xogħol fuq il-pjattaformi qed isiru dejjem aktar importanti, hu kruċjali li jiġu żgurati ħiliet diġitali adegwati fis-soċjetà

b’mod ġenerali, biex ma jinħoloq l-ebda distakk diġitali, inkluż fejn jidħlu l-ħaddiema akbar fl-età u l-ħaddiema b’livell baxx ta’ ħiliet.


It-telexogħol jista’ jwassal għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bix-xogħol ibridu li jikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tar-riskju ta’ xogħol għal sigħat itwal

13 %
tat-teleħaddiema jirrapportaw bilanċ ħażin bejn ix-xogħol u l-ħajja privata vs...

18 %
tal-impjegati li jaħdmu fil-bini tal-impjegatur.

Xejriet tax-xogħol ibridu
jipprovdu bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri

Bilanċ ħażin bejn ix-xogħol u l-ħajja privata rrapportat għall-impjegati u għat-teleħaddiema kollha fl-Istati Membri (% , 2021)




Nota: Bilanċ ħażin bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jinkludi l-impjegati li jwieġbu, “mhux tajjeb ħafna” u “xejn tajjeb” għall-mistoqsija dwar “kif is-sigħat tax-xogħol jaqblu mal-impjenji tal-familja jew soċjali tagħhom barra mix-xogħol”. *Sors:* Eurofound, [European Working Conditions Telephone Survey \(EWCTS\) 2021](#).

Il-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna wasslet għal influż sinifikanti ta’ persuni spostati fl-UE, bi ħtiġijiet relatati għas-suq tax-xogħol u għall-integrazzjoni soċjali. Sabiex tgħin fl-indirizzar tal-kriżi umanitarja u trawwem l-integrazzjoni tar-refuġjati tal-Ukrajna fl-UE, il-Kummissjoni Ewropea attivat għall-ewwel darba d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja u estendietha f’Ottubru 2022 sa Marzu 2024. Din titlob li jiġu pprovduti permessi ta’ residenza, flimkien ma’ aċċess għall-edukazzjoni, għas-suq tax-xogħol u għall-protezzjoni soċjali. Il-ħtiġijiet huma relatati b’mod partikolari mat-tneħħija tal-ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, b’mod partikolari permezz ta’ korsijiet tal-lingwa, u għal akkomodazzjoni, għall-indukrar tat-tfal u għall-attenzenza tal-iskola, kif ukoll għall-kura fit-tul jew għal sostenn għas-saħħa mentali. Il-persuni spostati mill-Ukrajna u l-migrazzjoni regolari minn pajjiżi oħra jistgħu jgħinu biex jittaffew l-iskarsezzi tal-ħaddiema fl-Unjoni fi żmien medju u fit-tul, speċjalment fix-xogħlijiet li mistennija jġarrbu inqas xkiel minn dak imsemmi fuq għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u anki biex tiġi indirizzata parzjalment l-isfida demografika kkawżata minn rati baxxi ta’ twelid. Sabiex tgħin f’dan il-proċess, il-Kummissjoni nediet l-inizjattiva pilota Riżerva ta’ Talenti tal-UE, għodda ġdida biex tgħin lin-nies li jaħarbu mill-gwerra jsibu impjeg fl-UE. B’mod ġenerali, aċċess effettiv għall-protezzjoni soċjali, għall-kura tas-saħħa, għall-kura tat-tfal, u għall-attenzenza tal-iskola kif ukoll ir-rikonoxximent tal-kwalifiki huma essenzjali għal integrazzjoni b’suċċess.

L-irkupru tas-suq tax-xogħol wassal għal titjib fl-eżiti tal-impjieg għall-biċċa l-kbira tal-gruppi tal-popolazzjoni, għalkemm għad hemm sfidi

Ir-rati ta' impjieg skont il-ġeneru u l-grupp ta' età fl-EU-27 u skont il-pajjiż tat-twelid, data aġġustata staġunalment, mhux skont il-kalendarju (%)



4,8 miljun

persuna oħra fl-impjieg fl-UE fi Q2-2022 meta mqabbel mat-Q2-2021 (1,7 miljun aktar milli kienu fi Q4-2019)

Iż-żgħażaġh, dawk imwielda barra mill-UE u n-nisa esperjenzaw **l-ogħla rati ta' tkabbir fl-impjieg** minn Q2-2021

Minkejja dan,

differenza ta' 10,7 pp bejn il-ġeneri fl-impjieg fi Q2-2022, għalkemm naqset minn 11,2 pp fi Q4-2019

differenza ta' 8,3 pp fl-impjieg bejn dawk imwielda fl-UE u dawk mhux imwielda fl-UE fi Q2-2022 (7,6 pp fi Q4-2019)

Sors: il-Eurostat, u [l-fisi_emp_q1](#) l-LFS tal-UE.

Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh għadha ta' sfida, b'mod partikolari għan-nisa u għall-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, u titlob azzjonijiet ta' politika speċifiċi u mfasslin apposta. Wara li laqgħet quċċata fit-tieni nofs tal-2020, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh fl-UE rpiljat għal-livell ta' qabel il-kriżi fl-2021 u kienet 14,3 % fi Q2-2022. Madankollu, għadha kważi tliet darbiet ogħla mir-rata tal-qgħad għall-popolazzjoni ġenerali ta' bejn il-25 u l-74 sena. Barra minn hekk, is-sehem taż-żgħażaġh ta' bejn 15 u 29 sena li mhumiex fl-impjieg, fl-edukazzjoni jew fit-taħriġ (NEET) naqas għal 11,6 % sa Q2-2022, minn 13,2 % fi Q2-2021, li hu anqas milli kien qabel il-pandemija iżda xorta relattivament għoli. Dan affettwa b'mod partikolari liż-żgħażaġh nisa u lil persuni bi sfond ta' migrazzjoni. F'termini annwali, baqgħu differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri fl-2021 fir-rigward tar-rati ta' NEETs għall-persuni bejn il-15 u d-29 sena. Għandha tittieħed azzjoni politika biex jittaffew l-isfidi strutturali li ż-żgħażaġh jiffaċċjaw fis-suq tax-xogħol, inkluż għall-prevenzjoni ta' riskji ta' effetti negattivi fit-tul fuq il-ħiliet u fuq il-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh. Il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa għandha tintuża biex toffri impjieg, edukazzjoni ulterjuri, apprendistati, jew traineeships ta' kwalità fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jitolqu mill-edukazzjoni formali⁸. Biex tikkumplementa dan, l-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA) tgħin lin-NEETs żvantaġġati jiksibu esperjenza professjonali barra mill-pajjiż.⁹

⁸ Ir-[Rakkomandazzjoni tal-Kunsill](#) tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjieg - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ 2020/C 372/01, ĠU C 372, 4.11.2020, p. 1.

⁹ Aktar informazzjoni tinsab fuq: [ALMA \(Aim, Learn, Master, Achieve\) - Impjieg, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

Għad hemm sfidi fit-tul għall-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u għall-paga ugwali għal impjieg ugwali, u dan jirrifletti inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg naqset biss bi ftit matul ir-rikorrenza tas-suq tax-xogħol fl-2021. Xogħol mhux imħallas, li jinkludi l-obbligi ta' kura, impedixxa tmien darbiet aktar lin-nisa milli lill-irġiel milli jfittxu impjieg bi hłas u wassal biex ħames darbiet aktar nisa jibdeu impjieg part-time involontarju. Dan jenfasizza l-importanza ta' politiki adegwati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u ta' aċċess effettiv għal servizzi ta' kura ta' kwalità u affordabbli. L-adattament tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll tas-sistemi tal-kura fit-tul, skont l-Istrateġija Ewropea għall-Kura ppreżentata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Settembru 2022, filwaqt li jingħelbu wkoll l-iskarsezzi u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità f'dawk l-oqsma, għandu l-potenzjal li jtejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol tal-persuni li bħalissa jipprovdu kura bla hłas, u l-kwalità tal-kura għal dawk li jirċivuha. Fl-istess ħin, is-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji f'numru ta' pajjiżi tal-UE għadhom jipprovdu diżinċentivi biex ħaddiem jibda jaħdem bi hłas jew biex ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu l-ħin tax-xogħol (li 78 % minnhom huma nisa) u għandhom jiġu indirizzati b'riformi xierqa.

Hemm potenzjal konsiderevoli għal parteċipazzjoni aktar soda fis-suq tax-xogħol fost il-persuni b'diżabbiltà u l-ħaddiema akbar fl-età. Fl-UE, id-differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà kienet ta' 23 pp fl-2021, kważi fl-istess livell ta' meta beda l-kejl fl-2014, u dan juri l-ħtieġa ta' azzjoni politika. Biex jgħin fl-indirizzar ta' din l-isfida, il-Pakkett dwar l-Impjieg għal Ħaddiema b'Diżabbiltà, li tnieda fl-20 ta' Settembru 2022, jipprovdi gwida u Prattiki f'sitt oqsma differenti, mir-reklutaġġ saż-żamma tal-impjieg, u se jiġi żviluppata b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti sal-2024. B'riflessjoni tal-bidliet demografiċi u taż-żidiet fl-età tal-irtirar f'ħafna Stati Membri, ir-rata ta' impjieg ta' persuni bejn il-55 u l-64 sena kompliet tiżdied fl-2021, hekk kif segwiet ix-xejra tal-aħħar għaxar snin u laħqet is-60,5 %. Madankollu, għadha kważi 20 pp anqas minn dik għall-persuni ta' bejn 25 u 54 sena. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg fost il-ħaddiema akbar fl-età baqgħet stabbli għal 12,7-il pp, u hija oġhla miċ-ċifra korrispondenti għall-grupp ta' età ta' 20-64 sena (10,8 pp). Il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż dawk li jippromwovu t-tagħlim tul il-ħajja u s-sostenn fit-tiftix tal-impjieg, huma essenzjali biex jinħataf il-potenzjal tal-persuni b'diżabbiltà u tal-ħaddiema akbar fl-età.

L-istudenti minn sfond soċjoekonomiku batut spiss ma jkollhomx ħiliet bażiċi, inklużi dawk diġitali, u dan ifixkel l-opportunitajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol u milli jkomplu jiksbu ħiliet tul il-ħajja, u jitlob titjib fl-ekwità fl-edukazzjoni. Minkejja x-xejra pożittiva f'dawn l-aħħar snin, madwar 3,1 miljun żagħżuġ jitolqu mill-edukazzjoni kmieni u wisq minnhom jonqsu milli jiksbu livell minimu ta' ħiliet bażiċi. Dan huwa partikolarment minnu għal dawk minn sfondi żvantaġġati, li jkompli wkoll inaqas il-possibiltajiet tagħhom li jirreġistraw fl-edukazzjoni terzjarja, u li jiżviluppaw u jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tagħhom fil-ħajja. Tul il-pandemija tal-COVID-19, l-għeluq fiżiku tal-iskejjel, u l-miżuri ta' konfinament neċessarji wkoll ipoġġu pressjoni qawwija fuq is-saħħa mentali u fuq il-benesseri tal-adolesxenti, li jistgħu jkomplu jżidu r-riskju ta' nuqqas ta' kisbiet u ta' diżimpenn mill-edukazzjoni. L-Istati Membri qed iġarrbu skarsezzi dejjem akbar fost l-għalliema, speċjalment fis-suġġetti STEM u fil-lokalitajiet soċjoekonomikament żvantaġġati. Perspettivi tal-karriera mhux attraenti għall-għalliema jwasslu biex numru baxx ta' kandidati jidhru fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u biex ħafna għalliema ġodda jitolqu mill-professjoni fl-ewwel snin. L-iskarsezzi tal-għalliema jaffettwaw ħażin il-kwalità tal-edukazzjoni fil-livelli kollha, inkluż fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal u fl-universitajiet, u anki għall-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. B'mod partikolari, it-tranżizzjoni diġitali aċċellerata enfasizzat il-lakuni fil-ħiliet diġitali preeżistenti u kixfet inugwaljanzi emerġenti ġodda. It-telf tat-tagħlim ikkaġunat minħabba aċċess limitat għar-


riżorsi diġitali fost dawk bi status soċjoekonomiku baxx u fost it-tfal migranti u Rom. L-ilħuq tal-miri fil-livell tal-UE stabbiliti bħala parti miż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni jeħtieġ enfasi politika akbar fuq l-indirizzar tal-inugwaljanzi edukattivi u t-titjib tal-benesseri tal-istudenti, inkluż permezz ta' approċċi aktar komprensivi u sistemiċi u kooperazzjoni transsettorjali, f'konformità mal-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, kif ukoll il-provvista ta' edukazzjoni affordabbli u ta' kwalità, f'konformità mal-Garanzija Ewropea msaħħa għat-Tfal.

L-isfond soċjoekonomiku huwa fattur determinanti importanti tal-kisba edukattiva, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri

Differenza ta' 19,5 pp fin-nuqqas ta' kisbiet bejn l-istudenti minn sfondi żvantaġġati u minn sfondi soċjoekonomiċi aħjar

B'mod ġenerali, il-prestazzjoni medja aħjar tikkorrelata ma' distakki iżgħar bejn status soċjoekonomiku baxx u għoli

Ir-rata kombinata ta' nuqqas ta' kisbiet fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza skont l-istatus soċjoekonomiku (% 2018)



Sors: Kalkoli tal-JRC abbażi ta' data tal-OECD PISA 2018.

It-tranżizzjoni diġitali, li ġiet aċċellerata mill-pandemija tal-COVID-19, żiedet b'mod qawwi d-domanda għall-ħiliet diġitali, iżda mhux kulħadd huwa ppreparat sew għaliha. Il-ħiliet diġitali huma meħtieġa għal varjetà dejjem usa' ta' impjiegi (90 % minnhom diġà minn issa). F'dan il-kuntest, livelli baxxi ta' ħiliet diġitali huma ta' detriment għall-impjegabbiltà u għat-tkabbir fil-produttività u joħlqu konġestjonijiet għat-tranżizzjoni diġitali u għat-tkabbir potenzjali. Skont data riċenti, 54 % biss tal-adulti kellhom mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi fl-UE fl-2021, b'varjazzjoni kbira fl-Istati Membri. Il-persuni b'livell edukattiv milħuq baxx, il-persuni qiegħda u l-persuni barra mill-forza tax-xogħol għandhom it-tendenza li jkollhom livelli aktar baxxi ta' ħiliet diġitali u anqas opportunitajiet biex jiżviluppaw dawn il-ħiliet. Il-livell baxx ta' ħiliet diġitali f'segmenti wesgħin tal-popolazzjoni jista' jipproduċi wkoll tipi ġodda ta' żvantaġġi, fil-kuntest ta' servizzi dejjem aktar diġitalizzati, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ, iżda wkoll servizzi pubbliċi diġitalizzati b'mod usa', inklużi s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES). Sabiex jitneħħa d-distakk diġitali, huma meħtieġa programmi ta' ħiliet diġitali għall-popolazzjoni iġenerali, ikkomplementati minn oħrajn immirati, imfasslin għall-profilu tal-ħiliet u għas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' gruppi speċifiċi. L-UE għandha l-għan li tipprovdi mill-anqas 80 % tal-popolazzjoni li jkollha mill-anqas ħiliet diġitali bażiċi sal-2030 u li żżid in-numru ta' speċjalisti tal-ICT għal 20 miljun (madwar 10 % ta' dawk li għandhom impjieg, minn livell baxx ta' 4,5 % fl-2021), kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Għal dan il-għan, fl-2021 il-Kummissjoni nediet djalogu strutturat dwar l-edukazzjoni u l-ħiliet diġitali.


Il-ħiliet diġitali saru kompetenza trażversali, iżda l-livelli jvarjaw ħafna fost l-Istati Membri

90 % tal-impjegji jeħtieġu
ħiliet diġitali

Fl-2021 fl-UE, 54 % biss
tal-adulti kellhom tal-
anqas ħiliet diġitali bażiċi

Sal-2030, l-UE għandha l-
għan li tattrezza lil 80 %
tal-adulti b'tal-anqas ħiliet
diġitali bażiċi

Individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aħjar minn bażiċi (% tal-persuni ta' 16-74 sena, 2021)



Nota: Xi unitajiet amministrattivi fuq gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi mhumiex irrappreżentati. Sors: il-Eurostat LFS EDAT_LFSE_02. © EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi.

L-Ewropa jeħtieġ li tkompli tiżviluppa l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, inkluż biex issostni t-tranżizzjoni ekoloġika u enerġetika, biex tibqa' kompetittiva, tippromwovi impjegji ta' kwalità u tissalvagwardja l-mudell soċjali tagħha. Minbarra t-trasformazzjoni diġitali, il-bidla lejn soċjetà newtrali għall-klima qed tbiddel il-ħiliet imfittxija fis-suq tax-xogħol. Is-sitwazzjoni soċjoekonomika u ġeopolitika attwali qed tkompli tenfasizza l-ħtieġa ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol b'sostenn għat-tranżizzjonijiet tal-impjegji u biex jingħelbu l-iskarsezzi diġà importanti tal-ħaddiema u tal-ħiliet, inkluż fl-ekonomija ekoloġika. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet tal-2023 mistennija tagħti spinta politika importanti għall-promozzjoni tal-akkwist tal-ħiliet tul il-ħajja, li huma essenzjali biex jinkisbu t-trasformazzjonijiet kbar li qed jaffaċċjaw l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna. Il-parteċipazzjoni attiva fl-attivitajiet tat-tagħlim tal-forza tax-xogħol eżistenti, wara edukazzjoni u taħriġ inizjali effettivi, għandha importanza kbira biex jiġi żgurat li l-ħiliet jiġu aġġornati b'mod kostanti. Anki l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ta' kwalità huma importanti għall-iżvilupp tal-ħiliet ta' livell għoli meħtieġa għal ekonomiji Ewropej reżiljenti, inklużivi u sostenibbli. Il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar t-tagħlim tal-adulti teżiġi li sal-2030, kull sena, fl-UE, tal-anqas 60 % tal-adulti jieħdu sehem fit-tagħlim. L-aħħar data disponibbli mill-2016 tindika rata ta' parteċipazzjoni li għadha baxxa wisq (matul l-aħħar tnax-il xahar) fl-UE, b'37,4 % tal-popolazzjoni ta' bejn 25 u 64 sena, li tenfasizza l-ħtieġa li jżied b'mod sinifikanti l-progress biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ambizzjużi stabbiliti għall-2030. Barra minn hekk, fl-Istati Membri kollha, l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki għandhom tendenza anqas li jipparteċipaw f'taħriġ minn dawk bi kwalifika sekondarja tat-tieni livell, li min-naħa tagħhom għandhom rati ta' parteċipazzjoni aktar baxxi mill-gradwati terzjarji. Il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim hija wkoll aktar frekwenti fiż-żoni urbani milli fiż-żoni rurali. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tat-tagħlim tiddekrivi kif l-Istati Membri jistgħu jżewġu s-sostenn finanzjarju u

nonfinanzjarju b' mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti kollha ħalli jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom u jagħmlu progress fil-mira tat-tagħlim tal-adulti tul id-deċennju li ġej. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għat-tagħlim tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà tas-16 ta' Ġunju 2022 għandha l-għan li tiżgura l-kwalità, ir-rikonossiment u l-fehim tal-mikrokredenzjali li qed jintużaw dejjem aktar fis-sistemi kollha tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol.


Il-parteciżazzjoni tal-adulti fit-tagħlim għadha baxxa wisq, speċjalment għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet

10,8 %
tal-adulti pparteciżaw
fit-tagħlim (fl-aħħar 4
ġimgħat) fl-UE fl-2021


Fost l-adulti b'livell
baxx ta' kwalifiki,
4,3 % biss
ipparteciżaw fit-
tagħlim

Fl-2016, **37,4 %** tal-
adulti pparteciżaw f'xi
forma ta' edukazzjoni
u ta' taħriġ matul it-12-
il xahar preċedenti

Il-parteciżazzjoni tal-adulti fit-tagħlim skont il-livell edukattiv milħuq (b'livell baxx, medju, u għoli ta' kwalifiki) fl-aħħar erba' ġimgħat (2021, %)



Il-parteciżazzjoni tal-adulti fit-tagħlim skont il-livell edukattiv milħuq (b'livell baxx, medju, u għoli ta' kwalifiki) fl-aħħar 12-il xahar (2016, %)



Sors: il-Eurostat [img_ifs_03], I-LFS u [estrazzjoni speċjali], I-AES.


Fl-2021, l-introjti reali aggregat tal-unitajiet domestiċi kibru fl-UE, flimkien mal-PDG u mal-introjtu tas-suq, fid-dawl tal-irkupru ta' wara l-COVID, iżda ċkienu fl-2022. Fi Q2-2021, l-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi żdied bir-rata notevoli ta' 4,5 % (sena wara sena), hekk kif it-tkabbir reali tal-PDG laħaq quċċata ta' 14,1 %. Ir-reżiljenza tal-introjti tal-unitajiet domestiċi għax-xokk tal-COVID-19 fl-2020 hija relatata mal-funzjonament tal-istabbilizzaturi awtomatiċi u mar-reazzjonijiet ta' politika massivi u fil-pront stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, li fil-biċċa l-kbira taffew il-konsegwenzi soċjoekonomiċi negattivi tal-pandemija. Madankollu, il-perjodu li beda minn Q3-2021 ra tnaqqis qawwija fit-tkabbir tal-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi, magħfus bl-inflazzjoni li kienet qed tiżdied b'rata mgħaġġla, minkejja t-tkabbir tal-kumpensi nominali tal-impjegati. Sa Q2-2022, l-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi ċkien għall-ewwel darba mix-xokk tal-COVID-19 fi Q2-2020, filwaqt li t-tkabbir tal-PDG reali naqqas ir-ritmu.

L-inflazzjoni għolja riċenti affettwat ħażin it-tkabbir fl-introjtu reali aggregat tal-unitajiet domestiċi osservat fl-2022

It-tkabbir tal-PDG reali u tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi u tal-komponenti ewlenin tiegħu (% , EU-27)

L-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi ċkien fl-UE fi Q2-2022

L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet ġeneralment stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri



Sors: l-Eurostat, Kontijiet Nazżjonali [nasq_10_nf_tr] u [namq_10_gdp].
Noti: ara l-parti ewlenija tar-Rapport.

Minkejja l-kriżi tal-COVID-19, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROE) kien ġeneralment stabbli matul l-2020 u huwa stmat li baqa' hekk fl-2021, wara li tjejb fis-snin ta' qabel, bis-saħħa tal-miżuri mnedija mill-UE u mill-Istati Membri biex itaffu l-impatt negattiv tal-pandemija. Fl-2020, madwar persuna minn kull ħamsa kienet fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-UE u lanqas ma huma stmati bidliet sinifikanti għall-2021, għalkemm b'differenzi importanti bejn il-pajjiżi. Ir-rata tar-riskju tal-faqar u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg it-tnejn baqgħu prattikament l-istess wara l-pandemija, filwaqt li d-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema kompliet tonqos fl-2021. Għalkemm b'sinjali ta' diverġenza fost l-Istati Membri, l-inugwaljanza fl-introjtu wriet ukoll stabbiltà wiesgħa fl-2020-21. Dan kien bis-saħħa ta' azzjoni ta' politika sostanzjali u rapida, inklużi skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri oħrajn ta' żamma tal-impjieg u ta' politika biex isostnu lil dawk vulnerabbli fil-kriżi tal-COVID-19. Tabilħaqq, l-impatt ta' tnaqqis tal-faqar tat-trasferimenti soċjali tela' għal livell mingħajr preċedent (hekk kif żdied fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri), billi bħala medja naqqas il-faqar b'aktar minn terz fl-UE. Madankollu, il-persuni f'impjieg mhux standard kienu aktar minn tliet darbiet aktar probabbli li jkunu fir-riskju tal-faqar (16,6 %) minn dawk f'impjieg standard (5 %). Stimu bikrija tan-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali fl-2021 għal 24 Stat Membru juru li s-sehem tagħhom tal-PDG naqas meta mqabbel mal-2020 (29,2 % vs 30,7 %), u allura xorta għadha ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi (27,1 % fl-2019). Fl-Istati Membri kważi kollha, is-sehem tan-nefqa għall-kura tas-saħħa u għall-benefiċċji tal-mard żdied filwaqt li l-piż tal-benefiċċji tal-qgħad naqas.

Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għal gruppi speċifiċi tal-popolazzjoni baqa' wkoll ġeneralment l-istess fl-2020-21, għalkemm għadu jindika sfidi partikolari għal xi wħud minnhom. Is-sehem tal-persuni mwielda barra mill-UE u tar-Rom fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment l-istess fl-UE filwaqt li s-sehem tal-persuni b'diżabbiltà naqas minkejja t-tifqigħa tal-pandemija. Madankollu, dawn il-gruppi għadhom


sistematikament aktar esposti għall-faqar u għall-esklużjoni soċjali mill-bqija tal-popolazzjoni. Biex jiġi miġġieled ir-riskju akbar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabbiltà, l-Istati Membri jridu jagħlqu l-lakuni tal-protezzjoni soċjali biex jonqsu l-inugwaljanzi, inkluż billi jikkompensaw il-kostijiet żejda relatati mad-diżabbiltà u mal-eliġibbiltà għall-benefiċċji tad-diżabbiltà. Fost it-tfal, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' wkoll ġeneralment stabbli fl-2020-21, iżda oġhla milli għall-popolazzjoni ġenerali u b'sinjali ta' diverġenza madwar l-Istati Membri. Barra minn hekk, il-familji bit-tfal komplew jesperjenzaw privazzjoni għolja ta' akkomodazzjoni. It-tfal li jitrabbew fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali huma anqas probabbli li jmorru tajjeb l-iskola, igawdu saħħa tajba, u jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja, u għalhekk jesigū azzjoni politika urġenti biex tiġi indirizzata l-isfida f'konformità mal-Garanzija Ewropea msaħħa għat-Tfal.

Bħala medja, fl-2020-21 ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' ġeneralment stabbli fl-UE, iżda jvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri u huwa oġhla għat-tfal

Persuna waħda minn kull ħamsa tinsab fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-2021 fl-UE, li jvarja minn 10,7 % sa 34,4 % madwar l-Istati Membri

Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali huwa oġhla għat-tfal fl-UE (24,4 %), bħala fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri

Ir-rati tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għall-popolazzjoni totali u għat-tfal (0-17) (% , 2021)



Sors: il-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC

Il-prezzijiet għoljin u dejjem jżiedu tal-enerġija u l-pressjonijiet inflazzjonarji relatati jirriskjaw li jaffettwaw b'mod negattiv il-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, u jiġġeneraw żidiet fil-faqar enerġetiku, filwaqt li jitolbu sostenn temporanju u mmirat. Iż-żieda f'daqqa fil-prezzijiet tal-enerġija fl-2021-22 kellha impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-akkwist ta' familji b'introjtu baxx u medju (b'żieda medja stmata ta' 12 % fl-għoli tal-ħajja mġarrba minnhom), speċjalment fir-rigward tal-ikel u tal-enerġija. Kostijiet tat-trasport ġenerali oġhla, u kostijiet tal-enerġija residenzjali, prinċipalment relatati mat-tiżnin u mat-tkessiħ, ukoll jimplikaw riskju akbar għall-unitajiet domestiċi li jġarrbu faqar enerġetiku. B'mod partikolari, l-inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat taffettwa l-aktar lill-ħaddiema b'introjtu baxx. Madwar żewġ persuni minn kull għaxra fir-riskju tal-faqar diġà ma setgħux iżommu djarhom sħan b'mod adegwat fl-2021, li huwa aktar mid-doppju meta mqabbel mal-popolazzjoni ġenerali. Il-Kummissjoni ressqet diversi miżuri biex tindirizza l-kriżi tal-enerġija. F'Ottubru 2021, hija ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-prezzijiet tal-enerġija, inkluż sett ta' għodod, li fih tiddekrivi


x'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri skont ir-regoli eżistenti tal-UE biex jgħinu lill-konsumaturi u lin-negozji vulnerabbli jiffaċċjaw prezzijiet għoljin. Ir-Regolament tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati prezzijiet għoljin tal-enerġija estenda s-sett ta' għodod u huwa mistenni wkoll li jrendi dħul pubbliku addizzjonali mill-profitti mhux mistennija minn teknoloġiji inframarġinali u mill-kontribuzzjoni ta' solidarjeta fuq il-kumpaniji tal-fjuwils fossili. Dan id-dħul se jiġi allokat għall-unitajiet domestiċi u għan-negozji li jinsabu f'riskju dejjem aktar li ma jkunux jifilħu jħallsu l-kontijiet tal-enerġija tagħhom, u dan mistenni jgħin biex tkun evitata żieda fir-riskji tal-faqar u fl-inugwaljanzi. Matul l-aħħar sena, l-Istati Membri introduċew miżuri eċċezzjonali u temporanji biex jindirizzaw il-kriżi tal-enerġija li għaddejjha bħalissa. Fid-dawl tat-tweżigh tal-pressjonijiet fuq il-prezzijiet, huwa partikolarment importanti li jiġu mmonitorjati mill-qrib l-effetti distribuzzjonali tagħhom u li jiġu sfruttati miżuri ta' sostenn temporanji li jkunu mmirati aħjar lejn il-vulnerabbli. Anki t-tnaqqis tan-nefqa tal-unitajiet domestiċi għall-enerġija u tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, inkluż bil-mobilizzazzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, inkluż r-rinnovazzjonijiet tal-bini, u l-enerġija rinnovabbli f'konformità mal-pjan REPowerEU, jgħin biex titħares il-protezzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi fid-dawl tal-prezzijiet dejjem ogħla tal-enerġija. Miżuri ta' sostenn bħal dawn huma l-aħjar soluzzjonijiet fit-tul għall-prezzijiet għoljin tal-enerġija u għandhom ikunu primarjament immirati lejn il-vulnerabbli.

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija tħalli impatt negattiv fuq l-għoli tal-ħajja ġenerali għall-familji b'introjtu baxx u medju

Kważi nofs iż-żieda ta' 9,7 % fl-għoli tal-ħajja fl-UE bejn l-2021 u l-2022 kienet dovuta għal **żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija**

6,9 % tal-popolazzjoni totali u 16,4 % ta' dawg fir-riskju tal-faqar **ma setgħux iżommu darhom sħuna b'mod adegwat fl-2021**

Il-kontribuzzjoni tat-tipi ta' nefqa għall-għoli tal-ħajja tiżdied għall-ewwel u għat-tielet għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni (kif imqassma skont l-introjtu, %) (l-ewwel u t-tieni żbarra skont l-Istat Membru, rispettivament)



Nota: Iż-żidiet fl-għoli tal-ħajja jiġu kkalkolati għall-ishma tan-nefqa fil-medja fl-ewwel u fit-tielet kwintili tad-distribuzzjoni tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat tal-unitajiet domestiċi. L-Istati Membri mqassmin skont il-kontribut tal-bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija relatati mal-akkomodazzjoni għall-ewwel kwintil. Sors: Kalkoli tal-JRC ibbażati fuq *data* dwar l-inflazzjoni tal-HICP mill-indikatur tal-Eurostat [[prc_hicp_manr](#)] sa Settembru 2022 u fuq *mikrodata* mill-mewġa tal-2015 tal-HBS tal-UE.

L-adeqwatezza tal-iskemi ta' introjtu minimu kienet qed tonqos f'haġna mill-Istati Membri fl-2020, meta mqabbla mal-2019, u għad hemm lakuni fil-kopertura. Il-protezzjoni tal-introjtu minimu, skont l-approċċ ta' inklużjoni attiva, għandha rwol importanti fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali. L-Istati Membri kollha għandhom skemi ta' appoġġ għall-introjtu tal-aħħar istanza fis-seħħ, u, bħala medja, l-adeqwatezza tal-introjtu minimu baqgħet ġeneralment l-istess fl-UE matul l-aħħar deċennju (iżda b'varjazzjoni sostanzjali madwar l-Istati Membri), filwaqt li ġie osservat


deterjorament żgħir b'mod ġenerali fl-2020. Ġie osservat titjib fil-kopertura bejn l-2015 u l-2020, li jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' żidiet fil-fond tal-faqar u fid-deprivazzjoni materjali, iżda għad hemm sfidi f'termini tal-effettività. Sabiex tappoġġa l-konverġenza 'l fuq fost l-Istati Membri u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva, li tiddekrivi oqsma għall-modernizzazzjoni ulterjuri tal-iskemi ta' introjtu minimu skont l-approċċ ta' inklużjoni attiva.

L-adeqwatezza tax-xbieki ta' sikurezza soċjali tvarja fost l-Istati Membri

Il-benefiċċji tal-introjtu minimu f'anqas minn nofs is-soll tal-faqar f'terz tal-Istati Membri fl-2019

L-impatt tat-trasferimenti fuq it-tnaqqis tal-faqar ivarja bejn 16 % u 52 % madwar l-Istati Membri

L-introjtu nett tal-benefiċjarji tal-introjtu minimu bħala persentaġġ tal-limitu tar-riskju tal-faqar (livellat fuq tliet snin), l-introjtu ta' ħaddiem b'pigi baxxi (2009 u 2020)



Sors: Komputazzjoni tad-DĠ EMPL mill-mikrodata tal-UE-SILC. Nota: Għal IE, id-data tirrifletti s-sena tal-introjtu tal-2020 għall-benefiċċji tal-MI. Għal IE, IT, LU u LV, il-limitu tal-AROP SILC 2020 għadu mhux disponibbli. Iċ-cart tikkonċerna persuni waħedhom mingħajr tfal. L-introjtu nett ta' benefiċjarju tal-introjtu minimu jista' jinkludi wkoll tipi oħrajn ta' benefiċċji (eż. benefiċċji għall-akkomodazzjoni) minbarra l-introjtu minimu. Il-ħaddiema b'pigi baxxi huma kkunsidrati li jaqilgħu 50 % tal-paga medja meta jaħdmu full-time.

Bħala medja, fl-2021 il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika naqsu fl-UE, iżda għad hemm varjazzjoni konsiderevoli fost l-Istati Membri, filwaqt li ġiet osservata żieda qawwija fid-domanda għal servizzi ta' kura fit-tul, xprunata mit-tixjiħ tal-popolazzjoni. Persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huma aktar probabbli li jirrapportaw ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakk mill-popolazzjoni ġenerali tvarja fost l-Istati Membri. L-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet fis-settur tal-kura tas-saħħa xorta jistgħu jikkawżaw tfixkil fil-forniment tas-servizzi, għalkemm naqset il-pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa li kellha x'taqsam mal-COVID-19. Għadd ta' Stati Membri bdew riformi sistemiċi tal-kura tas-saħħa, inkluż b'rabta mal-provvista tal-kura tas-saħħa primarja. Huwa kruċjali li dawn jitlestew, flimkien mad-diġitalizzazzjoni progressiva tas-servizzi, biex tiżdied il-kwalità tal-provvista u tittejjeb ir-reżiljenza tagħha. Fl-istess ħin, taħt l-effett tat-tibdil demografiku, in-numru ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' kura fit-tul (LTC) huwa proġettat li se jiżdied fl-UE, minn 30,8 miljun fl-2019 għal 33,7 miljun fl-2030 u mbagħad għal 38,1 miljun fl-2050. Dan isaħħaħ il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi relatati mad-disponibbiltà, mal-affordabbiltà, u mal-kwalità tal-LTC, filwaqt li titqies is-sostenibbiltà ġenerali tal-finanzi pubbliċi. Għalkemm l-Istati Membri kollha joffru xi kopertura tal-protezzjoni soċjali, 35,7 % tan-nies fl-UE rrapportaw li ma jużawx (aktar

servizzi tal-kura fid-djar minħabba raġunijiet finanzjarji, 9,7 % semmew skarsezzi fil-provvista u 2,1 % semmew tħassib dwar il-kwalità. B'mod partikolari, anke wara l-protezzjoni soċjali, il-kostijiet mill-but għall-kura jistgħu jkunu għoljin ħafna, u jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-introjtu medjan għall-persuni akbar fl-età bi tħigiġiet severi ta' kura fit-tul f'ħafna Stati Membri. Sabiex jiġi massimizzat il-kontribut tas-servizzi tal-kura fit-tul għall-ġustizzja soċjali, għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri, u għall-ħolqien tax-xogħol, il-Kummissjoni ressqet Strateġija Ewropea għall-Kura, akkumpanjata minn proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità għolja.

L-Istati Membri qed jieħdu passi biex jaġġustaw is-sistemi tal-protezzjoni soċjali tagħhom skont il-kuntest demografiku u s-suq tax-xogħol li dejjem qed jinbidel, ħalli jindirizzaw sfidi relatati mal-adeqwatezza, l-aċċessibilità u s-sostenibilità fiskali. Wara li l-pandemija aċċennat xi lakuni fl-aċċess għall-protezzjoni soċjali, diversi Stati Membri introduċew riformi fis-sistemi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali tagħhom, immirati lejn ħaddiema mhux standard u dawk għal rashom. It-tibdil demografiku jkompli johlq sfidi fit-tul għas-sistemi tal-pensjonijiet, inkluż fir-rigward tal-impatt fuq il-finanzi pubbliċi tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u fuq is-sistemi relatati tal-pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, f'termini ta' adegwatezza, ta' aċċessibilità, u ta' sostenibilità fiskali. Hemm bżonn firxa wiesgħa ta' miżuri ta' politika li jkunu jkopru l-politiki tal-pensjonijiet, tas-suq tax-xogħol, tat-taxxa u tas-saħħa ħalli jkunu jistgħu jiġu indirizzati b'suċċess l-isfidi li qed jaffaċċjaw is-sistemi tal-pensjonijiet, inkluż fir-rigward tad-differenza persistenti bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet.

L-involviment prevedibbli, sinifikanti u f'waqtu tas-sħab soċjali għandu rwol importanti biex jiżgura li r-riformi u l-investment jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv. Il-Linji Gwida 7 dwar l-Impjiegi u l-prinċipju 8 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitolbu lill-Istati Membri biex jiżguraw l-involviment f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' politiki dwar l-impjiegi, soċjali u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż billi jappoġġaw il-kapaċità akbar tagħhom. Matul il-kriżi tas-saħħa, id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv kienu kruċjali għal settur tas-saħħa b'saħħtu, li jikkontribwixxi għal żieda fit-tnejn tal-UE għal kriżijiet potenzjali futuri tas-saħħa. Fl-istess ħin, diversi Stati Membri stiednu lis-sħab soċjali, skont il-prattiki nazzjonali u l-oqfsa istituzzjonali tagħhom, biex jiddiskutu, jinnegozjaw u/jew jimplimentaw miżuri li jsostnu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs, u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol. Aktar riċenti, il-kooperazzjoni mas-sħab soċjali kienet kruċjali biex jiġu implimentati politiki ta' sostenn xierqa favur l-integrazzjoni taċ-ċittadini Ukreni u ta' persuni spostati oħra fis-swieq tax-xogħol Ewropej, inkluż għal setturi li qed jaffaċċjaw skarsezzi tal-ħaddiema. L-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa strumentali wkoll għat-twettiq ta' riformi u ta' politiki ta' kwalità fl-Istati Membri. L-involviment tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili huwa importanti wkoll fir-rigward tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni biex jindirizzaw l-isfidi tal-impjegi, tal-ħiliet u tal-politika soċjali identifikati f'dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi. L-analiżi ppreżentata fir-rapport tenfasizza numru ta' oqsma prijoritarji għall-azzjonijiet ta' politika. Dawn għandu jkollhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li rriżultaw fil-kuntest soċjoekonomiku attwali u jippromwovu tkabbir sostenibbli u inklużiv, billi jrawmu l-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità u t-tranżizzjonijiet tul il-ħajja tax-xogħol u bejn is-setturi, itejbu r-reżiljenza soċjali u ekonomika, u jiżguraw tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti, filwaqt li jsir progress fil-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali dwar l-impjegi, il-ħiliet, u t-tnaqqis tal-faqar sal-2030.

F'konformità mal-Linji Gwida dwar l-Impjegi, l-Istati Membri huma mistednin:

- Itaffu l-impatt negattiv tal-pressjonijiet inflazzjonarji, inkluż b'mod partikolari minn prezzijiet għoljin tal-enerġija, fuq il-kapaċità tal-akkwist ta' unitajiet domestiċi vulnerabbli, inkluż li jipprevjenu żieda fil-faqar enerġetiku, permezz ta' miżuri ta' appoġġ temporanji u mmirati, filwaqt li jżommu inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika;
- F'konformità mal-prattiki nazzjonali u b'rispett sħiħ tar-rwol tas-sħab soċjali, jippromwovu l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-ħaddiema b'pagi baxxi, inkluż permezz ta' aġġornamenti f'waqthom tal-pagi minimi statutorji, filwaqt li jirriflettu l-kundizzjonijiet makroekonomiċi, jippreservaw l-impjegi u l-kompetittività, u jibqgħu konsistenti mal-objettiv li jindirizzaw l-inflazzjoni għolja;
- Jiżguraw id-disponibbiltà ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' miżuri oħrajn għaż-żamma tal-impjegi mfasslin b'mod li jippreservaw il-kapital uman, isostnu proċessi ta' ristrutturar ġusti fejn meħtieġa, jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tal-impjegi u jgħinu fil-modernizzazzjoni tal-ekonomija, b'mod partikolari permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid assoċjati, anki fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq is-suq tax-xogħol tal-kriżi tal-enerġija u tat-trasformazzjonijiet industrijali relatati;
- Isaħħu l-effiċjenza u l-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjegi, anki billi jinvestu f'infrastruttura u f'servizzi diġitali aċċessibbli, fil-monitoraġġ u fit-tbassir tal-ħiliet, u fit-taħriġ adegwat tal-persunal, bl-għan li jippromwovu l-ħolqien tax-xogħol u t-tranżizzjonijiet minn impjeg għal ieħor, inkluż lejn l-ekonomija diġitali u ekoloġika, u jindirizzaw l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet;
- Jipprovdu sostenn lill-ħaddiema u lill-unitajiet domestiċi l-aktar affettwati mit-trasformazzjonijiet ekonomiċi u soċjali xprunati mit-tibdil fil-klima u mit-tranżizzjoni ekoloġika neċessarja, kif ukoll mid-diġitalizzazzjoni, b'mod partikolari lil dawk vulnerabbli, b'mod partikolari permezz ta' servizzi tal-impjegi u miżuri ta' taħriġ, programmi ta' impjegi mfasslin tajjeb, immirati u marbutin biż-żmien, kif ukoll permezz ta' inċentivi mmirati u mfasslin tajjeb għar-reklutaġġ u għat-tranżizzjoni, sigurtà adegwata tal-introjtu b'approċċ ta' inklużjoni attiva u l-promozzjoni tal-intraprenditorija, li jiddependu fuq l-involviment sħiħ u sinifikanti tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti tagħhom fl-antiċipazzjoni tal-bidla u l-ġestjoni tal-proċessi ta' ristrutturar, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika;
- Itejbu l-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġħ, inkluż billi jippromwovu edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali inklużivi u ta' kwalità u edukazzjoni terzjarja, joffru sostenn immirat tas-servizzi tal-impjegi (inklużi l-mentoraġġ, l-iggwidar u l-

konsulenza), kif ukoll isostnu apprendistati u traineeships ta' kwalità, f'konformità mal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa;

- Jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jsaħħu l-parteċi-pazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, inkluż billi jrawmu opportunitajiet indaqs u progressjoni tal-karriera, kif ukoll jiżguraw trasparenza fl-istrutturi tal-pagi; jippromwovu r-rikonċiljazzjoni tax-xogħol, tal-familja u tal-ħajja privata, inkluż permezz tal-aċċess għal kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità u għal servizzi ta' edukazzjoni u ta' kura bikrija tat-tfal, kif ukoll l-aċċess għal liv xieraq relatat mal-familja u għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ġenituri u għal persuni oħrajn b'responsabbiltajiet ta' kura, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura;
- Irawmu opportunitajiet indaqs u jtejbu l-eżiti tat-tagħlim billi jindirizzaw it-tluq bikri mill-iskola, inkluż billi jingħataw edukazzjoni u kura bikrija affordabbli u ta' kwalità tajba lit-tfal, bi qbil mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u mal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali rilevanti, u billi jindirizzaw l-iskarsezzi tal-għalliema. Isostnu l-aċċess għall-edukazzjoni tat-tfal minn gruppi żvantaġġati u minn żoni remoti, u jippromwovu t-taħriġ fil-livelli kollha ta' kwalifiki;
- Jagħtu spinta lill-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-adulti u jkabbru l-ammont ta' talent diġitali fis-suq tax-xogħol billi jiżviluppaw ekosistemi diġitali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ appoġġati minn fatturi abilitanti ewlenin bħall-konnettività b'veloċità għolja għall-iskejjel, tagħmir u taħriġ tal-għalliema; u jsostnu lill-istituzzjonijiet b'għarfien espert dwar id-diġitalizzazzjoni b'enfasi speċjali fuq l-inklużjoni u fuq it-tnaqis tad-distakk diġitali;
- Isostnu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti biex jadattaw għal suq tax-xogħol li qed jinbidel, inkluż fost l-oħrajn billi jsaħħu l-għoti tal-intitolamenti għal taħriġ individwali, ipprovduti b'mod partikolari b'kontinuità individwali tat-tagħlim, u jrawmu l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rikonossiment tal-mikrokredenzjali, skont ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinuità individwali tat-tagħlim u dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għat-tagħlim tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà;
- Jadattaw ir-regolamenti dwar is-suq tax-xogħol u s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji biex inaqqsu u jipprevjenu s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u jrawmu l-ħolqien tax-xogħol ta' kwalità, inkluż tnaqqis possibbli tal-feles ta' taxxa b'mod partikolari għall-ħaddiema b'pagi baxxi;
- Jiżguraw li l-ħaddiema f'sitwazzjonijiet ta' impjeg atipiku u b'xogħol fuq il-pjattaformi jkollhom aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali;
- Jiżguraw ambjenti tax-xogħol ħielsa mill-periklu, sikuri u adattati sew, u li jkun hemm disponibbli arranġamenti tax-xogħol flessibbli;
- Jippromwovu n-negozjar kollettiv, id-djalogu soċjali u l-involvement f'waqtu u sinifikanti tas-sħab soċjali, inkluż fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll tal-proċess tas-Semestru Ewropew;
- Jinvestu f'sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u sostenibbli għal kulħadd, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Aċċess għall-Protezzjoni Soċjali, inklużi skemi ta' introjtu minimu li jiddependu fuq l-approċċ ta' inklużjoni attiva, f'konformità mal-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva; isostnu riformi li jiżguraw livelli

adegwati ta' protezzjoni u jtejbu l-protezzjoni ta' dawk li mhumiex koperti jew li mhumiex koperti biżżejjed; itejbu l-adegwatezza tal-benefiċċji, it-trasferibbiltà tad-drittijiet, l-aċċess għas-servizzi u l-appoġġ għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu; meta jagħmlu dan ta' hawn fuq, jiżguraw il-bilanċ tas-sorsi ta' finanzjament u jippreservaw is-sostenibbiltà ġenerali tal-finanzi pubbliċi;

- Jivvalutaw l-impatti distribuzzjonali tar-riformi tal-investimenti fuq l-introjtu ta' diversi gruppi fil-popolazzjoni kollha, f'konformità mal-Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri;
- Jipprovdu lit-tfal kollha fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali b'aċċess liberu u effettiv għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni u għall-kura bikrija tat-tfal, għall-edukazzjoni u għal attivitajiet ibbażati fl-iskola, aċċess effettiv għal nutrizzjoni bnina u għal akkomodazzjoni adegwata, f'konformità mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal;
- Jindirizzaw il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar bħala l-aktar forma estrema ta' faqar; jipromwovu l-investment fir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni residenzjali u soċjali, kif ukoll is-servizzi soċjali integrati; jiffaċilitaw l-aċċess għal akkomodazzjoni ta' kwalità u affordabbli, għal akkomodazzjoni soċjali jew għal assistenza għall-akkomodazzjoni, fejn xieraq;
- Jinvestu fil-kapaċità tas-sistema tal-kura tas-saħħa inklużi l-kura tas-saħħa primarja u l-kapaċità tas-saħħa pubblika, il-koordinazzjoni tal-kura, il-persunal tal-kura tas-saħħa u l-e-Saħħa; inaqqsu l-ispejjeż mill-but, itejbu l-kopertura tal-kura tas-saħħa u jipromwovu t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema tas-saħħa;
- Isaħħu l-provvista ta' servizzi ta' kura fit-tul ta' kwalità, affordabbli u sostenibbli, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea għall-Kura;
- Jiżguraw sistemi tal-pensjonijiet inklużivi u fiskalment sostenibbli li jippermettu introjti adegwati fix-xjuħija u ġustizzja interġenerazzjonali.

Il-finanzjament tal-UE, inkluż permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza għal investimenti u għal riformi eliġibbli, isostni lill-Istati Membri biex iżidu l-azzjoni politika f'dawn l-oqsma.

KAPITOLU 1. ĦARSA ĠENERALI LEJN IX-XEJRIET TAS-SUQ TAX-XOGĦOL U DAWK SOĊJALI FL-UNJONI EWROPEA, IL-MIRI EWLENIN U ĦARSA LEJN IT-TABELLA TA' VALUTAZZJONI SOĊJALI

1.1 Xejriet tas-suq tax-xogħol

L-irkupru tas-suq tax-xogħol kompli fl-2022, bl-impjegi li qabżu l-livelli ta' qabel il-kriżi, għalkemm b'differenzi sinifikanti bejn is-setturi. Fit-tieni trimestru tal-2022, it-totali tal-persuni fl-impjieg laħaq il-213,4 miljun fl-UE u 164 miljun fiż-żona tal-euro¹⁰. Dan hu 3,5 miljun (2,7 għaż-żona tal-euro) iżjed mill-ogħla livell ta' Q4-2019. Ir-rata tal-impjieg (20-64) kienet 74,8 % fl-UE fi Q2-2022 (74,3 % fiż-żona tal-euro), jiġifieri 1,9 pp (1,6 pp għaż-żona tal-euro) iżjed mill-ogħla livelli ta' qabel il-pandemija. Fuq bażi annwali, ir-rata ta' impjieg kienet ta' 73,1 % fl-2021 fl-UE (72,5 % fiż-żona tal-euro), 0,4 pp ogħla mill-valur tal-2019 (mingħajr bidla osservata fiż-żona tal-euro). Fost ix-xogħlijiet bl-iżjed tkabbir fl-impjegi, is-settur tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) ra żieda ta' 21 % bejn Q4-2019 u Q2-2022, u żied 1,1 miljun impjieg ieħor. Dan kien segwit minn attivitajiet ta' proprjetà immobbli (żieda ta' 18 % jew 190 000 persuna aktar impjegata), u attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (żieda ta' 7,9 % jew 0,58 miljun persuna). L-amministrazzjoni pubblika u d-difiża rreġistraw 0,71 miljun impjieg addizzjonali fi Q2-2022 milli kienu fi Q4-2019 (żieda ta' 5,3 %). Dawn kienu segwiti mill-kostruzzjoni (żieda b'6,1 %) u mill-attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi (żieda bi 3,1 %). Għall-kuntrarju, il-manifattura, l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel, u l-attivitajiet tal-appoġġ amministrattiv għadhom ma rkuprawx għal-livelli tal-impjegi ta' qabel il-kriżi (madwar 0,2 miljun persuna anqas impjegati f'kull waħda minnhom fi Q2-2022 meta mqabbel ma' Q4-2019). B'mod ġenerali, it-tkabbir fl-impjegi huwa mbassar li se jkun ta' 1,7 % fl-2022, qabel ma jistaġna fl-2023 u jitle' moderatament għal 0,4 % fl-2024, f'kuntest ta' inċertezza għolja. In-nies li jaħarbu lejn l-UE mill-gwerra fl-Ukrajna huma mistennijin jidħlu fis-swieq tax-xogħol biss gradwalment, b'effetti tanġibbli li jinħassu biss mis-sena d-dieħla.¹¹

Il-ħaddiema li joħorġu minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u t-tnaqqis irreġistrat fl-assenzi mix-xogħol sostnew żieda fit-total ta' sigħat maħduma mill-2021. In-numru ta' sigħat maħduma fl-UE rkupra bil-mod iżda b'mod kostanti mil-livell baxx fi Q2-2020, u laħaq total ta' 85,9 biljun fi Q2-2022¹². Dan huwa l-ogħla valur li qatt ġie rreġistrat għal dan l-indikatur. Fl-istess ħin, assenzi trimestrali mix-xogħol komplew ix-xejra 'l isfel tagħhom, minn 17,5 % tal-impjegi totali fi Q2-2020 għal 8,9 % fi Q2-2022¹³. Dawn iċ-ċifri jkomplu jenfasiszaw ir-rwol importanti li kellhom l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għal ħafna ħaddiema u negozji, aktar minn sentejn wara l-bidu tal-kriżi tal-COVID-19 (ara t-Taqsima 2.1). Il-miżuri tas-suq tax-xogħol introdotti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 (b'mod partikolari SURE, REACT-EU u l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus, CRII u CRII plus) ippermettew lid-ditti jżommu l-impjegati u l-ħiliet, u jgħinu lill-ħaddiema għal rashom jergħu jibdedw gradwalment l-attivitajiet tagħhom mat-tneħħija tal-miżuri ta' konteniment. Ir-raba' rapport biannwali dwar

¹⁰ Impjegi: Kontijiet Nazzjonali (kunċett domestiku), indikatur tal-Eurostat [[namq_10_a10_e](#)]; [[lfsq_eegan2](#)] u ċifri oħrajn: l-LFS tal-UE. F'din it-taqsima kollha jintużaw ċifri trimestrali aġġustati staġunalment

¹¹ Il-Kummissjoni Ewropea, *European Economic Forecast, Autumn 2022*, Dokument Istituzzjonali 187, Novembru 2022.

¹² Il-Eurostat [[namq_10_a10_e](#)].

¹³ Il-Eurostat [[lfsi_abt_q](#)] u [[lfsi_emp_q](#)], l-LFS tal-UE.

L-implimentazzjoni ta' SURE¹⁴ jindika li l-istrument appoġġa lil madwar 31,5 miljun persuna u lil 2,5 miljun ditta fl-2020, li rrappreżentaw kważi terz tal-impjiegi totali u tad-ditti totali fid-19-il Stat Membru benefiċjarju.

It-tkabbir fil-pagi nominali beda jirpilja, iżda huwa mistenni li se jibqa' anqas mill-inflazzjoni fl-2022. Fl-2021, il-kumpens nominali tal-impjegati żdied fl-Istati Membri kollha u b'4,1 % fil-livell aggregat fl-UE, fuq bażi annwali, u b'hekk qabeż ir-rata medja ta' tkabbir ta' madwar 1,9 % fil-perjodu mill-2013 sal-2019. Din iż-żieda kienet xprunata l-aktar mill-irkupru ekonomiku qawwi u mir-rikorrenza fis-siġhat maħduma (ara t-Taqsima 2.1 għad-dettalji fil-livell tal-Istati Membri). L-inflazzjoni għolja u l-issikkar tas-swieq tax-xogħol komplew jikkontribwixxu għal aċċellerazzjoni żgħira tal-pagi nominali fl-ewwel nofs tal-2022. Madankollu, iż-żidiet nominali fil-biċċa l-kbira ntilfu minħabba ż-żieda fl-inflazzjoni, li kkawżat tnaqqis ġmielu ta' 3,3 % fil-pagi reali fl-UE fi Q2-2022 (sena wara sena), fost tħassib li qed jiżdied dwar il-konsegwenzi soċjali negattivi tal-impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-akkwist, speċjalment għall-ħaddiema b'pagi baxxi. 'Il quddiem, iż-żieda fil-pagi mistennija tikkalma għax is-sitwazzjoni ekonomika sejra għall-aġġar¹⁵.

L-ishma tal-impjegati b'kuntratti temporanji u tal-ħaddiema għal rashom ma żdidux b'mod sinifikanti, hekk kif is-suq tax-xogħol sar aktar dinamiku. Is-sehem tal-persuni b'kuntratti temporanji fost l-impjegati kollha (20-64) żdied bi ftit minn 12,6 % fl-2020 għal 13 % fl-2021. Laħaq it-13,1 % fi Q2-2022, jiġifieri 0,8 pp iżjed mill-istess trimestru tal-2020 u xorta anqas milli kien fi Q4-2019 (13,9 %). Fl-2021, iċ-ċifri kienu oġġla fost in-nisa (13,8 % vs 12,2 % għall-irġiel) u għall-impjegati żgħażaġġ (15-24) (50,9 % vs 12,9 % u 6,5 % għall-gruppi ta' età ta' 25-54 u ta' 55-64 sena rispettivament – ara wkoll it-Taqsima 2.3). Anki l-persentaġġ tal-impjegati b'kuntratti temporanji kien oġġla ġmielu għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet (19,2 % fl-2021) meta mqabbel mal-ħaddiema b'livell medju u għoli ta' ħiliet, jiġifieri 11,7 % u 12,2 %, rispettivament. In-numru tal-ħaddiema għal rashom (20-64) naqas b'0,9 miljun persuna bejn l-2019 u l-2021. F'termini trimestrali, kien hemm 25,7 miljun ħaddiem għal rasu fi Q2-2022, 0,6 miljun anqas milli kienu fi Q4-2019¹⁶.

L-impjiegi qed jikbru b'mod paralleli mar-rati tal-postijiet tax-xogħol battala, u dan juri l-ħtieġa li jkomplu jiġu sostnuti il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tqabbil tal-impjiegi u t-tranzizzjonijiet¹⁷. Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala fl-industrija, fil-konstruzzjoni u fis-servizzi kienet 3 % fi Q2-2022 fl-EU-27 u 3,2 % fiż-żona tal-euro, jiġifieri 0,8 pp u 0,9 pp rispettivament iżjed milli kienet fi Q2-2021 u iżjed ukoll mil-livelli ta' qabel il-pandemija, jiġifieri 2,1 % fi Q4-2019 għall-UE u 2,2 % għaż-żona tal-euro. Madankollu, hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri u x-xogħlijiet (ara t-Taqsima 2.1). Għalkemm l-evidenza riċenti tissuġġerixxi li ż-żieda tagħhom mhix fenomenu strutturali, il-monitoraġġ bir-reqqa tar-rata tal-postijiet tax-xogħol battala hu kruċjali għall-valutazzjoni tad-diskrepanzi potenzjali fis-swieq tax-xogħol¹⁸. It-Taqsima 2.3 tanalizza l-adattamenti mwettqin mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex itejbu l-effettività u l-effiċjenza tat-tqabbil

¹⁴ COM(2022) 483 final.

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual Review 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

¹⁶ Il-Eurostat [[lfst_r_e2tgaedcu](#)], [[lfsa_etpgan](#)] u [[lfsq_egaps](#)]. Interruzzjoni fis-serje fl-2021 u fi Q1-2021, rispettivament.

¹⁷ Ir-rata tal-postijiet tax-xogħol battala tingħata bil-postijiet tax-xogħol battala totali (jiġifieri l-postijiet bi hłas li għadhom kif inħolqu, li mhumiex okkupati, jew li se jitbattlu daqt) bħala persentaġġ tal-postijiet tax-xogħol okkupati u battala. Nota: NACE Rev. 2 attivitajiet B-S. Kodiċi online tal-Eurostat: [[ei_lmju_q_r2](#)].

¹⁸ Nota: Jidher li l-iskarsezzi tal-ħaddiema qed jixprunahom l-aktar l-irkupru tas-suq tax-xogħol u mhux xi riallokazzjoni mxekkla tas-suq tax-xogħol. Il-Kummissjoni Ewropea, *Quarterly Report on the Euro Area, Dokument Istituzzjonali*, 2022

bejn il-persuni li qed ifittxu impjieg u l-postijiet tax-xogħol battala, inkluż servizzi diġitali u individwali, u sħubijiet mal-impjegaturi u s-servizzi soċjali.

B'mod ġenerali, ir-rati tal-qgħad f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE u fiż-żona tal-euro kienu qed joqorbu aktar lejn il-livelli ta' qabel il-kriżi, jew jinżlu taħthom¹⁹. Ir-rata tal-qgħad (15-74) fl-UE kompliet tonqos u laħqet is-6,1 % fi Q2-2022, jiġifieri l-aktar livell baxx li qatt ġie rreġistrat, u ferm inqas mill-ogħla livell riċenti ta' 7,8 % fi Q3-2020. Fiż-żona tal-euro, ir-rata tal-qgħad kienet kemxejn ogħla, b'6,6 % fi Q2-2022 (2,1 pp inqas mir-rata fi Q3-2020). Id-*data* ta' kull xahar turi li r-rata tal-qgħad kompliet tonqos għal 6 % fl-UE f'Awwissu 2022 u 6,6 % fiż-żona tal-euro, jiġifieri inqas mil-livelli ta' qabel il-pandemija. Madankollu, hemm eteroġeneità sinifikanti fost l-Istati Membri kollha (ara t-Taqsima 2.1). Ir-rata tal-qgħad fit-tul laħqet it-2,4 % tal-popolazzjoni attiva fi Q2-2022 fl-UE u 2,7 % fiż-żona tal-euro, jiġifieri 0,2 pp u 0,3 pp inqas rispettivament milli kienu fi Q4-2019²⁰.

Il-prestazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol qed tkompli titjeb iżda għad hemm differenzi sinifikanti bejn il-ġeneri. Żdiedet għal 67,7 % fl-2021 (20-64 sena), 1,6 pp ogħla milli fl-2020, filwaqt li għall-irġiel żdiedet għal 78,5 %, 1,3 pp ogħla mill-2020 – ara l-Grafika 1.1.1. F'termini trimestrali, ir-rata tal-impjieg tan-nisa kienet 69,5 % fi Q2-2022, jiġifieri 2,1 pp iżjed minn kemm kienet fi Q1-2021 u iżjed mil-livell tagħha ta' qabel il-kriżi ta' 67,3 % fi Q4-2019. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg għadha kważi l-istess, b'10,7 pp fi Q2-2022, jiġifieri 0,2 pp inqas mil-livell ta' Q2-2021. Ir-rata tal-attività (20-64) tan-nisa żdiedet għal 74,1 % fi Q2-2022, jiġifieri 1,8 pp iżjed milli kienet fi Q4-2019, filwaqt li għall-irġiel (84,8 %) kienet 1 pp iżjed milli kienet fi Q4-2019.


Ir-riżultati tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh kienu qed jitjiebu dan l-aħħar, iżda f'xi Stati Membri għadhom 'il bogħod mil-livelli ta' qabel il-kriżi. Minkejja prestazzjoni pożittiva ġenerali, ir-rata ta' impjieg taż-żgħażaġh (15-24) għadha ma rkupratx mill-kriżi tal-COVID – bi 32,7 % fl-2021, għadha 0,8 pp taħt il-livell milħuq fl-2019 – ara l-Grafika 1.1.1. L-iżviluppi riċenti juru titjib malajr, b'34,9 % milħuqa fi Q2-2022, jiġifieri 1,5 pp iżjed minn Q4-2019. Fir-rigward tar-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (15-24), din naqset minn 18,3 % fi Q1-2021 għal 14,3 % fi Q2-2022. Fir-rati annwali, ta' 16,6 % fl-2021, għadha aktar minn 1 pp iżjed mil-livell ta' qabel il-pandemija. B'mod ġenerali, madwar 9,3 miljun żaġhżuġh u żaġhżuġha (15-29) la kienu f'impjieg, u lanqas f'edukazzjoni jew f'taħriġ (NEET) fl-2021 (13,1 %); madwar 8,3 miljun fi Q2-2022 (11,7 %).

¹⁹ Għad-dettalji, ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

²⁰ Il-Eurostat [[une_rt_m](#)], [[une_rt_q](#)] u [[une_ltu_q](#)].

Grafika 1.1.1: Ir-rata tal-impjieg kienet qed tirkupra għal-livelli ta' qabel il-pandemija jew iżjed, xprunata minn titjib fost iż-żgħażaġh, in-nisa u l-persuni b'livell għoli ta' ħilet

Ir-rati ta' impjieg skont il-ġeneru, il-grupp tal-età u l-livell edukattiv milħuq fl-EU-27, data aġġustata staġunalment, mhux skont il-kalendarju (%)



Sors: il-Eurostat, [[lfsi_emp_a](#)] u [[lfsa_egaed](#)], I-LFS tal-UE.

Il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol qed tkompli tizzied, b'dinamika aktar b'saħħitha fost l-adulti u n-nisa akbar fl-età. Ir-rata ta' attività tal-UE għal dawk li għandhom 20-64 sena kienet 73,6 % fl-2021, 0,4 pp u 1,3 pp oġhla milli fl-2019 u fl-2020, rispettivament. Fi Q2-2022, kienet 79,4 %, 1,1 pp oġhla minn sena qabel u 1,4 pp oġhla mil-livell tagħha fi Q4-2019. Iż-żieda għadha, fil-biċċa l-kbira tagħha, xprunata minn persuni akbar fl-età u min-nisa. Il-bidliet fir-rata tal-attività tal-grupp ta' età 55-64 (żieda bi 3,1 pp minn 62,3 % fi Q4-2019 għal 65,4 % fi Q2-2022) kienu tliet darbiet oġhla miż-żieda osservata għal dawk ta' 15-24 sena (b'1 pp) u għal dawk ta' 25-54 sena (b'1,2 pp).


In-numru ta' ħaddiema b'livell għoli ta' ħilet fl-ekonomija qed jizzied flimkien mad-differenza fl-impjieg skont il-livell tal-ħilet. In-numru ta' persuni (25-64 sena) b'edukazzjoni għolja f'impjieg żdied bi 2,6 % fl-2021, filwaqt li l-impjieg għal ħaddiema b'livell medju u baxx ta' ħilet (jiġifieri ISCED 0-2 u 0-4) naqas b'0,5 % u b'1,9 %, rispettivament – ara l-Grafika 1.1.1. Id-distakk bejn ir-rati ta' impjieg tal-ħaddiema b'livell baxx u b'livell għoli ta' ħilet kien ta' 30,1 pp fl-2021, 1 pp oġhla milli fl-2020 (ara t-Taqsima 2.2).

L-eżiti tas-suq tax-xogħol ta' persuni li twieldu barra mill-UE rkupraw għal-livelli ta' qabel il-kriżi, iżda għad hemm distakki sinifikanti meta mqabblin maċ-ċittadini li twieldu fl-UE. Fl-2021, ir-rata ta' impjieg (20-64) ta' persuni li ma twildux fl-UE kienet ta' 66,7 %, xorta 1 pp taħt il-valur tal-2019, u 6,4 pp anqas mir-rata tan-nattivi. Ir-rata tal-impjieg trimestrali tal-persuni mwielda barra mill-UE kienet 69,3 % fi Q2-2022, 1,5 pp oġhla milli kienet fi Q4-2019 – ara l-Grafika 1.1.2. Ir-rata tal-qgħad (15-74) tal-popolazzjoni mwielda barra kienet ta' 11,8 % fl-2021, 0,6 pp anqas milli fl-2020 (ara t-Taqsima 2.2). In-nisa li ma twildux fl-UE jesperjenzaw livelli ta' qgħad komparattivament oġhla (13,2 % fl-2021) mill-irġiel li ma twildux fl-UE (10,7 %). F'termini trimestrali, ir-rata tal-qgħad ta' dawk imwielda barra l-UE (9,8 % fi Q2-2022) komplet ix-xejra 'l isfel tagħha minn Q1-2021 (13,5 %) u bħalissa tinsab 0,8 pp taħt il-livell ta' Q4-2019. Data riċenti tenfasizza l-ostakli

ewlenin li jiffaċċjaw persuni li twieldu barra l-UE (15-74) f'dak li għandu x'jaqsam mas-sejbien ta' impjieg xieraq fil-pajjiż ospitanti tagħhom (eż. nuqqas ta' rikonoxximent ta' kwalifiki formali, ta' ħiliet lingwistiċi jew dritt ristrett għax-xogħol minħabba ċittadinanza jew permess ta' residenza, fost l-oħrajn)²¹.

Grafika 1.1.2: Jeżistu differenzi sinifikanti fl-eżiti tas-suq tax-xogħol bejn persuni mwielda fl-EU-27 u barra minnha

Ir-rati ta' impjieg, tal-qgħad u ta' attività bbażati fuq il-pajjiż ta' oriġini (EU-27 jew pajjiż barrani), data aġġustata staġunalment, mhux skont il-kalendarju (%)



Nota: Gruppi ta' età 20-64 sena għar-rati tal-impjieg u tal-attività, gruppi ta' età 15-74 sena għar-rati tal-qgħad. Sors: il-Eurostat, [lfsq_ergacob], [lfsq_urgacob] u [lfsq_argacob], I-LFS tal-UE.


1.2 Xejriet soċjali

Fl-UE, l-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi żdied fl-2021 bl-irkupru ta' wara l-COVID u bil-kontinwazzjoni parzjali tal-miżuri ta' politika biex itaffu l-impatt tal-pandemija; fil-futur, iż-żieda fl-inflazzjoni hija mistennija taffettwa l-kapaċità tal-akkwist. It-tkabbir tal-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI, kull 3 xhur, sena wara sena) irkupra għal-livelli ta' qabel il-pandemija fl-2021 bħala medja (2 % kontra 2,2 % bħala medja fl-2018-19) – ara l-Grafika 1.2.1. Kien f'rata notevoli ta' 4,5 % fi Q2-2021 u f'rata aktar moderata ta' 1,7 % fi Q3-2021, biex kompla jiddeċellera sa Q2-2022. Dan it-tkabbir kien xprunat mill-irkupru matul l-2021, li ppermetta wkoll it-tneħħija gradwali tal-miżuri ta' emerġenza. Forza ewlenija wara d-deċellerazzjoni kienet it-tnaqqis rapidu fil-kontribuzzjoni tal-kumpensi tal-impjegati u tal-persuni li jaħdmu għal rashom f'termini reali, b'kuntrast maż-żieda qawwija fil-PDG reali minn Q3-2021 sa Q1-2022. Fattur importanti wara din ix-xejra hu iż-żieda rapida fl-inflazzjoni, kif diskussa fit-taqsim 1.1, li rrestrinġiet b'mod sever il-kontribuzzjoni tal-kumpens tal-impjegati għat-tkabbir tal-GDHI fi Q2-2022, minkejja żviluppi favorevoli fil-pagi nominali (ara t-taqsim 2.1.1 għal aktar dettalji). B'riżultat ta' dan, l-introjti reali tal-unitajiet domestiċi naqsu fi Q2-2022 għall-ewwel darba mix-xokk tal-COVID-19 fi Q2-2020 u għat-tieni darba wara l-kriżi fl-2013. Lil hinn mill-bidliet medji fl-introjti reali, hemm differenzi konsiderevoli bejn il-livelli tal-introjti, b'impatt oġġla mill-medja tal-bidliet fil-prezzijiet għal unitajiet domestiċi b'introjtu aktar baxx u għal uħud mill-unitajiet domestiċi b'introjtu medju li jiddedikaw ishma oġġla mill-basktijiet tannefqa tagħhom għall-enerġija u għall-ikel (ara wkoll il-Kaxxa 7 tal-Pilastru fit-taqsim 2.4.1 dwar l-effett taż-żidiet fil-prezzijiet u tal-faqar enerġetiku).

²¹ Sors: il-Eurostat, Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol, Modulu 2021 (estrazzjoni ad hoc).

Grafika 1.2.1: Iż-żidiet riċenti fil-prezzijiet affettwaw b'mod negattiv l-irkupru tat-tkabbir tal-introjtu reali aggregat tal-unitajiet domestiċi osservat wara l-kriżi tal-COVID-19

Tkabbir fl-introjtu disponibbli gross reali tal-unitajiet domestiċi (GDHI) u l-komponenti ewlenin tiegħu u t-tkabbir tal-PDG reali, (rati ta' tkabbir trimestrali sena wara sena tal-EU-27)



Noti: Kalkoli tad-DĠ EMPL. Il-GDHI nominali ġie ddeflatat bl-użu tal-indiċi tal-prezz tan-nefqa fuq il-konsum finali tal-unitajiet domestiċi. It-tkabbir reali tal-GDHI għall-UE huwa stmat bħala medja ponderata tal-valuri tal-Istati Membri għal dawk b'data trimestrali disponibbli bbażata fuq l-ESA2010 (b'mod ġenerali 95 % tal-GDHI tal-UE).

Sors: il-Eurostat, Kontijiet Nazzjonali [[nasq_10_nf_tr](#)] u [[namq_10_gdp](#)]. Id-data mhix aġġustata staġunalment.

B'mod ġenerali, jidher li l-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet ġeneralment stabbli fl-UE matul il-kriżi tal-COVID-19. Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu għall-kwintili ta' fuq u ta' isfel (S80/S20) kien ta' 4,97 fl-2021, meta mqabbel ma' valur ta' 4,89 fl-2020 (b'referenza għall-introjti tal-2020 u tal-2019, rispettivament). L-istabbiltà ġenerali tal-inugwaljanza fl-introjtu fis-sena meta faqqgħet il-pandemija hija r-riżultat tas-sostenn pubbliku estensiv stabbilit mill-Istati Membri, anki bis-sostenn tal-UE, u tal-funzjonament ta' stabilizzaturi awtomatiċi b'saħħithom permezz tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, li taffew l-effetti b'mod partikolari għal gruppji vulnerabbli. L-istimi rapidi tal-Eurostat tal-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu medju tal-UE għas-sena tal-introjtu 2021 juru wkoll stabbiltà, li tirrifletti l-impatt tal-irkupru u l-kontinwazzjoni parzjali tal-interventi ta' politika biex jittaffew l-impatti soċjoekonomiċi negattivi tal-kriżi²². Minħabba żviluppi aktar riċenti, fosthom il-kriżi tal-enerġija u l-pressjonijiet inflazzjonarji relatati, it-tkomplija tal-monitoraġġ tal-iżviluppi tal-inugwaljanzi se tkun importanti aktar. Il-valutazzjoni tal-impatt distribuzzjonali tal-miżuri ta' politika hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-miżuri meħudin jgħinu biex ikomplu jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-introjtu u biex jiġi miġġieled il-faqar²³.

Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' stabbli b'mod ġenerali minkejja l-kriżi tal-COVID-19. Fl-2021, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) kienet ta' 21,7 % fl-UE, prattikament l-istess bħas-sena ta' qabel (21,6 %)²⁴. Din l-istabbiltà ġiet wara tnaqqis ġenerali fin-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fl-EU-27 matul l-aħħar deċennju, u tirrifletti l-effett ta' mitigazzjoni tar-risponsi ta' politika adottati madwar l-Istati Membri u fil-livell tal-UE matul il-kriżi tal-COVID-19 – ara l-Grafika 1.2.2.


²² Ara l-Istimi rapidi għas-sena tal-introjtu tal-2021, maħruġin f' Awwissu 2022, mis-sit web tal-Eurostat.

²³ Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ħarġet [Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri](#) (COM(2022) 494 final).

²⁴ Ara t-taqsimha 1.4 għal diskussjoni dwar il-komponenti tal-AROPE.

Grafika 1.2.2: In-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas matul l-aħħar deċennju u baqa' stabbli wara l-kriżi tal-COVID-19

Il-bidla sena wara sena fin-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROEPE, eluf, EU-27)



Nota: Id-*data* tirreferi għall-AROEPE (Id-definizzjoni l-ġdida) għas-snin 2016-2021, u għall-AROEPE (Id-definizzjoni l-antika) għas-snin 2006-2015 (Ara l-kapitolu 1.4 għad-dettalji). Id-*data* għall-AROEPE (Id-definizzjoni l-ġdida) hija tabilħaqq disponibbli mill-2015 biss. L-aggregat għall-EU27 inbena abbażi tax-xejriet nazzjonali; meta jkun hemm interruzzjoni għal Stat Membru partikolari jew id-*data* ma tkunx disponibbli, il-kontribut għall-bidla fin-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni jitqies bħala zero.

Sors: [[ilc_peps01n](#)] u [[ilc_peps01](#)], l-UE-SILC.

It-tliet komponenti kollha tal-indikatur tal-AROEPE ma ġarrbux bidliet sinifikanti fl-2021 fil-livell tal-UE. Fl-2021, ir-rata tar-riskju tal-faqar (AROP, b'referenza għall-introjti tal-2020) kienet stabbli fl-UE, b'16,8 % (16,7 % fl-2020, b'referenza għas-sena tal-introjtu 2019). Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, ir-rata tal-AROP hija stmata li se tibqa' stabbli fil-livell tal-UE anki fis-sena tal-introjtu 2021. Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali estrema naqset bi ftit fl-2021, minn 6,8 % għal 6,3 %, u komplet ix-xejra tagħha ta' tnaqqis mis-snin ta' qabel. Is-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjeg, li ilu jonqos mill-2015, żdied bi ftit, b'0,6 pp, għal 8,9 % fl-2021 (b'referenza għas-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti). Din l-istabbiltà ġenerali fiċ-ċifri hija dovuta għall-effett ta' mitigazzjoni tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u għal miżuri oħrajn ta' żamma tal-impjeg li aġixxew kontra l-effetti tal-lockdowns neċessarji. L-impatt dejjem akbar tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar fl-ewwel sena tal-pandemija jkompli juri l-effetti pożittivi tar-rispons politiku deċiżiv għall-COVID-19 fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE. Fl-2021 (b'referenza għall-introjti tal-2020), fl-UE t-trasferimenti soċjali naqqsu l-faqar b'aktar minn terz (36,3 %) bħala medja. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar baqa' ġeneralment stabbli għal madwar 32 %, b'varjazzjonijiet żgħar mill-2015, iżda żdied għal livelli mingħajr preċedent fl-2021 (bi 3,3 pp, jiġifieri b'10 %).

Il-faqar enerġetiku kien qed jonqos sal-ewwel nofs tal-2021, iżda mistenni jiżdied aktar 'il quddiem bl-effett tal-kriżi attwali tal-enerġija. Qabel ma l-prezzijiet tal-enerġija bdew jiżdiedu b'mod sostanzjali fl-2022 minħabba l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, il-faqar enerġetiku (kif imkejje b'mod konvenzjonali fil-livell tal-UE mis-sehem ta' persuni li ma jistgħux iżommu d-dar sħuna b'mod adegwat) kien qabad perkors ġenerali ta' tnaqqis fil-livell tal-UE, 6,9 % fl-2021 minn 9,6 % fl-2015²⁵. Madankollu, matul dan il-perjodu, is-sehem baqa' ħafna ogħla għall-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar, sa aktar mid-doppju fl-2021,

²⁵ S'issa għad ma hemm l-ebda indikatur uffiċjali uniku tal-faqar enerġetiku għall-UE. L-inabbiltà li wieħed iżomm sħun b'mod adegwat hija waħda mill-indikaturi użati, dimensjoni ta' deprivazzjoni materjali li, permezz tal-komponent tad-Deprivazzjoni Materjali u Soċjali, tikkontribwixxi għall-indikatur tal-AROEPE.

b'16,4 %. Iż-żieda riċenti fil-prezzijiet tal-enerġija hi sfida għall-progress li sar fl-aħħar snin u tirriskja li żżid il-faqar enerġetiku fid-distribuzzjoni tal-introjtu – ara l-Kaxxa 7 tal-Pilastru fit-taqsimu 2.4.1. Il-Kummissjoni ressqet numru ta' inizjattivi li se jsostnu lill-Istati Membri biex itaffu l-faqar enerġetiku u l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni diġà adottat Komunikazzjoni dwar *L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija*, li tippreżenta sett ta' għodod biex jiġi indirizzat l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kontra x-xokkijiet, segwita f'Settembru 2022 minn Proposta għal Regolament tal-Kunsill biex jiġu indirizzati ż-żidiet fil-prezzijiet u biex titnaqqas il-persjoni fuq l-unitajiet domestiċi madwar l-UE²⁶.

Il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu sfida għall-Istati Membri tal-UE. Is-sehem ta' persuni impjegati fl-età tax-xogħol fir-riskju tal-faqar fl-UE żdied bi ftit mill-2010 sal-2019 (b'0,5 pp), iżda baqa' stabbli bejn l-2020 u l-2021 (b'referenza għall-introjti tal-2020), u naqas biss b'0,1 pp għal 8,9 %. Il-konteniment tal-faqar fost dawk li jaħdmu matul l-ewwel sena tal-pandemija huwa wkoll ir-riżultat tal-intervent rapidu ta' politika stabbilit mill-Istati Membri u sostnut mill-UE. Peress li ħafna mill-miżuri ta' politika ta' mitigazzjoni tneħħew gradwalment, il-faqar fost dawk li jaħdmu, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli, irid jiġi monitorjat mill-qrib, anki fid-dawl tal-impatt negattiv riċenti tal-inflazzjoni fuq il-pagi reali.

Is-sehem ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' wkoll ġeneralment stabbli matul il-kriżi tal-COVID-19. Fl-2021, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROE) għat-tfal kienet ta' 24,4 %, 0,4 pp biss oġhla milli fl-2020, u għadha ferm aktar baxxa milli fl-2015 (27,4 %). It-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi li jesperjenzaw il-faqar monetarju (ir-rata tal-AROP għat-tfal) baqgħu ġeneralment stabbli fl-2021 (b'referenza għas-sena tal-introjtu 2020) bi 19,5 % (ftit biss oġhla mid-19,2 % tas-sena ta' qabel), filwaqt li l-indikatur dwar is-sehem tat-tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjeg għall-2021 (b'referenza għas-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti) kien ta' 8,3 %, jiġifieri żdied mis-7,6 % fl-2020 (b'referenza għas-sena tal-introjtu 2019). Fl-2021, id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema tat-tfal marret lura għal-livelli ta' qabel il-pandemija ta' 7,5 %, minn 8,3 % fl-2020.

Ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali fost il-persuni akbar fl-età (65+) ilu jżdied mill-2015. Ir-rata tal-AROE għall-persuni li għandhom 65 sena jew aktar fl-2021 kienet oġhla milli fl-2015 (19,6 % vs 18 %). Din iż-żieda kienet xprunata minn żieda kostanti fil-faqar monetarju (AROP), li issa hija oġhla fost il-persuni akbar fl-età milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64) (21,6 %), l-aktar bħala riżultat ta' żieda fil-introjti tal-persuni fl-età tax-xogħol. Id-deprivazzjoni materjali fost l-anzjani kompliet tonqos, għal 5,3 % fl-2021 (tnaqqis minn 7,4 % fl-2015) meta mqabbla ma' 6,3 % għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

Xi gruppi tal-popolazzjoni huma aktar probabbli li jkunu fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali meta mqabblin mal-popolazzjoni ġenerali. Minkejja tnaqqis ġenerali fost l-Istati Membri fl-2021, ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għadha oġhla għall-persuni b'diżabbiltà u bi sfond migratorju milli għall-popolazzjoni totali u għan-nattivi, rispettivament. Il-faqar u l-esklużjoni soċjali fost ir-Rom baqgħu ġeneralment l-istess matul il-pandemija iżda għadhom ferm oġhla milli għall-bqija tal-popolazzjoni, b'distakki saħansitra akbar għat-tfal.

²⁶ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "L-indirizzar taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija: sett ta' għodod għall-azzjoni u l-appoġġ" (COM/2021/660 final) u l-Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija.

1.3 Il-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali sal-2030

Fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru, il-Kummissjoni ressqet il-miri ewlenin tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar li ntlagghu tajjeb mill-Mexxejja tal-UE f'Porto u mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021, u stiednet lill-Istati Membri biex jiddefinixxu l-miri nazzjonali tagħhom bħala kontribut għall-isforz komuni.²⁷ L-Impenn Soċjali ta' Porto tas-7 ta' Mejju 2021²⁸ talab ukoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu miri nazzjonali ambizzjużi li, b'kont meħud tal-pożizzjoni tat-tluq ta' kull pajjiż, kienu jikkostitwixxu kontribut adegwat għall-kisba tal-miri Ewropej. Fid-Dikjarazzjoni ta' Porto tat-8 ta' Mejju 2021, il-mexxejja tal-UE enfasizzaw l-importanza li jiġi segwit mill-qrib, inkluż fl-ogħla livell, il-progress miksub lejn l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-miri ewlenin tal-UE għall-2030. Il-Kapitju ta' Stat jew ta' Gvern laqgħu tajjeb il-miri ewlenin tal-UE fil-Kunsill Ewropew tal-24-25 ta' Ġunju 2021, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto²⁹.

Bejn Settembru 2021 u Ġunju 2022, fuq stedina tal-Kummissjoni, l-Istati Membri ppreżentaw il-miri nazzjonali tagħhom. Dawn kienu soġġetti għal konsultazzjonijiet intensivi, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet bl-involviment ta' partijiet ikkonċernati differenti, inklużi l-parlamenti nazzjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet nongovernattivi, awtoritajiet lokali u membri tal-komunità akkademika. Il-miri nazzjonali ġew diskussi f'laqgħat bilaterali mas-servizzi tal-Kummissjoni u saru diskussjonijiet multilaterali fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). Il-proċess nazzjonali għall-iffissar tal-miri ġie konkluż fl-EPSCO ta' Ġunju 2022, fejn ġew diskussi l-miri nazzjonali mressqin mill-Istati Membri kollha (ara t-Tabella 1.3.1). Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (21) stabbilew ukoll għanijiet komplementari fuq tal-anqas qasam wieħed. F'ħafna mill-każijiet, l-Istati Membri (19) inkludew għan komplementari biex inaqqsu n-numru ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, u f'numru tajjeb ta' każijiet, huma ppreżentaw għanijiet komplementari dwar it-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi, iż-żieda tas-sehem tal-popolazzjoni b'tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi, u t-tnaqqis tas-sehem taż-żgħażaġħ la f'impjieg u lanqas fl-edukazzjoni jew f'taħriġ (NEETs).

²⁷ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Pjan ta' azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021. Il-miri ewlenin tal-UE sal-2030 huma: li tal-anqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jkollha impjieg; tal-anqas 60 % tal-adulti kollha jipparteċipaw fit-tagħlim kull sena; tal-anqas ikun hemm 15-il miljun persuna anqas fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.

²⁸ Iffirmata mill-presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, mill-Prim Ministru Costa (il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-UE), u mill-mexxejja tas-Sħab Soċjali tal-UE u mill-Pjattaforma Soċjali, [disponibbli online](#).

²⁹ Ara online d-[dikjarazzjoni ta' Porto](#) u l-[konklużjonijiet tal-Kunsill](#) tal-24-25 ta' Ġunju 2021.

Tabella 1.3.1: Il-miri ewlenin tal-UE u nazzjonali sal-2030 skont l-Istati Membri


	Impjiegi (%)	Tagħlim tal-adulti (%)	Tnaqqis tal-faqar (AROEPE, eluf)
Mira ewlenija tal-UE	78,0	60,0	-15 000
SM kollha flimkien	78,5	57,6	-15 600*
BE	80,0	60,9	-279
BG	79,0	35,4	-787
CZ	82,2	45,0	-120
DK	80,0	60,0	-30 ⁽¹⁾
DE	83,0	65,0	-1 200 ⁽²⁾
EE	81,3	52,3	-39
IE	78,2	64,2	-90
EL	71,1	40,0	-860
ES	76,0	60,0	-2 815
FR	78,0	65,0	-1 100
HR	75,0	55,0	-298
IT	73,0	60,0	3 200
CY	80,0	61,0	-10
LV	80,0	60,0	-95
LT	80,7	53,7	-223
LU	77,6	62,5	-4
HU	85,0	60,0	-292
MT	84,6	57,6	⁽³⁾
NL	82,5	62,0	-163
AT	79,9	62,0	-204
PL	78,3	51,7	-1 500
PT	80,0	60,0	-765
RO	74,7	17,4	-2 532
SI	79,5	60,0	-9
SK	76,5	50,0	-70
FI	80,0	60,0	-100
SE	82,0	60,0	-15

Nota: (*) L-aggregat tal-mira għat-tnaqqis tal-faqar għall-Istati Membri kollha huwa ta' mill-inqas 15,6 miljun, minbarra l-Istati Membri li ma esprimewx il-mira tagħhom f'termini tal-livelli tal-AROEPE. (1) Id-Danimarka tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fin-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) bi 30 000. (2) Il-Ġermanja tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis fin-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) b'1,2 miljun. (3) Malta tesprimi l-mira nazzjonali tagħha għat-tnaqqis tal-faqar bħala tnaqqis tar-rata tal-AROEPE bi 3,1 punti perċentwali.

Livell għoli ta' impjieg huwa prijorità importanti għall-2030 biex jiġi żgurat li kulħadd ikun jista' jieħu sehem bis-sħiħ fl-ekonomija u fis-soċjetà. Hekk kif is-suq tax-xogħol irkupra wara l-kriżi tal-COVID-19, ir-rata medja tal-impjiegi tal-UE żdiedet għal 73,1 % fl-2021, li hija 4,9 pp anqas, iżda qed toqrob lejn il-mira ewlenija tal-UE ta' 78 % sal-2030 – ara l-Grafika 1.3.1. L-Istati Membri stabbilew miri ambizzjużi tar-rata nazzjonali ta' impjieg sal-2030, li jilhqqu livell ġenerali għoli ta' 78,5 %. Ħafna minnhom jistabbilixxu l-mira nazzjonali tagħhom 'il fuq mill-mira ewlenija tal-UE ta' 78 %. L-Istati Membri li bdew minn rati aktar baxxi kellhom it-tendenza li jstabbilixxu miri relattivament aktar ambizzjużi, li jsostnu konverġenza 'l fuq fl-Unjoni. Sal-2021, ir-rata ta' impjieg qorbot lejn il-miri nazzjonali tagħhom fil-bieċa l-kbira tagħhom – ara l-Grafika 1.3.2.

Grafika 1.3.1: Ir-rata ta' impjieg tal-UE żdiedet wara l-kriżi tal-COVID-19


Ir-rata ta' impjieg fl-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE sal-2030 (persuni ta' 20-64 sena, %)



Sors: il-Eurostat [[lfsi_emp_a](#)], I-LFS tal-UE.

Grafika 1.3.2: L-Istati Membri stabbilew miri nazzjonali ambizzjużi għall-impjegi u kważi lkoll irregjistraw tkabbir fl-impjegi fl-2021

Ir-rata ta' impjieg (bejn l-2020 u l-2021, persuni ta' 20-64 sena, %) u l-miri nazzjonali relatati sal-2030 għall-Istati Membri



Sors: il-Eurostat [[lfsi_emp_a](#)] u [t-tabella dwar il-miri nazzjonali tal-2030](#).


Il-mira ewlenija ambizzjuża tal-UE sal-2030 dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim turi l-ħtieġa li jiġi żgurat li jinżamm il-potenzjal tal-ħaddiema biex jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku. Tali kontribut jeħtieġ l-impjegabbiltà u l-kapaċità ta' adattament, kif ukoll li jsiru tranżizzjonijiet, anki fid-dawl tat-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iżda wkoll il-kapaċità li ssir innovazzjoni u li tiżdied il-produttività. L-iżvilupp ta' ħiliet adegwati huwa faċilitatur importanti għalihom ilkoll. Il-mira ewlenija relatata hija stabbilita f'termini tal-indikatur "parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar", li se jkun disponibbli mill-2023 'il quddiem kull sentejn³⁰. Il-valuri tal-indikaturi kienu ilhom jizjeddu mill-2007 sal-aħħar punt ta' data disponibbli għall-2016 – ara l-Grafika

³⁰ Il-valuri tal-indikaturi kurrenti għall-2007, għall-2011 u għall-2016 inġabru permezz tal-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES). Mill-2022 'il quddiem, id-data se tkun disponibbli permezz tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol tal-UE wkoll, li jipprovdi livell għoli ta' konsistenza mal-indikaturi tas-suq tax-xogħol u data bi frekwenza ogħla. Il-kunċett użat f'dan il-għbir tad-data kien jeskludi t-taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol, f'konformità mal-indikatur eżistenti tal-LFS tal-UE dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 4 ġimgħat. It-titjib konsiderevoli fir-rigward ta' dan l-indikatur hu r-referenza għal sena sħiħa, li ttiprovdi riflessjoni ħafna aktar leali tal-isforzi tat-tagħlim tal-adulti.

1.3.3. Din ir-rata ta' titjib se jkollha tinżamm biex tintlaħaq il-mira sal-2030 fil-livell tal-UE. L-Istati Membri jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom dwar il-ħiliet f'diversi livelli ta' ambizzjoni, f'konformità mal-ħtieġa li jikkontribwixxu għall-mira ewlenija tal-UE, li jammontaw għal impenn aggregat ta' 57,6 % (li huwa kemxejn taħt il-mira ewlenija tal-UE ta' 60 %) – ara l-Grafika 1.3.4.

Grafika 1.3.3: Il-parteeipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim kienet qabdet ċerta ritmu ta' żieda li jeħtieġ jissokta biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE sal-2030


Ir-rata tal-parteeipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar fl-EU-27 u l-mira ewlenija tal-UE sal-2030 (persuni ta' 20-64 sena, %)



Sors: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tar-Rata tal-parteeipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, [tinsab online](#).

Grafika 1.3.4: Huma meħtieġa sforzi sostanzjali fil-livell tal-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri nazzjonali tal-ħiliet u biex jikkontribwixxu għall-ambizzjoni fil-livell tal-UE

Il-parteeipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar (2011 u 2016, 20-64 sena, %) u l-miri nazzjonali sal-2030 għall-Istati Membri




Sors: L-estrazzjoni speċjali tal-Eurostat tal-Parteeipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar, mingħajr taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol (GOJT), mill-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti, [disponibbli online](#) u [t-tabella dwar il-miri nazzjonali sal-2030](#).

Il-kisba ta' tnaqqis ambizzjuż fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali hija essenzjali biex jiġu żgurati tkabbir inklużiv u konverġenza 'l fuq fl-UE. Il-mira ewlenija relatata tal-UE hija li jitnaqqas in-numru ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROE) b'tal-anqas 15-il miljun sal-2030. Ix-xejra ta' qabel il-pandemija hija allinjata mat-tnaqqis meħtieġ

għat-tqarrib ta' din il-mira – ara l-Grafika 1.3.5. Fl-2020 u fl-2021, in-numru ta' persuni AROPE żdied, iżda dan jista' jkun ir-riżultat ta' artefatt statistiku³¹. Numru ta' Stati Membri stabbilew il-miri nazzjonali tagħhom stess f'livelli ambizzjużi, li jammontaw għal tnaqqis fl-AROE ta' 15,6-il miljun sal-2030 fl-UE (ogħla mill-mira ewlenija tal-UE ta' 15-il miljun), jekk jingħaddu biss daww l-Istati Membri li użaw l-indikatur tal-AROE biex jistabbilixxu l-miri nazzjonali tagħhom – ara l-Grafika 1.3.6. Jekk jingħaddu wkoll id-Danimarka, il-Ġermanja u Malta³² li użaw indikaturi differenti biex jistabbilixxu l-miri, l-ambizzjoni aggregata implikata għat-tnaqqis tal-faqar tkun saħansitra ogħla.

Grafika 1.3.5: Qabel il-pandemija ġiet osservata xejra ta' tnaqqis fl-AROE, iżda huma meħtieġa aktar sforzi biex tintlaħaq il-mira ewlenija tal-UE sal-2030

Il-bidla fil-livell tal-AROE tal-EU-27 u l-mira ewlenija relatata tal-UE sal-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)




Nota: Interruzzjoni fis-serje fl-2020 (ara n-nota 21 f'qiegħ il-paġna).

Sors: il-Eurostat [[ilc_peps01n](#)], l-UE-SILC.

Grafika 1.3.6: Numru ta' Stati Membri stabbilew miri nazzjonali ambizzjużi

Il-bidliet fil-livelli tal-AROE mill-2019 għall-2021 u l-miri nazzjonali sal-2030 (popolazzjoni totali, eluf ta' persuni)



Nota: Interruzzjoni fis-serje fl-2020 għal DE, FR, IE, DK, LU. Interruzzjoni fis-serje fl-2021 għal LU. DK u DE jesprimu l-mira nazzjonali tagħhom b'ħa tnaqqis fin-numru ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (VLWI) bi 30 000 u b'1,2 miljun, rispettivament. MT tesprimi l-mira nazzjonali tagħha b'ħa tnaqqis tar-rata tal-AROE bi 3,1 punti perċentwali.

Sors: il-Eurostat [[ilc_peps01n](#)], u [t-tabella dwar il-miri nazzjonali tal-2030](#).

³¹ Parti mid-differenza fil-livelli hija relatata fil-biċċa l-kbira mal-bidla fil-metodi tal-ġbir tad-data fil-Ġermanja bejn l-2019 u l-2020, li taffettwa wkoll il-medja tal-UE, iżda mhux id-direzzjoni tal-bidla mill-2020 għall-2021.

³² Marbuta mal-istimi dwar l-evoluzzjonijiet demografiċi f'dan l-Istat Membru.

1.4 Ħarsa ġenerali lejn l-isfidi bbażati fuq it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tappoġġa l-monitoraġġ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li jikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-isfidi ewlenin tal-impjiegi u soċjali fl-Istati Membri. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, proposta fil-forma kurrenti tagħha mill-Kummissjoni fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru ta' Marzu 2021 u sussegwentement diskussa mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS)³³, tkopri b'mod komprensiv il-prinċipji tal-Pilastru, bħala l-għodda kwantitattiva ewlenija għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Pilastru fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ġew approvati mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (EPSCO) fl-14 ta' Ġunju 2021. It-Tabella ta' Valutazzjoni tikkomplementa l-għodod ta' monitoraġġ eżistenti, b'mod partikolari l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali³⁴.

L-analiżi fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023 tiddependi fuq l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali approvati mill-Kunsill³⁵. L-indikaturi ewlenin iwiegħbu għall-prinċipji tal-parsimonja, tad-disponibbiltà, tal-komparabbiltà u tar-robustezza statistika. L-indikaturi, marbutin ma' kull wieħed mit-tliet kapitoli tal-Pilastru, huma kif ġej:

- *Opportunitajiet indaqs*
 - Il-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar (25-64 sena)
 - Persuni li jutilqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena)
 - Sehem ta' individwi b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena)
 - Rata ta' żgħażaġħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET), (% mill-popolazzjoni totali ta' 15-29 sena)
 - Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali)
 - Proporzjon tal-kwintili tal-introjtu (S80/S20)
- *Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti*
 - Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena)³⁶

³³ It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali attwali tkopri 18 mill-20 prinċipju tal-Pilastru, erbgħa aktar milli taħt il-verżjoni preċedenti. Iż-żewġ prinċipji li għadhom mhumiex koperti huma s-7 u t-8 "Informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja" u "Id-djalogu soċjali u l-involvement tal-ħaddiema", rispettivament. Hemm rekwiżiti stretti dwar il-kwalità għall-indikaturi ewlenin, li jeħtieġ ukoll li jkollhom interpretazzjoni normattiva ċara. Sa issa ma kienx possibbli li jinstab indikatur bħal dan għal dawn il-prinċipji, iżda l-Kummissjoni se twettaq aktar ħidma fuq dan.

³⁴ Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi (EPM) u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (SPPM) jitħejjew kull sena rispettivament mill-Kumitat tal-Impjiegi u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u jiġu integrati fir-rapporti annwali tagħhom. Jidentifikaw ix-xejriet li jridu jiġu osservati, l-isfidi tal-impjiegi u soċjali ewlenin fl-Istati Membri, u jikkontribwixxu għall-monitoraġġ tal-progress fir-rigward tal-miri soċjali u dwar l-impjiegi rilevanti li jkopru l-UE kollha.

³⁵ L-opinjoni tal-EMCO u tal-KPS li rrapportaw dwar il-ftehim milħuq dwar l-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta ġiet [approvata mill-Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur fl-14 ta' Ġunju 2021](#).

³⁶ Mill-2021, f'konformità mad-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-IESS, il-Eurostat, permezz tal-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika tal-Istati Membri, jiġbor *data* għal-LFS tal-UE skont metodoloġija riveduta. Din il-bidla għandha l-għan li ttejjeb id-*data* dwar is-suq tax-xogħol, iżda trid tiġi osservata meta jiġu interpretati l-bidliet fl-indikaturi qrib iż-żmien tal-bidla, l-1 ta' Jannar 2021. Barra minn hekk, huma

- Rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)
- Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)
- Tkabbir fl-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* (2008=100)³⁷
- *Protezzjoni u inklużjoni soċjali*
 - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) (% tal-popolazzjoni totali)³⁸
 - Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE) għat-tfal (% tal-popolazzjoni totali ta' 0-17-il sena)³⁹
 - Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)⁴⁰
 - Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà (20-64 sena)⁴¹
 - Piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)⁴²

affettwati l-indikaturi ewlenin tar-Rata ta' żgħażagħ NEET, tar-Rata tal-qgħad, tar-Rata tal-qgħad fit-tul, tad-Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u tal-AROPE għat-tfal.

³⁷ Il-GDHI jitkejjel f'termini reali. Kif mitlub mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, dan l-indikatur juża l-“introjtu mhux aġġustat” (jiġifieri mingħajr l-inklużjoni ta' trasferimenti soċjali *in natura*) u titneħħa r-referenza għall-użu ta' unitajiet tal-istandards tal-kapaċità tal-akkwist (PPS), użati fil-verżjoni oriġinali ta-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, għall-konsistenza mal-indikaturi bbażati fuq l-UE-SILC.

³⁸ Flimkien mat-tliet komponenti tagħha: ir-riskju tal-faqar, il-popolazzjoni totali (AROP 0+), deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, il-popolazzjoni totali (SMSD 0+) u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (familji kważi mingħajr impjieg), 0-64 sena (VLWI 0-64). Fl-2021, l-indikatur tal-AROPE ġie mmodifikat fid-dawl tal-mira ewlenija l-ġdida tal-UE sal-2030 dwar it-tnaqqis tan-numru ta' persuni f'riskju tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. F'dan il-kuntest, tnejn mill-komponenti tiegħu ġew riveduti (id-deprivazzjoni u l-familji kważi mingħajr impjieg). Il-komponent tad-Deprivazzjoni materjali u soċjali estrema jissostitwixxi l-komponent tad-Deprivazzjoni Materjali Estrema. Il-grupp ta' età ta' referenza għal familji kważi mingħajr impjieg inbidel minn 0-59 għal 0-64. Għall-indikaturi kollha li jiddependu fuq l-introjtu fl-UE-SILC, il-perjodu ta' referenza tal-introjtu huwa definit bħala perjodu ta' 12-il xahar. Għalhekk, il-varjabbli tal-introjtu involuti fil-komputazzjoni tal-indikaturi tal-AROP u tal-VLWI jirreferu għas-sena kalendarja qabel is-sena tal-istħarriġ ħliet għall-Irlanda (12-il xahar qabel ir-rispons tal-istħarriġ). L-indikatur tad-Deprivazzjoni materjali u soċjali estrema ma għandu l-ebda varjabbli ta' introjtu fil-kalkoli tiegħu; għalhekk, il-varjabbli kollha tal-UE-SILC użati għall-komputazzjoni tiegħu jirreferu għas-sena tal-istħarriġ.

³⁹ Flimkien mat-tliet sottoindikaturi tagħha: fir-riskju tal-faqar, tfal (AROP 0-17), id-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema, tfal (SMSD 0-17) u s-sehem ta' persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna (unitajiet domestiċi kważi mingħajr impjieg), tfal (QJ 0-17). L-SMSD għat-tfal hija verżjoni modifikata tal-SMSD għall-popolazzjoni kollha, li tagħti ponderazzjoni aktar baxxa lil entrati adulti, biex jiġi evitat li l-indikatur tat-tfal isir sensitiv wisq għal deprivazzjonijiet adulti. Is-snin ta' referenza huma identiċi għal dawk tal-indikaturi għall-popolazzjoni sħiħa.

⁴⁰ Dan jitkejjel bħala t-tnaqqis perċentwali, għall-popolazzjoni totali, tar-rata tar-riskju tal-faqar (AROP) meta mqabbla ma' dik ta' qabel it-trasferimenti soċjali monetarji (minbarra l-pensjonijiet). Ma jinkludix, pereżempju, trasferimenti *in natura* relatati mal-kura tas-saħħa.

⁴¹ L-indikatur tad-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà bħalissa hu kkalkolat mill-UE-SILC u bbażat fuq l-istatus tad-diżabbiltà kif mogħti mill-Indiċi Globali tal-Limitazzjoni fl-Attività (GALI). Ir-rispondenti tal-istħarriġ wiegħbu l-mistoqsijiet li ġejjin: 1) “Inti limitat(a) minħabba problema tas-saħħa f'attivitajiet li normalment jagħmlu n-nies? Tista' tgħid li inti ... limitat(a) serjament; limitat(a), iżda mhux serjament; jew ma jien limitat(a) xejn?” Jekk it-tweġiba għall-mistoqsija 1) hija “limitat(a) ħafna” jew “limitat(a) iżda mhux serjament”, ir-rispondenti jwiegħbu l-mistoqsija 2) “Kont limitat(a) għal tal-anqas l-aħħar 6 xhur? Iva jew Le?”. Persuna titqies b'diżabbiltà jekk it-tweġiba tat-tieni mistoqsija tkun “Iva”. Kif ikkalkolat mill-UE-SILC, wieħed josserva korrelazzjoni bejn il-prevalenza tad-diżabbiltà abbażi tal-kunċett GALI u d-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà abbażi tiegħu fis-sena 2020 fl-Istati Membri tal-UE (Koeffiċjent ta' korrelazzjoni ta' Pearson = -0,6).

⁴² L-indikatur ikejjel is-sehem tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli (it-tnejn “netti” mill-allowances għall-akkomodazzjoni). Il-[Methodological Guidelines and Description of EU-SILC variables \(verżjoni ta' April 2020\)](#) jiddeskrivi l-allowances (inklużi dawk soġġetti għall-ittestjar tal-mezzi biss) bħala li jinkludu

- Tfal ta' anqas minn tliet snin f'indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-tliet snin)
- Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+)⁴³

L-indikatur ewlieni tad-“Differenza fl-impjegi għall-persuni b'diżabbiltà” juża temporanjament l-UE-SILC bħala s-sors statistiku, iżda se jaqleb għall-EU-LFS biex ikun aktar preċiż mill-2022, u jibda jipprovdi *d-data* fl-2023. Is-servizzi tal-Kummissjoni, inkluż il-Eurostat, se jkomplu jimmonitorjaw il-kwalità tiegħu u se jirrieżaminaw l-indikatur fi żmien medju, ladarba ssir disponibbli *d-data* bbażata fuq l-LFS, u se jappoġġaw passi ulterjuri biex itejbu l-komparabbiltà bejn il-pajjiżi u jesploraw l-iżvilupp ta' indikaturi addizzjonali f'dan il-qasam. L-indikatur ewlieni “Parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 12-il xahar” se juża wkoll l-UE-LFS mill-2022 'il quddiem, wara li kien inġabar biss bl-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti qabel (bl-aħħar edizzjoni għall-2016). Analiżi bir-reqqa tad-*data* miż-żewġ sorsi ta' stħarriġ se titwettaq meta *d-data* ssir disponibbli biex jiġu żgurati l-kwalità u l-komparabbiltà tad-*data*. Biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-Linji Gwida dwar l-Impjegi 6 u 7, inkluż fir-rigward tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, dan ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjegi se juża b'mod eċċezzjonali l-indikatur dwar il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim fl-aħħar 4 ġimgħat (25-64 sena).

L-indikaturi ewlenin huma analizzati bl-użu tal-metodoloġija komuni miftiehma mill-EMCO u mill-KPS (ara l-Anness 4 għal aktar dettalji). Din il-metodoloġija tevalwa s-sitwazzjoni u l-iżviluppi fl-Istati Membri billi tħares lejn il-livelli u t-tibdiliet fir-rigward tas-sena ta' qabel⁴⁴ ta' kull wieħed mill-indikaturi ewlenin inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Il-livelli u t-tibdiliet huma kklassifikati skont id-distanza tagħhom mill-medji (mhux ponderati) rispettivi tal-UE. Imbagħad, il-prestazzjonijiet tal-Istati Membri fil-livelli u fit-tibdiliet jiġu kkombinati bl-użu ta' regola miftiehma biex kull Stat Membru jiġi assenjat f'waħda mis-seba' kategoriji (“bl-aqwa prestazzjoni”, “aħjar mill-medja”, “medja/newtrali”, “sitwazzjonijiet tajbin iżda li għandhom jiġu mmonitorjati”, “sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu”, “sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati” u “sitwazzjonijiet kritiċi”). Fuq din il-bażi, it-Tabella 1.4.1 tipprovdi sommarju tal-qari tat-tabella ta' valutazzjoni skont l-aħħar ċifri disponibbli għal kull indikatur.

l-benefiċċji tal-kera u l-benefiċċji għall-okkupanti sidien, iżda jeskludu l-benefiċċji tat-taxxa u t-trasferimenti kapitali. Id-dokument jiddefinixxi l-kostijiet tal-akkomodazzjoni bħala ta' kull xahar u dawk fil-fatt imħallsin, marbutin mad-dritt tal-unità domestika li tgħix fl-akkomodazzjoni. Jinkludu assigurazzjoni strutturali (għall-inkwilini: jekk imħallsa), is-servizzi u l-imposti (tneħħija tad-drenaġġ, għir tal-iskart, eċċ.; obligatorji għas-sidien, għall-inkwilini: jekk imħallsin), manutenzjoni u tiswijiet regolari, taxxi (għall-inkwilin: fl-abitazzjoni, jekk applikabbli) u l-kost tal-utilitajiet (ilma, elettriku, gass u tisħin). Għas-sidien li jħallsu mutwu ipotekarju, huma inklużi l-pagamenti tal-imgħax relatati (kwalunkwe helsen mit-taxxa dedott, iżda l-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma jitnaqqasux). Għall-inkwilini bil-prezz tas-suq jew bi prezz imraħħas, huwa inkluż ukoll il-ħlas tal-kiri. Għall-inkwilini mingħajr kera, il-benefiċċji tal-akkomodazzjoni ma għandhomx jiġu dedotti mill-kost totali tal-akkomodazzjoni.


⁴³ Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika jikkonċernaw il-valutazzjoni suġġettiva ta' persuna dwar jekk kinitx teħtieġ eżami jew trattament għal tip speċifiku ta' kura tas-saħħa, iżda ma kellhiex jew ma fittxitx dan minħabba t-tliet raġunijiet li ġejjin: “raġunijiet finanzjarji”, “lista ta' stennija” u “vjaġġ twil wisq”. Kura medika tirreferi għas-servizzi tal-kura tas-saħħa individwali (eżami jew trattament mediku minbarra l-kura tas-snien) mogħtija minn jew taħt is-superviżjoni diretta ta' tobbja jew ta' professjonijiet ekwivalenti skont is-sistemi nazzjonali tal-kura tas-saħħa (definjazzjoni tal-Eurostat). Il-problemi li l-persuni jirrapportaw biex jiksbu l-kura meta jkunu morda jstgħu jirriflettu ostakli għall-kura.

⁴⁴ Bl-eċċezzjoni tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi, li jitkejjel bħala numru tal-indiċi (2008=100, u b'hekk jirrifletti bidla meta mqabbel mas-sena ta' qabel il-kriżi finanzjarja tal-2009), bi qbil mal-Kumitat tal-Impjegi u mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.

L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jindikaw sfidi ewlenin fl-Istati Membri tal-UE fit-tliet oqsma tal-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u tal-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali. Fost l-indikaturi li jindikaw l-akbar numru ta' Stati Membri mmarkati bħala f'“sitwazzjonijiet kritiċi” (bl-aħmar fl-Grafika 1.4.1) huma dawk li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ, it-tkabbir tal-GDHI *per capita*, ir-rata tal-AROE għat-tfal kif ukoll l-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (5 Stati Membri f'“sitwazzjonijiet kritiċi”). Dawn l-indikaturi jirreġistraw Stat Membru ieħor f'din is-sitwazzjoni fl-2021 meta mqabblin mal-2020, bl-unika eċċezzjoni tal-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, li għalihom l-għadd huwa ta' Stat Membru anqas⁴⁵. Numru kbir ta' sfidi kritiċi (marka ħamra għal 4 Stati Membri) huma mmarkati wkoll fuq ir-rata taż-żgħażaġh NEET, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg, il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu, ir-rata tal-impjieg, id-differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà, u l-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika. Hemm anqas Stati Membri f'“sitwazzjonijiet li jridu jiġu osservati” milli fl-2021, bl-akbar numru li huwa mmarkat għal tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal (6) kif ukoll għas-sehem ta' individwi b'tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi (6) u għad-differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà (5). Analiżi aktar dettaljata hija ppreżentata fil-Kapitolu 2, li tibbaża wkoll fuq sett rikk ta' indikaturi kuntestwali.

Grafika 1.4.1: L-impjegi, il-ħiliet u l-isfidi soċjali fost l-Istati Membri tal-UE skont l-indikaturi ewlenin fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

Is-sehem tal-Istati Membri bi klassifikazzjoni speċifika fost dawk kollha kklassifikati (ara d-didaskalija) għal kull indikatur ewlieni u aggregat ukoll għat-tliet kapitoli tal-Pilastru



Noti: 1) Id-data għall-indikatur dwar il-parteċi-pazzjoni tal-adulti fit-tagħlim għadha mhix disponibbli; 2) F'xi indikaturi hemm data nieqsa għal xi pajjiżi – ara n-Nota għat-Tabella 1.4.1. Id-didaskalija għall-indikaturi kollha jinsabu fl-Annessi.

Sors: Id-deżinjazzjonijiet tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali bħal fit-Tabella 1.4.1.

⁴⁵ Minħabba li d-data hija disponibbli għal numru żgħir biss ta' Stati Membri għall-2021 fid-data tal-għeluq tad-data, il-valutazzjonijiet tat-tkabbir tal-GDHI *per capita* huma bbażati fuq data tal-2020.

Tabella 1.4.1: L-indikaturi ewlenin tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali: ħarsa ġenerali lejn l-isfidi madwar l-Istati Membri

		Bl-aqwa prestazzjoni	Aħjar mill-medja	Sitwazzjonijiet tajbin iżda li jridu jiġu mmonitorjati	Skont il-medja	Sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu	Sitwazzjonijiet li jridu jiġu osservati	Sitwazzjonijiet kritiċi	
Opportunitajiet indaqs	Persuni li jgħid li kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ (% tal-popolazzjoni ta' 18-24 sena)	2021	EL, HR, IE, SI	CZ, LT, NL, PL, PT		AT, BE, DK, FI, FR, LV, SK	ES, MT	CY, EE, LU, SE	BG, DE, HU, IT, RO
	Sehem ta' individwi li għandhom ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi (% tal-popolazzjoni ta' 16-74 sena)	2021	DK, IE, NL, FI	ES, HR, LU, AT, SE		BE, CZ, EE, EL, FR, LV, MT, PT, SK		DE, IT, CY, LT, HU, SI	BG, PL, RO
	Rata ta' żgħażaġh NEET (% tal-popolazzjoni totali ta' 15-29 sena)	2021	NL, SE, SI	AT, DE, DK, FI, HU, IE, MT, PT	LU	BE, CZ, EE, FR, LT, LV, PL	ES	CY, HR, SK	BG, EL, IT, RO
	Differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (punti perċentwali)	2021	EE, FI, LT	DK, FR, IE, PT, SE	LV, SI	AT, BE, BG, DE, ES, HR, HU, LU, NL	MT	CY, PL, SK	CZ, EL, IT, RO
	Proporzjon tal-kwintili tal-introjtu (S80/S20)	2021	BE, CZ, FI, SI	AT, CY, DK, HU, IE, LU, NL, PL, SE		DE, EE, FR, HR	BG	EL, IT, MT, PT	ES, LT, LV, RO
Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti	Rata ta' impjieg (% tal-popolazzjoni ta' 20-64 sena)	2021	CZ, NL, SE	DE, DK, EE, HU, IE, LT, MT, PL		AT, BG, CY, FI, FR, LU, PT, SI, SK	EL	BE, LV	ES, HR, IT, RO
	Rata tal-qgħad (% mill-popolazzjoni attiva 15-74 sena)	2021	CZ, DE, MT, PL	DK, HU, LT, LU, NL, SI		AT, BG, CY, EE, FI, FR, HR, IE, LV, PT, RO, SK	EL	BE, SE	ES, IT
	Rata tal-qgħad fit-tul (% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-74 sena)	2021		CZ, DE, DK, HU, MT, NL, PL		AT, BE, BG, CY, EE, FI, FR, IE, LT, LU, LV, PT, RO, SE, SI	EL	HR, SK	ES, IT
	Tkabbir tal-GDHI <i>per capita</i> (2008=100)	2020	HU, LT, PL, RO	EE, IE, MT, SI, SK		CZ, DE, DK, FI, FR, HR, LU, LV, NL, PT, SE		BE	AT, CY, EL, ES, IT
Protezzjoni u inklużjoni soċjali	Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (% tal-popolazzjoni totali)	2021	CZ, FI, SI	AT, BE, CY, DK, NL, PL, SE	SK	DE, EE, FR, HR, HU, IE, MT	BG, LT, RO	IT, LU, PT	EL, ES, LV
	Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal (% tal-popolazzjoni ta' 0-17-il sena)	2021	CZ, DK, FI, NL, SI	BE, EE, HR, LT, PL		AT, CY, DE, FR, HU, IE, LV, MT, PT, SE, SK	BG		EL, ES, IT, LU, RO

Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (% tat-tnaqqis tal-AROP)	2021	BE, DK, FI, IE	AT, CZ, FR, SE, SI		CY, DE, LT, NL, PL	BG, ES, IT	EE, LU, MT	EL, HR, LV, PT, RO
Differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà (punti perċentwali)	2021	DK, ES, IT, LU, LV, PT	BG, EE, SE		CZ, EL, FI, FR, LT, MT, NL, SI		AT, CY, DE, HR, HU	BE, IE, PL, RO
Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni (% tal-popolazzjoni totali)	2021		CY, EE, FI, HR, HU, IE, LT, LU, MT, SI		AT, BE, CZ, IT, LV, PL, RO, SE	BG, EL	DE, ES, NL, PT	DK
Tfal ta' anqas minn tliet snin f'indukrar formali tat-tfal (% tal-popolazzjoni taħt it-tliet snin)	2021	DK, ES, FR, LU, NL, SE	CY, EL, HR, SI	BE	AT, EE, FI, LV		BG, DE, IE, LT, MT, PL	CZ, HU, RO
Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika (% tal-popolazzjoni ta' 16+)	2021	CY, DE, MT	AT, BG, CZ, ES, HU, LU, NL		BE, DK, FR, HR, IE, LT, PL, PT, SE	EE, LV		EL, FI, RO, SI

Nota: aġġornament tal-21 ta' Ottubru 2022. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tal-indikatur tas-Sehem ta' individwi li għandhom ħliet diġitali ġenerali bażiċi jew aktar minn bażiċi fl-2021, valur komparabbli għall-2019 mhux disponibbli u għalhekk l-analiżi ta' dan l-indikatur tibbaża biss, b'mod eċċezzjonali, fuq il-livelli tal-2021. Proporzjon tal-kwintili tal-introjt, Impatt tat-trasferimenti soċjali, Differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà, Piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni, Tfal ta' anqas minn tliet snin f'indukrar formali tat-tfal u Ħtieġa mhux issodisfata awtodikjarata għall-kura medika mhumiex disponibbli għas-Slovakkja; It-tkabbir tal-GDHI *per capita* mhux disponibbli għal aktar minn nofs l-Istati Membri, l-analiżi hija bbażata fuq il-valuri tal-2020; Il-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomadazzjoni mhux disponibbli għal Franza. L-interruzzjonijiet fis-serje u marki oħrajn huma rrapportati fl-Annessi 1 u 2.

Oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju li jappoġġaw l-analiżi u t-tfassil tal-politika

Il-Komunikazzjoni tal-2017 dwar l-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproponiet il-parametraġġ referenzjarju bħala għodda biex issostni r-riformi strutturali u trawwem il-konverġenza 'l fuq fl-oqfsa tal-impjieg u soċjali. Bħala eżerċizzju multilaterali, l-oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju jikkombinaw indikaturi kwantitattivi (dwar il-prestazzjoni u l-eżiti) mal-analiżi kwalitattiva tal-karatteristiċi tat-tfassil tal-politika u mal-lievi tal-politika li jaffettwaw il-kwalità u r-riżultati tat-tfassil tal-politika. Barra minn hekk, l-oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju, flimkien mal-indikaturi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, jgħinu biex jinformat l-analiżi fis-Semestru Ewropew u fir-Rapport Konġunt dwar l-impjieg.

Mill-2017, il-Kummissjoni żviluppat oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju f'diversi oqfsa li ġew diskussi mal-Istati Membri, f'konformità ma' approċċ komuni miftiehem mill-Kumitat tal-Impjieg (EMCO) u mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS). L-oqfsa maqbulin s'issa jindirizzaw l-oqfsa li ġejjin: 1) il-benefiċċji tal-qgħad u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, 2) il-ħliet u t-tagħlim tal-adulti, 3) l-introjt minimu (ara l-Kaxxa 8 tal-Pilastru dwar il-parametraġġ referenzjarju tal-Introjt Minim fit-taqsim 2.4.1), 4) il-kura tat-tfal u s-sostenn għat-tfal u 5) il-pensjonijiet.

Fost l-oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju żviluppati fl-EMCO, għaddejja ħidma biex jiġi ffinalizzat il-qafas dwar il-benefiċċji tal-qgħad u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Filwaqt li l-parti tal-qafas dwar il-benefiċċji tal-qgħad diġà tlestiet u qed topera kollha kemm hi, għaddejja ħidma b'kooperazzjoni mal-EMCO dwar l-iżvilupp ta' indikaturi tal-lieva tal-politika biex tiġi monitorjata l-kwalità tas-servizzi ta' appoġġ bikri mogħti mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjieg lill-persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg.

Fost l-oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju żviluppati fil-KPS, dak dwar il-pensjonijiet ġie miftiehem fi Frar 2022⁴⁶. Jikkonsisti f'indikaturi tal-faqar fost l-anzjani u ż-żamma tal-introjtu wara l-irtirar, kif ukoll indikaturi kuntestwali dwar l-istennija tal-għomor u n-nefqa pubblika. Il-lievi tal-politika jindikaw il-karatteristiċi ewlenin tal-iskemi tal-pensjonijiet li għandhom impatt fuq l-adegwatezza tal-pensjonijiet.

Bit-tisħiħ tal-fehim komuni tal-indikaturi pertinenti u tal-lievi tal-politika f'qasam ta' politika, l-oqfsa ta' parametraġġ referenzjarju jagħtu kontribut qawwi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Ir-riżultati ewlenin ta' dawn l-eżerċizzji huma rrapportati fir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi, kif ikun rilevanti.

⁴⁶ Ara sommarju u d-dettalji dwar l-oqfsa żviluppati fil-KPS [online](#).

KAPITOLU 2. IMPJIEGI U RIFORMI SOĊJALI – PRESTAZZJONI U AZZJONI TAL-ISTATI MEMBRI

2.1 Linja Gwida 5: Nagħtu spinta lid-domanda għax-xogħol

Din it-taqsimha tħares lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru. 5 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħlqu l-kundizzjonijiet li jipromwovu d-domanda għall-ħaddiema u l-ħolqien tax-xogħol, f'konformità mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi) u 6 (salarji) tal-Pilastru. It-Taqsimha 2.1.1 tiffoka fuq l-iżviluppi ewlenin fis-suq tax-xogħol, li jirriflettu wkoll l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 u l-gwerra tal-aggressjoni Russja fl-Ukrajna. It-Taqsimha 2.1.2 tirrapporta dwar il-miżuri implimentati mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma, b'enfasi speċjali fuq daww immirati lejn il-preservazzjoni tal-impjiegi u s-sostenn tal-ħolqien tax-xogħol.

2.1.1 Indikaturi ewlenin

Is-suq tax-xogħol tal-UE esperjenza rkupru robust fl-2021 u kompla għaddej b'saħħtu fi kważi l-Istati Membri kollha matul l-ewwel nofs tal-2022. Fuq bażi annwali, ir-rata ta' impjeg għall-UE (grupp ta' età 20-64) tjebet b'1,4 pp għal 73,1 % fl-2021, u qabżet il-livell ta' 72,7 % li kellha qabel il-pandemija fl-2019. Żdiedet fl-Istati Membri kollha minbarra fil-Latvja. Din tirrappreżenta progress konsiderevoli fil-mira ewlenija tal-UE ta' mill-inqas 78 % tal-persuni ta' 20-64 sena f'impjeg sal-2030. Madankollu, hemm eteroġeneità sostanzjali fost il-pajjiżi, bl-akbar żidiet irreġistrati fil-Greċja (4,3 pp) segwita mill-Irlanda (2,8 pp), mill-Polonja (2,7 pp), minn Spanja u mil-Lussemburgu (it-tnejn 2 pp) – ara l-Grafika 2.1.1. Għall-kuntrarju, il-Latvja esperjenzat tnaqqis (b'1,6 pp), filwaqt li s-Slovakkja, l-Estonja u ċ-Ċekja rreġistraw rati ta' impjeg stabbli jew li żdiedu marġinalment. Skont il-metodoloġija ta-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, l-Italja, il-Kroazja, ir-Rumanija, u Spanja jinsabu f'"sitwazzjonijiet kritiċi", minkejja żidiet medji jew xi ftit oġġla mill-medja fl-impjiegi (ħlief għall-Italja, b'żieda taħt il-medja), li xorta ħallew ir-rati f'madwar 67 % jew anqas. Min-naħa l-oħra, l-Iżvezja, iċ-Ċekja, u n-Netherlands għadhom "bl-aqwa prestazzjoni" (b'rati ta' 80 % jew aktar fl-2021). L-inklinazzjoni negattiva tal-linja ta' rigressjoni tissuġġerixxi xejra ta' konverġenza bir-rati ta' impjeg li żdiedu aktar malajr f'pajjiżi b'livelli aktar baxxi. Din il-prestazzjoni b'saħħitha kienet possibbli wkoll bis-saħħa tad-disponibbiltà wiesgħa ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u ta' żamma tal-impjiegi li għenu biex jiġu ppreservati l-impjiegi fl-2020 u fl-2021, matul il-kriżi tal-COVID-19 (ara wkoll il-JER 2022). Fuq bażi trimestrali, ir-rata tal-impjeg (20-64) żdiedet b'0,8 pp għal 74,8 % fl-ewwel nofs tal-2022 għall-UE u tjebet fl-Istati Membri kważi kollha. Madankollu, l-Istati Membri b'rati ta' impjeg inizjali aktar baxxi xorta waħda wrew livell oġġla ta' ambizzjoni fil-miri nazzjonali tagħhom – ara t-taqsimha 1.3. Id-differenzi reġjonali fir-rati ta' impjeg għadhom jippersistu, anki fi ħdan l-Istati Membri individwali (ara l-Anness 3).


L-irkupru kien aktar b'saħħtu għal setturi anqas intensivi fil-kuntatt u aktar dgħajef għal partijiet oħrajn tal-ekonomija. Il-ħolqien tax-xogħol baqa' batut fil-manifattura minħabba skarsezzi ta' inputs bażiċi u konġestjonijiet fil-ktajjen tal-provvista dinjin. L-irkupru baqa' lura wkoll f'servizzi intensivi fil-kuntatt⁴⁷, billi l-impjiegi fi tmiem l-2021 kienu għadhom taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija (b'1,3 %). Dan jirrifletti l-impatt aktar b'saħħtu fuq dawn is-setturi tal-miżuri ta' konteniment introdotti biex tiġi indirizzata ż-żieda mill-ġdid tal-pandemija fit-tieni nofs tal-2021, u l-bidla aktar permanenti favur is-servizzi online. B'kuntrast għal dan, f'servizzi anqas intensivi fil-kuntatt, li fihom il-kompiti jistgħu

⁴⁷ Is-servizzi intensivi fil-kuntatt jirreferu għall-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, għat-trasport, għall-akkomodazzjoni u għas-servizzi tal-ikel kif ukoll għall-arti u għad-divertiment.

jitwettqu permezz ta' għodod tal-IT, jew ir-riskju ta' infezzjoni huwa aktar baxx, l-impjegi espandew b'mod aktar rapidu u kienu 2,6 % ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi sa tmiem l-2021⁴⁸.

Grafika 2.1.1: Ir-rata ta' impjieg żdiedet fl-Istati Membri kważi kollha fl-2021

Ir-rata ta' impjieg (20-64 sena), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Nota: L-assi huma ċċentri fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Sors: il-Eurostat [[lfsi emp a](#)], l-LFS tal-UE.

Kemm l-impjegi totali kif ukoll is-sigħat maħduma żdiedu meta mqabblin mal-livelli ta' qabel il-pandemija. Fi Q2-2022, in-numru ta' ħaddiema impjegati kien ogħla mil-livelli ta' qabel il-pandemija fl-Istati Membri kollha ħlief fil-Bulgarija, fl-Estonja, fi Spanja, fil-Latvja, fir-Rumanija, u fis-Slovakkja, u għall-UE kollha qabeż il-livell ta' qabel il-pandemija tiegħu b'madwar 3,5 miljun – ara l-Grafika 2.1.2. Fl-istess ħin, is-sigħat totali maħduma żdiedu wkoll b'1,1 % fl-UE fl-ewwel trimestru tal-2022 fuq it-trimestru preċedenti, u qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija għall-ewwel darba sa mill-bidu tal-pandemija fil-bidu tal-2020. Madankollu, din ir-rata ta' tkabbir xorta waħda kienet eteroġenea madwar l-Istati Membri, bis-sigħat totali maħduma xorta taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija fit-tieni trimestru tal-2022 fil-Ġermanja, fil-Portugall, fi Spanja, fl-Awstrija, fil-Bulgarija, f'Ċipru, fiċ-Ċekja, fil-Latvja, fis-Slovakkja, fl-Ungerija u f'Malta. Minkejja xi eċċezzjonijiet fejn kien hemm differenza kbira fir-rati ta' tkabbir bejn l-impjegi totali u s-sigħat maħduma (bħall-Awstrija, il-Portugall, Ċipru, Malta, l-Ungerija, u l-Iżvezja), ir-rati ta' tkabbir għaż-żewġ varjabbli kellhom it-tendenza li jkunu relattivament aktar allinjati għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.

⁴⁸ Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

Grafika 2.1.2: L-impjieggi u s-sigħat maħduma qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri

It-tibdil fl-impjieggi totali u fin-numru ta' sigħat maħdumin bejn Q4-2019 u Q2-2022 (%)



Nota: Data aġġustata staġunalment u skont il-kalendarju. Id-data dwar l-impjieggi totali aġġustata staġunalment biss għal CZ, EL, FR, MT, PL, PT. Id-data dwar is-sigħat maħduma aġġustata staġunalment biss għal MT u mhix disponibbli għal BE.

Sors: il-Eurostat [[namq_10_a10_e](#)], Il-kontijiet nazzjonali.

L-iskemi tax-xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi simili għaż-żamma tal-impjieggi pproteġew b'mod sinifikanti lill-ħaddiema u l-impjieggi fil-kriżi tal-COVID-19 u għadhom għodda ta' politika importanti biex jiġu ppreservati l-impjieggi u l-kapital uman f'kundest ta' kriżi filwaqt li jsostnu l-modernizzazzjoni tal-ekonomija. Dawn tneħħew gradwalment f'ħafna Stati Membri wara l-ewwel nofs tal-2021, b'mod allinjat mal-impatt li qabad imajna tal-pandemija u mat-tneħħija tar-restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ekonomiċi. Madankollu, diversi Stati Membri żammew fis-seħħ u estendew l-iskemi tagħhom relatati mal-pandemija, iżda xorta anqas persuni kienu jeħtieġu sostenn permezz ta' skemi ta' żamma tal-impjieggi fl-ewwel nofs tal-2022. In-nefqa ta' kull xahar fuq miżuri eliġibbli għal assistenza finanzjarja skont l-Istrument Ewropew għal Appoġġ Temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) żdiedet temporanjament f'Jannar 2022 qabel ma naqset b'mod rapidu⁴⁹. Anke din in-nefqa mnaqqsa fl-2022 hija stmata li sostniet lil madwar 220 000 ħaddiem u lil madwar 10 000 ditta sa nofs l-2022. Fi kważi nofs l-Istati Membri, l-iskemi preeżistenti baqgħu fis-seħħ wara l-iskadenza tal-emendi relatati mal-COVID⁵⁰. Skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħrajn ta' żamma tal-impjieggi jista' jkollhom rwol utli għall-preservazzjoni tal-impjieggi u tal-kapital uman speċifiku għad-ditti, inkluż fil-kundest makroekonomiku inċert kurrenti. Fl-istess ħin, it-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom jtfasslu skont is-sitwazzjoni speċifika. Għall-industriji u għas-setturi affettwati minn trasformazzjonijiet strutturali, l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għandhom jtfasslu b'mod li jsostnu l-proċessi ta' ristrutturar meta jkun meħtieġ, u jgħinu fil-modernizzazzjoni tal-ekonomija, b'mod partikolari permezz tat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet assoċjati, inkluż fid-dawl tal-ħtieġa kontinwa li titħaffef it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

⁴⁹ Ara r-raba' rapport ta' implimentazzjoni bianwali dwar l-Istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE) fuq is-sit web ta' SURE (COM(2022) 483 final).

⁵⁰ Il-bażi tad-data tal-Eurofound EU PolicyWatch.

L-impjieg indipendenti ma sarx aktar komuni fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19. Is-sehem tal-impjieg indipendenti mit-total naqas f'it fl-aħħar deċennju, minn 14,8 % fl-2010 għal 13,4 % fl-2020⁵¹. Fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID, bejn l-2019 u l-2020, in-numru ta' persuni li jaħdmu għal rashom naqas minn 26,1 għal 25,7 miljun. Fl-2021, in-numru fl-UE kien ta' 25,1 miljun u kien jirrappreżenta 13 % tal-impjieg totali⁵². Madankollu, dan varja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri, bl-ishma qrib jew oġġla minn 20 % fl-Italja u fil-Greċja u madwar 7 % fil-Ġermanja u fid-Danimarka. Madwar l-UE, madwar 70 % tal-persuni li jaħdmu għal rashom (ta' 15-64 sena) kienu jaħdmu għal rashom waħedhom, li kienu jammontaw għal 9,4 % tal-impjieg totali, fl-2020. Dan is-sehem naqas bi f'it minn 10,2 % fl-2010, aktar għall-irġiel milli għan-nisa (b'1,1 pp u b'0,4 pp, rispettivament). In-numru ta' nisa li jaħdmu għal rashom waħedhom żdied fi 13-il pajjiż, u b'mod ġenerali fl-EU-27, bejn l-2019 u l-2020, li jissuġġerixxi li l-piż akbar tal-indukrar tat-tfal matul il-pandemija seta' wassal biex aktar nisa jagħżlu impjieg indipendenti. Il-ħaddiema awtonomi kienu jirrappreżentaw l-akbar sehem ta' persuni li jaħdmu għal rashom fl-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021 (dwar ix-xogħol fuq il-pjattaformi, "ħaddiema awtonomi" u "impjieg indipendenti falz", ara t-taqsimu 2.3.1 u l-kaxxa 5 tal-Pilastru fiha).

L-irkupru mill-pandemija tal-COVID-19 kien ikkaratterizzat minn żieda qawwija fin-nuqqas ta' ħaddiema fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri.⁵³ Bl-irkupru ekonomiku malajr, fl-2021 reġġu feġġew malajr l-iskarsezzi tal-ħaddiema, speċjalment f'ċerti setturi u xogħlijiet⁵⁴. Sa tmiem l-2021, laħqu jew qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija f'diversi pajjiżi fl-industrija, fis-servizzi u fil-kostruzzjoni, fost it-tnaqqis fil-qgħad u fil-laxkar fis-suq tax-xogħol.⁵⁵ Il-gruppi ewlenin tax-xogħlijiet li rrapportaw skarsezzi fl-UE fl-2021 huma relatati mal-kura tas-saħħa u mal-kura fit-tul, mal-professjonisti tas-software, mal-ħaddiema tat-trasport, tal-kostruzzjoni u tal-inġenji tal-inġinerija.⁵⁶ Ġew osservati wkoll skarsezzi tal-ħaddiema tas-sengħa f'xi setturi marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika⁵⁷. Fi Q3-2022, l-iskarsezzi tal-ħaddiema kienu 35 % fis-servizzi, ta' 32 % fil-kostruzzjoni, u ta' 27 % fil-manifattura – ara l-Grafika 2.1.3. Fl-istess trimestru, l-akbar skarsezzi fl-industrija ġew irrapporati mill-Ġermanja (42 %), is-Slovenja (41 %), l-Ungerija u l-Polonja (40 %), u l-Kroazja (39 %). Fis-servizzi, l-iskarsezzi kienu l-akbar f'Malta (70 %), fin-Netherlands (61 %), fil-Ġermanja u fl-Irlanda (49 %), fl-Iżvezja (48 %) u fil-Finlandja (44 %). It-tixjiħ tal-popolazzjoni qed iħalli impatt negattiv ukoll fuq l-iskarsezzi tal-ħaddiema. Bħala riżultat tal-iżviluppi demografiċi, il-popolazzjoni tal-UE fl-età tax-xogħol (20-64) ilha tonqos

⁵¹ Il-Eurostat [[lfsa_egaps](#)], l-LFS tal-UE.

⁵² It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma sarx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

⁵³ F'dan il-paragrafu kollu, l-iskarsezzi tal-ħaddiema huma approssimati skont is-sehem tan-negozji fl-UE li jindikaw li l-iskarsezzi tal-ħaddiema huma fattur li qed jillimita l-produzzjoni tagħhom, kif imkejla mill-Istħarriġ Ewropew dwar in-Negozji u l-Konsumaturi (BCS tal-UE). Hemm approssimazzjonijiet alternattivi għall-iskarsezzi tal-ħaddiema, bħar-rati tal-postijiet tax-xogħol battala fl-Industrija, fis-Servizzi u fil-Kostruzzjoni, kif imkejlin mill-Eurostat [[jvs_a_rate_r2](#)].

⁵⁴ Ara l-Kapitolu II f': *Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument Istituzzjonali 184, Quarterly Report on the Euro Area (QREA), Vol. 21, Nru 2 (2022)*.

⁵⁵ Fi Q4-2021, 24 % tal-impjegaturi fl-industrija, 25 % fis-servizzi u 30 % fil-kostruzzjoni ddikjaraw li l-iskarsezzi tal-ħaddiema kienu fattur ewlieni li qed ifixklu l-attività tan-negozju tagħhom (meta mqabbla mal-livelli ta' qabel il-pandemija ta' 14 %, ta' 19 % u ta' 23 % rispettivament).


⁵⁶ *McGrath, J. (2021): Report on labour shortages and surpluses. L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, 2021.* Dawn l-erba' gruppi ta' xogħlijiet jirrappreżentaw 21 mit-28 xogħol li qed jesperjenzaw l-iskarsezzi identifikati fir-rapport.

⁵⁷ Ara r-Rapporti tal-Pajjiżi tas-Semestru Ewropew, l-Anness 6: L-impatt soċjali u fuq l-impjieg tat-tranżizzjoni ekoloġika fl-2022.

f' termini assoluti matul l-aħħar deċennju (minn 269 miljun fl-2012 għal 264 miljun fl-2021). Filwaqt li l-fenomeni huwa mifruż, huwa partikolarment evidenti f' ċerti Stati Membri (bħal-Latvja, il-Bulgarija u r-Rumanija) affettwati mill-flussi ta' ħruġ tal-migrazzjoni minbarra r-rati baxxi ta' fertilità⁵⁸. Fi żmien medju u fit-tul, l-influss tal-persuni spostati mill-Ukrajna, flimkien mal-migrazzjoni regolari minn reġjuni oħra tad-dinja, jista' jgħin biex jittaffew l-iskarsezzi fis-setturi bl-inqas ostakli għat-trasferibbiltà tal-ħiliet. Il-miżuri għar-rikonossiment tal-kwalifiki huma kruċjali wkoll f'dan ir-rigward (ara t-taqsimha 2.1.2). Madankollu, l-influss tal-persuni li jaħarbu l-gwerra aktarx li mhux se jsołvi l-problemi strutturali sottostanti li jinfluwenzaw b'mod qawwi l-iskarsezzi fl-UE, u l-aċċess taġġhom għas-suq tax-xoġhol jista' jinvolvi sfidi oħra bħall-ostakli lingwistiċi.

Grafika 2.1.3: L-iskarsezzi tal-ħaddiema rapportati, speċjalment fis-servizzi, huma sinifikanti f'ħafna mill-Istati Membri

Is-sehem tal-impjegaturi li jirrapportaw li d-disponibbiltà tax-xoġhol hi fattur li qed jillimita l-produzzjoni, imqassam skont iċ-ċifri għas-Servizzi (% , Q3-2022)



Sors: L-Istħarriġ Ewropew dwar in-Negozji u l-Konsumatur (BCS tal-UE).

L-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE toffri opportunitajiet sinifikanti għal impjegi ta' kwalità u teħtieġ sostenn adegwat għan-nies fi tranżizzjonijiet ta' impjieg biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla lura. It-tranżizzjoni ekoloġika tista' toħloq sa 884 000 impjieg sal-2030 u possibbilment multiplu taġġhom sal-2050, jekk tkun akkumpanjata mill-politiki t-tajbin.⁵⁹ Mill-2000 sal-2019, in-numru ta' ħaddiema fis-setturi tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali (EGSS) tal-EU-27 diġà żdied bi 43,3 %, u b'mod partikolari b'91,6 % fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.⁶⁰ Fl-2019, l-impjegi fl-EGSS laħqu t-2,2 % tal-impjegi

⁵⁸ Sors: L-artiklu tal-Eurostat [dwar l-istatistika dwar il-popolazzjoni u t-tibdil fil-popolazzjoni](#). Bejn l-2020-2021, iż-żieda fil-mortalità minħabba l-pandemija tal-COVID-19 żdiedet maċ-ċifri tal-popolazzjoni li qed jonqsu.


⁵⁹ Ara l-Kummissjoni Ewropea, Murauskaite-Bull, I., Scapolo, F., Muench, S., et al., *The future of jobs is green*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021, JRC126047. Għal stimi preċedenti, ara SWD(2020) 176 final, u għal projezzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, ara l-Eurofound (2019), *Future of manufacturing - Energy scenario: Employment implications of the Paris Climate Agreement*, Rapport ta' Riċerka tal-Eurofound. Ara wkoll il-valutazzjoni tal-impatt *A Clean Planet for all*; gwadann potenzjali ta' madwar 2 miljun impjieg sal-2050 huwa rrapportat f'Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2019*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019.

⁶⁰ Indikatur tal-Eurostat [[env_ac_egss1](#)]. L-EGSS jistgħu jitqiesu bħala indikatur konservattiv għall-impjegi ekoloġiċi. Il-kunċett jiffoka fuq attivitajiet li jiġġeneraw prodotti ambjentali, li jeskludi ċerti attivitajiet li

totali fl-EU-27 (meta mqabblin ma' 1,7 % fl-2000), għalkemm b'differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri – ara l-Grafika 2.1.4. F'xi pajjiżi, bħall-Finlandja, l-Estonja jew il-Lussemburgu, dan is-sehem kien qrib jew oġġla minn 5 %, filwaqt li f'oħrajn kien biss sehem limitat tal-popolazzjoni impjegata. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni tinvolvi r-riallokazzjoni tal-ħaddiema u żżid il-probabbiltà ta' skarsezzi tal-ħiliet u ta' spariġġi fil-ħiliet. Politiki attivi u effettivi tas-suq tax-xogħol kif ukoll opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid għadhom kruċjali biex tiġi sostnuta tranżizzjoni ekoloġika ġusta u biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet li joħolqu konġestjonijiet għal mudell ta' tkabbir aktar ekoloġiku⁶¹ (ara l-kaxxa 4 tal-Pilastru fit-taqsimu 2.2). B'mod ġenerali, f'daqqa s-setturi tal-produzzjoni tal-elettriku, tat-trasport, tal-manifattura, tal-agrikoltura, u tal-estrazzjoni jiġġeneraw kważi 90 % tal-emissjonijiet kollha tas-CO₂ fl-UE, filwaqt li jirrappreżentaw anqas minn 25 % tal-valur miżjud gross u 25 % tal-impjiegi. Dan jimplika li l-isfidi ta' tranżizzjoni se jkun partikolarment preżenti f'dawn is-setturi u fir-reġjuni fejn jirrappreżentaw sehem importanti tal-ekonomija⁶².

Grafika 2.1.4: Is-sehem ta' impjiegi ekoloġiċi mill-impjiegi totali żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bejn l-2014 u l-2019

L-impjiegi fis-settur tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali (% tal-impjiegi totali, 2014 u 2019)



Nota: Impjiegi ekwivalenti full-time totali fis-settur tal-prodotti u tas-servizzi ambjentali diviżi bl-impjiegi totali, it-tnejn kunċetti domestiċi. L-ebda data disponibbli għal Ċipru, għall-Greċja, għall-Ungerija u għas-Slovakkja.

Sors: il-Eurostat [[env_ac_egss1](#)] u data dwar l-impjiegi tal-Kontijiet Nazżjonali [[nama_10_a64_e](#)]

B'mod parallel mat-tkabbir fl-impjiegi, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rreġistraw tnaqqis fil-qgħad. Ir-rata medja tal-qgħad tal-UE (15-74 sena) naqset b'0,2 pp minn 7,2 % fl-2020 għal 7,0 % fl-2021, u qorbot lejn il-livell tal-2019 ta' 6,8 %, l-anqas waħda mill-2009. Dan it-tnaqqis kien xprunat mill-ħolqien sinifikanti tax-xogħol li akkumpanja l-irkupru ekonomiku qawwi mill-kriżi tal-COVID-19 fl-2021. Madankollu, hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri b'differenza ta' 12-il pp bejn l-aktar rata baxxa ta' qgħad u l-oġġla waħda – ara l-Grafika 2.1.5. Fl-2021, il-Greċja rreġistraw tnaqqis ferm oġġla mill-medja (b'2,9 pp), segwita mil-Lussemburgu u mil-Litwanja (b'1,5 pp u b'1,4 pp,

jagħtu kontribut sostanzjali għall-oġġettivi klimatiki u ambjentali, pereżempju abbażi tal-prestazzjoni tagħhom meta mqabblin mal-parametri referenzjarji rilevanti.


⁶¹ Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (2022/C 243/04).

⁶² Ara p. 175. f'Il-Kommissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2019*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019.

rispettivamente), filwaqt li s-sitwazzjoni marret għall-aġar speċjalment fil-Belġju, fl-Iżvezja u fl-Irlanda (b'żidiet ta' 0,5 pp, ta' 0,3 pp u ta' 0,3 pp, rispettivamente). L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jimmarka "sitwazzjoni kritika" għall-Italja, li xorta rreġistrat żieda moderata fil-qgħad fl-2021 minn livell diġà għoli, u għal Spanja, fejn ir-rata naqset biss bi ftit iżda l-livell għadu l-ogħla fl-UE. Il-Belġju u l-Iżvezja huma kklassifikati bħala "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati" (tal-ewwel b'valur medju iżda b'żieda ogħla mill-medja, u tal-aħħar għal-livell ogħla mill-medja tagħha). Fl-aħħar nett, il-Greċja hija kklassifikata f'"sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu", minħabba t-tnaqqis kbir fil-qgħad fl-2021, li madankollu għadu t-tieni l-ogħla bħala livell. It-tnaqqis fil-qgħad kien akkumpanjat minn żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fl-UE, bir-rata ta' attività tal-grupp ta' età ta' 20-64 sena li żdiedet minn 75,8 % fit-tieni trimestru tal-2020 għal 79 % fir-raba' trimestru tal-2021. Fuq bażi trimestrali, ir-rata tal-qgħad kompliet tonqos b'0,4 pp għal 6,1 % fl-ewwel nofs tal-2022 għall-UE, iżda żdiedet fi ftit Stati Membri (il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Kroazja, u l-Lussemburgu).

Grafika 2.1.5: Ir-rata tal-qgħad naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021

Ir-rata tal-qgħad (15-74 sena), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Nota: L-assi huma ċċentri fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Sors: il-Eurostat [une_rt_a], l-LFS tal-UE.

It-tkabbir nominali fil-pagi żdied fl-2021 sostnut mir-rikorrenza fis-siġat maħduma u mill-irkupru ekonomiku qawwi. It-tkabbir fil-kumpens nominali għal kull impjegat laħaq l-4,1 % fl-UE fl-2021, ferm ogħla mill-medja ta' madwar 1,7 % mill-2013 sal-2019. Dan jista' jiġi spjegat biss sa ċertu punt mill-persjoni eżerċitata mit-tnaqqis fil-qgħad u miż-żieda fl-iskarsezzi tal-ħaddiema. Matul l-2021, il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied fl-Istati Membri kollha – ara l-Grafika 2.1.6. Fl-2021 ġiet irreġistrata rata ta' tkabbir ogħla minn 6 % fil-Litwanja, fil-Latvja, fil-Bulgarija, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fl-Ungerija, u fis-Slovakkja,

konsistenti mal-irkupru tal-ekonomiji tagħhom, kif ukoll fl-Iżvezja. B'kuntrast għal dan, il-kumpens għal kull impjegat żdied b'anqas minn 3 % fil-Greċja, fil-Polonja, fin-Netherlands, u fi Spanja. Iż-żieda fil-kumpens nominali għal kull impjegat kienet tirrifletti fil-biċċa l-kbira rikorrenza fis-siġhat maħduma fl-2021 wara l-kollass tagħhom fl-2020, u f'xi pajjiżi anki l-eliminazzjoni gradwali fl-2021 ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, użati b'mod estensiv fl-2020 (li jimplika żieda aktar minn proporzjonali fil-kont tal-pagi ġenerali miż-żieda fl-għadd ta' impjegati)⁶³. Fl-ewwel nofs tal-2022, it-tkabbir nominali fil-pagi aċċellera xi ftit, li jirrifletti b'mod partikolari l-pressjoni minn inflazzjoni għolja, u aktar issikkar tas-swieq tax-xogħol. Fi Q2-2022, il-kumpens nominali għal kull impjegat żdied fuq bażi annwali b'aktar minn 8 % fl-Ungerija, fil-Bulgarija, fil-Kroazja, fil-Litwanja, fil-Latvja, fl-Estonja, fil-Polonja u fir-Rumanija, iżda b'anqas minn 3 % fil-Greċja, fin-Netherlands, fid-Danimarka u fil-Finlandja. Fil-maġġoranza tal-Istati Membri, iż-żieda kienet bejn 3 % u 6 % - ara l-Grafika 2.1.6. Il-pagi nominali huma mistennija jkomplu jiżdiedu fl-2023, minħabba l-issikkar tas-suq tax-xogħol u l-isforzi għar-restawr tal-kapaċità tal-akkwist.⁶⁴ Madankollu, dan it-tkabbir huwa mistenni li jtaffi biss parzjalment it-telf fl-introjti reali, mingħajr ma jwassal għal ċirku vizzjuż persistenti bejn il-pagi u l-inflazzjoni.

Grafika 2.1.6: It-tkabbir nominali fil-pagi rkupra fl-2021

Kumpens nominali għal kull impjegat (bidla annwali f'%, 2020, 2021, Q2-2022)



Nota: (1) Il-pagi jitkejlu bl-indikatur “Kumpens nominali għal kull impjegat”, li jiġi kkalkolat bħala kumpens totali lill-impjegati diviż bin-numru totali ta' impjegati. Il-kumpens totali huwa definit bħala r-remunerazzjoni totali, fi flus jew *in natura*, pagabbli mill-impjegatur lil impjegat bħala kumpens għal xogħol magħmul minn dan tal-aħħar matul il-perjodu bażi tal-kontijiet u għandu żewġ komponenti: i) Pagi u salarji pagabbli fi flus jew *in natura*; u ii) Kontribuzzjonijiet soċjali pagabbli mill-impjegatur. (2) Id-*data* kollha użata hija *data* tal-kontijiet nazżjonali. L-indikaturi huma bbażati fuq il-valuri tal-munita nazżjonali. (3) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni axxendenti tat-tkabbir fil-pagi nominali fl-2021.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-baży tad-*data* tal-AMECO, Kumpens nominali għal kull impjegat [hwcdw]. Għal Q1 u Q2-2022: Kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq *data* tal-Eurostat, Kumpens tal-impjegati [[namq_10_gdp](#)] u Impjegati totali (kunċett domestiku) [[namq_10_a10_e](#)].

⁶³ Għal aktar dettalji dwar l-effetti tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fuq il-miżuri ta' kumpens għal kull impjegat, ara da Silva et al., *Short-time work schemes and their effects on wages and disposable income*, 2020, *Bullettin Ekonomiku tal-BĊE*, Ħarġa 4/2020.

⁶⁴ Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *European Economic Forecast, Autumn 2022*, Dokument Istituzzjonali 187, Novembru 2022, il-paġna 37 u t-Tabella 26.

L-iżviluppi fil-pagi nnegozjati baqgħu limitati fl-2021 u l-evoluzzjoni tagħhom tindika li l-pagi komplew jżiedu b'pass ħafna aktar bil-mod mill-prezzijiet fiż-żona tal-euro.⁶⁵ Għall-kuntrarju tal-evoluzzjoni fil-kumpens għal kull impjegat, l-indikatur dwar il-pagi nnegozjati jkopri l-eżitu tal-proċessi ta' negozjar kollettiv fiż-żona tal-euro u mhux affettwat direttament mill-varjazzjonijiet kbar fis-siġhat maħduma fl-aħħar snin ikkawżati mill-pandemija. Il-pagi nnegozjati fiż-żona tal-euro rreġistraw żieda żgħira fl-2021 b'1,5 %, kemxejn taħt il-medja tal-perjodu 2013-2020 (1,7 %), minkejja r-rikorrenza qawwija fl-impjiegi wara l-pandemija. Dan jista' jkun marbut ma' dewmien fin-negozjati ġodda tal-pagi u mal-inċertezza li fadal f'xi setturi minħabba l-pandemija. Fi Q1-2022, il-pagi nnegozjati fiż-żona tal-euro żdiedu bi 2,8 % f'termini nominali fuq bażi annwali, wara żieda ta' 1,6 % fi Q4-2021.⁶⁶ Madankollu, it-tkabbir fil-pagi nnegozjati naqas għal 2,4 % fi Q2-2022⁶⁷.

Fl-2021, il-pagi reali reġgħu żdiedu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, u b'mod aggregat fl-UE, iżda fl-2022 qed jerġgħu jonqsu. B'kuntrast mal-2020, il-ħaddiema fl-Istati Membri kważi kollha esperjenzaw tkabbir qawwi fil-pagi reali fl-2021. Għe osservat tkabbir robust fil-pagi reali ta' aktar minn 5 % fil-Latvja, fil-Litwanja u fil-Bulgarija, filwaqt li għall-kuntrarju għe rreġistraw tnaqqis żgħir fl-Irlanda u fin-Netherlands. Ir-rikorrenza tal-pagi reali kienet ukoll partikolarment b'saħħitha fl-Italja, fi Franza u fil-Belġju, li rreġistraw żidiet sinifikanti fl-2021, wara tnaqqis fis-sena ta' qabel – ara l-Grafika 2.1.7. Madankollu, ix-xejra pożittiva twaqqfet jew treggħet lura fl-ewwel trimestru tal-2022, meta t-tkabbir reali fil-pagi reġa' sar negattiv fl-UE (-1,3 % sena wara sena) u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. L-inflazzjoni diġà kienet bdiet tiżdied b'ritmu mgħaġġel fit-tieni nofs tal-2021, u l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna kompliet taggrava l-perssonijiet eżistenti, u aċċentwat it-tnaqqis fil-pagi reali. L-inflazzjoni annwali fl-UE laħqet l-ogħla livell ta' 10,9 % f'Settembru 2022, żieda minn 5,3 % fl-aħħar tal-2021. Fi Q2-2022, il-pagi reali naqsu b'mod sever, b'medja ta' 3,3 % fl-UE meta mqabblin mal-istess trimestru tal-2021 u b'aktar minn hekk fi 17-il Stat Membru fost tħassib dejjem jikber dwar il-konsegwenzi soċjali negattivi tat-telf fil-kapaċità tal-akkwist, speċjalment għall-ħaddiema b'paga baxxa. Għall-futur, it-telf f'termini ta' kummerċ u d-deterjorament tal-perspettiva ekonomika, flimkien mal-inċertezza dwar il-prospettiva tal-inflazzjoni, huma mistennijin ikollhom effett importanti fuq l-iżviluppi tal-pagi.


⁶⁵ L-indikatur tal-BĊE tal-pagi nnegozjati għaż-żona tal-euro jirrappreżenta medja ponderata tar-rati ta' tkabbir nazzjonali sena wara sena tal-pagi miftiehma b'mod kollettiv għall-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro. B'kuntrast għal indikaturi oħra bħall-kumpens għal kull impjegat, mhux affettwat mill-iżviluppi fis-siġhat maħduma. Bħala regola, l-indikatur jeskludi wkoll il-bonusijiet, is-sahra u kumpens individwali ieħor li mhux marbut ma' negozjar kollettiv, u f'xi Stati Membri jirrappreżenta paga minima f'xi setturi aktar milli l-kumpens attwali mħallas mid-ditti. L-indiċi tal-pagi nnegozjati jiġi b'xi twissijiet dwar il-kopertura bejn il-pajjiżi u l-armonizzazzjoni tal-metodoloġija, inkluż it-trattament ta' ċerti tipi ta' bonusijiet.

⁶⁶ Fil-livell tal-Istati Membri, seħħew żidiet imdaqqsin b'mod partikolari fil-Ġermanja (tkabbir annwali ta' 4,0 % fi Q1-2022, wara 1,1 % fi Q4-2021 u anqas minn 2 % minn Q3-2020), fi Franza (madwar 3 % fi Q1-2022, wara varjazzjoni ta' madwar 1 % bejn 0,5 % u 1,5 % tul l-2014–2021), fin-Netherlands (2,4 % wara 2,1 % fl-2021), fil-Belġju (+4,8 %), fl-Awstrija (2,6 %, wara 1,7 % fl-2021) u fi Spanja (+2,6 % fi Q2-2022, wara madwar 1,7 % fl-2020 u fl-2021).

⁶⁷ Għal aktar dettalji, ara l-Kapitolu 2 ta' Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour market and wage developments in Europe: annual review 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

Grafika 2.1.7: Fl-2021, il-pagi reali reġgħu żdiedu fl-UE iżda fl-2022 qed jonqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri

Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat (bidla annwali f%; 2020, 2021 u Q2-2022)




Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, il-bażi tad-*data* tal-AMECO, Pagi u salarji grossi reali għal kull impjegat; deflatur: konsum privat [rwwdc]. Għal Q1 u Q2-2022: Kalkoli tal-EMPL ibbażati fuq *data* tal-Eurostat, Pagi u salarji [[namq_10_gdp](#)], Impjiegji totali (kunċett domestiku) [[namq_10_a10_e](#)] u Indiċi armonizzati tal-prezzijiet tal-konsumatur [[prc_hicp_midx](#)].

It-*tkabbir* reali fil-pagi ma kienx qed iżomm il-pass mat-*tkabbir* fil-produttività tax-xogħol fl-2021 u huwa mistenni li jkompli jonqos fl-2022 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Dan ikkawża tnaqqis fis-sehem tal-pagi, li jkejjel is-sehem tal-introjtu nazzjonali mħallas lill-ħaddiema. Meta l-pagi reali jikbru aktar bil-mod mill-produttività tax-xogħol, dan is-sehem jonqos. Fl-2021, is-sehem tal-pagi fl-UE kien ta' 55,7%, jiġifieri naqas minn 56,9% fl-2020. Fl-2021 ġie rreġistrat tnaqqis oġhla minn 1 pp f'20 pajjiż - ara l-Grafika 2.1.8, filwaqt li s-sehem tal-pagi żdied biss fil-Litwanja u fil-Finlandja b'anqas minn 1 pp. Matul il-perjodu 2013-2020, is-sehem tal-pagi żdied fl-Istati Membri li l-livelli tal-bidu tagħhom kienu komparattivament baxxi, u b'mod partikolari fil-Bulgarija, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fir-Rumanija, u fis-Slovakkja, u b'hekk ikkontribwixxa għall-konverġenza. Fl-ewwel nofs tal-2022, is-sehem tal-pagi kien qed jonqos fil-pajjiżi kważi kollha, u dan juri *tkabbir* bil-mod fil-pagi. Barra minn hekk, it-termini deterjoranti tal-kummerċ minħabba ż-żidiet qawwija fil-prezz tal-enerġija importata wasslu għal aktar telf fl-introjti domestiċi reali.

Grafika 2.1.8: Is-sehem tal-pagi naqas fl-2021 bil-pagi li bħala medja żdiedu aktar bil-mod mill-produttività tax-xogħol

Sehem tal-pagi (2019, 2020, 2021 u Q2-2022, bidla sena wara sena, pp)



Nota: (1) Is-sehem tal-pagi jiġi kkalkolat bħala persentaġġ tal-PDG skont il-prezzijiet kurrenti (2) Il-pajjiżi huma kklassifikati f'ordni dekrexxenti tat-tkabbir fis-sehem tal-pagi fl-2021.

Sors: Kalkoli tad-DG EMPL ibbażati fuq *data* tal-Eurostat, [[namq_10_a10_e](#)] u [[namq_10_gdp](#)].

Iż-żidiet riċenti fil-pagi minimi f'ħafna Stati Membri ma evitawx it-telf fil-kapaċità tal-akkwist fost ir-riċevituri minħabba ż-żieda fl-inflazzjoni, u ċerti żidiet xierqa b'aġġornamenti fil-ħin jaqdu rwol importanti biex jitħarsu l-ħaddiema b'pagi baxxi. Minkejja ż-żidiet nominali sinifikanti fl-2021 (ara t-Taqsima 2.1.2), il-pagi minimi naqsu f'termini reali fl-Istati Membri kollha minbarra f'erba' Stati Membri (il-Latvja, il-Portugall, is-Slovenja u s-Slovakkja). B'kuntrast għal dan, il-pagi reali medji żdiedu fl-Istati Membri kollha ħlief fl-Irlanda u fin-Netherlands fl-istess perjodu. Sa Awwissu 2022, l-impjegati bl-aktar pagi baxxi ġarrbu aktar telf sinifikanti fil-kapaċità tal-akkwist⁶⁸ fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi b'paga minima statutorja – ara l-Grafika 2.1.9. L-uniċi eċċezzjonijiet kienu l-Belġju, l-Ungerija, il-Greċja, u r-Rumanija fejn iż-żidiet nominali qabżu l-inflazzjoni, filwaqt li fi Franza l-paga minima f'termini reali baqgħet l-istess. Madwar nofs l-Istati Membri b'pagi minimi statutorji jqisu l-inflazzjoni meta jistabbilixxu dawn, u jagħmlu dan b'modi differenti u fi gradi differenti⁶⁹. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, il-proċess jirriżulta f'titjib tal-livell f'Jannar ta' kull sena, mingħajr interventi ta' politika addizzjonali matul il-bqija tas-sena. Id-Direttiva adottata dan l-aħħar dwar pagi minimi adegwati⁷⁰ tista' tgħin biex issostni lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli billi tteġġeg l-iffissar ta' pagi minimi statutorji f'livelli adegwati, filwaqt li tqis il-kapaċità tal-akkwist tal-paga minima, il-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-iżviluppi fil-produttività fit-tul, fost kriterji oħrajn (ara wkoll il-Kaxxa 1 tal-Pilastru). B'mod partikolari, l-aġġornamenti regolari tal-pagi minimi f'konformità mad-Direttiva jistgħu jgħinu biex jiġi evitat telf ġeneralizzat fil-kapaċità tal-akkwist fost il-ħaddiema b'paga minima fil-kuntast kurrenti biex jinżammu l-istandards tal-għajxien tagħhom. Barra minn hekk, fil-kuntast tal-kriżi tal-enerġija, il-miżuri temporanji ta' appoġġ baġitarju mmirati lejn il-ħaddiema b'paga baxxa jistgħu jgħinu biex jittaffa t-telf tal-kapaċità tal-akkwist.


⁶⁸ Ikkalkolat mill-Eurostat [[prc_hicp_midx](#)].

⁶⁹ Il-Eurofound, Aumayr-Pintar, C., Rasche, M., Vacas, C., *Minimum wages in 2019: annual review*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019.

⁷⁰ [Id-Direttiva \(UE\) 2022/2041 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea](#), ĠU L 275, 25.10.2022, p. 33–47.

Grafika 2.1.9: L-inflazzjoni naqqret iż-żidiet riċenti fil-pagi minimi

Bidla fil-pagi minimi statutorji f'termini reali u nominali (rata ta' tkabbir, %)



Nota: L-Istati Membri klassifikati f'ordni 'l isfel skont iż-żieda fil-pagi minimi statutorji f'termini reali fl-2022. Sors: In-Network ta' Korrispondenti tal-Eurofound u l-Eurostat [[prc_hicp_midx](#)], kalkoli tal-Eurofound.

Kaxxa 1 tal-Pilastru: Pagi Minimi

Meta jiġu stabbiliti f'livelli adegwati, il-pagi minimi, statutorji jew ibbażati fuq negozjar kollettiv, jipromwovu konverġenza soċjali 'l fuq. Pagi minimi adegwati jgħinu biex jitnaqqsu l-faqar fost dawk li jaħdmu u l-inugwaljanza fil-pagi, tiġi sostnuta d-domanda domestika u jissaħħu l-inċentivi għax-xogħol. Jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi minħabba r-rappreżentanza żejda tan-nisa f'impjiegi b'paga baxxa u jiżguraw kompetizzjoni ġusta għall-impjegaturi li jħallsu pagi deċenti. Id-dritt għal pagi minimi adegwati huwa minqax fil-Prinċipju 6 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR).

Ħafna ħaddiema b'introjtu baxx mhumiex protetti b'pagi minimi adegwati; b'mod ġenerali, kważi wieħed minn kull għaxar ħaddiema jinsab f'riskju ta' faqar⁷¹. Bil-kombinament attwali ta' inflazzjoni għolja u żieda relattivament moderata fil-pagi li qed tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi (ara wkoll il-kaxxa 7 tal-Pilastru), hu kruċjali li l-ħaddiema jkunu żgurati pagi minimi adegwati biex jiġu sostnuti l-aktar vulnerabbli u biex jittaffew il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi tal-enerġija.

Id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati għandha l-għan li ssaħħa il-protezzjoni tal-pagi minimi madwar l-UE. Ġiet proposta mill-Kummissjoni f'Ottubru 2020 u adottata fid-19 ta' Ottubru 2022. Id-Direttiva se tikkontribwixxi biex tiżgura li l-ħaddiema fl-Unjoni jkunu protetti b'pagi minimi adegwati li jippermettu għajxien deċenti. Għal dan l-għan, fiha wkoll dispożizzjonijiet għall-promozzjoni tan-negozjar kollettiv u għat-tiżiħ tal-mekkaniżmi ta' infurzar u ta' monitoraġġ fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, tistabbilixxi qafas b'regoli ċari biex tittejjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi statutorji f'dawk l-Istati Membri li għandhom dawn fis-seħħ.


⁷¹ Ir-rata tar-riskju tal-faqar fost dawk li jaħdmu kienet ta' 9 % fl-2019 u naqset bi ftit għal 8,9 % fl-2021 għall-popolazzjoni ta' 18-64 sena, kif imkejla mill-indikatur tal-Eurostat [[ilc_iw01](#)].

In-negozjar kollettiv għandu rwol importanti fil-kisba ta' pagi minimi adegwati. Negozjar kollettiv li jiffunzjona tajjeb jimplika li l-impjegaturi u l-impjegati jkunu rrappreżentati kif xieraq u jiżgura li l-kundizzjonijiet tal-pagi jkunu konsistenti mal-ħtiġijiet tal-ħaddiema u tal-impjegaturi u jwiegħbu għaċ-ċirkostanzi ekonomiċi li jinbidlu. Billi jsawwar l-iżviluppi ġenerali fil-pagi, in-negozjar kollettiv jinfluwenza wkoll l-iżviluppi fil-pagi minimi. L-Istati Membri b'rata għolja ta' kopertura tan-negozjar kollettiv għandhom it-tendenza li jkollhom ishma iżgħar ta' ħaddiema b'paga baxxa u pagi minimi ogħla. Għalhekk, id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri kollha jieħdu azzjoni biex jipromwovu n-negozjar kollettiv dwar l-iffissar tal-pagi. Teħtieġ ukoll l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni u l-istabbiliment ta' qafas ta' kundizzjonijiet abilitanti għan-negozjar kollettiv għall-Istati Membri meta r-rata ta' kopertura tiegħu tkun anqas minn 80 %.

Il-pagi minimi statutorji spiss ikunu baxxi meta mqabblin ma' pagi oħrajn fl-ekonomija, kif ukoll insuffiċjenti biex jipprovdu għal għajxien deċenti. Fi kważi l-Istati Membri kollha, il-paga minima statutorja hija anqas minn 60 % tal-paga medjana u anqas minn 50 % tal-paga medja – ara l-Grafika hawn taħt. Fl-2021, il-pagi minimi statutorji tal-Portugall, tas-Slovenja u ta' Franza biss laħqu ż-żewġ valuri. Barra minn hekk, fl-istess sena, il-paga minima statutorja kienet anqas minn 50 % tal-paga medjana fi hdx-il pajjiż tal-UE (is-Slovakkja, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Belġju, il-Ġermanja, iċ-Ċekja, il-Latvja, l-Estonja, u Malta). Fi tnejn minn dawn il-pajjiżi (l-Estonja u Malta), kienet saħansitra anqas minn 45 %. Barra minn hekk, tliet pajjiżi (il-Latvja, l-Estonja, u Malta) kellhom pagi minimi anqas minn 40 % tal-paga medja. F'dan ir-rigward, id-Direttiva fiha rekwiżiti biex jissaħħu l-oqfsa ta' governanza biex jiġu stabbiliti u aġġornati l-pagi minimi statutorji. Dawn jinkludu (i) l-użu ta' kriterji ċari biex jiġu stabbiliti u aġġornati dawn il-pagi, (ii) l-użu ta' valuri ta' referenza biex jgħinu fil-valutazzjoni tal-adegwatezza tagħhom, (iii) aġġornamenti regolari biex tiġi ppreservata l-adegwatezza maż-żmien, (iv) kundizzjonijiet ċari għall-varjazzjonijiet u għat-tnaqqis mill-pagi minimi statutorji, kif ukoll (v) l-involvement f'waqtu u effettiv tas-sħab soċjali matul il-proċess ta' stabbiliment u ta' aġġornament.

F'ħafna Stati Membri, il-pagi minimi statutorji għadhom baxxi meta mqabblin ma' pagi oħrajn

Pagi minimi bħala persentaġġ tal-paga medjana gross u tal-paga medja gross (2021)



Sors: Kalkoli tad-DĠ EMPL ibbażati fuq *data* tal-Eurostat [[earn_mw_cur](#)], [[lc_lci_r2_a](#)] u Stħarriġ dwar l-Istruttura tal-Qligħ.

Mekkaniżmi effettivi ta' infurzar u ta' monitoraġġ huma kruċjali biex jiġi żgurat aċċess xieraq tal-ħaddiema għal pagi minimi adegwati. In-nuqqas ta' konformità mar-regoli

relatati mal-pagi minimi jidher li huwa fenomenu sinifikanti madwar l-UE, għalkemm problemi relatati mad-*data* jillimitaw il-possibbiltà li jkun hemm stimi precizi⁷². Sabiex jissaħħa l-infurzar ta' dawn ir-regoli, id-Direttiva tirrikjedi li l-Istati Membri b'pigi minimi statutorji jsaħħu l-kontrolli u l-intensità tal-ispezzjonijiet fuq il-post u jggarantixxu riżorsi xierqa għall-awtoritajiet tal-infurzar. Barra minn hekk, tenfasizza li l-Istati Membri jeħtieġ li jkollhom fis-seħħ mekkaniżmi ta' rimedju u penali effettivi f'każ li ma jgħux irrispettati d-drittijiet tal-ħaddiema relatati mal-pagi minimi statutorji u mal-protezzjoni tal-paga minima pprovduti minn ftehimiet kollettivi. Sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fil-ġbir tad-*data*, id-Direttiva teżiġi li l-Istati Membri kollha jiżviluppaw għodod effettivi għall-monitoraġġ tal-kopertura u tal-adegwatezza tal-protezzjoni tal-paga minima, u jirrapportaw serje ta' indikaturi relatati mal-protezzjoni tal-paga minima lill-Kummissjoni kull sentejn, mill-2025.

Implimentazzjoni antiċipata tad-Direttiva tista' ssostni l-isforzi tal-Istati Membri biex joffru sostenn f'waqtu lill-unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-kuntest kurrenti. Filwaqt li għad għandhom perjodu ta' sentejn biex jittrasponu d-Direttiva fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-inizjattiva diġà rawmet dibattiti fil-livell nazzjonali, li setgħu kienu strumentali fl-adozzjoni ta' miżuri ġodda li jsaħħu l-aċċess għal pagi minimi adegwati madwar l-UE.

Impjieġ għadu mhux neċessarjament jipprovdi mod kif wieħed joħroġ mill-faqar. Il-faqar fost dawk li jaħdmu fl-UE ma naqasx matul l-aħħar deċennju, u kien ta' 8,9 % fl-2021.⁷³ L-Istati Membri bl-ogħla livelli fl-2010 raw tnaqqis qawwi ġenerali fil-faqar fost dawk li jaħdmu (jiġifieri r-Rumanija, il-Greċja, il-Polonja u l-Litwanja) u fil-Litwanja naqas saħansitra taħt il-medja tal-EU-27, filwaqt li f'oħrajn baqa' ogħla minnha jew qrib tagħha. Fl-2021, il-faqar fost dawk li jaħdmu baqa' ġeneralment stabbli fil-maġġoranza tal-Istati Membri meta mqabbel mal-2020 (b'referenza għas-snin tal-introjtu 2020 u 2019, rispettivament). Numru żgħir ta' Stati Membri raw tnaqqis ta' aktar minn 1 pp (jiġifieri l-Irlanda u l-Iżvezja), filwaqt li grupp akbar wera żieda żgħira (jiġifieri r-Rumanija, il-Lussemburgu, Spanja, il-Greċja, il-Portugall u l-Latvja), inklużi l-Istati Membri fejn il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu ogħla mill-medja tal-UE. L-Grafika 2.1.10 turi li, fl-2021, aktar minn 10 % tal-ħaddiema kienu fir-riskju tal-faqar fir-Rumanija, fil-Lussemburgu, fi Spanja, fl-Italja, fil-Greċja u fil-Portugall. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat⁷⁴ li jirreferu għas-sena tal-introjtu 2021, is-sitwazzjoni ma tidhirx li nbidlet bejn il-pajjiżi, ħlief għall-Greċja, stmata li rat tnaqqis żgħir, u għall-Kroazja, għan-Netherlands u għas-Slovenja, li għalihom hija stmata żieda żgħira. B'mod ġenerali, il-ħaddiema b'livell baxx ta' edukazzjoni jiffaċċjaw riskji ogħla ta' faqar fost dawk li jaħdmu minn dawk b'livell għoli ta' edukazzjoni (19,8 % vs 4 %), kif ukoll dawk li twieldu barra mill-UE meta mqabblin mal-ħaddiema nattivi (21 % vs 7,6 %). Barra minn hekk, il-ħaddiema b'kuntratti temporanji huma aktar probabbli li jkunu f'riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu milli dawk b'kuntratti permanenti (12,9 % vs 5,3 % fl-UE).


⁷² Dan huwa partikolarment il-każ fid-*data* ta' sħarriġiet ekonomiċi u soċjali, bħall-UE-SILC. Sħarriġ dettaljat riċenti tal-evidenza jinsab fil-Eurofound, Aumayr-Pintar, C., Rasche, M., Vacas, C., *Minimum wages in 2019: annual review*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019. In-nuqqas ta' konformità jidher li huwa fenomenu sinifikanti f'ħafna pajjiżi, inklużi dawk bi protezzjoni tal-paga minima – ara, fost l-oħrajn, Garnero, A., *The dog that barks doesn't bite: Coverage and compliance of sectoral minimum wages in Italy*, IZA Journal of Labor Policy 7, 3 (2018).

⁷³ Il-faqar fost dawk li jaħdmu huwa s-sehem ta' persuni, ta' 18-il sena jew aktar, li jaħdmu u li għandhom introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar, li huwa stabblit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali (wara t-trasferimenti soċjali). Id-*data* għall-2021 tirreferi għas-sena tal-introjtu 2020. Fl-EU-27, l-indikatur żdied b'mod sinifikanti mill-2010 (8,5 %) għall-2016 (9,8 %), biex imbagħad beda jonqos, bil-mod iżda b'mod kostanti sena wara sena sal-2020. il-Eurostat [ilc_iw01], [ilc_iw04], [ilc_iw05] u [ilc_iw16].

⁷⁴ Ara l-Istimi rapidi għas-sena tal-introjtu 2021, ippublikati f' Awwissu 2022, fuq is-sit web tal-Eurostat.

Grafika 2.1.10: Il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu sfida importanti f'ħafna Stati Membri

Ir-rata ta' riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu (% , 2021, 2019 u 2010)



Nota: Ma hemmx data disponibbli għal SK għall-2021. Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal LU fl-2021.

Sors: il-Eurostat [ilc iw01], I-UE-SILC.


Feles tat-taxxa għoli jista' jinfluwenza ħażin id-domanda għall-ħaddiema, idghajjed l-inċentivi biex wieħed ifittex xogħol u jżid is-sigħat tax-xoghol⁷⁵. Bejn l-2011 u l-2021, il-feles tat-taxxa tal-EU-27 għal persuna mhux miżżewġa b'paga medja naqas minn 41,6 % għal 39,6 %. Il-feles tat-taxxa naqas f'sittax-il Stat Membru tal-UE matul l-istess perjodu, bl-akbar tnaqqis irreġistrat fl-Ungerija, fil-Greċja, fir-Rumanija, fil-Latvja u fil-Belġju. B'kuntrast għal dan, sehnew żidiet sinifikanti fil-Portugall, f'Malta, fil-Lussemburgu u fis-Slovakkja. Ta' min isemmi li l-feles tat-taxxa tal-EU-27 għal persuna mhux miżżewġa b'paga baxxa (50 % tal-introjtu medju) naqas sahsitra aktar, bi 2,8 pp mill-2011, għalkemm żidied fit bejn l-2020 u l-2021 (minn 31,5 % għal 31,9 %). It-tnaqqis tal-piżijiet tat-taxxa fuq daww b'introjtu baxx huwa partikolarment importanti wkoll biex jitnaqqsu l-ostakli għar-reklutaġġ ta' ħaddiema b'livell baxx ta' ħliet.

Is-sistemi tat-taxxa fuq l-introjtu għandhom it-tendenza li jkunu progressivi, li jimplika li l-feles ta' taxxa fuq ix-xogħol ikun aktar baxx għal daww fil-parti t'isfel tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Il-feles tat-taxxa (inklużi t-taxxa fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) għal ħaddiema mhux miżżewġin mingħajr tfal huwa ogħla milli għal daww b'paga medji milli għal daww li jaqilgħu 67 % tal-paga medja, li min-naħa tiegħu huwa ogħla meta mqabbel ma' daww b'paga baxxa (50 % tal-medja). Dan juri l-progressivita' tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol, xejra li hija pjuttost evidenti għal Franza, għall-Belġju, u għal-Lussemburgu, filwaqt li hija anqas evidenti għall-Ungerija, għar-Rumanija, għall-Bulgarija, għall-Polonja u għal Ċipru – ara l-Grafika 2.1.11. Madankollu, f'diversi Stati Membri għad hemm lok għat-trasferiment tat-tassazzjoni lil hinn mix-xogħol, b'mod partikolari billi jitnaqqas il-feles tat-taxxa għal daww li jaqilgħu introjtu baxx u medju, u anki biex jittaffew l-effetti taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, u lejn sorsi oħrajn li joffru sostenn akbar għall-għanijiet ambjentali.

⁷⁵ Il-feles tat-taxxa jkejje id-differenza bejn il-kostijiet lavorattivi totali biex jiġi impjegat ħaddiem u l-qligħ nett tal-impjegati.

Grafika 2.4.10: Il-feles tat-taxxa fuq ix-xogħol huwa iżgħar għal-livelli ta' pagi aktar baxxi

Il-piż tat-taxxa għal ħaddiem mhux miżżewweġ b'paga baxxa (50 % u 67 % tal-paga medja) meta mqabbel mal-paga medja fl-2021



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DG ECFIN, il-Bażi tad-data dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tat-taxxa/benefiċċji tal-OECD (aġġornata f'Marzu 2022).

Kaxxa 2 tal-Pilastru: Ekonomija Soċjali u Intrapriżi Soċjali

L-ekonomija soċjali għandha 2,8 miljun entità madwar l-UE, li l-għan primarju tagħhom huwa li jiġġeneraw impatt soċjali u/jew ambjentali pożittiv aktar milli qligħ finanzjarju għas-sidien jew għall-partijiet ikkonċernati tagħhom. Dawn jinkludu diversi mudelli ta' negozju u organizzazzjonali, bħal assoċjazzjonijiet, kooperattivi, soċjetajiet ta' benefiċċju reċiproku, fondazzjonijiet, u intrapriżi soċjali, li jibnu fuq l-għeruf lokali u jużaw governanza parteċipattiva. L-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali joffru soluzzjonijiet konkreti u innovattivi għall-isfidi soċjali ewlenin f'varjetà kbira ta' setturi ekonomiċi, inklużi s-servizzi soċjali, il-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-agrikoltura, l-enerġija, il-banek, l-assigurazzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart.

L-impjeggi bi ħlas fl-ekonomija soċjali jvarjaw minn anqas minn 1 % għal 10 % tal-forza tax-xogħol totali madwar l-Istati Membri u jissuġġerixxu potenzjal mhux sfruttat għat-tkabbir tal-impjeggi fis-settur għal xi Stati Membri.⁷⁶ L-entitajiet tal-ekonomija soċjali jimpjegaw 13,6-il miljun persuna fl-UE u jgħibu valur lill-ekonomija u lis-soċjetajiet lokali billi jrawmu l-inklużività, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom. Pereżempju, jipprovdu impjeggi ta' kwalità addizzjonali fl-ekonomija, jikkontribwixxu għall-inklużjoni ta' gruppi żvantaġġati, jixprunaw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, u jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fis-soċjetà. Aktar riċenti, l-ekonomija soċjali għenet biex jittaffa l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 billi żviluppat soluzzjonijiet minn isfel għal fuq, l-aktar fis-servizzi tas-saħħa u soċjali, biex issostni lill-gruppi vulnerabbli u f'riskju. Pereżempju, fil-Polonja, il-Malopolska Incubator for Social Innovation, kofinanzjat mill-FSE, ipprova liċ-ċittadini b'għotjiet għall-iżvilupp, għall-ittestjar u għall-implimentazzjoni ta' proġetti biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' persuni dipendenti. Barra

⁷⁶ Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Monzon, J. L., Chaves, R., *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union*, Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2017.

minn hekk, l-approċ ibbażat fuq il-valuri tal-ekonomija soċjali jagħmilha attur importanti biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ġusti.

Filwaqt li l-organizzazzjonijiet tal-ekonomija soċjali u l-intrapriżi soċjali joperaw fl-Istati Membri kollha, il-grad ta' fehim u ta' aċċettazzjoni tal-kunċetti tal-intrapriża soċjali u tal-ekonomija soċjali jvarja b'mod sinifikanti bejniethom. F'ħafna Stati Membri, minħabba n-nuqqas ta' rikonossiment formali u ta' għarfien dwar il-mudelli ta' negozju tagħhom, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jiffaċċjaw diffikultajiet fl-iżvilupp tal-attivitajiet tagħhom. Għalhekk, hemm lok għal aktar sostenn u għal sostenn aħjar, inklużi oqfsa ta' politika u legali mfasslin għall-ispeċifitajiet tagħhom, aċċess aħjar għall-finanzjament u għas-swieq, kif ukoll integrazzjoni aħjar fin-networks tan-negozju u fis-servizzi ta' appoġġ.

Sabiex tindirizza din l-isfida, f'Diċembru 2021 il-Kummissjoni Ewropea ressqet il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali (SEAP)⁷⁷. L-SEAP għandu l-għan li jtejjeb l-ekosistema għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali b'mod partikolari f'pajjiżi fejn għadha sottożviluppata, f'konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (Appoġġ Attiv għall-Impjiegi). Il-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp tal-kundizzjonijiet qafas tal-ekonomija soċjali (ippjanata għal Mejju 2023) – bħala waħda mill-azzjonijiet ewlenin skont l-SEAP – għandha tgħin biex jittejjeb l-politika u l-qafas regolatorju għall-ekonomija soċjali f'firxa ta' oqsma, inklużi l-Għajnuna mill-Istat, l-akkwist pubbliku u t-tassazzjoni. Barra minn hekk, "l-ekonomija soċjali u tal-prossimità" hija rikonossuta bħala waħda mill-erbatax-il ekosistema industrijali ewlenin mill-istrateġija industrijali tal-Kummissjoni ta' Marzu 2020.

L-aċċess għall-finanzjament jirrappreżenta sfida strutturali importanti għall-intrapriżi soċjali. Id-disponibbiltà u l-użu ta' riżorsi finanzjarji ripagabbli għall-intrapriżi soċjali huma eteroġenei ħafna madwar l-Istati Membri. Fl-2014-20, l-istrumenti finanzjarji pijunieri fil-livell tal-UE skont il-Programm tal-UE għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI) sostnew lill-intrapriżi soċjali permezz ta' garanziji tal-portafoll tas-self, ekwità u finanzjament tad-dejn. Is-sostenn ikompli permezz tat-Tieqa għall-Investment Soċjali u għall-Ħiliet ta' InvestEU fl-2021-27, bil-Fond Ewropew tal-Investment bħala s-sieħeb ewlieni ta' implimentazzjoni għall-finanzjament tal-intrapriżi soċjali. Is-sostenn tal-istrumenti finanzjarji huwa kkomplementat minn għotjiet (bħas-sostenn għall-kostijiet ta' tranżazzjonijiet, l-għotjiet pilota tal-finanzjament soċjali) iffinanzjati mill-FSE+⁷⁸.

F'dawn l-aħħar snin, diversi Stati Membri adottaw strateġiji ġenerali jew inizjattivi speċifiċi biex isostnu l-ekonomija soċjali. Il-Bulgarija adottat il-5 Pjan ta' Azzjoni nazzjonali biannwali tagħha għall-Ekonomija Soċjali 2022-2023. **Il-Finlandja** adottat Strateġija dwar l-Intrapriżi Soċjali fl-2021 u, f'konformità magħha, ġie stabbilit Ċentru Nazzjonali ta' Għarfien Espert għall-Intrapriżi Soċjali⁷⁹. Fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2022, **il-Ġermanja** esprimiet l-impenn tagħha li tfassal Strateġija

⁷⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, *Building an economy that works for people: an action plan for the social economy*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021. Il-pjan ta' azzjoni jibni fuq l-*Inizjattiva ta' Negozju Soċjali* (2011).

⁷⁸ Eżempju mill-aħħar sejħa għall-finanzjament soċjali għall-provvista u għad-domanda (2020) huwa l-kooperazzjoni bejn Erste Bank u Impact Hub fl-Awstrija, fiċ-Ċekja, fis-Slovakkja, fis-Serbja u fil-Kroazja li ssostni l-iżvilupp ta' kważi ekwità flimkien ma' appoġġ mhux finanzjarju komplementari għall-intrapriżi soċjali. Billi jagħtu spinta lill-ekwità tal-intrapriżi soċjali, ikunu jistgħu jsegwu l-pjanijiet ta' tkabbir tagħhom, iwettqu proġetti ġodda jew jespandu proġetti eżistenti u, konsegwentement, iżidu l-impatt tagħhom.

⁷⁹ Ara online l-[Istrateġija dwar l-Intrapriżi Soċjali](#) u [ċ-Ċentru ta' Għarfien Espert](#), rispettivament.

Nazzjonali għall-intrapriżi soċjali bl-għan li ssaħħa il-kumpaniji li jaqdu l-ġid komuni u ekonomija bbażata fuq is-solidarjetà. Fir-rigward tar-rikonoxximent legali tal-intrapriżi soċjali, **iċ-Ċekja** qed tfejji Att dwar l-Intraprenditorija Soċjali bħala mezz għall-integrazzjoni tal-persuni żvantaġġati fis-suq tax-xogħol, u **l-Polonja** adottat Att dwar l-ekonomija soċjali, bħala parti mill-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza, li jstabilixxi r-regoli għaċ-ċertifikazzjoni tal-intrapriżi soċjali li jerġgħu jintegraw lin-nies li jinsabu fir-riskju tal-esklużjoni soċjali. Fl-2022, **Spanja** adottat proġett strateġiku għall-ekonomija soċjali u tal-kura li jiswa EUR 800 miljun, iffinanzjat prinċipalment minn Next Generation EU, bl-għan li tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-ekonomija soċjali biex tikkontribwixxi għal tranżizzjonijiet ġusti, ekoloġiċi u diġitali u biex issaħħa is-sistemi ta' inklużjoni u ta' assistenza soċjali. Il-pjan huwa mistenni jżid is-sehem tal-ekonomija soċjali fil-PDG Spanjol b'1 pp għal 11 %.

2.1.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

Dan l-aħħar, diversi Stati Membri adottaw miżuri biex isostnu l-ħolqien tax-xogħol. F'Jannar 2022, is-servizz tal-impjiegi fil-**Kroazja** adotta miżuri ġodda għall-ħolqien tax-xogħol, bħala parti mill-RRP tiegħu, biex isostni t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, imfasslin biex jagħtu prijorità lill-attivazzjoni u lix-xogħol (għal rashom) tal-persuni qiegħda inattivi, tal-persuni qiegħda fit-tul u taż-żgħażaġh li mhumiex fl-impjieg, fl-educazzjoni jew it-taħriġ (NEETs). F'Lulju 2022, il-**Litwanja** żiedet l-ambitu u d-diversità tal-miżuri ta' sostenn għall-impjiegi, filwaqt li ffokat aktar fuq impjiegi b'valur miżjud għoli u fuq it-tranżizzjoni doppja, bħala parti mill-impenn tagħha tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. F'Marzu 2022, il-**Portugall** beda jagħti appoġġ finanzjarju lill-impjegaturi li joffru kuntratti miftuħa li jħallsu pagi adegwati skont il-miżura "Impenn għal Impjiegi Sostenibbli", ukoll bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiegħu. Tul il-pandemija, il-**Belġju** (Wallonia) introduċa sussidju għall-impjieg immirat ta' EUR 1 000 fix-xahar, "Tremplin24mois+", għar-reklutaġġ ta' persuni qiegħda għal ħafna żmien. Inizjalment, dan is-sussidju kien immirat lejn setturi speċifiċi, iżda l-miżura ġiet estiża f'Jannar 2022 biex tinkludi lill-impjegaturi privati u pubbliċi kollha. F'Jannar 2022, il-gvern ta' Brussell estenda l-inċentiv ta' reklutaġġ "Phoenix" għar-reklutaġġ ta' persuni vulnerabbli li jkun qiegħda ifittxu impjieg, li tilfu l-impjiegi tagħhom matul il-kriżi tas-saħħa u rreġistraw mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES). Xi Stati Membri adottaw miżuri mmirati biex jipprovdu aċċess għax-xogħol għal persuni spostati mill-Ukrajna biex irawmu l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u jsostnu l-ħolqien tax-xogħol. Pereżempju, f'Marzu 2022 il-**Latvja** stabbiliet sussidju għall-impjieg għar-refuġjati mill-Ukrajna, li jipprovdi lill-impjegaturi b'allowance ta' darba ta' EUR 500 fil-bidu tar-relazzjoni tax-xogħol. Fl-**Ungerija**, f'Marzu 2022 ġie introdott sussidju temporanju għall-impjieg għall-impjegaturi li jimpjegaw ċittadini tal-Ukrajna li jaħarbu mill-gwerra. Is-sussidju jkopri 50 % tal-kostijiet tal-akkomodazzjoni u tal-ivvjaġġar għal perjodu sa sena. Fid-**Danimarka**, is-servizzi ta' promozzjoni tal-impjiegi għal persuni spostati mill-Ukrajna huma amministrati fil-livell municiċipali, inkluż permezz ta' sussidji għall-impjieg. Għal ħarsa ġenerali lejn il-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' persuni spostati mill-Ukrajna, ara t-Taqsima 2.3.2.

Xi Stati Membri nehew gradwalment il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza tagħhom wara l-ewwel nofs tal-2021, f'konformità mat-tnaqqis tar-restrizzjonijiet relatati mas-saħħa pubblika. Pereżempju, bejn Mejju u Ottubru 2021, skemi temporanji ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħrajn għaż-żamma tal-impjiegi introdotti bħala rispons għall-kriżi tal-COVID-19 tnehew gradwalment f'**Ċipru**, fid-**Danimarka**, fl-**Estonja**, u fil-**Litwanja**. Matul l-istess perjodu, fl-Iżvezja, il-miżuri temporanji twaqqfu wkoll, iżda l-iskemi preeżistenti rispettivi baqgħu fis-seħħ.

Stati Membri oħrajn estendew l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tagħhom matul l-ewwel nofs tal-2022 u wara. Pereżempju, fil-Kroazja, fl-Italja u fil-Portugall, il-miżuri biex jiġu ppreservati l-impjegati fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID19 ġew iffinanzjati matul l-ewwel trimestru tal-2022. Fil-**Bulgarija**, is-sussidji tal-pagi għall-ħaddiema (skema ta' 60/40) ġew estiżi għall-perjodu sa Ġunju 2022. F'**Malta** u fil-**Greċja**, l-iskema ta' suppliment tal-pagi u l-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġew estiżi sal-aħħar ta' Mejju 2022. Il-**Belġju** estenda l-“proċedura simplifikata” (b'anqas obbligi amministrattivi għall-impjegaturi) tal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tiegħu f'Marzu 2022 sal-aħħar ta' Ġunju 2022 bħala rispons għat-tifqigħa tal-gwerra fl-Ukrajna, bl-istess modalitajiet li kienu applikabbli matul il-kriżi tal-COVID-19. Bl-istess mod, **Franza** estendiet l-applikabbiltà tal-iskema ta' impjegati parzjali eżistenti tagħha (APLD) sa tmiem l-2022 biex tippermetti lill-kumpaniji affettwati mill-gwerra fl-Ukrajna jibbenefikaw minnha. Għall-ewwel, il-**Lussemburgu** kien estenda l-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tiegħu sa Ġunju 2022 għall-SMEs fid-dawl tat-tneħħija gradwali tal-iskema. Madankollu, fil-kuntest tal-kriżi tal-enerġija, f'Awwissu 2022 il-gvern ħabbar li l-kumpaniji affettwati serjament jistgħu jagħmlu użu mill-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. F'Mejju, ir-**Rumanija** estendiet ukoll l-iskema tagħha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar sal-aħħar tal-2022.

F'xi każijiet, il-miżuri temporanji adottati bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19 ġew sostitwiti bi skemi permanenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Spanja neħħiet gradwalment ir-regoli ta' emerġenza għall-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, ERTE (filwaqt li partijiet mill-benefiċċji u mir-ribassi tas-sigurtà soċjali ġew estiżi sal-31 ta' Marzu 2022). F'Diċembru 2021 daħlet fis-seħħ leġislazzjoni ġdida li stabbiliet skema permanenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar biex taġġusta għal xokkijiet ċikliċi u strutturali bħala parti minn riforma wiesgħa definita fil-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. F'dan il-kuntest, il-kumpaniji huma iċċentivati jipprovdur lill-impjegati tagħhom bi programmi ta' taħriġ għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid. F'Marzu 2022, **is-Slovakkja** introduċiet ukoll miżura permanenti ġdida għall-preservazzjoni tal-impjegati matul ir-reċessjonijiet ekonomiċi. Fis-**Slovenja**, l-adozzjoni ta' skema permanenti ta' xogħol b'ħinijiet iqsar għal reċessjonijiet ekonomiċi serji hija pplanata qabel tmiem l-2022.

Bejn Jannar 2021 u Lulju 2022, diversi Stati Membri żiedu b'mod sostanzjali l-pagi minimi statutorji tagħhom. L-għan kien li jingħata rispons għat-telf tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema b'paga baxxa hekk kif l-inflazzjoni qabdiet togħla, u f'xi każijiet, li jtejbu wkoll b'mod aktar ġenerali l-adeqwatezza tal-pagi minimi, fid-dawl tal-livelli baxxi tagħhom u tad-distakk meta mqabblin mal-pagi l-oħrajn.⁸⁰ L-akbar żieda tal-paga minima statutorja ġiet irreġistrata fl-Ungerija (19,5 %). Pajjiżi oħrajn ukoll kellhom żidiet konsiderevoli, b'mod partikolari l-**Litwanja** (13,7 %), il-**Belġju** (13,3 %), l-**Estonja** (12 %), ir-**Rumanija** (11 %), il-**Kroazja** (10,3 %), il-**Ġermanja** (10 %), il-**Greċja** (9,7 %), u l-**Bulgarija** (9,2 %). F'xi wħud minn dawn il-pajjiżi, iż-żidiet ġew introdotti permezz ta' aġġornamenti diskrezzjonali b'mod supplimentari għan-negozjati jew għall-mekkaniżmi ta' indiċjar tas-soltu. Stati Membri oħrajn, inklużi l-**Ġermanja**, il-**Latvja**, in-**Netherlands**, il-**Portugall**, u r-**Rumanija**, ħabbru wkoll żidiet fil-pagi minimi tul l-2022 jew sal-bidu tal-2023 (fil-Portugall, f'Ottubru 2022 il-gvern iffirma ftehim b'terminu medju mas-sħab soċjali biex tiżdied il-paga minima għal EUR 900 fl-2026). B'mod partikolari, f'Jannar 2023, il-**Latvja**, u n-**Netherlands** qed jipplanaw li jżidu l-pagi minimi statutorji tagħhom b'40 % u b'10 %, rispettivament. Fl-**Irlanda**, huwa previst ukoll li titneħħa paga minima aktar baxxa għall-ħaddiema żgħażaġh.

⁸⁰ Xi aġġornamenti fl-2021 diġà kienu qed jwieġbu għaż-żieda kontinwa fl-inflazzjoni.

Barra minn hekk, xi ftit Stati Membri introduċew riformi fl-oqfsa tagħhom għall-istabbiliment ta' pagi minimi statutorji. L-aktar importanti, **Ċipru** introduċa paga minima statutorja għall-ewwel darba li se tibda tapplika minn Jannar 2023, f'livell ta' EUR 940. Permezz ta' emenda tal-Kodiċi dwar ix-Xogħol, **ir-Rumanija** stabbiliet li ħaddiem jista' jitħallas biss il-paga minima sa 24 xahar, u wara jrid jitħallas paga oġhla. Fil-**Kroazja**, skont l-RRP, l-Att dwar il-Paga Minima ġie emendat biex jittejjeb l-infurzar tar-regoli relatati mal-paga minima statutorja, fost l-oħrajn fir-rigward tal-penali għat-trasgressuri u t-tisħiħ tal-kontroll mill-korpi ta' spezzjoni. Bħala parti minn riforma wiesgħa tal-qafas tal-iffissar tal-pagi minimi fl-**Irlanda**, il-paga minima statutorja se tiġi ssostitwita b'“paga li tiggarantixxi l-għajxien”. Il-paga li tiggarantixxi l-għajxien se tiġi stabbilita għal 60 % tal-paga medjana fi kwalunkwe sena partikolari li tibda mill-2023. Il-paga minima nazzjonali se tibqa' fis-seħħ sakemm il-paga tal-għajxien ta' 60 % tidħol kompletament, fl-2026, iżda se tiżdied matul is-snin bħas-soltu, u b'hekk jitnaqqas id-distakk bejnha u l-paga li tiggarantixxi l-għajxien. **Malta** stabbiliet Kummissjoni ġdida dwar il-Pagi Baxxi, li hija mistennija toħroġ l-ewwel rakkomandazzjonijiet tagħha għal mekkaniżmu ġdid biex tiġi aġġornata l-paga minima fl-2023. Minkejja dawn il-miżuri, ħafna ħaddiema fl-UE għadhom mhumiex koperti minn protezzjoni adegwata tal-paga minima. Sabiex tgħin fl-indirizzar ta' din is-sitwazzjoni, f'Ottubru 2020 il-Kummissjoni ressqet proposta għal Direttiva dwar pagi minimi adegwati fl-UE, li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Settembru u mill-Kunsill fl-4 ta' Ottubru 2022.⁸¹ Il-Kaxxa 1 tal-Pilastru tkompli tispejja l-isfidi ewlenin li d-Direttiva għandha l-għan li tindirizza u d-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha.

Ftit Stati Membri biss ħadu azzjonijiet biex jiġġieldu x-xejra ta' tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema koperti minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv. Xi Stati Membri adottaw miżuri biex isaħħu l-oqfsa ta' negozjar kollettiv. Pereżempju, f'Diċembru 2021, bħala parti minn riforma usa', **Spanja** stabbiliet li, fin-nuqqas ta' ftehim kollettiv applikabbli fil-livell tal-kumpaniji, l-impjegati li jaħdmu għal sottokuntrattur huma inklużi fl-ambitu tal-ftehim kollettiv settorjali li jikkorrispondu għall-attività sottokuntrattata. Fir-**Rumanija**, leġislazzjoni ġdida dwar id-djalogu soċjali hija prevista mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza u hija mistennija tidħol fis-seħħ fi Q4-2022. Il-pjan jinkludi wkoll revizzjoni tad-definizzjoni tas-setturi ekonomiċi bħala bażi għal ftehimiet kollettivi fil-livell settorjali. F'Awwissu 2021, l-**Estonja** adottat liġi ġdida li testendi d-dispożizzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol miftiehma bħala parti min-negozjar kollettiv. Il-kundizzjonijiet relatati mal-paga, mal-ħin tax-xogħol u mal-perjodi ta' mistrieħ huma estiżi għal settur sħiħ bi qbil mill-impjegati ta' mill-inqas 40 % tal-forza tax-xogħol fis-settur u mit-trade unions li jirrappreżentaw tal-anqas 15 % tal-impjegati.

Xi Stati Membri adottaw ukoll, jew qed jikkunsidraw li jadottaw, diversi miżuri relatati mal-pagi tas-settur pubbliku. Minħabba s-sehem sinifikanti tas-settur pubbliku fl-impjegi totali, dawn jista' jkollhom effetti usa' fuq l-ekonomija, peress li ż-żidiet fil-pagi tas-settur pubbliku jsostnu l-kapaċità tal-akkwist ta' dawn l-impjegati iżda jista' jkollhom ukoll effetti kollaterali fuq il-pagi fis-settur privat. Fi **Franza** ġiet deċiża żieda fil-pagi ta' 3,5 % għall-impjegati taċ-ċivil, biex jittaffa l-impatt tal-inflazzjoni fuq il-kapaċità tal-akkwist. Il-**Portugall** żied is-salarji għall-gradwati b'dottorat u l-livelli ta' dħul fl-amministrazzjoni pubblika b'4,7 % fl-2022 bl-għan li jattira u jżomm it-talent. Fis-**Slovenja**, riforma emendat is-sistema tal-pagi tas-settur pubbliku biex tinkludi arranġamenti għal rimunerazzjoni

⁸¹ Id-Direttiva tistabbilixxi qafas biex jittejjeb l-aċċess għal protezzjoni adegwata tal-paga minima madwar l-UE, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' negozjar kollettiv, u b'hekk tgħin biex jitejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-paga minima u tal-ħaddiema b'paga baxxa. Ara pereżempju: [Commission welcomes political agreement on adequate minimum wages for workers in the EU - Impjegi, Affarijiet Soċjali u inklużjoni - Il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](#).

varjabbli u biex ir-remunerazzjoni tintrabat mal-eżiti tax-xogħol. Fil-**Latvja**, il-gvern iddeċieda li jalloka bonusijiet għall-assistenti soċjali minħabba volum oġhla ta' xogħol fid-dawl tal-wasla ta' refuġjati mill-Ukrajna.

Numru ta' Stati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri biex jagħmlu s-sistemi tat-taxxa tagħhom aktar ġusti u jtejbu l-inċentivi għax-xogħol. Fiċ-**Ċekja**, l-iskema ta' taxa fissa fuq l-introjtu personali tneħħiet bl-introduzzjoni ta' rata marġinali progressiva ġdida. Mill-2021, rata tat-taxxa ta' 23 % hija applikata għal introjtu li jaqbeż l-CZK 1 701 168 (madwar EUR 67 300), filwaqt li l-introjtu taħt dak il-limitu baqa' soġġett għal rata ta' 15 %. L-**Awstrija** naqqset l-anqas rata tat-taxxa fuq l-introjtu personali tagħha minn 25 % għal 20 % u estendiet l-applikazzjoni tar-rata massima ta' 55 % sal-2025 għall-introjtu ta' aktar minn EUR 1 miljun. Hekk kif l-aħħar mewġa ta' pakkett akbar ta' riforma tat-taxxa bdiet fl-2017, il-**Kroazja** naqqset ir-rati tat-taxxa fuq l-introjtu personali tagħha minn 36 % għal 30 % u minn 24 % għal 20 % għall-introjtu oġhla u inqas minn HRK 360 000 (EUR 49 000) rispettivament. Din il-miżura naqqset il-progressività tal-iskema, iżda wkoll il-piż tat-taxxa, u b'hekk sostniet indirettament lill-unitajiet domestiċi matul il-pandemija. Il-Kroazja naqqset ukoll ir-rata tat-taxxa fuq id-dividendi minn 12 % għal 10 %. F'Lulju 2022, ir-**Rumanija** emendat ir-regoli dwar it-tassazzjoni tal-introjti li jiġu riċevuti minn kuntratti ta' impjieg part-time. Skont ir-reġim il-ġdid, l-introjtu kkunsidrat għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet soċjali u tas-saħħa se jkun is-salarju bażiku minimu u mhux l-introjtu fil-fatt riċevut mill-impjegat. Fil-**Belġju**, f'Settembru 2022, il-gvern Fjamming ħabbar l-estensjoni tal-bonus tal-impjieg (benefiċċju relatat max-xogħol) għall-ħaddiema b'introjtu oġhla u ż-żieda temporanja fil-livell tal-benefiċċju.

Xi Stati Membri pprovdew ħelsien mit-taxxa biex itaffu l-impatt taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija fuq in-nies u fuq l-unitajiet domestiċi, b'miżuri mmirati lejn dawk l-aktar vulnerabbli f'xi każijiet. Pereżempju, fil-**Ġermanja**, l-Att dwar il-Ħelsien mit-Taxxa adottat f'Marzu 2022 jipprevedi żieda fis-somma f'daqqa għall-impjegati, l-allowance bażiku u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jistgħu jitnaqqsu mit-taxxi fuq l-introjtu personali. F'April 2022, il-**Portugall** implimenta reġim straordinarju ta' differimenti tat-taxxa għall-kumpaniji u għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom fis-settur tat-trasport, l-aktar affettwati miż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil u tal-enerġija. Il-**Litwanja** żiedet il-livell limitu tal-introjtu mhux taxxabli għal EUR 540, u żiedet l-introjtu nett b'mod predominanti għall-impjegati li jaqilgħu l-paga minima. Il-limitu mhux taxxabli żdied aktar għall-anzjani u għall-persuni b'diżabbiltà. Barra minn hekk, minn Jannar 2022, f'**Malta**, ir-rifużjoni tat-taxxa żdiedet għal bejn EUR 60 u 140, bl-oġhla rifużjoni mogħtija lill-ħaddiema bl-introjtu l-aktar baxx. Fil-**Finlandja**, il-gvern iddeċieda li jintroduċi għażla temporanja biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-elettriku mill-bażi tat-taxxa fuq id-dħul u sostenn limitat għall-elettriku għal persuni li ma jistgħux jibbenefikaw mit-tnaqqis tat-taxxa mmirat lejn l-ifqar unitajiet domestiċi. Għal ħarsa ġenerali lejn il-miżuri addizzjonali ta' sostenn pubbliku adottati bħala rispons għall-kriżi tal-enerġija kurrenti, ara l-Kaxxa 7 tal-Pilastru fit-taqsim 2.4.1.

2.2 Linja Gwida 6: Insaħħu l-provvista ta' ħaddiema u ntejbu l-aċċess għall-impjiegi, għall-ħiliet u għall-kompetenzi

Din it-taqsima tħares lejn l-implimentazzjoni tal-Linja Gwida 6 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri joħlqu l-kundizzjonijiet biex itejbu l-provvista tax-xogħol, il-ħiliet u l-kompetenzi, f'konformità mal-prinċipji 1 tad-Drittijiet Soċjali (edukazzjoni, taħriġ u taħlim tul il-ħajja), 2 (ugwaljanza bejn is-sessi), 3 (opportunitajiet indaqs), 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 9 (bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata), 11 (kura tat-tfal u appoġġ għat-tfal) u 17 (l-inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru Ewropew. It-Taqsima 2.2.1⁸² tirrapporta dwar l-iżviluppi ewlenin fil-qasam tal-edukazzjoni u tal-ħiliet, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol b'mod partikolari ta' gruppi vulnerabbli u sottorappreżentati. It-Taqsima 2.2.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika meħudin mill-Istati Membri f'dawn l-oqsma ta' politika.

2.2.1 Indikaturi ewlenin

Il-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni u fil-kura bikrija tat-tfal (ECEC) qed tkompli tiżdied, iżda t-tfal minn sfondi żvantaġġati għadhom isibu l-ostakli. Bejn l-2015 u l-2020, il-parteciċipazzjoni medja tal-EU-27 tat-tfal bejn l-età ta' 3 snin u l-età nazzjonali għall-bidu tal-edukazzjoni primarja obligatorja żdiedet minn 92 % għal 93 %, bil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi wrew rati ta' tkabbir baxxi jew tnaqqis żgħir ħafna. Ħames Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, l-Irlanda u Spanja) diġà laħqu l-mira tal-2030 ta' rata ta' parteciċipazzjoni ta' mill-inqas 96 % kif stabbilita fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni⁸³. B'kuntrast għal dan, fil-Greċja (71,3 %), fis-Slovakkja (78,1 %), fir-Rumanija (78,2 %), u fil-Kroazja (78,8 %), ir-rata ta' parteciċipazzjoni għadha taħt it-80 % - ara l-Grafika 2.2.1. Madwar il-pajjiżi tal-UE, ir-rati ta' parteciċipazzjoni tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali huma konsistentement aktar baxxi minn daww tal-pari taħthom. Mill-kriżi tal-2008, il-persentaġġ tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obligatorja għall-iskola f'riskju ta' faqar fl-ECEC żdied b'mod kostanti sal-kriżi tal-COVID-19. Wara l-impatt negattiv sinifikanti tal-pandemija, fl-2021 ir-rata baqgħet taħt il-livelli ta' qabel il-pandemija⁸⁴. Xi gruppi vulnerabbli jesperjenzaw parteciċipazzjoni partikolarment baxxa. Pereżempju, il-parteciċipazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal għadha anqas minn nofs dik tal-popolazzjoni totali (madwar 42-44 %, meta mqabbla ma' mira sal-2030 ta' mill-inqas 70 % stabbilita fil-qafas strateġiku l-ġdid tal-UE dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciċipazzjoni tar-Rom)⁸⁵. Ġie rrapportat ukoll li t-tfal żvantaġġati baww b'mod sproporzjonat minn servizzi magħluqin jew ristretti matul il-pandemija, u dan żied ir-riskju ta' esklużjoni ulterjuri⁸⁶.

⁸² L-analiżi f'din it-taqsima hija bbażata l-aktar fuq il-Monitor tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2022 tal-Kummissjoni Ewropea, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-progress bikri lejn il-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

⁸³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar "il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni", COM(2020) 625 final.


⁸⁴ Molinuevo, D. u Consolini, M., *Analysis of the Child Guarantee National Action Plans. Support for refugees and trends in Member States*, pubblikazzjoni għall-Kumitat għall-impjiegi u Affarijiet Soċjali, id-Dipartiment tal-Politika għall-Politiki Ekonomiċi, Xjentifiċi u dwar il-Kwalità tal-ħajja, il-Parlament Ewropew, 2022.

⁸⁵ Skont l-aħħar riżultati tal-Istħariġ tal-2020-2021 tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar ir-Rom għal BG; CZ; EL; ES; HR; HU; PT; RO; SK - għadu jiġi ppubblikat fil-ħarifa tal-2022. Għal aktar informazzjoni, ara: [EU Roma strategic frame work for equality, inclusion and participation for 2020-2030](#).

⁸⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, *Early childhood education and care and the Covid-19 pandemic - Understanding and managing the impact of the crisis on the sector*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

Grafika 2.2.1: Filwaqt li qed tizzied b'mod ġenerali, il-parteciċipazzjoni fl-ECEC għadha baxxa f'numru ta' Stati Membri

Il-parteciċipazzjoni fl-ECEC tat-tfal bejn 3 snin u l-età għall-bidu tal-edukazzjoni primarja obligatorja (%)




Nota: 2015: id-definizzjoni tvarja għal BE, EL, PT. 2020: id-definizzjoni tvarja għal BE, EL, IE, MT, PT; FR provviżorja; BG, IE stmata; interruzzjoni fis-serje għal BE.

Sors: il-Eurostat, [educ_uae_enra21].

Is-sehem ta' persuni li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (rata ta' ELET) ivarja ħafna, u jindika sfidi għal numru ta' Stati Membri. Bħala medja, madwar l-UE, iż-żgħażaġh ta' 18-24 sena mingħajr livell edukattiv sekondarju għoli milħuq u li ma għadhomx fl-edukazzjoni jew f'taħriġ ammontaw għal 9,7 % tal-gruppi tagħhom fl-2021. F'16-il Stat Membru, ir-rata ta' ELET hija anqas minn 9 % (il-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni għall-2030 għall-UE kollha kemm hi), bl-aqwa prestazzjoni fil-Kroazja (2,4 %), fis-Slovenja (3,1 %), fil-Greċja (3,2 %) u fl-Irlanda (3,3 %), li lkoll huma "bl-aqwa prestazzjoni" skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali – ara l-Grafika 2.2.2. Fis-Slovakkja (7,8 %), filwaqt li r-rata għadha anqas mill-mira tal-UE, hija żdiedet minn bażi baxxa (5,3 %) fl-2012. Sitt Stati Membri juru rati qrib jew oġhla minn 12 % (ir-Rumanija, Spanja, l-Italja, il-Bulgarija, l-Ungerija, u l-Ġermanja). Id-differenzi bejn ir-reġjuni huma evidenti wkoll; b'mod partikolari, f'diversi reġjuni ta' Spanja, tan-Nofsinar tal-Italja, tal-Lvant tal-Bulgarija u tar-Rumanija, tat-Tramuntana u tal-Lvant tal-Ungerija, is-sehem ta' persuni li jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ għadu oġhla minn 15 %. Fil-Lvant tas-Slovakkja, ir-rata kważi rdoppjat matul l-aħħar għaxar snin, u issa hija qrib il-15 % (14,4 % minn 7,9 % fl-2012) (ara l-Anness 3). B'distakk relattivament kbir ta' 3,5 pp, il-ġuvintur (11,4 %) spiss jitolqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ min-nisa (7,9 %).

Grafika 2.2.2: It-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ ivarja sostanzjalment madwar l-Istati Membri u għadu sfida

Il-persuni li jtitlqu kmieni mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (18-24 sena), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-[dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju għid għall-Istatistika Soċjali Ewropea](#). Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

Sors: il-Eurostat [edat Ifse 14], l-LFS tal-UE.

It-tluq bikri mill-iskola huwa partikolarment prevalenti fost l-istudenti Rom, li ħafna drabi jkun marbut mas-segregazzjoni fl-iskejjel. Fil-pajjiżi tal-UE mistħarrġin mill-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fl-2020-2021, bħala medja, 71 % tar-Rom ta' bejn it-18 u l-24 sena telqu mis-sistema edukattiva qabel ma laħqu l-livell sekondarju tat-tieni livell u mhumiex f'edukazzjoni jew f'taħriġ ulterjuri. Fil-Greċja u fil-Portugall, pereżempju, ġew irreġistrati l-aktar ċifri baxxi, u fost l-istudenti Rom ta' 20-24 sena, 16 % u 10 % rispettivament biss lestew tal-anqas edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell.⁸⁷ Il-qafas strateġiku l-għdid tal-UE dwar ir-Rom, li tnedja mill-Kummissjoni Ewropea f'Ottubru 2020, jirrikjedi li dan id-distakk bejn il-popolazzjoni ġenerali u r-Rom jitnaqqas b'tal-anqas terz sal-2030. Jistieden ukoll lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi biex jeliminaw is-segregazzjoni edukattiva, filwaqt li jiżguraw li sal-2030 anqas minn wieħed minn kull haġest itfal Rom (grupp ta' età ta' 6 sa 15-il sena) jattendu skejjel li fihom il-biċċa l-kbira tat-tfal jew it-tfal kollha jkunu Rom, meta mqabblin ma' aktar min-nofs affettwati bħalissa (bl-oġhla livelli ta' kważi żewġ terzi f'pajjiżi bħall-Bulgarija u s-Slovakkja). S'issa, mill-2016, is-sehem tat-tfal fl-edukazzjoni segregata żdied b'medja ta' 10 %. Fl-2021, is-segregazzjoni fl-iskejjel tal-istudenti Rom kienet l-aktar prevalenti fil-Bulgarija, fis-Slovakkja, fil-Kroazja, u fir-

⁸⁷ Ara l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, [Roma in 10 European Countries – Main results](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

Rumanija fejn il-magħġoranza, u fil-każ tal-ewwel żewġ Stati Membri kważi żewġ terzi, tat-tfal ta' 6-15-il sena kienu jattendu skola li fiha t-tfal tal-iskola l-oħrajn kollha jew il-biċċa l-kbira tagħhom kienu Rom.⁸⁸


Kaxxa 3 tal-Pilastru: Indirizzar tat-tluq bikri mill-iskola

L-indirizzar effettiv tat-tluq bikri mill-iskola hu kruċjali biex jiġu żgurati prospetti aħjar ta' impjeg għaż-żgħażaġh tul ħajjithom u biex tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva tagħhom fis-soċjetà, f'konformità mal-prinċipji 1 (edukazzjoni, taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja), 3 (opportunitajiet indaqs) u 11 (indukrar tat-tfal u sostenn għat-tfal) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għalhekk, it-tnaqis tat-tluq bikri mill-iskola huwa prijorità politika ewlenija u bħala tali huwa enfazzat fir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) kif ukoll fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. Huwa inkluż ukoll fost l-għanijiet komplementari tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Ix-xejra fit-tluq bikri mill-iskola qed titjeb b'mod ġenerali fil-livell tal-UE, biex tkompli tonqos hemm bżonn qabelxejn tingħata attenzjoni lill-aktar gruppi żvantaġġati u l-aktar diffiċli li jintlaħqu. Żewġ gruppi ta' żgħażaġh (dawk b'ġenituri b'livell baxx ta' edukazzjoni u studenti li twieldu barra mill-pajjiż) jistħoq qilhom attenzjoni speċifika mill-politika. Ir-riskju ta' tluq bikri mill-iskola huwa disa' darbiet ogħla fost iż-żgħażaġh b'ġenituri b'livell baxx ta' edukazzjoni (26,1 %) meta mqabblin ma' dawk b'ġenituri b'livell għoli ta' edukazzjoni (2,9 %). Barra minn hekk, ir-rati medji tat-tluq bikri mill-iskola huma aktar mid-doppju fost l-istudenti mweldin barra mill-pajjiż milli fost dawk nattivu (21,5 % vs 8,5 %). Fil-pajjiżi kollha fejn hija disponibbli diżaggregazzjoni bejn persuni mweldin f'pajjiż ieħor tal-UE u persuni mweldin barra mill-UE, iż-żewġ gruppi huma ferm aktar affettwati mit-tluq bikri mill-iskola meta mqabblin man-nattivu – ara l-Grafika ta' hawn taht⁸⁹.

Persuni li twieldu barra mill-UE jew fi Stat Membru ieħor tal-UE huma ferm aktar probabbli li jtilqu mill-edukazzjoni kmieni min-nattivu

Rati ta' tluq bikri mill-iskola skont il-pajjiż tat-twelid f'pajjiżi partikolari, (% , 2021)



⁸⁸ *Ibid.*

⁸⁹ In-numru ta' snin mill-wasla hu fattur determinanti ċar ta' dan l-żvantaġġ. Ir-rati ta' ELET fost dawk li waslu fil-pajjiż tar-rapportar qabel il-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja nstabu li huma simili għal dawk tal-popolazzjoni nattivu. Għalhekk jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh li jaslu fil-pajjiż tar-rapportar matul – u b'mod partikolari lejn tmiem – l-età obbligatorja għall-iskola. Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Education and Training Monitor*, 2022, pubblikazzjoni pendenti, ibbażata fuq l-estrazzjoni ta' data ad hoc mill-Eurostat.

Nota: Imweldin f'pajjiż ieħor tal-UE: affidabilità baxxa għal BE, CY, CZ, FR. Imweldin barra mill-UE: affidabilità baxxa għal CZ u LU. Numru limitat biss ta' Stati Membri, inkluż minħabba nuqqas ta' *data* disponibbli.

Sors: il-Eurostat [[edat_lfse_02](#)], I-LFS tal-UE

Id-diżimpenn mill-edukazzjoni matul il-pandemija tal-COVID-19 jista' jaffettwa r-rati tat-tluq bikri mill-iskola. Peress li l-indikatur tat-tluq bikri mill-iskola jkopri persuni ta' 18 sa 24 sena, kwalunkwe żieda fis-sehem taż-żgħażaġh li jkunu telqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien matul il-COVID-19 se tieħu ż-żmien qabel ma tiġi riflessa bis-sħiħ fid-*data*. Madankollu, il-miżuri ta' għeluq tal-iskejjel u ta' konfinament fiżiċi xeħtu pressjoni qawwija fuq it-tfal u fuq is-saħħa mentali taż-żgħażaġh u fuq il-benesseri tagħhom. Dan għandu t-tendenza li jkun assoċjat b'mod qawwi mal-eżiti edukattivi, bis-sistemi edukattivi li mhux dejjem setgħu jipprovdu s-sostenn xieraq fil-kuntest kritiku.⁹⁰

L-oġġettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola tat-30 ta' Ġunju 2022⁹¹ huma li jiġi indirizzat t-tluq bikri mill-iskola u jonqos in-nuqqas ta' kisbiet fil-ħiliet bażiċi. Il-proposta għandha l-għan li tippromwovi eżiti edukattivi aħjar u ambjent tal-iskola inklużiv għall-istudenti kollha, filwaqt li tqis ir-rwol importanti tal-benesseri fl-iskola⁹². Meta mqabbla mar-Rakkomandazzjoni tal-2011 dwar it-tluq bikri mill-iskola⁹³, hija tadotta perspettiva usa' u aktar sistemika, b'qafas imġedded għall-azzjoni. Titlob lill-Istati Membri jiżviluppaw jew ikomplu jsaħħu, sal-2025, strateġija integrata u komprensiva lejn is-suċċess fl-iskejjel, ibbażata fuq l-evidenza u b'enfasi qawwija fuq il-prevenzjoni. Din hija ta' importanza partikolari fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja, peress li t-tluq bikri mill-iskola jċaħħad ukoll liż-żgħażaġh mill-possibbiltà li jadattaw u jiżviluppaw il-ħiliet neċessarji għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi, li jiżguraw li kulħadd jirnexxi fid-dinja tax-xogħol il-ġdida. Ir-Rakkomandazzjoni tenfasizza l-importanza li l-miżuri li jindirizzaw lill-istudenti kollha jiġu kkombinati ma' azzjonijiet aktar immirati u individwalizzati għal dawk li jinsabu f'riskju akbar. Titlob l-iżvilupp ta' miżuri fil-livell tas-sistemi biex jittejjbu l-ekwità u l-inklużjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, inkluż billi jiġu indirizzati l-istrutturi u l-mekkaniżmi, li jista' jkollhom impatt partikolarment detrimental fuq l-inugwaljanzi. Peress li l-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel huma ċentrali għas-suċċess edukattiv, it-tnejn jiġu u l-appoġġ adegwati tagħhom biex jaħdmu mal-istudenti f'riskju huma essenzjali.

Xi Stati Membri kisbu progress konsiderevoli fit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola bejn l-2011 u l-2021⁹⁴. Pereżempju, f'**Malta**, ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola naqset minn 18,8 % għal 11 % sal-2020 u laħqet l-10,7 % fl-2021. It-tisħiħ tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali u t-tnejn ta' programmi tat-tieni opportunità kkontribwew għal dan ir-riżultat, fost fatturi oħrajn. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Malta** qed tippjana li tintroduċi sistema ta'

⁹⁰ Għal aktar informazzjoni dwar approċċ ta' skejjel sħaħ għas-saħħa u għall-benesseri mentali, ara Il-Kummissjoni Ewropea, Simões, C., Caravita, S., Cefai, C., *A systemic, whole-school approach to mental health and well-being in schools in the EU: Analytical report*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

⁹¹ Ara: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2022:316:FIN>

⁹² L-eżiti edukattivi, f'termini ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet żviluppatti tul is-snin skolastiċi, tradizzjonalment jitkejlu f'termini ta' "kisbiet edukattivi" (li jirreferu għall-progress fit-tagħlim tal-istudenti u l-litteriżmu funzjonali attwali tagħhom, bħall-qari, il-kitba, in-numeriżmu u l-ħiliet xjentifiċi) u ta' "kisbiet edukattivi" (jiġifieri t-tlestija b'suċċess ta' livelli edukattivi speċifiċi, pereżempju, l-edukazzjoni primarja, sekondarja tal-ewwel jew tat-tieni livell).

⁹³ Ara: *ĠU C 191, 1.7.2011, p. 1-6.*

⁹⁴ It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

traċċar tal-persuni li jitolqu kmieni mill-iskola, il-proġett Data Warehouse, biex tkompli tiġġieled it-tluq bikri mill-iskola. Ir-rata tat-tluq bikri mill-iskola naqset bin-nofs fil-**Greċja** (tnaqqis għal 3,8 % fl-2020, u għal 3,2 % fl-2021, minn 12,9 % fl-2011). Il-pajjiż iffoka l-politiki tiegħu fuq l-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet bejn diversi perkorsi tat-tagħlim, is-sostenn maħsub għal dawk li jitolqu kmieni mill-iskola, gwida għall-karrieri, u programmi tat-tieni opportunità. **Spanja** u l-**Portugall** ukoll imexxielhom inaqqsu t-tluq bikri mill-iskola (minn 26,3 % għal 16 % u minn 23,0 % għal 8,9 %, rispettivament, mill-2015 sal-2020, b'valur ta' 13,3 % u ta' 5,9 % fl-2021, rispettivament) b'enfasi primarjament fuq approċċi territorjali. Fil-Portugall, il-Programm dwar it-Territorji Edukattivi ta' Intervent ta' Prijorità (Territórios Educativos de Intervenção Prioritária, TEIP), implimentat mill-1996, kien immirat lejn skejjel li jinsabu f'żoni b'livelli għoljin ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali. Mill-2016, il-Programm Nazzjonali għall-Promozzjoni tas-Suċċess fl-Iskejjel (Programa Nacional de Promoção do Sucesso Escolar, PNPS) għandu l-għan li jipprevjeni l-falliment fl-iskola billi jnaqqas ir-ripetizzjoni tas-sena permezz ta' approċċi minn isfel għal fuq, li bih kull skola tista' timplimenta l-pjan ta' azzjoni strateġiku tagħha stess. Fi Spanja, is-suċċess huwa marbut mal-implimentazzjoni ta' programmi ta' kooperazzjoni territorjali bħall-PROA+ (sostnuti mill-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza) u l-predeċessuri tiegħu (PROEDUCAR, PROA). Madankollu, minkejja x-xejriet pożittivi ġenerali, għad hemm disparitajiet reġionali sinifikanti fiż-żewġ pajjiżi.

Id-differenzi soċjoekonomiċi jkomplu joħlqu inugwaljanza fl-eżiti tat-tagħlim. In-nuqqas ta' kisbiet fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza huwa indirizzat mill-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudjanti (PISA, li l-aktar ċiklu riċenti għalih sar fl-2018)⁹⁵. Madwar l-UE, l-ishma tat-tfal ta' 15-il sena li ma jilhqax l-istandards minimi tat-tagħlim fil-qari (22,5 %), fil-matematika (22,9 %) u fix-xjenza (22,3 %) huma lkoll ferm agħar mill-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2030 ta' anqas minn 15 %. Id-distakk bejn in-nuqqas ta' kisbiet (fit-tliet oqsma kollha ta' PISA f'daqqa) tal-istudenti bi sfondi żvantaġġati u dawk bi sfondi soċjoekonomiċi agħar hu 19,3-il pp, u jaqbeż il-35 pp fir-Rumanija (39 pp) u fil-Bulgarija (38,3 pp) – ara l-Grafika 2.2.3⁹⁶. Fl-Estonja u fil-Finlandja biss (fost dawk bl-aqwa prestazzjoni ta' PISA), id-distakk soċjoekonomiku bejn in-nuqqas ta' kisbiet hu anqas minn 10 pp (5,1 u 9,9, rispettivament). L-istudji nazzjonali juru varjazzjoni kbira fl-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-eżiti tat-tagħlim. Dawn jirriflettu d-differenzi fil-firxa tal-għeluq fiżiku tal-iskejjel, il-modi tat-tagħlim mill-bogħod jew ibridu adottati, it-tlestija biex wieħed jibda t-tagħlim online, u t-tip, l-ambitu u l-waqt opportun tal-miżuri adottati biex jittaffa t-telf tat-tagħlim. Ir-riċerka eżistenti tissuġġerixxi li meta jseħħ it-telf tat-tagħlim, normalment dan jaggrava l-inugwaljanzi edukattivi kkawżati minn lakuni soċjoekonomiċi preeżistenti. Instab li ġeneralment, l-istudenti minn sfondi familjari żvantaġġati jġarrbu telf akbar tat-tagħlim⁹⁷. Min-naħa l-oħra, fost l-istudenti li jkollhom

⁹⁵ PISA normalment issir kull tliet snin. Il-ġbir tad-data li jmiss ġie ttardjat għall-2022 minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Ir-riżultati se jinħarġu sa tmiem l-2023.


⁹⁶ L-istatus soċjoekonomiku huwa kopert mill-indiċi tal-OECD għall-istatus ekonomiku, soċjali u kulturali (ESCS), li jqabbel l-aktar trimestri baxxi u l-ogħla trimestri tiegħu. Dan l-indiċi stabbilit tajjeb huwa kejl tal-aċċess tal-istudenti għar-riżorsi tal-familja (kapital finanzjarju, soċjali, kulturali u uman). Jinkludi elementi bħal-livell tal-edukazzjoni tal-ġenituri, l-istatus okkupazzjonali tal-ġenituri u d-diversi proprjetajiet li għandhom.

⁹⁷ Ara Dorn, E. et al. (2020). *Il-COVID-19 u t-telf tat-tagħlim — jikbru d-distakki u l-istudenti jeħtieġu l-ghajjnuna*. McKinsey & Company, Diċembru, 8, 6-7, u Dorn, E. et al. (2021). *COVID-19 u l-edukazzjoni: l-effetti dejjiema ta' tagħlim mhux komplut*. McKinsey & Company, 27.

ambjent tajjeb tat-tagħlim, li jinkludi l-aċċess għall-internet, spazju fiżiku u s-sostenn tal-ġenituri, ġie rrapportat biss telf żgħir tat-tagħlim⁹⁸.

Grafika 2.2.3: L-isfond soċjoekonomiku huwa fattur determinanti importanti tal-livell edukattiv miksub, b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri

Ir-rata kombinata tan-nuqqas ta' kisbiet fil-qari, fil-matematika u fix-xjenza skont l-istatus soċjoekonomiku (% , 2018)



Sors: Kalkoli tal-JRC ibbażati fuq [id-data tal-PISA 2018 tal-OECD](#).

L-evidenza disponibbli tindika livell ta' ħilet diġitali li għadu insuffiċjenti fost l-istudenti. Il-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2030 għall-ħilet diġitali tirrikjedi li s-sehem ta' studenti tat-tmien grad (13 jew 14-il sena) bi progress insuffiċjenti fil-litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni jkun anqas minn 15 %. L-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni (ICILS)⁹⁹ juri li, fost il-pajjiżi parteċipanti, ħafna studenti għadhom mhumiex mgħammrin b'livell adegwat ta' ħilet diġitali (ara wkoll il-JER 2022). L-ICILS turi evidenza ta' differenza bejn il-ġeneri favur il-bniet fil-prestazzjoni medja, b'sehem ogħla ta' subien b'nuqqas ta' kisbiet – ara l-Grafika 2.2.4. L-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti għadu bassar importanti tal-livell ta' ħilet diġitali tagħhom. Il-pandemija tal-COVID-19 aċċellerat it-tranżizzjoni diġitali, iżda enfasizzat ukoll id-diskrepanzi fil-ħilet diġitali li kienu jeżistu minn qabel u kixfet inugwaljanzi emerġenti ġodda fl-UE. Status soċjoekonomiku aktar baxx aktarx li jaggrava d-defiċits fit-tagħlim minħabba riżorsi diġitali limitati. It-tfal migranti u spostati, speċjalment ir-refuġjati u l-applikanti għall-ażil, kienu aktar vulnerabbli għal tfixkil edukattiv meta kellhom aċċess limitat għar-riżorsi neċessarji għat-tagħlim online¹⁰⁰. Barra minn hekk, l-iskarsezzi tal-għalliema fil-livelli edukattivi kollha qed jhedded dejjem aktar l-attrezzar taż-żgħażaġh u tal-istudenti bl-aktar ħilet imfittxija bħalissa u fil-futur fis-swieq tax-xogħol li dejjem jinbidlu.


⁹⁸ Ara Agostinelli, F. et al., *When the great equalizer shuts down: Schools, peers, and parents in pandemic times*, Fi: *Journal of public economics*, 206, 2022, u Andrew, A. et al., *Learning during the lockdown: real-time data on children's experiences during home learning*, IFS Briefing Note BN288, 2020

⁹⁹ L-ICILS ikejje l-kisba tal-istudenti permezz ta' valutazzjoni bbażata fuq il-kompjuter f'żewġ oqsma ta' kompetenzi diġitali: il-litteriżmu tal-kompjuter u tal-informazzjoni u l-ħsieb komputazzjonali. S'issa tlestew żewġ ċikli, l-ewwel wieħed fl-2013 u t-tieni wieħed fl-2018. It-tielet ċiklu huwa skedat għall-2023. Disa' Stati Membri ħadu sehem fl-ewwel ċiklu u sebgħa fit-tieni ċiklu.

¹⁰⁰ Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

Grafika 2.2.4: Ħafna studenti ma jilhqax livell suffiċjenti ta' ħiliet diġitali

Nuqqas ta' kisbiet fil-ħiliet diġitali skont il-ġeneru (% , 2018)



Nota: In-nuqqas ta' kisbiet hu definit bħala prestazzjoni inqas minn 2 (492 punt) fl-iskala tal-litteriżmu tal-kompjuter u tal-informazzjoni tal-ICILS. Ir-riżultati mill-Italja mhumiex komparabbli ma' dawg ta' Stati Membri oħrajn u ġew esklużi miċ-ċifra.

Sors: IEA, ICILS 2018.

Il-parteciċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ vokazzjonali (VET) twassal għal eżiti pożittivi fis-suq tax-xogħol; madankollu, ir-rati tal-impjeg fost il-gradwati riċenti tal-VET għadhom ma rkuprawx għalkollox mit-tnaqqis relatat mal-COVID-19. Madwar nofs l-istudenti fl-edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell (48,7 % fl-2020 fl-UE, li jikkorrispondu għal aktar minn 8,7 miljun student) huma rreġistrati fil-VET (għall-kuntrarju ta' programmi b'orjentazzjoni ġenerali), għalkemm b'differenzi kbar bejn l-Istati Membri. Bejn l-2014 u l-2019, ir-rata tal-impjeg fost il-gradwati riċenti tal-VET ta' livell medju fl-EU-27 kienet żdiedet minn 72,3 % għal 79,1 %, u b'hekk għamlet progress lejn il-mira ta' 82 % sal-2025¹⁰¹. Il-feġġa tal-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat tnaqqis għal 75,7 % fl-2020, li kien segwit minn irkupru parzjali għal 76,4 % fl-2021 (76,4 %)¹⁰². Filwaqt li kważi l-Istati Membri kollha raw tnaqqis bejn l-2019 u l-2020 (ħlief għal-Latvja u għar-Rumanija), ix-xejriet huma aktar diversi fis-sena sussegwenti¹⁰³. Il-maġġoranza tal-gradwati fil-VET ibbenefikaw minn tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol (fl-2021, il-medja tal-UE kienet ta' 61 %, iżjed mill-mira ta' 60 % sal-2025¹⁰⁴), iżda b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Filwaqt li f'xi pajjiżi (inkluż il-Ġermanja, Spanja, l-Awstrija u n-Netherlands) aktar minn 90 % tal-gradwati bbenefikaw minn tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, ir-rata kienet anqas minn 20 % fil-bqija bħar-Rumanija, il-Greċja, u l-Polonja.

Minkejja ż-żidiet kostanti riċenti fil-livell tal-edukazzjoni terzjarja milħuq, hemm disparitajiet persistenti fil-livell tal-ġeneri u dak soċjali. Wara żieda kostanti minn 36,5 % fl-2015 għal 40,5 % fl-2020 għall-EU-27, ir-rata tal-livell tal-edukazzjoni terzjarja milħuq (TEA) ta' dawg bejn 25 u 34 sena laħqet il-41,2 % fl-UE fl-2021. Bħalissa, 13-il Stat Membru jaqbz u l-mira taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2030 ta' 45 %, bil-

¹⁰¹ Il-mira stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza 2020/C 417/01 It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar l-IESS.


¹⁰² Ara Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

¹⁰³ Il-mira stabbilita fir-Rakkomandazzjoni tal-2020 dwar il-VET, kif ukoll il-Qafas Strateġiku taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

Lussemburgu (62,6 %), bl-Irlanda (61,7 %), b'Ċipru (58,3 %), bil-Litwanja (57,5 %) u bin-Netherlands (55,6 %) bl-aqwa prestazzjoni – ara l-Grafika 2.2.5. B'kuntrast għal dan, żewġ Stati Membri (ir-Rumanija u l-Italja) għadhom taħt it-30 %. Il-livell edukattiv terzjarju milħuq huwa oġġla b'mod sinifikanti fost in-nisa milli għall-irġiel fil-grupp ta' età ta' 25-34 sena (46,8 % vs 35,7 % fl-2021 fl-UE). Dan id-distakk ilu jikber matul l-aħħar żewġ deċennji u issa huwa sostanzjali fl-Istati Membri kollha. Barra minn hekk, ir-rata hija ġeneralment aktar baxxa għan-nies li twieldu barra mill-UE (34,7 %) meta mqabbla man-nattivi (42,1 %) u man-nies li twieldu f'pajjiż ieħor tal-UE (40,7 %). It-tnaqqis ta' dawn il-lakuni huwa neċessarju biex tintlaħaq il-mira fil-livell tal-UE sal-2030. Dan se jirrikjedi bidliet istituzzjonali fil-livell terzjarju biex jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali, akkumpanjati minn interventi f'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi.

Grafika 2.2.5: Minkejja żieda ġenerali, il-livell tal-edukazzjoni terzjarja miksub juri varjazzjoni sostanzjali fost l-Istati Membri

Rata ta' livell tal-edukazzjoni terzjarja miksub, grupp ta' età 25-34 (% , 2021)



Sors: il-Eurostat [edat lfse 30], I-LFS.

Sabiex tibqa' kompetittiva, tippromwovi impjiegi ta' kwalità u tissalvagwardja l-mudell soċjali tagħha, l-Ewropa jeħtieġ li tiżviluppa ulterjorment il-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħha, inkluż b'sostenn tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. It-trasformazzjoni diġitali u l-bidla lejn soċjetà newtrali għall-klima qed ibiddlu d-domanda għall-ħiliet. Din ix-xejra kibret bil-qawwa minħabba l-pandemija tal-COVID-19, is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali u t-tranżizzjoni lejn l-enerġija nadifa, bi skarsezzi emerġenti importanti tal-ħaddiema u tal-ħiliet. Sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali li jiffunzjonaw tajjeb u effettivi huma kruċjali biex iż-żgħażaġh jiksbu l-ħiliet rilevanti għas-suq tax-xogħol; filwaqt li parteċipazzjoni qawwija tal-forza tax-xogħol eżistenti fl-attivitajiet tat-tagħlim għandha importanza kbira biex ikun żgurat aġġornament kostanti tal-ħiliet. Il-mira ewlenija tal-UE għall-2030 dwar it-tagħlim tal-adulti teżiġi li sal-2030, kull sena, fl-UE, tal-anqas 60 % tal-adulti jieħdu sehem fit-tagħlim. Il-mira, u l-miri nazzjonali relatati, huma ddefiniti f'termini ta' parteċipazzjoni matul l-aħħar 12-il xahar (minbarra taħriġ iggwidat fuq ix-xogħol), biex jirriflettu aħjar ir-realtà ta' taħriġ kontinwu, fil-biċċa l-kbira pprovdut permezz ta' korsijiet qosra u mmirati. Filwaqt li dan l-indikatur se jinġabar regolarment permezz tal-Istħariġ dwar il-Forza tax-Xogħol mill-2023 'il quddiem, l-aħħar data disponibbli mill-Istħariġ dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti (AES) tal-2016 tindika rata medja ta' parteċipazzjoni ta' 37,4 % għall-UE, ferm anqas mill-mira tal-2030 – ara t-taqsimu 1.3. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kontinuità individwali tat-tagħlim mis-16 ta' Ġunju 2022 tiddekrivi kif l-Istati Membri jistgħu jżewġu s-sostenn finanzjarju u nonfinanzjarju b'mod effettiv biex jagħtu s-setgħa lill-adulti kollha ħalli jiżviluppaw il-ħiliet tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, u jagħmlu progress fil-miri tat-tagħlim

tal-adulti fid-deċennju li ġej¹⁰⁵. Il-mikrokredenzjali għandhom potenzjal soċjali u ekonomiku enormi biex joffru titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid malajr u mmirati għall-ħaddiema, għall-istudenti, u għal dawk li qed ifittxu impjeg. Biex jiġu żgurati l-kwalità, ir-rikonossiment u l-fehim tal-mikrokredenzjali li qed jintużaw dejjem aktar fis-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għal taħlim tul il-ħajja u impjegabbiltà tas-16 ta' Ġunju 2022 għandha l-għan li tiżgura l-kwalità, ir-rikonossiment u l-fehim tal-mikrokredenzjali li qed jintużaw dejjem aktar fis-sistemi kollha tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol.¹⁰⁶

Fl-Istati Membri kollha, il-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim hija l-ogħla fost dawk b'livell għoli ta' edukazzjoni u tonqos ma' livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni – huma rrapportati wkoll differenzi importanti bejn iż-żoni urbani u rurali. Dan hu validu indipendentement minn jekk il-parteciċipazzjoni fit-tagħlim titkejjilx fl-aħħar 12-il xahar jew fl-aħħar 4 ġimgħat biss¹⁰⁷. Fl-2021 (abbażi tal-indikatur ta' erba' ġimgħat), ir-rata medja ta' parteciċipazzjoni tal-UE għal dawk b'livell baxx ta' kwalifiki (4,3 %) kienet madwar nofs ir-rata għall-persuni b'livell medju ta' kwalifiki (8,2 %), li min-naħa tagħha kienet anqas minn nofs dik tal-persuni bi kwalifika terzjarja (18,6 %) – ara l-faxxa ta' fuq tal-Grafika 2.2.6. Din ix-xejra hija viżibbli fil-pajjiżi kollha, b'xi varjazzjonijiet fid-differenzi, li għandhom it-tendenza li jonqsu f'pajjiżi b'rata ta' parteciċipazzjoni ġenerali ogħla. Id-differenzi huma kemxejn aktar baxxi iżda għandhom kbar bl-indikatur ta' 12-il xahar: fl-2016, ir-rata tal-parteciċipazzjoni għal dawk b'livell baxx ta' kwalifiki (17,9 %) kienet anqas minn terz tar-rata għall-persuni bi kwalifika terzjarja, li bi 58,1 % diġà kienet qrib il-mira tal-2030 ta' 60 % – ara l-faxxa t'isfel tal-Grafika 2.2.6. Huma neċessarji sforzi sostnuti biex tizzied il-parteciċipazzjoni fit-taħriġ ta' adulti b'livell baxx ta' kwalifiki, li fl-2021 kienu jikkostitwixxu madwar wieħed minn kull ħames persuni (20,7 %) fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (25 sa 64 sena), kif ukoll sehem sinifikanti (14,8 %) ta' adulti zgħażaġh (25 sa 34 sena). It-tiżiħ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, b'ħidma effettiva biex jintlaħqu l-benefiċjarji potenzjali u b'inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji xierqa, ikun kontribut biex jintlaħaq dan l-għan. Il-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim hi wkoll aktar frekwenti fiż-żoni urbani milli fiż-żoni rurali fl-Istati Membri kollha. Fl-2021, ir-rata tal-UE tal-parteciċipazzjoni tal-adulti fit-taħriġ (kif imkejla mill-indikatur ta' erba' ġimgħat) kienet b'ħala medja ta' 13,6 % fil-bliet, ta' 9,8 % fil-bliet u ta' 7,8 % fiż-żoni rurali. Dan jista' jkun relatat mal-livelli edukattivi milħuqin, għax hu aktar probabbli li n-nies bi kwalifiki aħjar ikunu jgħixu fiż-żoni urbani, iżda jista' jirrifletti wkoll il-livell aktar baxx ta' opportunitajiet disponibbli tat-tagħlim fiż-żoni b'popolazzjoni anqas densa.


¹⁰⁵ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar il-kontijiet individwali tat-tagħlim.

¹⁰⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għal taħlim tul il-ħajja u impjegabbiltà.

¹⁰⁷ L-indikatur li jħares lejn il-parteciċipazzjoni matul l-aħħar erba' ġimgħat huwa disponibbli fuq bażi regolari. il-Eurostat, [edat_lfse_03], l-LFS. It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

Grafika 2.2.6: Ftit huma l-adulti b'livell baxx ta' kwalifiki li jipparteċipaw fit-tagħlim

Il-parteeċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim skont il-livell edukattiv milħuq (b'livell baxx, medju u għoli ta' kwalifiki) fl-aħħar erba' ġimgħat (2021, il-faxxa ta' fuq, %) u fl-aħħar 12-il xahar (2016, il-faxxa ta' isfel, %)



Nota: Ma hemmx data tal-2016 għall-persuni b'livell baxx ta' kwalifiki għall-Bulgarija, għal-Litwanja, għar-Rumanija u għas-Slovakkja disponibbli.

Sors: il-Eurostat [[trng_lfs_03](#)], I-LFS u [[estrazzjoni speċjali](#)], I-AES.

Hija meħtieġa azzjoni politika biex in-nies jiġu attrezzati bil-ħiliet li jeħtieġu għat-tranżizzjoni diġitali. Fl-2021, skont l-Indiċi tal-Ekonomija u tas-Soċjetà Diġitali 2022, 54 % biss tal-popolazzjoni adulta tal-UE kellha tal-anqas ħiliet diġitali bażiċi. Għalhekk, hemm distakk imdaqqas mal-għan tal-2030 ta' 80 %, kif definit fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-Kumpass Diġitali tad-Deċennju Diġitali¹⁰⁸. Abbażi tal-Indikatur tal-Ħiliet Diġitali 2.0 (DSI)¹⁰⁹ (ibbażat fuq attivitajiet partikolari relatati mal-użu tal-internet u tas-software li individwi ta' 16-74 sena jagħmlu f'ħames oqsma speċifiċi), hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri f'termini ta' prestazzjoni. Dawk bl-aqwa prestazzjoni (in-Netherlands, il-Finlandja, l-Irlanda u d-Danimarka) diġà jilhqqu livelli qrib it-80 %, filwaqt li fir-Rumanija u fil-Bulgarija anqas minn terz tal-popolazzjoni adulta għandha ħiliet diġitali bażiċi u huma mmarkati fit-Tabella ta' Valutazzjoni, flimkien mal-Polonja, bħala "sitwazzjonijiet kritiċi" – ara l-Grafika 2.2.7. Bħala medja, il-ġenerazzjonijiet iżgħar huma aktar kapaċi jużaw it-teknoloġiji diġitali minn adulti akbar fl-età. Xorta waħda, anke fost iż-żgħażaġh, hemm sehem sostanzjali li ma għandhomx ħiliet diġitali (29 % għall-UE fl-2021). Dawk b'livell edukattiv milħuq baxx, il-persuni qiegħda u l-persuni barra mill-forza tax-xogħol għandhom it-tendenza li jkollhom livelli aktar baxxi ta' ħiliet diġitali u anqas opportunitajiet biex jiżviluppaw dawn il-ħiliet¹¹⁰.


¹⁰⁸ Id-Deċennju Diġitali huwa l-viżjoni strateġika li tħares 'il quddiem tal-Kummissjoni Ewropea għall-iżvilupp tal-ekonomija diġitali u għat-trasformazzjoni tan-negozji Ewropej sal-2030. Il-pjan ġie ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'Marzu 2021. Minbarra l-mira dwar il-ħiliet diġitali, huwa stabbilixxa mira ta' 20 miljun professjonista tal-ICT sal-2030 (żieda minn madwar 9 miljun fl-2021).

¹⁰⁹ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Digital Skills Indicator 2.0 Methodology*, 2022, Ir-repożitorju tad-dokumenti tal-JRC

¹¹⁰ Ara Centeno, C., Karpinski, Z. and Urzi Brancati, M.C., *Supporting policies addressing the digital skills gap*, 2022, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Grafika 2.2.7: Fil-ħiliet diġitali tal-adulti huma osservati differenzi kbar bejn il-pajjiżi

Is-sehem tal-popolazzjoni b'ħiliet diġitali ġenerali bażiċi jew ogħla (16-74 sena), il-livelli tal-2021 u bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Minħabba bidliet sostanzjali fid-definizzjoni tal-indikatur fl-2021, b'mod eċċezzjonali jintużaw biss livelli fil-valutazzjoni ta' dan l-indikatur.

Sors: il-Eurostat, il-kodiċi tad-*data* online [[tepsr_sp410](#)].

Skont l-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kienet qed tappoġġa lill-Istati Membri biex jaslu għal fehim komuni tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika. F'Jannar 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat klassifikazzjoni tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika fil-Klassifikazzjoni Ewropea ta' Ħiliet, Kompetenzi, Kwalifiki u Impjiegi (ESCO)¹¹¹. Il-klassifikazzjoni tinkludi 381 ħila, 185 kunċett ta' għarfien u 5 ħiliet trażversali meqjusin l-aktar rilevanti għal suq tax-xogħol aktar ekoloġiku. Eżempji ta' "ħiliet ekoloġiċi" jinkludu kif jitwettqu awditi tal-enerġija, titkejjel is-sostenibbiltà tal-attivitajiet tat-turiżmu, kif ukoll kif jitħarreġ il-persunal dwar il-programmi ta' riċiklaġġ. Fil-bidu tal-2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat ukoll il-qafas Ewropew ta' kompetenza dwar is-sostenibbiltà ("GreenComp"), li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kompetenzi aktar trażversali li ċ-ċittadini jeħtieġu biex jgħixu u jaħdmu f'soċjetà aktar ekoloġika¹¹². GreenComp jinkludi erba' oqsma ta' kompetenza interrelatati: "l-inkorporazzjoni tal-valuri tas-sostenibbiltà", "it-tħaddin tal-kumplessità fis-sostenibbiltà", "il-previżjoni ta' futur sostenibbli" u "l-azzjoni għas-sostenibbiltà". Flimkien, il-klassifikazzjoni tal-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-GreenComp jipprovdu orjentazzjoni għas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ dwar kif wieħed għandu jadatta għat-tranżizzjoni ekoloġika.


Is-sitwazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol tjiġbet wara l-kriżi tal-COVID-19 iżda għadha partikolarment diffiċli f'xi Stati Membri. Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (15-24) fl-UE rpiljat lura mill-ogħla livell ta' 19,1 % fi Q3-2020 u issa tinsab taħt il-livell li kellha qabel il-kriżi (14,4 % fi Q2-2022 vs 15,3 % fi Q4-2019). B'mod partikolari, mill-quċċata tagħha fi Q3-2020, din naqset b'aktar minn 11-il pp fil-Litwanja u fi Spanja, u kważi 10 pp fil-Lussemburgu, fil-Portugall, fl-Irlanda u fl-Italja, filwaqt li baqgħet tiżdied biss fil-Finlandja (+2,1 pp), fl-Iżvezja (+4,2 pp) u fl-Estonja (+0,1 pp). Madankollu, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh għadha kważi tliet darbiet dik tal-popolazzjoni ġenerali ta' 25-74 sena, li kienet ta' 5,2 % fi Q2-2022. Għadha partikolarment għolja fir-Rumanija, fl-Estonja, fl-Italja, fl-Iżvezja, fi Spanja, u fil-Greċja, li lkoll irregiſtraw rati ogħla minn 20 % - ara l-Grafika 2.2.8. L-isfidi strutturali li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol jitolbu azzjoni politika deċiżiva, inkluż biex jiġu evitati riskji ta' effetti negattivi fit-tul fuq il-ħiliet u fuq il-prospetti tas-suq tax-xogħol taż-żgħażaġh.

¹¹¹ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Green Skills and Knowledge Concepts: Labelling the ESCO classification, 2022, Rapport Tekniku*, Id-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni.

¹¹² Ara: JRC, *GreenComp: The European sustainability competence framework, 2022, Ir-Repożitorju tal-Pubblikazzjonijiet tal-JRC*.

Grafika 2.2.8: Il-qgħad fost iż-żgħażaġh tjiieb wara l-kriżi tal-COVID iżda għadu partikolarment għoli f'xi pajjiżi

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażaġh (ta' 15-24 sena, % tal-popolazzjoni attiva) għal Q4-2019 (qabel il-kriżi), għal Q3-2020 (l-aġħar fażi tal-kriżi) u għal Q2-2022 (wara l-kriżi)



Noti: Data aġġustata staġunalment. Affidabbiltà baxxa għal EE, HR, LU, MT, u SI fi Q4-2019 u fi Q3-2020, u għal LU, MT u SI fi Q2-2022. Id-definizzjoni tvarja għal FR u ES fi Q2-2022.

Sors: il-Eurostat [[une_rt_q](#)], I-LFS.

Wara xejra negattiva fuq ħames snin fis-sehem ta' daww ta' 15-29 sena li mhumiex f'impjeg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ (rata ta' NEET), għad hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri wara l-kriżi tal-COVID-19. Wara xejra ta' tnaqqis minn 16,1 % fl-2013 għal 12,6 % fl-2019, l-2020 rat żieda ta' aktar minn 1 pp fir-rata ta' NEETs fl-EU-27¹¹³. Fl-2021, sena wara l-aġħar fażi tal-kriżi tal-COVID-19, ir-rata ta' NEETs għall-UE kienet ta' 13,1 %, b'eteroġeneità sinifikanti fost l-Istati Membri. L-Italja (23,1 %), ir-Rumanija (20,3 %), il-Bulgarija (17,6 %), u l-Greċja (17,3 %) irreġistraw l-oġhla rati ta' NEETs fl-2021, li lkoll indikaw sitwazzjoni "kritika" bbażata fuq il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, filwaqt li għal ħdax-il Stat Membru, xprunati min-Netherlands (5,5 %), ir-rata hija anqas minn 10 % - ara l-Grafika 2.2.9. Il-maġġoranza tal-Istati Membri jirreġistraw differenzi reġjonali fir-rati ta' NEETs, f'xi każijiet differenzi sostanzjali (ara l-Anness 3). Ir-rata rrapportata tan-NEETs qiegħda fl-2021, jġigifieri daww iż-żgħażaġh li mhumiex fl-impjeg u qed ifittxu impjeg b'mod attiv u huma disponibbli, hija 5,0 %, jġigifieri Prattikament identika għar-rata ta' qabel il-kriżi ta' 4,9 % fl-2019¹¹⁴. Il-biċċa l-kbira tan-NEETs huma barra mill-forza tax-xoġhol u, għalhekk, huma inattivi; dan is-sottogrupp intlaqat partikolarment bis-saħħa mill-impatt tal-kriżi tal-COVID-19, billi żdied minn 7,8 % fl-2019 għal 8,7 % fl-2020. Fl-2021, ir-rata ta' NEETs inattivi kienet partikolarment għolja fl-Italja (15,4 %), fir-Rumanija (15 %), fil-Bulgarija (13,7 %) u fil-Polonja (10,2 %). Għall-kuntrarju, kienet pjuttost baxxa fl-Iżvezja (3,1 %) u fin-Netherlands (3,8 %)¹¹⁵.


¹¹³ Il-Eurostat [[edat_lfse35](#)], I-LFS. It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

¹¹⁴ Il-Eurostat [[edat_lfse_20](#)], I-LFS.

¹¹⁵ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

Grafika 2.2.9: Huma osservati differenzi konsiderevoli fir-rati ta' NEETs madwar l-Istati Membri wara l-ogħla livell matul il-kriżi tal-COVID-19

Ir-rata ta' NEETs (15-29 sena), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea. Id-definizzjoni tvarja għal ES u FR fl-2021. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness.

Sors: il-Eurostat [edat lfse 35], I-LFS tal-UE.


B'mod ġenerali, ir-rata ta' NEETs għadha partikolarment għolja fost in-nisa, u l-persuni bi sfond ta' migrazzjoni. Is-sehem ta' nisa li ma kinux f'impjieg, fl-edukazzjoni jew f'taħriġ fl-UE (14,5 %) kien 2,7 pp ogħla fl-2021 minn dak għall-irġiel (11,8 %), prinċipalment minħabba responsabbiltajiet akbar ta' kura – ara l-Grafika 2.2.10¹¹⁶. Filwaqt li d-differenza kienet ta' anqas minn 1 pp f'xi Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, Franza, Spanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja), kienet ta' aktar minn 10 pp f'oħrajn (iċ-Ċekja u r-Rumanija). Fost l-NEETs nisa, l-inattività hija ħafna aktar frekwenti mill-qgħad (10,2 % vs 4,3 %), filwaqt li, għall-NEETs irġiel, l-inattività hija biss ftit ogħla mill-qgħad (6,3 % vs 5,5 %)¹¹⁷. Ir-rata ta' NEETs ta' żgħażagħ imweldin barra mill-UE kienet ukoll ogħla b'mod sinifikanti minn dik għan-nattivi fl-2021 (24,7 % vs 12,3 %)¹¹⁸. Barra minn hekk, bħala medja, is-sitwazzjoni kienet agħar għan-nisa mwielda barra mill-UE, b'rata ta' 31,6 %, li hija aktar minn 17-il pp ogħla minn fost il-pari nattivi tagħhom (13,3 %).

¹¹⁶ Il-Eurofound, *Impact of COVID-19 on young people in the EU*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

¹¹⁷ Il-Eurostat [edat lfse 14], I-LFS tal-UE.

¹¹⁸ Il-Eurostat [edat lfse 28], I-LFS tal-UE.

Grafika 2.2.10: Kważi fl-Istati Membri kollha, ir-rata ta' NEETs hija ogħla fost in-nisa
Rati ta' NEETs nisa u rġiel (15-29, %, 2021)



Nota: Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.
Sors: il-Eurostat [[edat lfse 20](#)], I-LFS tal-UE.

Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età komplet tizzied fl-2021 fl-Istati Membri kollha. Fuq il-passi ta' xejra fit-tul, li tirrifletti l-bidliet demografiċi u ż-żidiet fl-età tal-irtirar f'ħafna Stati Membri, ir-rata ta' impjieg tal-persuni ta' 55-64 sena rreġistrat żieda ulterjuri fl-2021, u laħqet is-60,5 % (1,3 pp aktar mill-2020, u 15,4-il pp aktar minn għaxar snin ilu). B'mod ġenerali, il-pandemija ma affettwatx din ix-xejra dejjem akbar. Madankollu, id-differenzi fost l-Istati Membri jippersistu, b'xi wħud minnhom li jirreġistraw rati ta' impjieg għall-ħaddiema anzjani ferm ogħla minn 70 % (l-Iżvezja, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Estonja) filwaqt li oħrajn għadhom anqas minn 50 % (il-Kroazja, il-Greċja, il-Lussemburgu u r-Rumanija). Jista' jiġi osservat distakk sinifikanti (ogħla minn 30 pp) bejn ir-rata ta' impjieg tal-ħaddiema ta' 55-64 sena u dawk ta' 25-54 sena f'pajjiżi bħal-Lussemburgu, is-Slovenja, Malta, ir-Rumanija, il-Kroazja, u l-Polonja, kontra distakk medju tal-UE ta' 19,9-il pp.


Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg baqgħet l-istess u mdaqqsqa matul il-kriżi tal-COVID-19, u naqset biss bi ffit matul l-aħħar sena. Il-valur tal-indikatur baqa' prattikament l-istess f'livell għoli matul il-kriżi tal-COVID-19 (bi 11,2-il pp 2019 u 11,1-il pp fl-2020). Ir-rikorrenza tas-suq tax-xogħol tal-2021 tikkoinċidi ma' tnaqqis żgħir fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg, b'0,3 pp għal 10,8 pp. Dan jirrifletti dinamika pjuttost differenti fl-impjieg tan-nisa u tal-irġiel matul il-pandemija: filwaqt li ż-żewġ gruppi esperjenzaw tnaqqis ta' madwar 1 pp fir-rata ta' impjieg fl-2020, l-irkupru tal-impjieg fl-2021 kien kemxejn aktar b'saħħtu għan-nisa (1,6 pp) milli għall-irġiel (1,3 pp). Għalhekk fl-2021, ir-rata ta' impjieg tal-irġiel kienet ta' 78,5 % meta mqabbla ma' 67,7 % għan-nisa, jiġifieri fiż-żewġ każijiet qabżet il-livelli ta' impjieg ta' qabel il-pandemija. Wara li naqset fl-2020, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg fost il-ħaddiema akbar fl-età baqgħet stabbli għal 12,7-il pp, ogħla miċ-ċifra korrispondenti għall-grupp ta' età ta' 20-64 sena (10,8 pp).

Għad hemm differenzi sinifikanti fid-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg madwar il-pajjiżi, mingħajr sinjali ċari ta' konverġenza. L-iżgħar differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg fl-2021 ġew irreġistrati fil-Litwanja (1,4 pp), fil-Finlandja (2 pp), fl-Estonja (3,7 pp), li lkoll jikklassifikaw bħala "bl-aqwa prestazzjoni" skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali – ara l-Grafika 2.2.11. Għall-kuntrarju, "sitwazzjonijiet kritiċi" kienu senjalati għar-Rumanija (20,1 pp), għall-Greċja (19,8-il pp), għall-Italja (19,2-il pp) u għaċ-Ċekja (15,4-il

pp). Ma tidher l-ebda xejra ċara ta' konverġenza madwar l-Istati Membri. Iż-żewġ Stati Membri fejn id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg kienu diġà l-usa' raw żidiet ulterjuri (ir-Rumanija b'0,8 pp u l-Greċja b'0,4 pp), filwaqt li ż-żewġ pajjiżi bit-tieni l-akbar diskrepanza (l-Italja u Malta) esperjenzaw tnaqqis (b'0,5 pp u 1 pp rispettivament). Meta wieħed iħares lejn ir-rati ta' impjieg tan-nisa, l-Iżvezja għadha bl-aqwa prestazzjoni fl-UE bi 78 %, segwita mill-qrib mill-Estonja, min-Netherlands, u mil-Litwanja, li lkoll qabżu s-76 %. Għall-kuntrarju, l-Italja u l-Greċja kellhom l-aktar rati baxxi, it-tnejn taħt l-54 %, segwiti mir-Rumanija b'56,9 %.

Grafika 2.2.11: Minkejja tnaqqis żgħir fid-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg, għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg (20-64 sena), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-definizzjoni hija differenti għal ES u FR.

Sors: il-Eurostat, [tesem060], l-LFS tal-UE.

Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg hija usa' meta jitqiesu s-sigħat attwali maħduma, kif inkorporati fl-impjieg ekwivalenti full-time (FTE), li fil-biċċa l-kbira tirrifletti sehem ogħla ta' xogħol part-time fost in-nisa (28,3 % tan-nisa impjegati kienu jaħdmu part-time meta mqabblin ma' 7,6 % tal-irġiel fl-2021)¹¹⁹. Fl-2021, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjieg FTE għall-persuni ta' 20-64 sena kienet ta' 16,3-il pp, jiġifieri naqset kemxejn meta mqabbla mal-2020 (b'0,7 pp). Dan it-tnaqqis kien kemxejn akbar milli għan-numru ta' impjegati, li jirrifletti ż-żidiet fl-impjieg full-time fost in-nisa. Fl-2021, id-differenza fl-FTE kienet l-aktar baxxa fil-Litwanja, fil-Finlandja u fil-Latvja, u l-usa' fl-Italja (23,5 pp), fil-Greċja (21,2 pp) u fin-Netherlands (20,1 pp).

¹¹⁹ Ir-rata tal-impjieg FTE tqabbel id-differenzi bejn il-gruppi fis-sigħat medji maħdumin. Ir-rata ta' impjieg FTE hija kkalkolata billi jiġu diviżi s-sigħat totali maħduma fl-ekonomija (l-ewwel impjieg, it-tieni impjieg, eċċ.) bin-numru medju ta' sigħat fi skeda full-time (madwar 40) u bin-numru ta' persuni ta' 20-64 sena. Sors: Qafas għall-Evalwazzjoni Konġunta (JAF), komputazzjoni fuq id-data tal-Eurostat.

Fl-isfond tad-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi fl-UE hemm ukoll l-impatt aktar b'saħħtu tal-filjazzjoni u responsabbiltajiet oħrajn ta' kura fuq l-impjeg tan-nisa, li jindika l-importanza ewlenija tad-disponibbiltà ta' servizzi ta' kura ta' kwalità affordabbli u ta' politiki adegwati ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, anke fid-dawl tal-isfida demografika tat-tnaqqis fir-rati tat-twelid. Fl-2021, ir-rata ta' impjeg ta' dawk b'tal-anqas wild wieħed taħt is-sitt snin kienet oġhla fost l-irġiel ta' 25-49 sena milli għall-pari tagħhom mingħajr tfal żgħar (b'9,7 pp fuq il-medja tal-UE) fl-Istati Membri kollha, filwaqt li kienet iżgħar għan-nisa (b'10,6 pp fil-livell tal-UE) ħlief fi tlieta (l-Iżvezja, il-Portugall u s-Slovenja) – ara l-Grafika 2.2.12¹²⁰. Id-differenza negattiva għan-nisa kienet partikolarment wiesgħa (aktar minn 45 pp) fiċ-Ċekja. L-impatt differenti fuq in-nisa u fuq l-irġiel huwa assoċjat ukoll ma' distribuzzjoni mhux ugwali tax-xogħol mhux imħallas. Fl-2021, in-nisa qattgħu ħafna aktar ħin fil-ġimgħa fuq xogħol mhux imħallas (31 siegħa) meta mqabblin mal-irġiel (18-il siegħa), b'ħafna mid-differenza dovuta għall-ħin li qattgħu fuq attivitajiet ta' kura, l-aktar għat-tfal¹²¹. Fl-2021, madwar 1,4 miljun mara ta' 20-64 sena fl-UE (20 % mit-total) ma fittxewx impjeg minħabba responsabbiltajiet ta' kura iżda riedu jaħdmu, meta mqabblin ma' madwar 130 000 raġel biss (3 % mit-total). Madwar waħda minn kull erba' nisa li ħadmu part-time għamlu dan minħabba responsabbiltajiet ta' kura meta mqabblin ma' wieħed minn kull għoxrin raġel¹²². L-impatt fuq l-impjegi huwa marbut mill-qrib ukoll mad-differenzi fil-livell edukattiv milħuq. Fl-2021, ir-rata ta' impjeg ta' nisa b'livell baxx ta' ħiliet b'tal-anqas wild wieħed taħt is-sitt snin kienet ta' 36 %, b'kuntrast ma' 63,9 % għan-nisa bi kwalifika sekondarja tat-tieni livell, u ma' 81,5 % għan-nisa bi kwalifika terzjarja. Il-kura ta' persuni bi ħtiġijiet ta' kura fit-tul hija fattur ieħor li jżomm ħafna nisa barra mis-suq tax-xogħol. B'ħala medja, madwar 52 miljun Ewropew (14,4 % tal-popolazzjoni bejn 18 u 74 sena) jipprovdu kura informali fit-tul lil membri tal-familja jew lil ħbieb fuq bażi ta' kull ġimgħa, u 60 % minnhom huma nisa. Meta jintużaw ekwivalenti full-time, il-persuni li jindokraw b'mod informali jammontaw għal kważi 80 % tal-fornituri ta' kura fil-livell tal-UE.¹²³

¹²⁰ Il-Eurostat [[lfst_hheredch](#)]. It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.


¹²¹ Il-Eurofound, *Il-pandemija tal-COVID-19 u l-qasma tal-ġeneri fuq il-lant tax-xogħol u fil-familji*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

¹²² Kalkoli tad-DĠ EMPL tal-Kummissjoni Ewropea bbażati fuq [[lfsa_epgar](#)] u [[lfsa_epgaed](#)].

¹²³ Van der Ende, M. et al.(2021), [Study on exploring the incidence and costs of informal long-term care in the EU](#).

Grafika 2.2.12: L-impatt fuq l-impjegi tal-filjazzjoni jvarja fost l-irġiel u n-nisa

Differenza fir-rati ta' impjieg tal-ġenituri (25-49 sena) bit-tfal (0-6 snin) u adulti mingħajr tfal, skont il-ġeneru (pp, 2021)



Sors: il-Eurostat [[lfst_hheredch](#)], I-LFS tal-UE.

L-aċċess għal edukazzjoni u għal kura bikrija tat-tfal ta' kwalità u affordabbli (ECEC) huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment fost in-nisa, kif ukoll għat-tnaqqis tal-impatt negattiv tal-isfond soċjoekonomiku tat-tfal fuq il-livell edukattiv milħuq fil-futurtagħhom. Abbażi tal-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, il-parteċipazzjoni tat-tfal taħt it-3 snin fl-ECEC formali kienet ta' 36,6 % fl-UE fl-2021 (u b'hekk qabżet il-mira ta' Barċellona stabbilita għal 33 %) ¹²⁴. Madankollu, id-differenzi jippersistu fost l-Istati Membri bil-maġġoranza li għadhom ma laħqux il-mira. Għaċ-Ċekja, għar-Rumanija, u għall-Ungerija, l-analiżi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali tirreġistra sitwazzjoni "kritika" – ara l-Grafika 2.2.13. ¹²⁵ Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, fid-Danimarka, fin-Netherlands u fil-Lussemburgu, aktar minn 60 % tat-tfal taħt it-3 snin huma rreġistrati fl-ECEC. Madankollu, fin-Netherlands, il-maġġoranza tagħhom jattendu għal anqas minn 30 siegħa fil-gimġha. Xi Stati Membri joffru firxa ta' sostenn lill-familji, minn postijiet garantiti (pereżempju d-Danimarka, l-Estonja, u l-Latvja, għalkemm mhux neċessarjament mingħajr ħlas), tnaqqis fit-tariffi u sussidji li jkopru parti mill-ispejjeż jew l-ispejjeż kollha sa krediti tat-taxxa, għalkemm dawn tal-aħħar għandhom it-tendenza li jkunu regressivi. Għalkemm is-sostenn immirat jista' jirriżulta fi tnaqqis sostanzjali għal ħaddiema b'paga baxxa, l-ispejjeż tal-ECEC li jifdal xorta waħda jistgħu jkunu pjuttost għoljin (1/4 mill-qligħ minn full-time), speċjalment meta l-użu tagħhom ikun jinvolvi telf ta' allowances ġenerużi għall-indukrar fid-dar jew għat-trobbija tat-tfal offruti f'xi Stati Membri (il-Finlandja, is-Slovenja u s-Slovakkja) ¹²⁶. Minbarra servizzi ta' kwalità u aċċessibbli għall-indukrar tat-tfal, anki politiki adegwati dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, bħal arranġamenti tax-xogħol flessibbli jew liv tal-familja, għandhom rwol importanti fit-tnaqqis tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni b'responsabbiltajiet ta' kura.


¹²⁴ L-Istrategġija Ewropea għall-Kura, ippreżentata f'Settembru 2022, tistabbilixxi miri ġodda dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, u b'hekk tirrevedi l-miri ta' Barċellona. Sal-2030, tal-anqas 50 % tat-tfal taħt it-3 snin u 96 % tat-tfal bejn it-3 snin u l-età tal-bidu għall-edukazzjoni primarja obligatorja għandhom ikunu f'edukazzjoni u f'kura bikrija tat-tfal.

¹²⁵ Is-Slovakkja tippreżenta wkoll rata ta' parteċipazzjoni baxxa ħafna (1,4 %) ibbażata fuq *data* tal-2018 (id-*data* għall-2019 ma kinitx disponibbli fid-*data* limitu tad-*data*).

¹²⁶ Ara l-OECD 2020, *Net childcare costs in EU countries: Impact on family incomes and work incentives, 2019*.

Grafika 2.2.13: Għad hemm differenzi kbar f'termini ta' parteċipazzjoni fis-servizzi ta' indukrar tat-tfal fost l-Istati Membri

Tfal ta' anqas minn 3 snin f'indukrar formali tat-tfal u l-bidla annwali, il-livelli tal-2021 u bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU. L-ebda data għal SK u PT.

Sors: il-Eurostat [tepsr_sp210], I-UE-SILC.


Il-funzjonament tas-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji għandu implikazzjonijiet importanti fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Il-maġġoranza (78 %) tal-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul fl-UE hija msawra min-nisa. Is-sistemi ta' tassazzjoni progressiva konġunta jista' jkollhom impatt negattiv fuq id-dħul tagħhom f'impjeg u fis-siġhat maħdumin billi joħlqu piż tat-taxxa marġinali għoli. Il-grad ta' tassazzjoni konġunta tal-introjtu kombinat ta' koppja (inklużi krediti ta' taxxa trasferibbli) u t-fassil tas-sistema tal-benefiċċji (eż., l-irtirar ta' benefiċċji soġġetti għal test tal-mezzi) għandhom impatt fuq l-inċentivi għall-parteeċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u jistgħu jwasslu għal nases tal-inattività għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul. It-tassazzjoni konġunta tista' tbaxxi l-piż tat-taxxa kumplessiv tal-koppji meta l-qligħ ikun imqassam b'mod mhux uniformi bejn is-sħab. Madankollu, tista' tneffaħ ir-rati tat-taxxa marġinali għal daww mingħajr paga jew għal daww b'paga baxxa, peress li l-introjtu kollu tagħhom jiġi effettivament intaxxat b'rata marġinali ogħla b'mod allinjat mas-sieħeb tagħhom b'paga ogħla. Għalhekk, din tista' tikkontribwixxi għat-twessigħ tad-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjegi, kif ukoll għad-differenzi mhux aġġustati bejn il-ġeneri fil-pagi bejn il-ġeneri (minħabba d-differenzi fis-siġhat medji maħduma). In-nassa tal-inattività għall-ħaddiema, li huma t-tieni sors ta' dħul, hija l-ogħla (aktar minn 40 %) fil-Litwanja, fid-Danimarka, fis-Slovenja, fil-Belġju, fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu, u fir-Rumanija – ara l-Grafika 2.2.14¹²⁷.

¹²⁷ Pereżempju, dan ifisser li jekk konjuġi mhux attiva b'żewġt itfal tibda impjeg b'67 % tal-paga medja fil-Litwanja, aktar minn 70 % tal-qligħ tagħha jintilef f'taxxi addizzjonali u f'benefiċċji rtirati.

B'kuntrast għal dan, hija anqas minn 20 % fil-Greċja u fl-Estonja, u anqas minn 10 % f'Ċipru. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni hija l-aktar evidenti fil-Belġju, fil-Ġermanja u fir-Rumanija.

Grafika 2.2.14: Is-sistemi tat-taxxa jistgħu jipprovdu dżinċentivi sostanzjali biex ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul jibdew jaħdmu bi ħlas

Nassa tal-inattività għal ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, (% , 2021)




Nota: Id-*data* hija għal ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul b'67 % tal-paga medja f'familja b'żewġ persuni b'paga u b'żewġ itfal; il-ħaddiem bid-dħul prinċipali jkun bil-paga medja. "Kontribuzzjoni tat-tassazzjoni (inkluż l-SSCs)" tirreferi għall-persentaġġ ta' introjtu gross addizzjonali mitluf f'taxxa minħabba t-tassazzjoni u l-SSCs (elementi oħra li jikkontribwixxu għan-nassa tal-pagi baxxi huma benefiċċji għall-qgħad, assistenza soċjali u benefiċċji tal-akkomodazzjoni rtirati).

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ ECFIN, il-bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD

In-nases tal-pagi baxxi jistgħu jaffettwaw ukoll b'mod sproporzjonat lin-nisa, peress li rata għolja li biha jżiedu t-taxxi u jiġu rtirati l-benefiċċji hekk kif jżied il-qligħ tnaqqas l-inċentivi biex jinħadmu aktar sigħat u l-attraenza ta' impjegi mħallsin aħjar. It-tassazzjoni għandha rwol importanti wkoll fid-determinazzjoni tal-livell tan-nassa tal-pagi baxxi, jiġifieri l-ammont ta' paga li jittieħed bħala taxxa jekk persuna b'salarju baxx (li spiss tkun taħdem part-time) tgħaddi għal impjeg b'paga ogħla. L-Grafika 2.2.15 turi l-persentaġġ tal-qligħ addizzjonali meħud f'taxxa meta l-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iżidu l-qligħ tagħhom minn terz għal żewġ terzi tal-paga medja, billi jżidu s-sigħat maħduma tagħhom. Bħala medja fl-UE, il-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul jistgħu jutilfu madwar terz mill-qligħ addizzjonali tagħhom. Minħabba l-valur għoli tal-benefiċċji tal-akkomodazzjoni fiż-żewġ pajjiżi, it-telf tal-qligħ addizzjonali jista' jżied għal aktar minn 60 % fil-Belġju u, f'każijiet estremi, fil-Litwanja saħansitra aktar minn 100 %. Il-kontribuzzjoni tat-tassazzjoni għal din in-nassa hija l-ogħla fil-Belġju, segwit mill-Ġermanja.

Grafika 2.2.15: F'ħafna Stati Membri, it-tassazzjoni tipprovdi diżinċentivi għal ħaddiema b'paga baxxa biex jaħdmu sigħat itwal

Nassa tal-pagi baxxi għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul, (% , 2021)



Nota: In-nassa tal-pagi baxxi meta l-paga tal-ħaddiem li huwa t-tieni sors ta' dħul tiżdied minn 33 % għal 66 % u l-ħaddiem bil-paga prinċipali jaqla' 100 % tal-paga medja, b'żewġ itfal.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, id-DG ECFIN, il-Bażi tad-*data* dwar it-taxxa u l-benefiċċji, ibbażata fuq il-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD.


Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għadha għolja minkejja titjib żgħir. Id-differenza mhux aġġustata fil-pagi madwar l-UE naqset xi ftit sena wara sena, u kienet ta' 13 % fl-2020 (-0,7 pp mill-2019 u -2,5 pp mill-2015)¹²⁸. Dan huwa tnaqqis kemxejn aktar mgħaġġel meta mqabbel mat-tnaqqis medju ta' madwar 0,3 pp fis-sena mill-2010. Madankollu, id-differenza mhux aġġustata bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa baqgħet oġhla minn 20 % fl-Estonja u fil-Latvja; l-iżgħar valuri (3 % jew anqas) ġew irreġistrati fil-Lussemburgu, fir-Rumanija u fis-Slovenja – ara l-Grafika 2.2.16. Mill-2015, is-sitwazzjoni tġiebet b'mod konsiderevoli fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fis-Slovenja, fi Spanja u fil-Portugall (b'madwar 5 pp), filwaqt li d-differenza kibret b'aktar minn 3 pp fl-Ungerija u fil-Latvja. Dawn id-differenzi huma influwenzati b'mod sinifikanti mis-segregazzjoni bejn il-ġeneri fl-attivitajiet ekonomiċi, kif ukoll mid-differenzi fil-livell edukattiv milħuq. Id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi għandha t-tendenza li toħroġ kmieni matul il-karriera, minkejja li n-nisa zgħażaġh jisbqu lill-irġiel fil-livell edukattiv milhuq¹²⁹. Fatturi oħrajn x'aktarx li jaqdu rwol huma wkoll, inklużi s-sottorappreżentazzjoni tan-nisa f'karigi aktar anzjani, id-diffikultajiet akbar fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mar-responsabbiltajiet ta' kura (li jirriżultaw ukoll f'waqfiet fil-karriera), id-diskriminazzjoni u l-istrutturi tal-pagi mhux trasparenti. Id-disparitajiet fil-pagi għandhom it-tendenza li jakkumulaw tul il-ħajja u li jikkontribwixxu għad-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet (26,9 % għal persuni ta' 65-74 sena fl-UE fl-2020, b'eteroġenità konsiderevoli fost l-Istati Membri, li tvarja mill-Estonja b'anqas minn 1 % sal-Lussemburgu b'40,5 % fl-2019).

¹²⁸ L-indikatur ġie definit bħala mhux aġġustat għax jagħti stampa ġenerali tal-inugwaljanzi bejn il-ġeneri f'termini ta' paga u jkejje kunċett li huwa usa' mill-kunċett ta' paga ugwali għal xogħol ugwali. Jintuża mill-Eurostat għall-monitoraġġ tal-SDG 5 dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri – ara d-dettalji fuq [is-sit web relatat tal-Eurostat](#).

¹²⁹ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022. Fl-2021, 47 % tan-nisa ta' bejn 25 u 34 sena kellhom kwalifika terzjarja meta mqabblin ma' 36 % tal-irġiel tal-istess età.

Grafika 2.2.16: Id-differenzi bejn il-ġeneri fil-pagi f'forma mhux aġġustata għadhom kbar minkejja t-titjib

Id-differenza bejn il-qligħ medju gross fis-sieġha tal-impjegati rġiel u nisa bħala persentaġġ tal-qligħ gross medju fis-sieġha tal-irġiel (% , 2020 u 2015)



Nota: Għal IE u EL, l-aħħar data hija mill-2018 minflok mill-2020. Id-data hija provviżorja għall-Istati Membri kollha.

Sors: il-Eurostat [[earn_gr_gpgr2](#)], I-SES.

Hemm potenzjal konsiderevoli għal parteċipazzjoni aktar b'saħħitha fis-suq tax-xogħol fost il-persuni b'diżabbiltà, f'konformità mal-Prinċipju 17 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta tinkludi indikatur ewlieni għall-monitoraġġ tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol bħala mezz biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-ambizzjonijiet dwar l-impjiegi stipulati fl-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà¹³⁰. Fl-2021, id-differenza fl-impjiegi bejn il-persuni b'diżabbiltà u oħrajn mingħajr kienet ta' 23 pp fl-UE. L-indikatur tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali juri varjetà wiesgħa fil-prestazzjonijiet tal-Istati Membri – ara l-Grafika 2.2.17. Id-differenza kienet l-usa' fl-Irlanda u fil-Belġju (b'41,3 pp u bi 38 pp rispettivament), fil-Polonja, fir-Rumanija u fil-Ġermanja (aktar minn 30 pp), u fl-aktar livell baxx fid-Danimarka, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fi Spanja, fil-Portugall, fil-Latvja, fl-Estonja, u fl-Iżvezja (anqas minn 20 pp). Il-pandemija tal-COVID-19 aggravat il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà¹³¹. B'mod ġenerali, erba' pajjiżi rreġistraw sitwazzjoni "kritika", filwaqt li sebgħa huma fil-kategorija "sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati" (is-Slovenja, il-Finlandja, il-Greċja, il-Litwanja, Franza, in-Netherlands, u ċ-Ċekja). Ma ġiet osservata l-ebda bidla sinifikanti fid-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabbiltà fl-UE minn meta beda l-monitoraġġ fl-2014, u dan ikompli jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal azzjoni politika f'dan il-qasam. Għal dan l-għan, il-Pakkett dwar l-impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà, imħabbar fl-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'diżabbiltà, tnieda fl-20 ta' Settembru 2022 fil-konferenza tal-Presidenza Ċeka¹³². Il-Pakkett¹³³, li jikkonsisti fi gwida u fi Prattiki f'sitt oqsma differenti, mir-reklutaġġ saż-żamma tal-impjiegi, se jiġi żviluppat b'mod konġunt mal-partijiet ikkonċernati rilevanti sal-2024.

¹³⁰ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-3 ta' Marzu 2021 dwar *Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030*, COM/2021/101 final.


¹³¹ Ara: Il-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2021*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

¹³² Ara: Il-Ministeru għax-Xogħol u għall-Affarijiet Soċjali tar-Repubblika Ċeka (2022), *Presidency conference on integration of people with disabilities into the labour market*.

¹³³ Ara l-Kummissjoni Ewropea, *Pakkett dwar l-impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà biex jittejjbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà, 2022*

Grafika 2.2.17: Id-differenza fl-impjieg għall-persuni b'diżabbiltà għadha wiesgħa, b'xejra diverġenti qawwija fost l-Istati Membri

Id-differenza fl-impjieg bejn il-persuni b'diżabbiltà u dawk mingħajr (20-64 sena), il-livelli tal-2021 u bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU. Sors: il-Eurostat [hlth_dlm200], I-UE-SILC.

Filwaqt li qed titjeb, ir-rata tal-impjieg tal-persuni mwielda barra mill-UE għadha aktar baxxa minn dik tan-nattivi. Fl-2021, għall-faxxa ta' età ta' 20-64 sena, id-differenza ġenerali fir-rata tal-impjieg bejn dawk li twieldu barra mill-UE u dawk nattivi kienet ta' 10,8 pp (ir-rati rispettivi jammontaw għal 74,2 % għan-nattivi u għal 63,4 % għal dawk imwielda barra l-UE), b'titjib żgħir meta mqabbel mad-differenza reġistrata fl-2020 (-0,8 pp). Id-differenza kienet usa' (madwar 20 pp jew aktar) għal pajjiżi bħall-Belġju, in-Netherlands u l-Iżvezja. Għall-kuntrarju, din kienet negattiva (li timplika rata ta' impjieg ogħla għal persuni li twieldu barra l-UE milli għan-nattivi) fil-Polonja, fir-Rumanija, fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja, f'Malta, u fil-Portugall.

Is-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' persuni li twieldu barra l-pajjiż tvarja skont il-pajjiż ta' oriġini tagħhom – fl-UE jew mhux fl-UE – u l-livell ta' edukazzjoni tagħhom. Bħala medja fl-UE, fl-2021, ir-rata ta' impjieg ta' persuni nattivi ta' 25-74 sena kienet ta' 79,7 % għas-sottogrupp b'livell għoli ta' edukazzjoni u ta' 39,8 % biss għal persuni b'livelli baxxi ta' edukazzjoni. Għal persuni li twieldu fl-UE b'livell għoli ta' edukazzjoni u li jgħixu barra mill-pajjiż, ir-rata ta' impjieg, f'livell ta' 77,6 %, kienet aktar baxxa minn dik tal-pari nattivi tagħhom b'differenza relattivament żgħira biss (2 pp). Ta' min jinnota li r-rata ta' impjieg tal-imwielda fl-UE b'livell baxx ta' edukazzjoni, fil-livell ta' 54,7 %, kienet ogħla milli fil-każ tan-nattivi b'livell ta' edukazzjoni simili. Is-sitwazzjoni tvarja għal dawk li ma twildux fl-UE minn pajjiż b'indiċi tal-iżvilupp tal-bniedem (HDI) baxx jew medju. B'rata medja ta' impjieg ta' 45,7 %, huma kemxejn aħjar min-nattivi b'livelli baxxi ta' edukazzjoni

(filwaqt li persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni għandhom prestazzjoni qrib il-pari nattivi tagħhom, irrispettivament mill-HDI tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom). Abbażi tad-*data* tal-LFS għall-2021, l-ostaklu ewlieni rrapportat l-aktar mill-persuni mwielda barra biex isibu impjieg xieraq fil-pajjiż ospitanti hu n-nuqqas ta' ħiliet lingwistiċi tal-pajjiż ospitanti¹³⁴.

Kaxxa 4 tal-Pilastru: L-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-hiliet¹³⁵

L-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet jirreferu għas-sitwazzjonijiet meta l-ħolqien ta' impjegi potenzjali jiffixkel min-nuqqas ta' ħaddiema xierqa. B'mod partikolari, l-iskarsezzi tal-ħaddiema jseħħ meta d-domanda għall-ħaddiema mill-impjegaturi tisboq il-provvista disponibbli, bil-pagi u bil-kundizzjonijiet tax-xogħol prevalenti, f'post u fi żmien partikolari. L-iskarsezzi tal-ħiliet jinħoloq meta l-impjegaturi ma jkunux jistgħu jimlew post battal minħabba nuqqas ta' kandidati bil-ħiliet xierqa u bir-rata ta' paga prevalenti. Għaldaqstant, l-iskarsezzi tal-ħiliet huma fattur determinanti tal-iskarsezzi tal-ħaddiema, iżda dawn tal-aħħar jista' jkollhom fatturi addizzjonali (eż., iċ-ċiklu ekonomiku, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u x-xejriet tal-mobbiltà tal-forza tax-xogħol li jikkontribwixxu għal forza tax-xogħol li tiċkien, bidla teknoloġika, kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena f'ċerti setturi u/jew xogħlijiet)¹³⁶. Kemm l-iskarsezzi tal-ħaddiema u anki l-iskarsezzi tal-ħiliet jaffettwaw ħażin il-potenzjal ta' tkabbir u jistgħu jaggravaw l-isfidi f'termini ta' impjegabbiltà u ta' inklużjoni soċjali.

L-iskarsezzi persistenti tal-ħaddiema spiss ikunu relatati man-nuqqas ta' disponibbiltà ta' ħiliet xierqa fis-suq. F'dawk il-każijiet, iż-żieda fil-livell tal-pagi jew l-għoti ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar ma jgħinix biex jimtlew il-postijiet battala fi żmien qasir sa medju, peress li n-nies bil-ħiliet meħtieġa ma jkunux faċilment disponibbli fis-suq tax-xogħol. L-indirizzar tal-iskarsezzi tal-ħiliet jgħin direttament għall-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Pilastru 1 (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-tagħlim tul il-ħajja), 3 (dwar l-opportunitajiet indaqs) u 4 (dwar l-appoġġ attiv għall-impjegi).


¹³⁴ Ara l-Eurostat (2022), *Main obstacles for foreign-born people to enter the labour market*; u l-Eurostat (2022), *Main characteristics of foreign-born people on the labour market*.

¹³⁵ Id-diskussjoni f'din il-kaxxa tiddependi ħafna fuq ir-Rapport ta' Sinteżi tal-Kummissjoni Ewropea (2022, pubblikazzjoni pendenti), *Skills shortages and structural changes in the labour market during COVID-19 and in the context of the digital and green transitions*, iċ-Ċentru Ewropew ta' Kompetenza (ECE), ir-Rapport ta' Sinteżi, u (sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor) r-referenzi fiha huma relatati ma' dak ir-Rapport.

¹³⁶ Ara Labour Market and Wage Developments in Europe 2022 (pubblikazzjoni pendenti) għal analiżi dettaljata.

L-iskarsezzi tal-ħaddiema ilhom jżiedu minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19

Ir-rati tal-postijiet battala fl-UE skont l-attivitajiet ekonomiċi tal-NACE 2 (% , data trimestrali)



Nota: L-attivitajiet tal-NACE 2, B-S (Industrija, kostruzzjoni u servizzi (ħliet l-attivitajiet tal-unitajiet domestiċi bħala impjegaturi u organizzazzjonijiet u korpi ekstraterritorjali), C (manifattura), F (kostruzzjoni), G-I (kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, trasport, akkomodazzjoni, u servizzi tal-ikel), J (informazzjoni u komunikazzjoni), M-N (attivitajiet professjonali, tekniċi u xjentifiċi).

Sors: il-Eurostat [\[teilm310\]](#)

L-iskarsezzi tal-ħaddiema laħqu jew qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija f'diversi pajjiżi tal-UE sal-aħħar tal-2021. Ir-rati għoljin ta' postijiet tax-xogħol battala (fir-rigward tal-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq tax-xogħol), bħala indikatur tad-domanda eċċessiva għall-ħaddiema, jindikaw skarsezzi tal-ħaddiema. Kif inhu evidenti miċ-ċifra ta' hawn fuq, wara tnaqqis fl-ewwel trimestri tal-2020, ir-rati tal-postijiet battala reġġu bdeu jżiedu u qabżu l-livelli ta' qabel il-pandemija diġà fit-tieni trimestru tal-2021. Fl-2022, ir-rati tal-postijiet battala komplew jżiedu, u laħqu livelli rekord fit-tieni trimestru tas-sena. Huma partikolarment għoljin f'setturi bħall-ICT, il-kostruzzjoni u l-attivitajiet professjonali, bl-ospitalità u bil-manifattura li wkoll jirreġistraw żidiet sostanzjali u livelli oġhla mill-kriżi. Filwaqt li l-iskarsezzi tal-ħaddiema qed jżiedu, ma hemmx indikazzjoni li l-adattament għas-suq tax-xogħol mar għall-aġħar fl-UE b'mod ġenerali. Filwaqt li l-influss tal-persuni spostati mill-Ukrajna, flimkien mal-migrazzjoni regolari minn reġjuni oħra tad-dinja, jista' jgħin fi żmien medju u fit-tul biex jittaffew l-iskarsezzi (b'mod partikolari fis-setturi li għandhom l-inqas ostakli għat-trasferiment tal-ħiliet), hu improbabli li l-isfida tiġi indirizzata kollha kemm hi.

L-analiżi tal-premiums tal-pagi meta mqabblin mal-livelli mistennija tagħhom tipprovdi indikazzjoni tas-setturi li jidentifikaw l-iskarsezzi tal-ħiliet bħala prevalenti.

L-istudju tal-ECE, abbażi tad-*data* tal-UE-SILC tal-2020, jidentifika skarsezzi tal-ħiliet f'każijiet meta l-premium tal-pagi attwali (jiġifieri l-parti tal-pagi li tibqa' mhux spjegata wara li jitqiesu l-karatteristiċi tal-ħaddiema) jaqbeż il-valur previst għal livell ta' ħiliet u għal settur partikolari. Skont l-analiżi, l-akbar skarsezzi tal-ħiliet instabu fil-ħiliet ta' livell għoli fil-manifattura u fit-trasport, u fil-ħiliet ġenerali intermedji fil-finanzi, fis-saħħa u fl-amministrazzjoni pubblika. Min-naħa l-oħra, l-iskarsezzi tal-ħiliet huma inqas għall-ħaddiema b'livell għoli ta' ħiliet fil-kostruzzjoni u fl-agrikoltura, u għall-ħiliet speċifiċi intermedji fil-manifattura, fil-kostruzzjoni, fit-trasport, u fil-finanzi.

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali affettwaw b'mod sinifikanti l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet fis-suq tax-xogħol, filwaqt li t-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ huwa kruċjali biex tiġi sostnuta provvista adegwata b'mod korrispondenti ta'

ħiliet. Bidliet rapidi minħabba d-diġitalizzazzjoni, id-dekarbonizzazzjoni, u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda żiedu d-domanda għal ħaddiema kwalifikati b'ċerti ħiliet. L-iskarsezzi tal-ħiliet, inkluż fejn jidħlu l-ħiliet diġitali, huma relatati wkoll mal-kwalità u l-effettività tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ. Iż-żieda fl-attrawenza tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, kif ukoll fl-oqsma tax-xjenza, tat-teknoloġija, tal-ingerinerija, u tal-matematika (STEM) tal-edukazzjoni terzjarja, hi partikolarment importanti biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mal-iskarsezzi tal-ħiliet. Madankollu, fl-UE kollha, 65,5 % tal-istudenti għandhom livelli oġhla minn bażiċi ta' ħiliet diġitali meta mqabblin ma' 37,4 % biss tal-impjegati, li jissuġġerixxi li l-forza tax-xoġhol futura tista' tkun attrezzata aħjar biex tissodisfa d-domanda għall-ħiliet diġitali. Fatturi aktar ġenerali, bħat-tixjiħ tal-popolazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xoġhol, il-qligħ u s-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xoġhol, ukoll iħallu impatt fuq il-provvista tal-ħaddiema u tal-ħiliet.

B'mod partikolari għall-SMEs, l-aċċess għall-ħiliet sar sfida importanti fl-UE, u l-iskarsezzi tal-ħaddiema qed jittqiesu fost l-aktar problemi urġenti li qed jiffaċċjaw, skont l-istħarriġ SAFE. Mid-ditti kollha taż-żona tal-euro, 67 % qiesu l-aċċess għall-ħaddiema bħala sfida urġenti ħafna fl-2022. L-SMEs ibatu biex jikkompetu ma' kumpaniji kbar fl-aċċess għat-talent minħabba r-riżorsi aktar limitati tagħhom. Fost azzjonijiet oħra, l-UE qed tuża l-Patt għall-Ħiliet biex tixpruna t-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xoġhol tal-UE, inkluż fl-SMEs, b'azzjonijiet konkreti fis-sħubijiet tal-ħiliet fuq skala kbira tal-ekosistemi qafas. Kull sħubija timpenja ruħha għal oġġettivi speċifiċi f'termini ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xoġhol tagħhom, skont il-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet fl-ekosistemi rispettivi.

Il-Patt għall-Ħiliet huwa wieħed mill-azzjonijiet ewlenin taħt l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet. Il-Kummissjoni Ewropea adottatu fl-1 ta' Lulju 2020, bl-għan li timmobilizza u tinċentiva lill-partijiet ikkonċernati privati u pubbliċi fl-Istati Membri biex jieħdu azzjoni konkreta għat-titjib tal-ħiliet u għat-taħriġ mill-ġdid tal-persuni fl-età tax-xoġhol. Dan isir preferibbilment billi jinġabru flimkien l-isforzi fi sħubija, jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol, jiġu sostnuti l-istrateġiji ta' tkabbir lokali u reġjonali kif ukoll it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. S'issa, aktar minn 700 entità nġhaqdu mal-Patt, bi 12-il sħubija ta' ħiliet fuq skala kbira għat-taħriġ tal-ħaddiema fi 11-il ekosistema (mill-14) tal-Istrateġija Industrijali. Dawn l-entitajiet u s-sħubijiet se jtejbu l-ħiliet u se jerġġhu jħarrġu lil madwar 6 miljun ħaddiem matul is-snin li ġejjin.

ħafna Stati Membri qed jindirizzaw l-iskarsezzi tal-ħiliet billi jvaraw u jespandu l-istrateġiji nazzjonali tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tal-impjegi (li xi drabi ġew żviluppati fl-aħħar deċennju). Tingħata attenzjoni partikolari għall-immappjar u għat-tbassir tal-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet. Pereżempju, f'pajjiċi bħall-Belġju u l-Estonja, l-iskarsezzi tal-ħiliet jiġu identifikati bi proċess li jinkludi lill-awtoritajiet pubbliċi, lis-servizzi pubbliċi tal-impjegi, lill-impjegaturi, lis-sħab soċjali, u lill-esperti fl-edukazzjoni. L-informazzjoni dwar il-ħiliet tintuża f'kanali speċifiċi mis-servizzi pubbliċi tal-impjegi, b'mod partikolari fit-tfassil tal-programmi ta' taħriġ (bħal f'Ċipru u fil-Lussemburgu). Numru ta' Stati Membri (eż., l-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Latvja, il-Portugall, l-Iżvezja, is-Slovakkja u s-Slovenja) għandhom fis-seħħ politiki nazzjonali mmirati speċifikament lejn it-tiħiħ tal-ħiliet diġitali, f'xi każijiet ukoll b'sostenn mill-RRF u minn fondi oħrajn tal-UE.

L-impjegaturi jieħdu wkoll azzjoni biex jindirizzaw l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet, permezz ta' titjib tal-ħiliet, taħriġ mill-ġdid u strateġiji oħra. L-aktar approċċ prevalenti huwa permezz ta' taħriġ fuq il-post tax-xoġhol u mhux fuq il-post tax-xoġhol (normalment f'kumpaniji kbar) u skemi ta' taħriġ iffinanzjati pubblikament. F'ħafna Stati Membri (eż., l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-

Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, l-Iżveżja, u s-Slovakkja), l-impjegaturi ġew irrapportati li jikkollaboraw mal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, jirrikonoxxu u jiċċertifikaw il-ħiliet u jikkontribwixxu għall-kwalità tal-programmi tal-edukazzjoni f'konformità mal-ħtiġijiet b'rabta mas-suq tax-xoġhol. F'diversi Stati Membri (**l-Awstrija, Spanja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, il-Portugall, is-Slovakkja, u s-Slovenja**) in-negożji jikkollaboraw mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jimmappjaw l-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet u jfasslu u jipprovdu programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid. F'ħafna Stati Membri hemm fis-seħħ programmi speċifiċi ta' kooperazzjoni mas-sħab soċjali.

2.2.2. Miżuri meħudin mill-Istati Membri

L-Istati Membri qed iżidu gradwalment l-enfasi tal-politika fuq l-edukazzjoni u fuq il-kura bikrija tat-tfal (ECEC) biex jindirizzaw ir-restrizzjonijiet tal-kapaċità f'ċerti żoni ġeografiċi, filwaqt li jiżguraw l-aċċess lit-tfal żvantaġġati, u jtejbu l-kwalità, dkont ir-rakkomandazzjoni tal-Garanzija Ewropea msaħħa għat-Tfal (ECG) u kif rifless f'ħafna mill-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-ECG li ġew sottomessi s'issa. Issoktat it-tendenza ta' tnaqqis fl-età tal-edukazzjoni obbligatorja u ta' introduzzjoni ta' intitolamenti legali. Dawn il-miżuri ta' spiss ikunu akkumpanjati minn oħrajn biex jiġu eliminati jew jitnaqqsu t-tariffi tal-parteeipazzjoni jew jiġu sostnuti familji żvantaġġati biex itejbu l-affordabilità. L-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-ECEC b'mod ġenerali iżda wkoll fir-rigward ta' dawn il-miżuri tal-aħħar tkompli b'sostenn sostanzjali mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Filwaqt li dawn l-investimenti għandhom il-potenzjal li jeliminaw id-diskrepanzi eżistenti fil-kapaċità f'ċerti reġjuni, in-numru kbir ta' tfal ipoġġi lis-settur taħt stress addizzjonali, li jwassal għall-adattament ta' xi rekwiżiti tekniċi u ta' kwalità f'xi pajjiżi. Pereżempju, skont l-RRP tagħha, iċ-**Ċekja** għandha l-għan li żżid il-kapaċitajiet tal-ECEC b'40 % sal-2025 u li toħloq 5 000 post addizzjonali bil-FSE+, filwaqt li l-**Kroazja** beħsiebha toħloq 22 500 post ġdid fl-ECEC biex iżżid il-parteeipazzjoni mill-età ta' 3 snin sal-bidu tal-iskola obbligatorja għal 90 % sal-2026 prevista fil-pjan tal-**Kroazja** għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP). Fir-**Rumanija**, huwa ppjanat li sal-2025 jinbnew 110 crèches li jilqgħu sa 4 500 tifel u tifla. Fl-**Italja**, għandhom jinħolqu madwar 264 000 post biex jinbnew, jitħarrġu mill-ġdid, u jiġu żgurati kindergartens u skejjel preprimarji. Iffinanzjat permezz tal-RRP, l-investment għandu l-għan li jtejjeb il-forniment tal-edukazzjoni sa minn età bikrija. B'baġit ta' EUR 10 miljun għall-ewwel sena u sa EUR 16-il miljun għas-snin ta' wara, li jkopri l-perjodu mill-2022 sal-2025, f'Settembru 2022, **Ċipru** adotta l-Iskema ta' Sussidju għall-Indukrar tat-Tfal ta' 0-4 snin. Għal grupp fil-mira inizjali ta' 15 000 tifel u tifla, l-iskema hija lesta biex tissussidja l-kostijiet tal-iskejjel preprimarji bl-għajnuna tal-FSE+. Barra minn hekk, skont l-RRF, Ċipru jipprevedi li jnaqqas l-età tad-dħul fl-edukazzjoni preprimarja obbligatorja mingħajr ħlas għal 4 snin, flimkien ma' skema ta' għotjiet li tkopri l-miżati għat-tagħlim f'kindergartens komunitarji jew privati għat-tfal li ma jistgħux jiġu rreġistrati f'kindergartens pubbliċi. Fil-**Bulgarija**, kif deskritt fl-RRP tagħha, ir-riforma tat-tnaqqis tal-età tal-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja fi skola preprimarja minn 5 għal 4 snin ġiet applikata gradwalment madwar il-pajjiż u għandha l-għan li tiġi implimentata fil-muniċipalitajiet kollha sal-2023–2024. Barra minn hekk, biex tittejjeb il-parteeipazzjoni fl-ECEC, liġi ġdida approvata fir-rebbiegħa tal-2022 tippermetti lill-ġenituri jirreġistraw lit-tfal tagħhom fl-iskejjel preprimarji u fil-kindergartens mingħajr ebda tariffa. 57 kindergarten huma mistennijin li se jiġu rinnovati u se jinbnew 8 ġodda skont l-RRP Bulgaru. Is-**Slovakkja** diġà għamlet l-edukazzjoni preprimarja obbligatorja għal tfal ta' 5 snin f'Settembru 2021, filwaqt li se jiġi introdott intitolament legali għal post fil-kindergartens jew fi stabbiliment ieħor li jipprovdi edukazzjoni preprimarja għal tfal ta' 4 snin fl-2024 u għal tfal ta' 3 snin fl-2025. Ir-riforma hija akkumpanjata minn investimenti

f'postijiet maħluqin ġodda għat-tfal ta' 3-5 snin. Barra minn hekk, tnediet skema pilota ta' għotjiet taħt l-RRP biex jittejjeb l-aċċess għall-ECEC iffokat fuq tfal bi sfond soċjoekonomiku dgħajjef, inkluż minn komunitajiet Rom. Skont l-RRP tagħha u b'valur ġenerali li jaqbeż it-EUR 381 miljun, il-**Polonja** qed tippjana li tinvesti fil-ħolqien ta' postijiet ġodda tal-kura fil-forma ta' skejjes preprimarji u clubs tat-tfal li jilqgħu sa 47 500 tifel u tifla. Dawn jinkludu dawk adattati għall-ħtiġijiet tat-tfal b'diżabbiltà jew li jeħtieġu kura speċjali, li tikkomplementa l-postijiet maħluqin b'finanzjament tal-FSE+, li se jkopru wkoll l-operat tal-postijiet maħluqin taħt iż-żewġ fondi għal 36 xahar. F'Novembru 2021, il-**Polonja** adottat ukoll miżura biex tissussidja direttament il-finanzjament tal-indukrar tat-tfal. Għat-tieni wild u għal kull wild segwenti ta' bejn 12 u 36 xahar, il-ġenituri jistgħu jirċievu sussidji sa massimu ta' PLN 12 000. Fl-**Estonja**, ir-riformi attwalin għandhom l-għan li jiddefinixxu l-eżiti tat-tagħlim u jidentifikaw il-ħtiġijiet ta' sostenn għat-tagħlim lit-tfal iżgħar minn 7 snin (età obbligatorja tal-iskola). Il-**Litwanja** rrevediet il-kurrikuli tal-ECEC fl-2022 skont l-RRP tagħha u ppilotat metodoloġija għall-evalwazzjoni awtonoma u esterna tal-kwalità tas-servizzi tagħha fl-2021. Fl-**Irlanda**, ġie introdott pakkett ta' miżuri, li daħal fis-seħħ minn Settembru 2022, biex jittejjbu l-pagi u l-kundizzjonijiet fis-settur, tittejjeb il-kwalità tal-provvista, u jitnaqqsu l-kostijiet għall-ġenituri. Il-**Greċja** se tuża r-riżorsi tal-RRF tagħha biex toħloq aktar minn 53 000 post ġdid għall-indukrar tat-tfal għal tfal ta' bejn xahrejn u sentejn u nofs permezz tal-ħolqien jew l-espansjoni ta' 1 000 unità għall-indukrar tat-tfal f'diversi municiplitalajiet u l-ħolqien ta' 120 unità għall-indukrar tat-tfal f'kumpaniji kbar.

Il-familji spostati u t-tfal mill-Ukrajna bbenefikaw mill-estensjoni tal-assistenza soċjali għall-familji tagħhom f'diversi Stati Membri li tawhom aċċess għall-indukrar tat-tfal, pereżempju fil-Belġju, fil-Portugall, fl-Estonja, fl-Ungerija, fl-Litwanja, fi Spanja u fis-Slovakkja. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, it-tfal spostati mill-Ukrajna għandhom aċċess għall-indukrar tat-tfal ugwali għal dak taċ-ċittadini tal-pajjiżi jew tal-migranti residenti legalment, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom, filwaqt li f'xi oħrajn, jingħata aċċess ugwali wara r-reġistrazzjoni għall-protezzjoni temporanja. Madankollu, id-disponibbiltà tas-servizzi tal-indukrar tat-tfal biex jiġi ggarantit aċċess ugwali attwali għat-tfal kollha għadha sfida f'diversi Stati Membri, speċjalment f'dawk li jilqgħu numru kbir ta' tfal li jaħarbu mill-Ukrajna. Fid-**Danimarka**, issa huma possibbli eżenzjonijiet mir-regoli preċedenti stabbiliti fl-Att Daniż dwar il-Kura Matul il-Ħin tax-Xogħol u l-Iskola Primarja, li jippermettu lit-tfal tal-Ukrajna jżommu rabta mal-lingwa u mal-kultura tagħhom filwaqt li jintegraw fis-soċjetà u fis-sistema tal-edukazzjoni tad-Danimarka. Fil-**Polonja**, il-bidliet fir-regolamenti dwar is-servizzi jippermettu żidiet fin-numru totali ta' tfal li jagħmlu użu minn servizz tal-ECEC. L-awtoritajiet lokali jistgħu jistabbilixxu wkoll aktar ċentri tal-ECEC biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tat-tfal mill-Ukrajna.

Diversi Stati Membri investew fil-kwalità u fl-inklużività tal-edukazzjoni primarja u sekondarja, skont il-prinċipju 1 tal-Pilastru (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja). Fil-**Bulgarija**, aktar minn 11 000 tifel u tifla pparteċipaw fil-programm nazzjonali "Flimkien għall-kura ta' kull student", li għandu l-għan li jissimplifika t-tranżizzjonijiet bejn il-kindergarten, l-edukazzjoni primarja u l-edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell. Iċ-**Ċekja** għandha l-għan li żżid is-sostenn lill-iskejjel f'reġjuni strutturalment żvantaġġati, permezz tal-għoti ta' taħriġ u permezz taż-żieda tal-kompetenzi tal-għalliema. Din il-miżura pilota se tespandi wara l-2022, iffinanzjata mill-RRP u sostnuta parzjalment mill-FSE+. L-RRP tar-**Rumanija** għandu l-għan li jinvesti fl-appoġġ lill-iskejjel b'riskju għoli ta' tluq mill-iskola, permezz ta' skema ta' għotjiet, abbażi tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija żviluppat riċenti, u miri marbutin biż-żmien, ibbażati fuq l-evidenza, u kosteffettivi. L-**Estonja** żiedet ir-remunerazzjoni minima tal-għalliema b'7%. Fil-Flanders (il-**Belġju**), ġew introdotti l-hekk imsejħin testijiet KOALA għat-tfal ta' 5 snin biex jiġu vvalutati l-ħiliet lingwistiċi tagħhom,

skont l-RRP Belġjan. F'każ ta' dgħjufijiet, jittieħdu miżuri korrettivi biex jonqos id-distakk qabel it-tfal jidħlu fl-iskola primarja. Fil-komunità li titkellem bil-Franċiż se jingħata sostenn gradwali u personalizzat lill-istudenti biex jonqsu l-falliment u l-inugwaljanzi fl-iskola.

Numru ta' Stati Membri jagħmlu sforzi biex jindirizzaw l-inugwaljanzi billi jipprovdu sostenn immirat lil skejjel u lil studenti żvantaġġati, iżda għad hemm sfidi. Skont il-prinċipju 1 tal-Pilastru (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja), l-Istati Membri għandhom l-għan li jindirizzaw l-inugwaljanzi billi jipprovdu finanzjament addizzjonali lill-iskejjel żvantaġġati, taħriġ lill-għalliema u jżidu d-disponibbiltà tal-persunal ta' sostenn. F'xi każijiet jiġu implimentati riformi inklużivi fl-edukazzjoni bis-sostenn ta' ċentri metodoloġiċi li jistgħu jiggwidaw u jsostnu lis-surmasti u lill-persunal edukattiv. Bl-użu ta' finanzjament mill-RRF, **Spanja** qed tistabbilixxi tal-anqas 1 000 unità ta' servizzi ta' sostenn fid-distretti tal-iskejjel maħsuba għall-istudenti vulnerabbli, billi tipprovdi gwida u sostenn psikoedukattiv. Barra minn hekk, bħala parti mill-RRP tagħha, ir-**Rumanija** għażlet l-ewwel lott ta' skejjel b'riskju għoli ta' studenti li jitolqu mill-iskola (1 391) biex jirċievu għotjiet li jsostnu lill-istudenti f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Fl-**Awstrija**, il-proġett pilota "100 skola u 1 000 opportunità" jittestja kif iż-żieda fir-riżorsi għal skejjel b'diffikultajiet partikolari fl-edukazzjoni primarja u sekondarja tista' ttejjeb l-eżiti edukattivi. Fil-**Greċja**, ġew stabbiliti qafas għall-edukazzjoni inklużiva u linji gwida ta' implimentazzjoni relatati ma' Prattiki tajbin minn pajjiżi Ewropej oħrajn u ġie stabbilit proġett pilota ta' 50 skola aċċessibbli sperimentali ffokat fuq l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà. Il-proġett se jiġi estiż fil-livell nazzjonali bis-sostenn tal-finanzjament tal-UE. Appoġġ lingwistiku addizzjonali huwa wkoll fost il-miżuri ewlenin immirati lejn l-integrazzjoni ta' studenti bi sfond ta' migrazzjoni pereżempju fil-**Belġju**, fl-**Awstrija**, fin-**Netherlands**, u fl-**Iżvezja**. Klassijiet pont separati għall-migranti li jkunu għandhom kif waslu hija Prattika fis-seħħ f'diversi pajjiżi iżda għandha tiġi applikata b'kawtela biex jiġi evitat ir-riskju ta' segregazzjoni. Biex jiġi kkompensat it-telf tat-tagħlim fost it-tfal żvantaġġati kkawżat mill-pandemija, diversi pajjiżi nedew programmi mmirati. Dawn spiss ikunu akkumpanjati minn appoġġ psikosoċjali biex jittaffa l-impatt negattiv tal-għeluq tal-iskejjel fuq is-saħħa mentali tal-istudenti. Bħala parti mill-RRP tagħha, iċ-**Ċekja** qed timplimenta programm nazzjonali tal-mentoraġġ fuq skala kbira, li jipprovdi finanzjament lil 400 skola żvantaġġata għal miżuri ta' appoġġ (eż., speċjalisti ta' appoġġ, taħriġ lill-għalliema biex jaħdmu ma' gruppi eteroġeni). Xi pajjiżi adottaw miżuri biex ineħħu l-ostakli strutturali għall-inklużjoni. Ir-riorganizzazzjoni tan-networks tal-iskejjel fil-**Latvja** u fil-**Litwanja** (fl-RRP) għandha wkoll l-għan li ttejjeb l-opportunitajiet edukattivi għall-istudenti f'żoni rurali. Sabiex jittejjbu l-eżiti edukattivi tal-istudenti żvantaġġati madwar l-Unjoni, huma meħtieġa aktar sforzi. Pereżempju, it-traċċar bikri jrid isir anqas prevalenti jew irid jittejjeb u s-segregazzjoni fl-iskejjel trid tiġi indirizzata, peress li dawn l-oqsma jirrappreżentaw sfidi sinifikanti f'diversi pajjiżi.

Xi Stati Membri adottaw miżuri biex itejbu l-inklużività tas-sistemi edukattivi tagħhom għall-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali, inkluż billi jneħħu l-ostakli fiżiċi, skont il-prinċipju 3 tal-Pilastru (opportunitajiet indaqs). F'Ġunju 2022, is-**Slovakkja** adottat l-ewwel "Pjan ta' Azzjoni għall-Implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Approċċ Inklużiv għall-Edukazzjoni 2022-2024" bħala proġett pilota għal sistema ġdida ta' appoġġ fil-klassijiet għat-tfal bi bżonnijiet speċjali. It-tfal se jiġu appoġġati skont il-ħtiġijiet individwali attwali tagħhom flok skont id-dijanjożi tad-diżabbiltà tagħhom u, skont l-RRP tagħha, is-**Slovakkja** qed tippjana wkoll li tneħħi l-ostakli arkitettoniċi f'252 skola sekondarja kbira. Fil-**Kroazja**, skont il-qafas tal-Pjan Nazzjonali tagħha għall-Iżvilupp tas-Sistema tal-Edukazzjoni 2021-2027, hija prevista l-implimentazzjoni ta' miżuri relatati mal-iżvilupp ta' sistema ta' appoġġ għat-tfal u għall-istudenti b'diżabbiltà, kif ukoll għal studenti minn gruppi vulnerabbli. F'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u għall-Edukazzjoni Inklużiva, il-**Polonja** ppreżentat pjanijiet għal riforma biex tiżdied l-inklużività tas-sistema

edukattiva tagħha għall-istudenti b'diżabbiltà. L-abbozz ta' liġi dwar l-edukazzjoni inklużiva għandu l-għan li jiżviluppa sistema ta' appoġġ transdixxiplinari għat-tfal, għall-istudenti u għall-familji, sistema ġdida ta' tliet livelli ta' appoġġ għall-iżvilupp bikri, u sistema dijanjostika ġdida għal ħtiġijiet speċjali, inkluż il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ individwali. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni speċjali se jiġi estiż biex jappoġġa l-edukazzjoni ġenerali inklużiva. Qed jiġu proposti miżuri superviżorji ġodda biex jiġu żgurati l-kwalità u l-appoġġ għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-għalliema fl-edukazzjoni inklużiva. Fi **Spanja**, riforma tal-RRP fittxet li ssaħħaħ l-inklużjoni ta' studenti bi bżonnijiet speċjali fl-iskejjel ordinarji, filwaqt li kkonfermat ukoll impenn li jinżammu ċentri edukattivi speċjali għal dawk l-istudenti li l-ħtiġijiet tagħhom jistgħu jiġu ssodisfati aħjar fihom u biex jingħata appoġġ liċ-ċentri ordinarji fl-isforzi ta' inklużjoni tagħhom. B'appoġġ mill-RRF, il-**Greċja** se tapplika programmi speċjali ta' intervent bikri fit-tfulija fuq bażi pilota għal aktar minn 1 400 tifel u tifla b'diżabbiltà u b'disturbi fl-iżvilupp li għandhom 0-6 snin.

L-integrazzjoni ta' numri kbar ta' tfal spostati mill-Ukrajna fis-sistemi edukattivi nazzjonali toħloq sfidi f'xi Stati Membri. Hu stmat li kważi żewġ miljun tifel u tifla waslu fl-UE minn mindu bdiet l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna. Madankollu, b'varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri, minoranza biss minnhom kienet irreġistrata fis-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni matul is-sena skolastika 2021-22. Din tista' tiġi spjegata parzjalment minn livelli għoljin ta' inċertezza dwar id-durata mistennija tas-soġġorn fil-pajjiżi ospitanti. B'riżultat ta' dan, ħafna jagħżlu li jsegwu l-edukazzjoni online offruta mill-iskejjel Ukreni. Minħabba t-tul tal-aggressjoni Russa, saret prijorità li t-tfal Ukreni jidħlu l-edukazzjoni ġenerali tal-pajjiżi ospitanti mis-sena skolastika 2022-23. Fl-istess ħin, l-attivitajiet li jippermettu lit-tfal iżommu konnessjoni b'saħħitha mal-Ukrajna jgħinu fit-tnejnija tat-tfal għall-iżviluppi futuri possibbli kollha, inkluż li jirritornaw lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom meta s-sitwazzjoni tippermetti. Sabiex jiġu indirizzati l-isfidi eżistenti, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà ħadu miżuri biex jappoġġaw l-edukazzjoni tat-tfal Ukreni, bħall-offerta ta' klassijiet tal-lingwa, appoġġ psikosoċjali, u gwida. L-awtoritajiet nazzjonali kienu attivi fl-iżvilupp ta' gwida għall-iskejjel, għall-għalliema u għall-familji. Pereżempju, fil-**Kroazja**, l-Assoċjazzjoni tal-għalliema tal-ECEC żviluppatt ktieb ta' komunikazzjoni li juża simboli bi traduzzjonijiet għall-Ukren u għall-Kroat, biex tappoġġa l-integrazzjoni ta' tfal spostati mill-Ukrajna fl-ECEC. Barra minn hekk, ħafna skejjel fl-Istati Membri jimpjegaw għalliema Ukreni biex jgħinu fit-tnaqqis tal-ostaklu lingwistiku u biex fl-istess ħin ikunu qed jindirizzaw xi ffit l-iskarsezza tal-għalliema.

L-Istati Membri jiffaċilitaw ir-rekwiżiti tad-dħul u jipprovdu finanzjament biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni ta' studenti spostati mill-Ukrajna fl-edukazzjoni sekondarja u terzjarja. Xi Stati Membri jippermettu aċċess għal skejjel sekondarji tat-tieni livell u vokazzjonali mingħajr ebda dokument li juri t-tlestija ta' ċikli ta' edukazzjoni preċedenti, pereżempju **I-Bulgarija**, **Ċipru**, **iċ-Ċekja**, **I-Estonja**, **Spanja**, **il-Litwanja**, **il-Latvja**. Diversi oħrajn juru wkoll flessibbiltà fir-rigward tad-dokumenti u tal-ħiliet meħtieġa. Fiċ-**Ċekja**, l-istudenti jistgħu jitħallew jissostitwixxu dokument nieqes ta' kwalifiki edukattivi b'dikjarazzjoni ġuramentata (*affidavit*), filwaqt li fl-**Italja**, l-Istat joffri proċedura alternattiva ta' valutazzjoni. Bil-kundizzjoni li jitlestew b'suċċess is-suġġetti kollha minbarra tlieta fi tmien is-sena skolastika, il-**Bulgarija** tipprovdi perkors alternattiv biex l-istudenti jitħallew jidħlu fis-sena li jmiss. Fir-**Rumanija**, l-istudenti Ukreni rreġistrati fis-sistema edukattiva Rumena għandhom id-dritt li jirreġistraw fid-disa' grad, mingħajr ma jagħmlu l-eżami finali nazzjonali. Sabiex jitnaqqas id-distakk bejn edukazzjoni sekondarja speċifika għal qasam segwita fl-Ukrajna u l-edukazzjoni għolja fl-UE, il-**Lussemburgu** joffri korsijiet pont speċifiċi li jippermettu lill-istudenti jiksbu akkreditazzjoni madwar l-UE kollha ta' din l-edukazzjoni eżistenti. Għalkemm il-kundizzjonijiet ta' ammissjoni normalment jiġu stabbiliti mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja nfushom u jistgħu jvarjaw fi ħdan u bejn l-Istati

Membri, ittieħdu diversi azzjonijiet biex il-persuni spostati jkunu jistgħu jsegwu edukazzjoni għolja. Pereżempju, **fl-Awstrija, fil-Kroazja, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, fil-Finlandja, u f'Malta**, il-miżati għat-tagħlim jew il-miżati għall-istudenti internazzjonali tneħħew temporanjament biex jippermettu aċċessibbiltà faċli għall-edukazzjoni terzjarja. Stati Membri oħrajn, pereżempju, **Ċipru, l-Italja, u l-Litwanja** joffru finanzjament lill-istudenti biex ikompli l-edukazzjoni għolja tagħhom.

L-Istati Membri jkomplu jieħdu passi biex isaħħu l-professjoni tat-tagħlim u jindirizzaw l-iskarsezzi deterjoranti tal-għalliema. L-Istati Membri qed jiffaċċjaw dejjem aktar skarsezzi ġodda tal-għalliema, l-aktar minħabba t-tixjijiet tal-forza tax-xogħol tal-għalliema u l-attraenza baxxa tal-professjoni. L-isfidi huma ġeneralment aktar severi f'ċerti suġġetti, bħal STEM u ICT u f'żoni remoti jew żvantaġġati. Anke f'pajjiżi bi prestazzjoni ġenerali tajba, pereżempju **fl-Estonja, fid-Danimarka, jew fl-Iżvezja**, l-iskarsezzi tal-għalliema qed joħlqu riskju għall-kwalità tal-edukazzjoni fi żmien medju. F'dawn l-aħħar snin, biex tittejjeb l-attraenza tal-professjoni, is-salarji żdiedu b'mod sinifikanti f'diversi pajjiżi. Pereżempju, f'Settembru 2022, il-gvern **Estonjan** iddeċieda li jkompli jżid is-salarji tal-għalliema b'24 % fl-2023 (sakemm jiġi adottat il-baġit). L-Istati Membri għandhom ukoll l-għan li jattiraw aktar kandidati għall-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, jappoġġaw lill-għalliema l-ġodda, itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u joffru perkorsi alternattivi għall-professjoni. Pereżempju, **il-Litwanja** qed toffri boroż ta' studju lill-istudenti fl-aħħar sena li jiffirmaw kuntratti ta' impjeg ta' tliet snin ma' skola jew municipalitá. **Fin-Netherlands**, għalliema mhux kwalifikati jistgħu japplikaw għal programm ta' Boroż ta' Studju għall-Għalliema biex jiksbu lawrja ta' baċċellerat jew ta' master u **Spanja** għaddiet leġiżlazzjoni minn Lulju 2021, li, fost affarijiet oħrajn, għandha l-għan li tnaqqas in-numru ta' kuntratti temporanji għall-għalliema fis-settur pubbliku. Xi pajjiżi adottaw riformi aktar komprensivi, li jinvolvu bidliet fil-programmi tal-edukazzjoni inizjali u kontinwa tal-għalliema. Pereżempju, **l-Estonja** adottat "Pjan ta' Azzjoni għall-Ġenerazzjoni l-Ġdida ta' Għalliema" f'fokk fuq il-kwalità tal-ġestjoni u fuq il-kultura organizzazzjonali fl-iskejjel; taħriġ inizjali u fuq il-post tax-xogħol għall-għalliema; opportunitajiet ta' karriera u ta' żvilupp; l-appoġġ matul iċ-ċiklu tal-karriera u l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim. Riforma riċenti fi **Franza** tobbliga lill-għalliema kollha jipparteċipaw f'taħriġ kontinwu u, minn Jannar 2022, fetħu ċentri ġodda ta' taħriġ għall-persunal tal-edukazzjoni. **Ċipru**, bħala parti mill-RRP tiegħu, u **l-Polonja**, qed jiżviluppaw sistemi tal-evalwazzjoni tal-għalliema u qed jintroduċu standards tal-kwalità tat-tagħlim. Bl-istess mod, **il-Greċja** dan l-aħħar introduċiet qafas ta' evalwazzjoni għall-għalliema u, b'appoġġ mill-RRF, se tkompli tinvesti fit-tisjiet tal-kompetenzi tagħhom. **Fil-Belġju** (Flanders), dawk li jidħlu minn perkorsi laterali fil-professjoni tat-tagħlim jistgħu jibbenefikaw minn 10 snin ta' rikonossiment tal-esperjenza tax-xogħol preċedenti, li hija rilevanti biex tiġi ddeterminata r-remunerazzjoni tagħhom.

Wara t-tfixkil ikkawżat mill-pandemija, komplew l-isforzi tal-modernizzazzjoni maħsuba biex jittejjeb l-ħiliet bażiċi taż-żgħażaġh u jiġu attrezzati bil-kompetenzi meħtieġa fis-seklu 21, skont il-prinċipju 1 tal-Pilastru (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja). Qed jinbnew riformi komprensivi tal-kurrikuli pereżempju **fil-Belġju, fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja, fi Spanja, fil-Greċja, u fir-Rumanija** biex tissaħħaħ il-kisba ta' kompetenzi importanti, spiss b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali u l-iSTEM kif ukoll fuq il-kompetenzi dwar is-sostenibbiltà ambjentali. **Fis-Slovakkja**, ir-riforma se tkun sostnuta mill-ħolqien ta' 40 ċentru reġjonali li jgħinu lill-iskejjel fl-attivitajiet ta' mentoraġġ, ta' konsulenza u ta' konsultazzjoni appoġġati mill-RRP. **Fis-Slovenja, fin-Netherlands, fl-Ungerija**, u **fil-Lussemburgu**, il-ħiliet diġitali qed jissaħħu fil-kurrikuli tal-livelli edukattivi kollha. **Fil-Bulgarija**, tnediet pjattaforma nazzjonali ġdida għat-tagħlimiet elettroniċi bl-appoġġ tal-FSE fl-2022 u din se tkun operazzjonali għas-sena skolastika 2022/2023. Il-pjattaforma se tippermetti lill-għalliema joħlqu kontenut tat-tagħlim diġitali, bħal

lezzjonijiet, eżerċizzji, jew testijiet, permezz ta' riżorsi elettroniċi differenti. Fir-**Rumanija** qed jiġu introdotti testijiet standardizzati biex itejbu l-monitoraġġ tal-eżiti tal-edukazzjoni. Fil-**Greċja**, għall-ewwel darba ġie organizzat programm ta' evalwazzjoni fil-livell tas-sistema għal 12 000 student fil-lingwa Griega u fil-matematika. Għandu l-għan li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda u l-eżiti tat-tagħlim tal-istudenti f'diversi livelli. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni għall-edukazzjoni diġitali fl-Istrateġija għat-Trasformazzjoni Diġitali tal-**Greċja** għall-2020-2025 jinkludi r-reviżjoni tal-kurrikuli, l-introduzzjoni ta' ċertifikat għall-ħiliet bażiċi tal-IT immirat lejn dawk li għandhom 15-il sena, u l-forniment ta' riżorsi ta' edukazzjoni diġitali għall-edukazzjoni primarja u sekondarja. Fil-**Portugall**, in-network tal-iskejjel "*Ciência Viva*", appoġġat mill-RRF, għandu l-għan li jsaħħaħ it-tagħlim sperimentali tax-xjenzi u li jsaħħaħ il-kultura xjentifika fl-edukazzjoni primarja u sekondarja.

It-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ se tirċievi spinta sinifikanti mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-Istati Membri se jwettqu riformi u investimenti kbar fl-edukazzjoni diġitali, b'aktar minn EUR 28 biljun li se jiġu investiti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ diġitali¹³⁷. Ħafna mill-pajjiżi se jinvestu fl-infrastruttura diġitali u fil-konnettività spiss b'enfasi fuq it-tneħħija tad-distakk diġitali. Dawn l-investimenti se jmorru id f'id ma' miżuri biex jiġu żviluppati l-kompetenzi diġitali tal-istudenti u tal-għalliema. Pereżempju, bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Ġermanja** tippredvi l-istabbiliment ta' ċentri ta' kompetenza għall-edukazzjoni diġitali bbażati fuq sistema ta' kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni tal-għalliema u tat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, l-universitajiet, u l-istituti tar-riċerka. Il-**Bulgarija**, skont l-RRP tagħha, se tinvesti f'laboratorji STEM fl-iskejjel, inklużi klassijiet ta' teknoloġija avvanzata, li għandhom l-għan li jippromwovu l-litteriżmu diġitali u jtejbju l-metodi ta' tagħlim tas-suġġetti STEM. Se jiġu stabbiliti tliet ċentri STEM nazzjonali u reġjonali li se jorganizzaw taħriġ għall-għalliema u jżviluppaw materjali tat-tagħlim. B'appoġġ mill-RRF, il-**Greċja** tippredvi investimenti fl-infrastruttura diġitali u tal-laboratorji tas-sistema edukattiva usa' tagħha, u diġà pprovdiet tagħmir diġitali (inklużi laptops u tablets) lil aktar minn nofs miljun student f'familji b'introjtu baxx u lil aktar minn 150 000 għalliem fi skejjel primarji u sekondarji. Sa tmien l-2024, **Spanja** għandha l-għan li tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali tat-taħriġ vokazzjonali billi tinvesti fit-taħriġ diġitali u ekoloġiku tal-għalliema tat-taħriġ vokazzjonali, il-konverżjoni tal-klassijiet fi spazji tat-teknoloġija applikata, il-ħolqien ta' klassijiet ta' "intraprenditorija", u l-ħolqien ta' network ta' 50 ċentru ta' eċċellenza li jstimolaw ir-riċerka u l-innovazzjoni. Wara l-miżuri ġodda adottati f'Lulju 2021 skont l-RRP tagħha, Spanja se tipprovdri apparati portabbli lil tal-anqas 300 000 student minn gruppi vulnerabbli fi skejjel pubbliċi jew sussidjati pubblikament sal-2025. Se tinstalla, taġġorna, u tmantni wkoll sistemi diġitali interattivi (IDS) f'tal-anqas 240 000 klassi fl-iskejjel pubbliċi biex tippermetti t-tagħlim imħallat u se tipprovdri taħriġ diġitali lil 700 000 għalliem. F'Jannar 2022, il-**Portugall** iffirma kuntratti għax-xiri ta' 600 000 laptop ġdid biex jissellfu lill-għalliema u lill-istudenti ffinanzjati mill-RRF. Bħala parti mill-RRP tagħha, l-**Irlanda** qed tippjana li tintroduċi internet veloċi f'madwar 1 100 skola primarja, u li tipprovdri finanzjament għal infrastruttura tal-ICT, inkluż apparati u software, lil aktar minn 3 100 skola primarja u postprimarja.

¹³⁷ Iċ-ċifra hi bbażata fuq il-metodoloġija tat-tikkettar tal-pilastru għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza. Tikkorrispondi għall-kost stmat tal-miżuri allokati għal "*Kapital uman fid-diġitalizzazzjoni*" bħala qasam ta' politika primarju jew sekondarju. Il-kalkolu huwa bbażat fuq is-26 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill sa Novembru 2022 (l-Istati Membri kollha minbarra l-Ungerija). Dawn huma kostijiet stmati; il-finanzjament attwali se jkun ibbażat fuq l-oġettivi intermedji u fuq il-miri milħuqa. Il-Kummissjoni vvalutat l-istimi tal-kostijiet meta ġew sottomessi u approvati l-pjanijiet inizjali. L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jissottomettu l-irċevuti tal-infiq u l-Kummissjoni mhix se tivverifika l-kostijiet attwali tal-miżuri appoġġati mill-RRF.

Filwaqt li l-aċċess għall-edukazzjoni terzjarja, b'mod partikolari għaż-żgħażaġh vulnerabbli, għadu sfida, l-enfasi tal-politika f'xi Stati Membri qed tinbidel għal edukazzjoni oġhla “li tibqa’ valida fil-futur” fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiffokaw fuq il-kwalità tal-offerta akkademika, fuq l-ispariġġ fil-ħiliet u fuq l-aċċess għas-suq tax-xogħol tal-gradwati kif ukoll fuq il-kompetittività internazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja. Xi pajjiżi qed iwettqu wkoll riformi importanti fil-governanza, inkluż it-tisħiħ tal-finanzjament abbażi tal-prestazzjoni. F’**Ċipru**, ġie stabbilit grupp ta’ ħidma nazzjonali biex jisfrutta l-opportunitajiet il-ġodda tal-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej, li jsaħħaħ il-kooperazzjoni fost l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja fl-Ewropa. Fil-**Bulgarija**, pakkett ta’ miżuri għandu l-għan li jżid ir-rekwiżiti għall-persunal tat-tagħlim, itejjeb is-sistema ta’ akkreditazzjoni, ibiddel l-attestazzjoni tal-persunal tat-tagħlim, u jintroduċi miżuri kontra l-plaġjariżmu. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet b’rabta mal-ħiliet f’setturi li qed jikbru malajr, xi Stati Membri, pereżempju ċ-**Ċekja**, l-**Iżvezja** u l-**Finlandja** se joħlqu programmi u postijiet ta’ studju ġodda skont l-RRF. Fil-**Finlandja**, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jespandu n-numru tagħhom ta’ studenti milqugħin b’tal-anqas 600 post ta’ studju fl-2022 fil-programmi ta’ lawrja tal-ewwel ċiklu. Fl-**Italja**, huwa pjanat il-ħolqien ta’ tliet Ċentri tal-Edukazzjoni Diġitali (DEH) immirati lejn it-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni għolja. Fis-**Slovakkja**, se jiġu introdotti kuntratti ta’ prestazzjoni bejn l-iskejjel u l-gvern biex jappoġġaw it-tfassil ta’ profili u d-diversifikazzjoni tal-universitajiet abbażi tal-preġġi u tal-potenzjal speċifiċi tagħhom għall-iżvilupp. Ftit pajjiżi biss kellhom strateġiji mmirati biex itejbu l-inklużività u l-aċċessibilità tal-edukazzjoni għolja. Fl-**Irlanda**, il-qafas “Finanzjament tal-Futur” iżid il-finanzjament għall-appoġġ għall-istudenti, jistabbilixxi l-għażliet għall-finanzjament sostenibbli tal-edukazzjoni għolja u pjanijiet għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni għolja. Jindirizza n-nuqqasijiet fil-ħiliet u jrawwem il-parteċipazzjoni ta’ gruppi sottorappreżentati, filwaqt li jnaqqas gradwalment il-miżati tal-istudenti u jżid l-għotjiet għall-istudenti, filwaqt li jelimina gradwalment is-self lill-istudenti. Bl-istess mod, **Spanja** u l-**Italja** qed iżidu n-numru ta’ boroż ta’ studju u jinvestu fl-akkomodazzjoni tal-istudenti.

Diversi Stati Membri introduċew riformi li jinkludu r-riformi tas-sistema tagħhom tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali (VET). Fil-**Portugall**, f’konformità mar-riforma inkluża fl-RRP tiegħu, il-gvern u s-sħab soċjali kkonkludew ftehim tripartitiku dwar it-taħriġ u l-kwalifiki vokazzjonali f’Lulju 2021. Il-ftehim għandu l-għan li joħloq sistema ta’ governanza aktar reattiva u flessibbli li tenfasizza t-tagħlim diġitali u li tiżviluppa livelli postsekondarji u intermedji tal-VET. F’Marzu 2022, skont l-RRP tagħha, **Spanja** introduċiet liġi li tinkorpora żewġ sistemi ta’ VET preeżistenti (waħda marbuta mal-edukazzjoni, l-oħra mas-suq tax-xogħol) f’qafas uniku, maħsub biex titħaddem perspettiva tat-tagħlim tul il-ħajja. Il-liġi ġiet segwita minn ftehim li jkopri l-innovazzjoni, l-internazzjonalizzazzjoni fil-VET, kif ukoll it-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Fil-**Bulgarija** se jiġi ppilotat aġġornament tal-listi tax-xogħlijiet u tal-istandards tal-VET b’operazzjoni strateġika tal-FSE+ adottata fl-2022. Bħala parti mill-RRP, huma previsti emendi ġodda għall-qafas regolatorju għall-VET, li jintroduċu bidliet fil-lista ta’ professjonijiet għall-VET u ta’ programmi tagħhom, f’konformità mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, 24 Ċentru ta’ Eċċellenza tal-VET se jiġu rinnovati permezz tal-RRP, filwaqt li l-FSE+ se jipprovi appoġġ għall-attivitajiet tagħhom. Fil-**Latvja**, f’Marzu 2022 ġew introdotti emendi fil-Liġi dwar l-Edukazzjoni Professjonali, li jwessgħu l-possibbiltajiet biex jinkisbu kwalifiki barra minn skola partikolari, eż., fil-mobbiltà, f’istituzzjonijiet edukattivi oħra, jew f’ambjenti tax-xogħol, kif ukoll tagħlim mhux formali, u li jħaddmu approċċ modulari. Ir-riforma tiċċara wkoll il-kundizzjonijiet tal-apprendistati u tat-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, tintroduċi assigurazzjoni tal-inċidenti għall-istudenti, ittejjeb l-istħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati, u tikkategorizza ċerti skejjel tal-VET bħala ċentri ta’ eċċellenza. Fl-2022, ġiet

introdotta jew se tiġi introdotta sensiela ta' riformi relatati mal-VET fil-Litwanja li jkopru l-apprendistati, il-valutazzjonijiet tal-kompetenzi, il-konsolidazzjoni tan-network tal-VET kif ukoll iċ-Ċentri għall-Eċċellenza Vokazzjonali, skont l-impenji fl-RRP nazzjonali.

L-Istati Membri wessgħu l-alternattivi għall-gradwati tal-VET fil-livell sekondarju biex jaċċessaw l-edukazzjoni postsekondarja u terzjarja, skont il-prinċipju 1 tal-Pilastru (edukazzjoni, taħriġ, u t-tagħlim tul il-ħajja). Pereżempju **l-Ungerija** emendat is-sistema tagħha tal-punteġġi għall-ammissjoni fl-edukazzjoni għolja biex tippermetti wkoll il-kalkolu tal-punti tal-ammissjoni abbażi tar-riżultati tal-VET li jibdeu fis-sena akkademika 2021/2022. Fl-**Iżvezja**, ir-rekwiżiti għall-programmi vokazzjonali nazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja għolja ġew emendati biex jippermettu lill-istudenti jiksbu eliġibbiltà bażika għall-edukazzjoni għolja, pereżempju fir-rigward tar-rekwiżiti lingwistiċi tal-Iżvediż u tal-Ingliż. L-**Italja** qed iżżid l-għadd ta' istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali terzjarju bil-ħolqien ta' networks li jinkludu kumpaniji, universitajiet u ċentri tar-riċerka, awtoritajiet lokali, u sistemi tal-edukazzjoni/taħriġ. Permezz tal-modifika tar-reġim ta' "korsijiet ta' speċjalizzazzjoni teknoloġika", il-**Portugall** saħħaħ ir-rwol ta' korsijiet bħal dawn bħala taħriġ ta' ċertifikazzjoni doppja postsekondarja mhux terzjarja li jipprovdi kwalifika bbażata fuq taħriġ tekniku speċjalizzat. Ir-**Rumanija** qed tiżviluppa rotta professjonali sħiħa, skont l-RRP tagħha, għal edukazzjoni teknika oġhla, billi tiżgura perkors edukattiv sħiħ lill-istudenti rreġistrati fl-edukazzjoni sekondarja doppja ħalli jkun jistgħu jagħżlu programmi tal-edukazzjoni terzjarja. Din ir-riforma, akkumpanjata minn diversi investimenti appoġġati mill-RRP, għandha l-għan li iżżid il-kwalità, l-attrazzjoni u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni doppja, b'żieda mistennija fir-rata ta' studenti ta' skejjele għolja f'din ir-rotta minn 17 % għal 40 % sal-2026.

Il-ħiliet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jidhru b'mod prominenti fl-istrateġiji usa' ta' ħiliet jew fil-miżuri ta' impjieg ta' diversi Stati Membri. Skont l-RRP tagħha u b'mod kumplimentari mal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) li jmiss, **Spanja** qed tippjana li tiffinanzja t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema fir-riskju ta' spostament biex jiksbu ħiliet ġodda għat-trasformazzjonijiet diġitali, ekoloġiċi u produttivi. Barra minn hekk, se jsir stħarriġ biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet rispettivi b'rabta mal-ħiliet f'tal-anqas 23 settur produttiv. Skont l-RRP **Litwan**, tnieda programm pilota biex jiżdiedu l-ambitu u d-diversità tal-miżuri ta' impjieg tal-RRP tal-Litwanja. Kellu l-għan li jikkontribwixxi għall-għanijiet tat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika u li jippromwovi l-ekonomija ċirkolari. Billi xeħtet enfasi partikolari fuq il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi, il-**Greċja** rirformat is-sistema nazzjonali tagħha tat-tagħlim tul il-ħajja, u mill-aħħar tal-2022 'il quddiem se tibda toffri programmi speċifiċi ta' taħriġ lil madwar nofs miljun persuna biex itejbu l-ħiliet diġitali u ekoloġiċi tagħhom. F'**Ċipru**, l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tagħlim Tul il-ħajja għall-2021-2027 tinkludi pilastru speċifiku dwar it-tranżizzjoni ekoloġika u s-sostenibbiltà. Sabiex tiġi ssodisfata d-domanda li tinbidel b'mod kostanti fil-ħiliet, xi Stati Membri jkejlu u jbasru l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet biex jinformat il-politiki. Pereżempju, l-**Estonja** u l-**Irlanda** qed jidentifikaw l-iskarsezzi futuri tal-ħiliet bi proċess parteċipattiv, li ħafna drabi jkun jinkludi rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi, tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg, tal-impjegaturi, tas-sħab soċjali, tal-universitajiet, u esperti differenti.

Fid-dawl tat-trasformazzjoni diġitali, bosta Stati Membri qed isegwu strateġiji komprensivi biex itejbu l-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni adulta tagħhom. Ħafna drabi, il-miżuri ta' politika jiffokaw fuq l-għoti ta' taħriġ dirett fil-ħiliet diġitali u fuq it-titjib tal-ħiliet diġitali. Pereżempju, fil-kuntest tal-RRP tagħha, **Spanja** għandha l-għan li ttejjeb il-livell tal-ħiliet diġitali tal-popolazzjoni. Miżura waħda tipprevedi network ta' ċentri ta' appoġġ għat-taħriġ f'ħiliet diġitali bażiċi u avvanzati li jinkludi azzjonijiet li jagħtu s-setgħa lill-anzjani jew jiffaċilitaw it-taħriġ għal tfal vulnerabbli u diversi kampanji ta' sensibilizzazzjoni.

Tipprevedi wkoll attivitajiet biex jiżdiedu l-kapaċitajiet diġitali tal-popolazzjoni ġenerali permezz ta' kollaborazzjonijiet mas-settur privat, bħall-pjattaforma ta' taħriġ b'aċċess liberu "Digitalize Plus", kif ukoll l-iżvilupp ta' riżorsi diġitali għat-tixrid u għat-tagħlim tal-lingwa Spanjola sa tmiem l-2025. Xi Stati Membri, pereżempju ċ-**Ċekja** u l-**Estonja**, qed jagħmlu investimenti sinifikanti fi programmi diretti tat-titjib tal-ħiliet diġitali maħsuba għall-popolazzjoni ġenerali. Dawn jinkludu wkoll programmi ta' taħriġ għall-ħiliet diġitali mmirati lejn gruppi speċifiċi fil-mira bħal dawk li qed ifittxu impjeg, speċjalisti ewlenin, u impjegaturi, speċjalment l-SMEs. F'Settembru 2021, il-gvern ta' Wallonia fil-**Belġju** adotta abbozz ta' digriet ġdid dwar it-tiħih tal-ħiliet diġitali bażiċi f'Settembru 2021. Dan id-digriet jippjana żieda fis-siġhat tat-taħriġ, pedagoġija standardizzata, koordinazzjoni mas-servizzi tal-impjegati u finanzjament aktar stabbli u msaħħaħ għall-istrutturi li jipprovdu dan it-taħriġ. Fil-**Lussemburgu**, f'Ottubru 2021 ġie adottat Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Inklużjoni Diġitali li fih taqsima prominenti dwar il-ħiliet diġitali. Il-pjan joffri l-litteriżmu diġitali fl-edukazzjoni formali u mhux formali għal-livelli kollha u għall-gruppi ta' età kollha, b'inizjattivi dedikati li jippermettu liċ-ċittadini jiksbu awtonomija diġitali. Sabiex tiġi żviluppata l-edukazzjoni diġitali u jiġu promossi l-kompetenzi diġitali taċ-ċittadini u tal-impjegati ta' diversi setturi, il-**Polonja** żviluppat, skont l-RRP tagħha, Pjan ta' Żvilupp tal-Kompetenzi Diġitali 2023-2030. **Malta** tinsab fil-proċess li tiżviluppa "Ċensiment tal-Ħiliet Diġitali" tal-forza tax-xogħol tagħha li r-riżultati tiegħu għandhom ikunu disponibbli sa tmiem l-2022. Fil-**Finlandja**, bħala parti mir-riforma estensiva tat-tagħlim kontinwu msemmija fl-RRP, fir-rebbiegħa tal-2022 ġiet ippubblikata l-ewwel sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għoti tat-taħriġ fil-ħiliet diġitali u/jew fil-ħiliet ekoloġiċi. Il-**Bulgarija** qed tinvesti fl-istabbiliment ta' pjattaforma tat-tagħlim tal-adulti skont l-RRP tagħha, maħsuba biex tħarreġ 500 000 persuna fil-ħiliet diġitali. Skont investiment tal-RRP, ir-**Rumanija** qed tippjana li tikkonverti diversi libreriji f'ċentri tal-ħiliet diġitali biex 100 000 persuna mill-komunitajiet żvantaġġati jirċievu taħriġ fil-ħiliet diġitali bażiċi. L-istrateġija tal-**Irlanda** dwar il-Litteriżmu, in-numeriżmu u l-litteriżmu diġitali tipprovi appoġġ mingħajr ħlas għall-adulti biex jiksbu l-ħiliet diġitali bażiċi meħtieġa biex jipparteċipaw fis-soċjetà. Bħala parti mill-RRP tiegħu, Ċipru adotta l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali tiegħu dwar il-ħiliet diġitali li jsaħħaħ il-ħiliet diġitali fis-soċjetà kollha.

L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jista' jkollhom rwol importanti fil-promozzjoni tal-ħiliet diġitali. Spanja qed tinvesti fit-trasformazzjoni diġitali tal-VET skont l-RRP tagħha biex tinkludi azzjonijiet ewlenin dwar it-taħriġ diġitali u ekoloġiku tal-għalliema tat-taħriġ vokazzjonali u l-konverżjoni tal-klassijiet fi spazji applikati li jimitaw l-ambjenti tax-xogħol teknoloġiċi. Fil-**Litwanja**, il-leġiżlazzjoni relatata mal-RRP dwar l-iskema ta' apprendistati fiha mira speċifika dwar it-trasformazzjoni diġitali, li tiddikjara li tal-anqas 40 % tal-apprendistati għandhom jiffokaw fuq il-ħiliet diġitali. Biex jissodisfa l-ħtieġa dejjem akbar tal-ħiliet diġitali, il-**Portugall** qed janalizza l-kontenut tat-taħriġ vokazzjonali u edukattiv inkluż fil-Katalogu Nazzjonali tal-kwalifiki f'dan il-qasam. Dan jinkludi b'mod partikolari moduli ta' taħriġ relatati mat-teknoloġiji u mal-għodod, biex jiġu żviluppati l-ħiliet li huma l-aktar meħtieġa fil-kuntest professjonali skont id-dijanjożi tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet.

Fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-ħtieġa għal tranżizzjoni malajr lejn l-enerġija nadifa fid-dawl tal-gwerra tal-aggressjoni Russja fl-Ukrajna, l-Istati Membri qed jimplementaw miżuri differenti biex irawmu u jiżviluppaw ħiliet tat-tranżizzjoni ekoloġika. Pereżempju, fl-**Estonja**, l-RRP jinkludi investimenti f'ħiliet ekoloġiċi, immirati lejn it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid biex titħejja forza tax-xogħol b'għarfien u b'ħiliet akbar fl-ekonomija ekoloġika. Il-miżura tħeġġeġ l-adozzjoni ta' teknoloġiji ekoloġiċi permezz tat-trasferiment tal-għarfien, il-modernizzazzjoni tal-kontenut u l-organizzazzjoni ta' programmi ta' taħriġ ta' profiċjenza fl-edukazzjoni għolja u fil-VET, kif ukoll il-forniment

ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid. Standards professjonali ġodda se jiġu aġġornati u, meta xieraq, żviluppanti, filwaqt li jiġu speċifikati l-eżiti tat-tagħlim tal-ħiliet ekoloġiċi, u jintgħażlu oqsma u ħiliet speċifiċi bl-akbar impatt fuq it-tranżizzjoni ekoloġika. Barra minn hekk, il-Pjan ta' Tranżizzjoni Territorjali Ġusta għar-reġjun Ida-Viru tal-Estonja li jiddependi fuq iż-żejt tax-shale jinkludi miżuri li jiffokaw fuq it-titjib tal-ħiliet u fuq it-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema u tal-persuni li qed ifittxu impjieg kif ukoll l-offerta ta' għajjnuna għat-tfittix ta' impjieg u l-inklużjoni attiva tal-persuni li qed ifittxu impjieg. Fl-**Iżvezja**, il-gvern ippropona li jinvesti SEK 100 miljun fl-2022 biex jagħti spinta lill-ħiliet għall-klima (*kompetenslyft för klimatet*). L-Aġenzija Żvediża għall-Innovazzjoni, Vinnova, bħalissa qed taħdem fuq proposta dwar kif din l-azzjoni għandha titfassal, eż., liema programmi għandhom jitqiesu eliġibbli, kif għandhom jitqassmu l-fondi u liema awtorità għandha tkun responsabbli għall-amministrazzjoni. Fid-**Danimarka**, f'April 2022 ġie adottat pakkett ta' DKK 100 miljun għat-taħriġ ekoloġiku u għat-titjib tal-ħiliet. Fost affarijiet oħrajn, il-finanzjament se jintuża għal investimenti fl-iżvilupp tat-tagħmir u tal-ħiliet għall-ħarrieġa, prinċipalment fl-oqsma tal-agrikoltura, tal-ikel, tat-teknoloġija, tal-kostruzzjoni u tat-trasport. B'mod aktar ġenerali, il-fornituri kollha tat-taħriġ fin-negozju u fis-suq tax-xogħol jistgħu japplikaw għall-finanzjament biex jiżviluppaw u jittestjaw il-perkorsi tal-edukazzjoni fl-adattament għat-tibdil fil-klima u fit-tranżizzjoni ekoloġika fil-perjodu 2022-2025.

Il-forniment ta' taħriġ huwa qasam ta' politika importanti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet b'rabta mal-ħiliet tat-tranżizzjoni ekoloġika. F'xi Stati Membri, bħall-**Irlanda u Spanja** hemm programmi speċifiċi tat-taħriġ lill-ispeċjalisti fis-setturi u fix-xogħlijiet li jinvolvu domanda kbira għal impjiegi ekoloġiċi. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Malta** beħsiebha tintroduċi programm ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni fl-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni b'enfasi fuq ir-rinnovazzjoni. Fl-**Awstrija**, *klimaaktiv*, l-inizjattiva għall-protezzjoni tal-klima tal-Ministeru Federali għall-Azzjoni Klimatika, għall-Ambjent, għall-Enerġija, għall-Mobilità, għall-Innovazzjoni u għat-Teknoloġija tintroduċi kontenut innovattiv fil-programmi edukattivi eżistenti u bħalissa toffri kwalifiki għall-ispeċjalisti fl-oqsma tal-bini u tar-rinnovazzjoni, tal-enerġija u tat-teknoloġija tal-bini, tal-IT ekoloġika, tal-iffrankar tal-enerġija, tal-ġestjoni tal-enerġija, tal-konsulenza dwar l-enerġija u tal-mobilità. Hemm ukoll inizjattivi li jinċentivaw l-adozzjoni tat-taħriġ dwar il-ħiliet ekoloġiċi mill-persuni qiegħda. Fid-**Danimarka**, il-ħaddiema mingħajr ħiliet u l-ħaddiema b'ħiliet skaduti jingħataw id-dritt għal benefiċċji tal-qgħad oġhla (110 % tal-livell bażi) jekk jibdeu edukazzjoni vokazzjonali f'impjieg li qed jiffaċċja skarsezzi, inkluż taħriġ għal impjiegi ekoloġiċi.

Biex tiżdied il-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim, b'mod partikolari fost ħaddiema b'livell baxx ta' kwalifiki, l-Istati Membri jintroduċu miżuri għal sensibilizzazzjoni aktar effettiva, skont il-prinċipji 1 u 4 tal-Pilastru (edukazzjoni, taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja u appoġġ attiv għall-impjiegi, rispettivament). Pereżempju, fil-**Belġju**, parzjalment ifffinanzjata mill-RRF, il-Komunità Fjamminga nediet strateġija maħsuba biex jiġu indirizzati segmenti speċifiċi tal-popolazzjoni adulta, b'koordinazzjoni mal-iżvilupp ta' skema tal-kontinwazzjoni individwali tat-tagħlim u ma' miżuri li jappoġġaw lill-fornituri tat-tagħlim lill-adulti u li jsaħħu s-sħubijiet dwar it-tagħlim tul il-ħajja. Dan jikkomplementa d-dritt individwali għal 5 jum ta' taħriġ għal kull impjegat u sena (f'ekwivalenti full-time) li huwa implimentat fl-2024 fil-livell federali fil-kuntest tal-RRP. Fil-**Greċja**, il-kontinwazzjoni individwali tat-tagħlim jinsabu fil-qalba ta' riforma sinifikanti tad-dispożizzjoni dwar it-tagħlim tal-adulti, ippromulgata fil-kuntest tal-RRP tal-pajjiż u maħsuba biex twieġeb aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol b'mekkaniżmu msaħħaħ tal-antiċipazzjoni tal-ħiliet. L-implimentazzjoni tal-kontinwazzjoni individwali tat-tagħlim, appoġġati mill-FSE+, hija referenzjata fl-istrateġija komprensiva ta' **Ċipru** għat-tagħlim tul il-ħajja 2021-2027. L-Istrateġija għandha l-għan li tiżgura, fost l-oħrajn, li t-tagħlim tul il-ħajja jkun aċċessibbli u rilevanti għall-adulti kollha. Skont l-RRP tagħha, fil-**Litwanja** għandha tiġi żviluppata sistema tal-IT ġdida abbażi tal-

mudell tal-kontijiet individwali tat-tagħlim, għall-adulti li jridu jibqgħu jitgħallmu, filwaqt li tagħti aċċess ukoll għal servizzi relatati, bħal gwida professjonali u r-rikonoxximent tal-ħiliet u tal-kompetenzi. Biex ittejjeb it-tlaqqigħ tal-programmi tat-tagħlim tal-adulti mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-**Kroazja** allinjat il-programmi tat-tagħlim tal-adulti mal-Qafas tal-Kwalifiki Kroat (CROQF) u tejbet ir-rikonoxximent tat-tagħlim informali u nonformali. Fid-**Danimarka**, inizjattiva ta' rotazzjoni tax-xogħol qed tippermetti lill-ħaddiema jinvolve ruħhom fit-tagħlim u jgawdu tagħlim kontinwu billi tipprovdi skemi ta' sostituzzjoni għal min ibati minn restrizzjonijiet fil-ħin. F'Settembru 2021, l-**Ungerija** introduċiet programm (EUR 175 miljun) għat-titjib tal-ħiliet ta' 70 elf impjegat sal-2025, b'inċentivi biex jiġu involuti gruppi żvantaġġati bħal ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, żgħażagħ, impjegati ta' aktar minn 50 sena jew dawk li jgħixu b'diżabbiltà.

L-Istati Membri jridu jiżguraw il-kwalità, ir-rikonoxximent u l-fehim tal-mikrokredenzjali li saru jintużaw dejjem aktar fis-sistemi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u tas-suq tax-xogħol, skont il-prinċipji 1 u 4 tal-Pilastru (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, u l-appoġġ attiv għall-impjiegi, rispettivament). Bħala strument li għandu potenzjal sinifikanti li jinkisbu titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid malajr u maħsuba għall-ħaddiema, għall-istudenti, u għal dawk li qed ifittxu impjeg fid-dawl tat-tranżizzjoni doppja, xi Stati Membri jistituzzjonalizzaw l-użu u r-rikonoxximent tal-mikrokredenzjali. Fl-**Irlanda**, iċ-ċertifikati dwar il-mikrokredenzjali huma inklużi fil-Qafas Nazzjonali tal-Kwalifiki tal-Irlanda sa mill-istabbiliment tiegħu fl-2003. Fl-2022, dawn jingħataw minn varjetà ta' fornituri, inklużi istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fornituri tal-VET, u fornituri mhux formali. Dawn qed jiġu apprezzati dejjem aktar mill-atturi fis-suq tax-xogħol għax jipprovdu opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet immirati, flessibbli u verifikabbli. Fin-**Netherlands**, il-mikrokredenzjali (*edubadges*) jistgħu jinħarġu online, u r-riċevituri tagħhom jistgħu jaħżnuhom u jaqsmuhom mal-impjegaturi jew mal-fornituri tal-edukazzjoni biex jagħmlu t-tagħlim tal-adulti aktar flessibbli u aċċessibbli. Wara l-adozzjoni tal-Att il-ġdid dwar l-Edukazzjoni għall-Adulti skont l-RRP tagħha, fl-2021 il-“mikrokwalifiki” saru parti mill-edukazzjoni formali għall-adulti fil-**Kroazja**. Il-qafas nazzjonali tal-kwalifiki tal-Kroazja se jinkludi unitajiet ta' eżiti tat-tagħlim relatati ma' korsijiet qosra tat-taħriġ, li jistgħu jwasslu għal kwalifiki parzjali jew sħaħ. Fi **Spanja**, dan l-aħħar, il-Liġi l-ġdida dwar il-VET (il-Liġi Organika 3/2022) integrat il-mikrokredenzjali fil-VET formali b'perkors biex jiġu akkumulati u aggregati l-kredenzjali individwali għal ċertifikat formali tal-VET. B'mod simili, fil-**Latvja**, il-liġi l-ġdida ta' Marzu 2022 dwar il-VET tippermetti li l-mikrokredenzjali jiġu akkumulati għal kwalifika sħiħa jew li jintużaw bħala kwalifiki awtonomi rispettivament. Fir-reviżjoni attwali tal-Att dwar l-Edukazzjoni tal-Adulti, l-**Estonja** se tirregola l-kontenut, l-għoti, il-kwalità u t-tul tal-esperjenzi tat-tagħlim li jwasslu għall-għoti ta' mikrokredenzjali. F'xi Stati Membri oħrajn, pereżempju l-**Polonja**, is-**Slovenja** u l-**Finlandja**, għadhom għaddejjin konsultazzjonijiet, u diskussjonijiet dwar inizjattivi legali rigward il-mikrokredenzjali. Fil-Polonja, l-implimentazzjoni tal-mikrokredenzjali se tiġi appoġġata mill-FSE+.

Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa għadha l-pedament tal-politika għat-trawwim ta' riformi strutturali u ta' miżuri li jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. Skont il-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa, f'konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru (dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi) kif ukoll fil-kuntest ta' miżuri appoġġati mill-fondi tal-UE (FSE+, RRF), xi Stati Membri nedew inizjattivi ġodda għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa. Lejn l-aħħar tal-2021, il-**Portugall** adotta “Pjan Nazzjonali Msaħħa għall-Implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ”, u, f'Ġunju 2021, **Spanja** introduċiet il-“Pjan ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ Plus 2021-2027” flimkien mal-“Istrateġija għaż-Żgħażagħ 2030”. Dan l-aħħar, il-**Litwanja**, l-**Iżvezja**, u l-**Estonja** (din tal-aħħar bħala parti mill-RRP tagħha) adottaw pjanijiet ġodda ta' implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ.

Stati Membri oħra, pereżempju **I-Kroazja u I-Greċja**, qed jaġġornaw il-pjanijiet tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tagħhom, filwaqt li **I-Bulgarija** qed taħdem fuq ftehim qafas nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ.

Numru sinifikanti ta' Stati Membri, appoġġati wkoll minn finanzjament tal-RRF, isegwu riformi u programmi ġodda, inklużi inċentivi ta' reklutaġġ u skemi ta' akkumpanjament immirati lejn iż-żgħażaġh. Għandhom l-għan li jtejbju l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh skont il-prinċipji 1 u 3 tal-Pilastru (dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ, u t-tagħlim tul il-ħajja, u dwar l-opportunitajiet indaqs, rispettivament). Fl-**Estonja**, l-RRP ikopri diversi miżuri li jappoġġaw liż-żgħażaġh, fosthom riforma tal-ħiliet b'appoġġ għat-tranżizzjoni diġitali, inkluż oppportunitajiet ġodda ta' karrieri għall-impjegati u għall-persuni qiegħda permezz ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fl-ICT. Miżura oħra, imsejħa "L-ewwel impjieg tiegħi", għandha l-għan li tnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh billi tħeġġeġ ir-reklutaġġ ta' żgħażaġh bi ftehim esperjenza ta' xogħol billi tgħaqad is-sussidji tal-paġi u l-opportunitajiet ta' taħriġ. Fil-**Greċja**, il-programm "*Proto Ensimo*" (L-Ewwel Timbru) jiffaċilita l-ewwel pass taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u joħloq impjieg ġodda fis-settur privat billi jipprovdi sussidji ta' EUR 600 (jew ta' EUR 300 għal part-time) kemm għall-impjegati żgħażaġh kif ukoll għall-impjegaturi. **Spanja** inkludiet l-"*Investment dwar il-Qgħad Fost iż-Żgħażaġħ*" fl-RRP tagħha, li jikkonsisti fi tliet programmi. Il-programm "*Tandem*" għandu l-għan li jikseb kompetenza professjonali permezz ta' taħriġ flimkien mal-impjieg, b'tal-anqas 25 % tal-programm iffokat fuq il-ħiliet relatati mal-klima u 25 % iffokat fuq il-ħiliet diġitali. It-tieni wieħed huwa l-programm "*L-Ewwel Esperjenza*", li jiffaċilita l-ewwel esperjenza ta' xogħol, b'tal-anqas 20 % tal-programm dedikat għall-ħiliet relatati mal-klima u 20 % għall-ħiliet relatati mal-qasam diġitali; u, fl-aħħar nett, il-programm "*Investigo*", li jipprovdi xogħol marbut mal-iżvilupp ta' proġett ta' riċerka. F'**Ċipru**, bħala parti mill-RRP, huwa ppjanat li jiġu stabbiliti unitajiet mobbli tal-PES biex itejbu s-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażaġh li mhumiex fl-edukazzjoni, f'impjieg, jew f'taħriġ (NEETs). Barra minn hekk, l-RRP Ċiprijott ikopri wkoll skema li ttiprovdi sussidji lill-impjegaturi fis-settur privat bħala inċentivi biex jimpjegaw żgħażaġh qiegħda u NEETs (ta' 15-29 sena) u jipprovdi xahrejn taħriġ. Ċipru għandu l-ħsieb ukoll li jindirizza l-ispariġġ fil-ħiliet bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol billi jestendi l-mekkaniżmu pilota tiegħu ta' s'tħarriġ dwar is-sitwazzjoni tal-gradwati għall-istituzzjonijiet kollha tal-edukazzjoni għolja sal-2023. Fl-aħħar nett, bil-finanzjament tal-FSE+, Ċipru qed jippjana wkoll li jimplementa l-inizjattiva "*Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb*" (ALMA), masuba għan-NEETs, u b'mod partikolari għaż-żgħażaġh żvantaġġati. ALMA se tiġi promossa permezz ta' kooperazzjoni/sħubija bejn il-PES, l-impjegaturi/in-negozji kif ukoll organizzazzjonijiet sħab potenzjali oħrajn. Is-**Slovakkja** qed tippjana li taġġorna l-"Prattika tal-Gadwati" biex iżżid l-impjegabbiltà tal-persuni żvantaġġati li qed ifittxu impjieg (eż. NEETs, persuni li jtilqu mill-iskola) bil-kisba u t-tisħiħ tal-ħiliet tax-xogħol permezz ta' esperjenza Prattika f'kumpanija.

Xi Stati Membri nedew inizjattivi biex itejbu l-integrazzjoni ta' ħaddiema akbar fl-età fis-swieq tax-xogħol u l-impjegabbiltà tagħhom, li se jgħinu wkoll biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tibdil demografiku, f'konformità mal-prinċipji 3 u 4 tal-Pilastru (dwar oppportunitajiet indaqs u dwar appoġġ attiv għall-impjieg, rispettivament). Fil-kuntest tal-pandemija, il-**Lussemburgu** llaxxa temporanjament ir-regoli li jllimitaw l-impjieg imħallas għal persuni li rtiraw kmieni biex ikopru l-ħtieġa għal persunal f'setturi differenti, b'mod partikolari s-settur tal-kura tas-saħħa.

L-Istati Membri qed jadottaw dejjem aktar miżuri li jagħtu liv permanenti tal-familja u liv speċjali ta' assenza lill-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura biex jappoġġaw il-parteciġazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, skont il-prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, rispettivament).

Fil-**Belġju**, mill-1 ta' Settembru 2021, id-durata massima tal-liv għall-kura informali għal persuna fil-bżonn ta' kura żdiedet għal tliet xhur ta' full-time jew għal sitt xhur ta' 1/5 jew tnaqqis ta' nofs il-ħin f'xogħol full-time. Fid-**Danimarka**, minn Awwissu 2022, daħlu fis-seħħ miżuri ġodda, li permezz tagħhom l-allowance ta' wara t-twelid se tinqasam b'mod ugwali bejn il-ġenituri f'ammont sa 24 ġimġha ta' paga tal-maternità/paternità wara l-ħlas. Parti mil-liv tista' tiġi ttrasferita minn ġenitur għall-ieħor. F'Awwissu 2022, il-gvern tal-**Irlanda** approva l-Iskema Ġenerali tal-Abbozz ta' Liġi ppjanat dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u Dispożizzjonijiet Mixxelanji li għandha l-għan li tintroduċi dritt għal ħamest ijiem ta' liv fis-sena għall-kura medika b'rabta ma' mard serju u l-estensjoni tal-intitolament attwali għal pawżi għat-treddigħ skont l-Atti dwar il-Protezzjoni tal-Maternità minn sitt xhur għal sentejn. Barra minn hekk, l-Att Irlandiż tal-2019 dwar il-Liv tal-Ġenituri ġie aġġornat f'Ottubru 2021, u estenda l-liv imħallas tal-ġenituri minn ħames għal seba' ġimġhat biex jintuża b'mod flessibbli sakemm il-wild jagħlaq sentejn. Fl-**Italja**, riforma minn Ġunju 2022 għandha l-għan li tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tal-ħaddiema bi dmirijiet ta' kura bħala ġenituri u/jew persuni li jindukraw, biex tinkiseb kondivizzjoni aktar ugwali tar-responsabbiltajiet ta' kura bejn l-irġiel u n-nisa u tiġi promossa l-ugwaljanza bejn il-ġeneri kemm fuq il-post tax-xogħol kif ukoll fil-familja. Mill-2022, il-leġislazzjoni ġiet aġġornata biex tistabbilixxi liv tal-paternità obligatorju u fakultattiv ta' 10 ijiem u ta' jum (jekk jiġi ttrasferit mill-omm), rispettivament. Barra minn hekk, liġi adottata f'April 2022 għandha l-għan li tappoġġa lill-familji bit-tfal u tteġġeg ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u tal-ħajja tal-familja, billi tistabbilixxi benefiċċju universali ta' kull xahar għat-tfal dipendenti kollha, tirriforma diversi tipi ta' liv tal-familja, tintroduċi inċentivi għan-nisa b'responsabbiltajiet ta' kura biex jidħlu fil-forza tax-xogħol, u tiżviluppa politiki li jappoġġaw lill-familji fl-ispejjeż edukattivi u tal-iskola. F'Novembru 2021, **Ċipru** introduċa riforma li żżid il-liv tal-maternità minn 18 għal 22 ġimġha fil-każ tat-tieni wild jew ta' wild ieħor b'adozzjoni jew minn omm surrogata, u għal 26 ġimġha fil-każ tat-tielet wild. Id-durata tal-liv tal-paternità hija ta' ġimagħtejn, li jrid jitgawda fi żmien 16-il ġimġha mit-twelid jew mill-adozzjoni tal-wild. Sa tmiem l-2022, Ċipru qed jippjana wkoll li jintroduċi d-dritt għal liv tal-ġenituri mħallas, id-dritt għal flessibbiltà fil-liv tal-ġenituri u d-dritt għal liv tal-indokratur. Fl-2022, il-**Litwanja** ħadet miżuri biex tintroduċi jiem addizzjonali ta' liv għall-ġenituri, filwaqt li qieset in-numru ta' tfal kif ukoll l-istatus ta' diżabbiltà tat-tfal (ara t-Taqsima 2.3.2). Mill-4 ta' Settembru 2022, permezz tar-riforma tal-liv tal-familja, il-**Finlandja**, kellha l-għan li żżid l-ugwaljanza bejn il-ħajja tax-xogħol tal-ġenituri u, b'rispett tal-forom differenti tal-familja, iż-żewġ ġenituri se jirċievu kwota ta' 160 jum ta' allowance tal-ġenituri. Minn dawn, massimu ta' 63 jum ta' allowance tal-ġenituri jistgħu jiġu ttrasferiti lil ġenitur jew lil tutur ieħor, lil konjuġi, jew lil konjuġi tal-ġenitur l-ieħor. Il-bqija tat-tqala hija protetta minn perjodu ta' allowance tat-tqala ta' 40 jum tal-allowance ta' kuljum. Il-liv jista' jintuża f'ħafna perjodi sakemm il-wild jagħlaq sentejn. Mit-2 ta' Awwissu 2022, il-**Netherlands** introduċew dritt għal liv tal-ġenituri mħallas ta' 9 ġimġhat b'rata ta' 70 % tal-paga ta' kuljum. F'Novembru 2021, **Franza** żiedet in-numru ta' jiem ta' liv (310 ijiem li għandhom jittieħdu fuq tliet snin, li jistgħu jiġġeddu darba), u appoġġ finanzjarju li l-ġenituri huma intitolati għalih f'każ ta' mard serju ta' wild. Barra minn hekk, il-ġenituri huma intitolati għal jumejn liv jekk il-wild tagħhom jiġi ddiġanjostikat b'marda kronika. Fl-2022, f'**Malta**, is-servizzi tal-indukrar tat-tfal mingħajr ħlas ġew estenzi għall-impjegati li jaħdmu filgħaxijiet, fi tmiem il-ġimġha, jew f'xiftijiet. Barra minn hekk, liġi ġdida minn Lulju 2022 tintroduċi u testendi l-liv tal-paternità mħallas ta' 10 ijiem mat-twelid jew mal-adozzjoni għall-missirijiet u għat-tieni ġenituri. Barra minn hekk, id-dritt għal 4 xhur liv tal-ġenituri mħallas għal kull ġenitur ta' wild taħt it-8 snin, id-dritt għal liv tal-persuni li jindukraw mhux imħallas ta' 5 ijiem ta' xogħol fis-sena, u d-dritt għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli għall-ħaddiema bi tfal taħt it-8 snin u għall-persuni li jindukraw. Minn Awwissu 2022, fil-**Bulgarija**, il-missier jew it-tutor legali maskili għandu d-dritt għal xahrejn liv għall-kura bi

ħlas (BGN 710, madwar EUR 363) għal tfal sa 8 snin bil-kundizzjoni li ma jkunx ibbenefika minn skemi simili.

L-Istati Membri qed jintroduċu miżuri dwar arranġamenti tax-xogħol kondiviżi u flessibbli għall-familji u għall-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura, skont il-prinċipji 2 u 9 tal-Pilastru (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol, rispettivament). F'Jannar 2021, iċ-Ċekja introduċiet emenda tal-liġi li tippermetti lill-impjegati li jaħdmu part-time jaqsmu pożizzjoni waħda ta' impjieg. Din il-miżura għandha l-għan li tespandi l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli u hija kofinanzjata mill-FSE b'inċentivi finanzjarji li jkopru parti mis-salarju, b'appoġġ tal-koordinaturi tal-politika dwar il-familja fir-reġjuni, kif ukoll gwidi metodoloġiċi, analiżi tal-politiki, u l-aħjar Prattiki. Fl-Irlanda, l-Abbozz ta' Liġi ppjanat dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata u Dispożizzjonijiet Mixxelanji għandu l-għan li jintroduċi dritt għall-persuni li jindukraw biex jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inklużi sigħat tax-xogħol marsusin jew imnaqqsin. Sa tmiem l-2022, Ċipru qed jippjana li jagħti sa 8 snin lill-ġenituri li jaħdmu bit-tfal, u d-dritt lill-indokraturi li jitolbu arranġamenti tax-xogħol flessibbli. Fl-2022, fil-Litwanja tieħdu miżuri biex tiġi introdotta l-possibbiltà li wieħed jaħdem anqas minn jum shif u biex isiru arranġamenti għat-telexogħol u għal skeda tax-xogħol flessibbli għan-nisa tqal jew li qed iredgħu jew għall-ġenituri singoli li jrabbu tfal sa 14-il sena (jew sa 18-il sena, fil-każ tat-tfal b'diżabbiltà), u għall-ġenituri li jrabbu t-tfal sa 8 snin.

Diversi Stati Membri ħadu azzjoni biex jippromwovu l-attivazzjoni, jappoġġaw l-impjieg tan-nisa u jindirizzaw id-differenza bejn il-ġeneri fil-pagi, f'konformità mal-prinċipji 2 u 4 tal-Pilastru (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar l-appoġġ attiv għall-impjegi, rispettivament). Fl-Irlanda, l-Att ta' Informazzjoni dwar id-Differenza bejn il-Ġeneri fil-Pagi ġie aġġornat f'Lulju 2021 u se jirrikjedi li l-organizzazzjonijiet jirrapportaw dwar id-differenzjali bejn il-ġeneri fil-pagi li jispjegaw id-differenzi fil-pagi bejn l-impjegati nisa u rġiel, inklużi l-bonusijiet. Inizjalment, ir-rekwiżit se japplika għal organizzazzjonijiet b'250 impjegat jew aktar iżda maż-żmien se jestendi għal organizzazzjonijiet b'50 impjegat jew aktar. L-Att jirrikjedi wkoll li l-impjegaturi jistabbilixxu r-raġunijiet għad-differenzi u l-miżuri biex jiġu eliminati, li jridu jiġu proposti, iżda mhumiex obbligatorji. Fl-Italja, il-Liġi tal-Baġit 2022 tipprevedi żieda ta' EUR 50 miljun fis-sena mill-2023 għall-fond li jappoġġa l-ekwità tal-pagi bejn il-ġeneri. Ir-riżorsi huma maħsubin għal interventi mmirati lejn l-appoġġ u r-rikonossiment tal-valur soċjali għall-iżvilupp ekonomiku tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-pagi u l-opportunitajiet indaqs fil-post tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Pjan Strateġiku Nazzjonali adottat għandu l-għan li jidentifika Prattiki tajbin għall-għlied kontra l-istereotipi marbutin mal-ġeneru, inaqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi, jikseb parità fil-parteċipazzjoni f'setturi ekonomiċi differenti, jindirizza d-differenza fil-pagi u fil-pensjonijiet u jikseb bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid ta' deċizzjonijiet. Barra minn hekk, l-RRP Taljan jipprevedi investimenti li jippromwovu l-intraprenditorija fost in-nisa, jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' negozju innovattivi għall-kumpaniji stabbiliti u mmexxijin min-nisa jew b'mod predominanti min-nisa u investimenti f'sistema ta' ċertifikazzjoni għal ditti li jappoġġaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-Prattiki tagħhom. Fi Franza, il-liġi ta' Diċembru 2021 introduċiet numru ta' miżuri mmirati lejn it-trawwim tal-ugwaljanza ekonomika u professjonali bejn in-nisa u l-irġiel. Mill-1 ta' Marzu 2022, l-impjegaturi b'tal-anqas 1 000 impjegat huma meħtieġa jippubblikaw kull sena kwalunkwe nuqqas fir-rappreżentanza bejn in-nisa u l-irġiel fost eżekuttivi superjuri u l-membri tal-korpi governattivi. Din l-informazzjoni se ssir pubblika fuq is-sit web tal-Ministeru tax-Xogħol, mill-1 ta' Marzu 2023 'il quddiem. Tinkludi wkoll il-ħolqien ta' kwota ta' 30 % fil-karigi maniġerjali tad-ditti mill-1 ta' Marzu 2026, b'aktar żidiet 'il quddiem (40 % mill-1 ta' Marzu 2029). F'Ottubru 2021, il-Greċja adottat il-qafas għall-forniment ta' servizzi tal-indukrar tat-tfal għal tfal ta' bejn xahrejn u sentejn u nofs u għall-implimentazzjoni tal-programm

“Nannies fl-Inħawi” li jappoġġa l-aċċess tan-nisa għas-suq tax-xogħol u jippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-implimentazzjoni mal-pajjiż kollu se tkun preċeduta minn fażi pilota fi 33 muniċipalitá.

L-Istati Membri introduċew inizjattivi ġodda u ppromulgaw riformi biex itejbu r-reklutaġġ u l-impjegabbiltá ta’ persuni b’dizabbiltá, f’konformità mal-prinċipju 17 tal-Pilastru (dwar l-inklużjoni ta’ persuni b’dizabbiltá). Fil-**Belġju**, ir-riforma Talenti–Impulsjoni–Mobilizzazzjoni tal-PES ta’ Wallonia hija ffinanzjata permezz tal-RRP Belġjan u għandha l-għan li tipprovdi servizzi aktar personalizzati u perkorsi individwali għal persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjieg, inklużi persuni b’dizabbiltá. Il-**Bulgarija** qed tippjana li tnedi programm li jappoġġa l-impjieg sostenibbli tal-gruppi vulnerabbli, inkluż tal-persuni b’dizabbiltá, b’baġit ta’ EUR 51,1 miljun iffinanzjat mill-FSE+. L-operazzjoni se tkun immirata lejn 3 600 membru ta’ gruppi vulnerabbli, inklużi persuni b’dizabbiltá, billi tappoġġahom b’impjieg sussidjat, b’mentoraġġ, bl-adattament tal-ambjent tax-xogħol u bit-trasport. F’Ottubru 2022, iċ-**Ċekja** żiedet l-inċentivi għar-reklutaġġ għall-impjieg ta’ persuni b’dizabbiltá. Sabiex jiżiedu s-servizzi ta’ impjieg offriti mill-PES lil persuni b’dizabbiltá, f’Lulju 2021, l-**Irlanda** adottat approċċ ta’ involviment bikri. B’dan l-approċċ, li mistenni jibda jintuża għalkollox sal-aħħar tal-2022, il-PES Irlandiż se jkun qed joffru u jipprovdu b’mod attiv servizzi tal-impjieg u appoġġ mill-aktar fis possibbli lill-persuni b’dizabbiltá li qed ifittxu impjieg. L-involviment se jkun volontarju u se jkun iffokat fuq il-ħtiġijiet tal-persuna u se jindirizza l-ostakli li jiffaċċjaw il-persuni b’dizabbiltá. Fi Frar 2022, il-**Kroazja** adottat il-Liġi dwar l-Emendi fil-Liġi dwar is-Suq tax-Xogħol, u tejbet il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-assistenza finanzjarja lill-persuni qiegħda b’dizabbiltá u ddeterminat li l-assistenza fi flus tkun 10 % tas-salarju minimu nett. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP tagħha, f’Awwissu 2021, il-**Latvja** adottat pjan għall-promozzjoni ta’ opportunitajiet indaqs għall-persuni b’dizabbiltá. Il-pjan jaġġusta r-regoli li jiddeterminaw l-istatus tad-dizabbiltá, jintroduċi miżuri għall-inklużjoni fis-suq tax-xogħol kif ukoll għall-aċċessibbiltá tal-infrastruttura għall-ambjent mibni. Fil-**Litwanja**, ġiet adottata emenda li tespandi l-applikabbiltá ta’ politiki attivi tas-suq tax-xogħol (ALMPs) għal persuni b’dizabbiltá. L-inizjattiva l-ġdida għandha l-għan li tiffaċilita d-dħul ta’ persuni b’dizabbiltá fis-suq tax-xogħol miftuħ u permezz tagħha huma jkun jistgħu japplikaw għall-impjieg tal-għażla tagħhom għall-kuntrarju tal-impjieg tagħhom f’intrapriżi soċjali speċjali fejn it-tali għażla tkun limitata. Fl-2022, il-**Portugall** introduċa programm li jappoġġa l-proċess ta’ reklutaġġ u ta’ impjegabbiltá tal-persuni b’dizabbiltá, permezz ta’ appoġġ għall-ikkuntrattar, għad-dħul, għall-integrazzjoni u għall-intraprenditorija, inklużi dawk relatati mar-riabilitazzjoni professjonali. Sabiex jagħti spinta lill-istabbilizzazzjoni u lill-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-programm għandu l-għan li jaġġusta, isahha u jagħti ħajja mill-ġdid lill-inċentivi għall-impjegabbiltá ta’ natura kontributorja u ta’ programmi ta’ politika dwar l-impjieg. Fil-**Finlandja**, skont l-RRP, operatur Statali intermedju ġdid tas-suq tax-xogħol se jibda jopera fl-2022 biex jippromwovi l-adattament u l-kollokament ta’ persuni li għandhom riskju sinifikanti li jiġu esklużi b’mod permanenti mis-suq tax-xogħol inklużi persuni b’kapaċitá mnaqqsa li jaħdmu. Wara li jkun ġew stabbiliti l-operazzjonijiet, il-kumpanija għandha l-għan li jkollha madwar 1 000 persuna f’relazzjoni ta’ impjieg.

L-Istati Membri ħadu azzjoni biex jappoġġaw u jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi. Fl-2022, l-**Estonja** emendat il-programm “Settle in Estonia”, programm mill-gvern Estonjan li jikkonsisti f’kors ta’ adattament u f’taġħlim tal-lingwa għall-migranti li jkun għadhom kif waslu, biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet tal-parteċipanti billi l-modulu ta’ Ħidma u ta’ Intraprenditorija li qabel kien kombinat jinqasam f’żewġ moduli separati. Barra minn hekk, minbarra t-taħriġ fil-livell A1, il-programm jinkludi korsijiet tal-lingwa fil-livell A2, u l-metodoloġija tat-taġħlim ġiet adattata. Barra minn hekk, l-Estonja approvat il-Konvenzjoni Globali dwar ir-Rikonoxximent ta’ Kwalifiki

dwar l-Edukazzjoni Għolja tal-UNESCO (il-Konvenzjoni Globali) li tistabbilixxi d-drittijiet tal-individwi li jkollhom il-kwalifiki barranin tagħhom ivvalutati b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-korsijiet tal-lingwi għandhom rwol prominenti fost l-Istati Membri. Fil-**Finlandja**, pereżempju, ġew allokati fondi addizzjonali għat-tagħlim tal-Finlandja/tal-Iżvediż bħala t-tieni lingwa, għal-litteriżmu, u għat-taħriġ fl-integrazzjoni fl-edukazzjoni mhux formali. B'mod aktar speċifiku, il-gvern Finlandiż jipproponi żieda ta' EUR 5,5 miljun fil-baġit tal-2023 għall-ispejjeż operatorji taċ-Ċentru tas-Servizzi għat-Tagħlim Kontinwu u għall-Impjiegi li jridu jintużaw għall-edukazzjoni u t-taħriġ imfasslin għall-Ukreni. Fil-**Ġermanja**, f'Novembru 2021, il-Ministeru għax-Xogħol u għall-Affarijiet Soċjali ta lill-applikanti għall-ażil mill-Afganistan aċċess bikri għal miżuri ta' integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, bħal korsijiet tal-lingwa vokazzjonali. F'Diċembru 2021, l-**Irlanda** ppubblikat linji gwida u għodod ġodda biex tgħin lill-istudenti migranti jtejbju l-ħiliet lingwistiċi tagħhom fl-Ingliż u jkomplu javvanzaw fl-edukazzjoni oġhla skont l-istrategġija tagħha "Adult Literacy for Life" (ALL). F'Marzu 2022, **Franza** implimentat il-programm ta' appoġġ komprensiv u individwalizzat tagħha għall-integrazzjoni tar-refuġjati ("AGIR"). Il-programm joffri, fost l-oħrajn, skema ta' appoġġ imfassla apposta li tiffaċilita r-rikonossiment ta' esperjenzi preċedenti ta' ċittadini barranin li jkunu għadhom kif waslu, jissimplifika l-integrazzjoni vokazzjonali tagħhom, u jtejjeb l-aċċess għax-xogħol għal dawk li jkunu l-aktar imbegħdin mill-impjeg skont il-karatteristiċi tagħhom. Fl-**Italja**, l-awtoritajiet Taljani u l-UNHCR iffiraw memorandum ta' qbil biex tiġi promossa l-integrazzjoni tar-refuġjati u tal-applikanti għall-ażil fis-suq tax-xogħol permezz ta' sensiela ta' attivitajiet konġunti. Il-ftehim għandu l-għan li jżid l-involvement tas-settur privat, filwaqt li jipprovdi lill-kumpaniji b'informazzjoni u b'għodod biex jilqgħu lir-refuġjati u jtejjeb il-ħiliet tan-network tas-servizzi tal-impjiegi u tal-atturi tas-soċjetà ċivili li jappoġġaw il-proċessi ta' inklużjoni. F'Marzu 2022 u ffinanzjata mill-RRP tagħha, is-**Slovakkja** adottat liġi biex ittejjeb l-integrazzjoni tal-ħaddiema migranti inklużi l-persuni rimpatrijati, l-impjegati b'livell għoli ta' kwalifiki minn pajjiżi terzi u l-membri tal-familja tagħhom, u l-istudenti universitarji barranin li jistudjaw is-Slovakkja. L-għan tagħha huwa li toħloq qafas legali għal "punt uniku ta' servizz" li jipprovdi konsulenza u servizzi komprensivi.

L-Istati Membri adottaw miżuri biex jaċċelleraw ir-rikonossiment tal-kwalifiki għal persuni spostati mill-Ukrajna. Billi jikkooperaw fin-network ENIC-NARIC, l-**Awstrija**, l-**Estonja**, **Franza** u s-**Slovenja**, pereżempju, jaħdmu flimkien biex jipprovdu pariri u standards komuni għar-rikonossiment tad-diplomi. Fil-**Portugall** kif ukoll **l-Awstrija**, l-applikazzjonijiet għar-rikonossiment tad-diplomi minn persuni spostati mill-Ukrajna huma prijoritizzati. Min-naħa tagħhom, xi Stati Membri issimplifikaw u qassru l-proċeduri ta' rikonossiment. Pereżempju, il-**Ġermanja**, il-**Litwanja**, il-**Portugall**, u l-**Latvja** qed jaċċettaw kopji diġitali tad-dokumenti u jirrinunzjaw għar-reqwizit ta' traduzzjoni ċċertifikata. Fl-**Italja**, l-awtoritajiet ipprovdu bażi tad-*data* b'lista estensiva u bi spjegazzjonijiet tal-kwalifiki Ukreni lil istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u persuni spostati fis-setturi soċjali u tal-kura tas-saħħa jistgħu jiġu rreklutati mal-preżentazzjoni tal-Passaport Ewropew tal-Kwalifiki tar-Refuġjati. B'mod simili, fiċ-**Ċekja**, l-awtoritajiet haġġu manwal għall-armonizzazzjoni u għall-aċċellerazzjoni tar-rikonossiment. Fil-**Finlandja**, l-uffiċjali responsabbli għar-rikonossiment tal-kwalifiki formali rċevew taħriġ speċifiku biex jifhm u aħjar is-sistema edukattiva tal-Ukrajna. Bis-sospensjoni tar-reqwizit tal-postilla għaċċertifikazzjoni ta' dokumenti pubbliċi barranin, is-**Slovakkja** tiffaċilita r-rikonossiment ta' ħiliet preċedenti.

Diversi Stati Membri ħadu miżuri biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' persuni spostati mill-Ukrajna permezz ta' taħriġ u miżuri biex jiffaċilitaw l-ostakli għad-dħul. Korsijiet lingwistiċi speċifiċi għall-persuni spostati mill-Ukrajna kienu t-tip predominanti ta' programm żviluppat ġdid mill-Istati Membri. Pereżempju, fil-**Ġermanja**,

aktar minn nofs in-numru totali ta' persuni spostati mill-Ukrajna pparteċipaw f'korsijiet lingwistiċi. Is-**Slovakkja** żviluppat proġett edukattiv li jagħti għarfien teoretiku u prattiku lill-persuni spostati flimkien ma' allowance finanzjarju, li jiġi riċevut wara t-tlestija tal-kors, li jkopri t-tariffa għall-kors u parti mill-ispejjeż relatati. Fiċ-**Ċekja**, il-ħaddiema tas-saħħa spostati fl-Ukrajna jirċievu permess ta' prattika professjonali temporanja (għal perjodu fiss ta' 12-il xahar) li jippermettilhom itejbu l-ħiliet lingwistiċi tagħhom u jsiru midħla tas-sistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa. Dan ir-reġim ta' internships jippermettilhom jiksbu l-għarfien neċessarju biex jgħaddu mill-eżami tar-rikonoxximent. Fis-**Slovakkja**, il-ħaddiema spostati jridu jgħaddu minn eżami supplimentari f'università jew fi skola sekondarja u jipprovdu ċertifikat ta' edukazzjoni rikonoxxut biex jitħallew jaħdmu fis-settur tal-kura tas-saħħa. Fl-**Ungerija**, l-Ukreni spostati bi kwalifika rikonoxxuta mill-Istat tal-Ukrajna fil-kura tas-saħħa jistgħu jibdeu jaħdmu fil-professjoni tagħhom b'mod parallel mal-proċedura ta' rikonoxximent tal-kwalifiki.

2.3 Linja Gwida 7: Insaħħu l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali

Din it-taqsimha tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 7 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jtejjbu l-funzjonament tas-suq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali. Tkopri, fost l-oħrajn, l-ibbilanċjar tal-flessibbiltà u tas-sigurtà fil-politiki tas-suq tax-xogħol, il-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat, il-prevenzjoni tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol u t-trawwim tat-tranżizzjoni lejn kuntratti indefiniti, u l-iżgurar tal-effettività tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn l-għanijiet huma allinjati mal-prinċipji 4 (appoġġ attiv għall-impjiegi), 5 (impjieg sigur u adattabbli), 7 (informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensja), 8 (id-djalogu soċjali u l-involviment tal-ħaddiema), 10 (ambjent tax-xogħol tajjeb għas-saħħa, sigur u adattat sew) u 13 (benefiċċji għall-qgħad) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Abbażi tal-prattiki nazzjonali eżistenti, jiġu diskussi wkoll il-promozzjoni tad-djalogu soċjali u l-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. It-Taqsimha 2.3.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma.

2.3.1 Indikaturi ewlenin


L-indirizzar tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol huwa kruċjali biex jittejjbu il-kwalità tal-impjiegi u l-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipji 5 (dwar impjieg sigur u adattabbli) u 7 (dwar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji) tal-Pilastru. Is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol timplika differenzi persistenti fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-individwi fis-suq tax-xogħol li ma jistgħux jiġu attribwiti għal differenzi fil-ħiliet, fix-xogħol u fl-esperjenza tagħhom¹³⁸. Indikazzjoni qawwija ta' segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol hija l-kombinazzjoni ta' sehem għoli ta' kuntratti temporanji għal gruppi speċifiċi ta' ħaddiema u rati baxxi ta' tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti. Ishma għoljin ta' impjiegi indipendenti "foloz" jistgħu jkunu relatati magħha wkoll.

¹³⁸ Ara l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u l-Eurofound. F'termini prattiċi, dan ifisser li s-suq tax-xogħol huwa separat fi swieq sekondarji jew f'segmenti, distinti b'karatteristiċi differenti u b'regoli ta' mgħiba bħal arranġamenti kuntrattwali (jiġifieri kuntratti indefiniti vs kuntratti b'terminu fiss), in-natura u l-varjetà tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi fl-Istati Membri (jiġifieri regoli li jirregolaw ir-reklutaġġ u s-sensji individwali u kollettivi tal-impjegati b'kuntratti għal terminu fiss), jew it-tipi ta' ħaddiema kkonċernati (eż. ħaddiema temporanji u part-time involontarji, fost l-oħrajn).

Is-sehem tal-impjegi temporanji mill-impjegi totali żdied bi ftit biss fl-2021 fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, fid-dawl ta' kundizzjonijiet ekonomiċi aktar favorevoli. Is-sehem ta' persuni b'kuntratti temporanji¹³⁹ mill-impjegati kollha (20-64 sena) żdied ftit bħala medja fl-UE minn 10,9 % fl-2020 għal 11,2 % fl-2021, xorta waħda 0,8 pp taħt il-livell ta' qabel il-pandemija. Madankollu, f'termini trimestrali, is-sehem tal-impjegati temporanji (20-64; aġġustat staġunalment) kien 13,1 % fi Q2-2022, jiġifieri 0,1 pp iżjed minn dak fi Q1-2021 u 1,1 pp iżjed mill-anqas livell ta' Q2-2020. Il-varjazzjoni madwar l-Istati Membri hija sostanzjali. Filwaqt li Spanja, in-Netherlands, il-Portugall u l-Italja jirreġistraw ċifri ta' aktar minn 15 %, is-sehem hu anqas minn 4 % fl-Estonja, fil-Litwanja, fir-Rumanija, fil-Latvja u fil-Bulgarija – ara l-Grafika 2.3.1. B'mod ġenerali, l-Istati Membri bl-akbar ishma ta' kuntratti temporanji qabel il-pandemija tal-COVID esperjenzaw l-akbar tnaqqis, filwaqt li dawk b'livelli relattivament baxxi raw żidiet zġħar minn dak iż-żmien 'l hawn¹⁴⁰. Bejn l-2019 u l-2021, ġie rreġistrat tnaqqis sinifikanti fil-Polonja (6,8 pp), fil-Kroazja (4,5 pp), fil-Portugall (3,6 pp), fis-Slovenja (3,4 pp) u fil-Greċja (2,7 pp) filwaqt li ġew osservati żidiet fir-Rumanija (0,9 pp), fil-Litwanja u fid-Danimarka (0,6 pp) u fil-Lussemburgu (0,2 pp).

Grafika 2.3.1: L-impjegi temporanji għadhom kemxejn inqas mil-livelli ta' qabel il-kriżi, iżda b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri

Is-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati kollha (20-64, %, data annwali)



Nota: Id-definizzjoni tvarja fi ES u FR fl-2021 (ara l-metadata).

Sors: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

Xi Stati Membri għandhom ammonti kbar ta' kuntratti temporanji u rati baxxi tat-tranżizzjoni lejn impjieg permanenti. L-Grafika 2.3.2 turi n-numru ta' impjegati temporanji (20-64 sena) bħala persentaġġ tat-total ipplottjat kontra r-rati tat-tranżizzjoni medji fuq 3 snin minn kuntratti temporanji għal kuntratti indefiniti (jiġifieri bejn l-2018 u l-2020). Fl-2020, Spanja, il-Polonja, Franza u l-Italja kellhom l-aktar sitwazzjoni kritika kkaratterizzata minn rati għoljin tal-kuntratti temporanji (aktar minn 15 %) u rati tat-tranżizzjoni relattivament baxxi (anqas minn 30 %). Stati Membri oħra bħan-Netherlands, il-Portugall, il-Kroazja u l-Iżvezja kellhom rati tal-impjieg temporanju oġhla mill-medja tal-UE


¹³⁹ Dan it-terminu jirreferi għall-arranġamenti tax-xogħol nonstandard (bħall-kuntratti flessibbli, b'terminu fiss, fuq talba u ta' zero sigħat) u għall-kuntratti tax-xogħol temporanju, filwaqt li jeskludi x-xogħol part-time u l-ħaddiema għal rashom bla impjegati. Sors: indikaturi tal-Eurostat [lfsi_pt_a] u [lfsi_pt_q] għal data annwali u trimestrali, rispettivament.

¹⁴⁰ Il-Kummissjoni Ewropea, *Labour Market and Wage Developments in Europe, Annual review 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

(13,5 % fl-2020), iżda wkoll rati għoljin tat-tranżizzjoni (aktar minn 35 %). Min-naħa l-oħra, il-Litwanja, il-Latvja u l-Bulgarija kellhom ishma baxxi ħafna tal-kuntratti temporanji (anqas minn 4 %) u rati baxxi tal-tranżizzjoni lejn kuntratti permanenti. Ir-rati tal-kuntratti temporanji fir-Rumanija, fl-Ungerija, fis-Slovakkja, fiċ-Ċekja, fil-Lussemburgu u fl-Estonja kienu inqas mit-8 % u r-rati tat-tranżizzjoni qabżu t-30 %.

Grafika 2.3.2: Ġew osservati differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fis-sehem tal-kuntratti temporanji u r-rata tat-tranżizzjoni lejn impjegi permanenti

Impjegati temporanji bħala persentaġġ tal-impjegati totali (20-64) fl-2020 u r-rata tat-tranżizzjoni lejn impjegi permanenti (valur medju għall-2018, għall-2019 u għall-2020).



Nota: Interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2020 għal DE. Ir-rata tat-tranżizzjoni tal-ħaddiema għal LV tirreferi għall-2017; il-valur għal SK hu l-medja tal-2019 u tal-2020 biss.


Sors: il-Eurostat, [\[fsa_etpgan\]](#) l-LFS tal-UE u [\[ilc_lvhl32\]](#) l-UE-SILC.

Is-sehem tal-persuni b'impjieg temporanju involontarju jvarja sostanzjalment fost l-Istati Membri u wħud minnhom qed jaffaċjaw sfidi partikolari. Il-persentaġġ tal-impjegati (20-64 sena) b'kuntratti temporanji involontarji kien 7,8 % fl-UE fl-2021. Iżda d-distakk bejn l-oġhla u l-inqas valuri madwar l-Istati Membri għadu sinifikanti (15,4-il pp fl-2021), u baqa' l-istess mill-2020. Ċerti Stati Membri bħal Spanja (19,5 %), l-Italja (13,4 %), il-Portugall (12,2 %) u Ċipru (11,9 %) qed jiffaċċjaw sfida partikolari f'dan ir-rigward, kekk kif għandhom l-oġhla ishma ta' impjegati temporanji involontarji. Għall-kuntrarju, il-persentaġġ hu anqas minn 2 % fil-Latvja, fir-Rumanija, fil-Litwanja u fl-Estonja. F'termini ġenerali, l-impjegati nisa huma aktar affettwati minn impjieg temporanju involontarju mill-irġiel, għalkemm dawn id-differenzi huma relattivament baxxi (anqas minn 1,5 pp), ħliet għal Ċipru (7,5 pp), għall-Greċja (5 pp), għall-Kroazja (3,3 pp) u għall-Finlandja (3,2 pp).

Il-kuntratti temporanji għadhom aktar mifruxin fost iż-żgħażaġh u n-nisa. Is-sehem tal-impjegati temporanji fl-UE kien għoli sa 48,9 % għaż-żgħażaġh (15-24 sena) fl-2021, jiġifieri 37 pp iżjed minn kemm kien għall-ħaddiema ta' 25-54 u 42,7 pp iżjed minn kemm kien għall-ħaddiema ta' 55-64 sena. Fl-2021, l-oġhla ishma ġew irrapportati fi Spanja (69,1 %), in-Netherlands (68,2 %), is-Slovenja (63,5 %) u l-Italja (61,7 %), filwaqt li l-inqas kienu tal-Estonja (6,8 %), tal-Litwanja (6,7 %) u tal-Latvja (5,3 %). Fl-2021, is-sehem tal-impjegati nisa (20-64 sena) b'kuntratti temporanji fl-UE kien 13,8 %, jiġifieri 0,4 pp iżjed milli kien fl-2020. Id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjegi temporanji żdiedet bi ftit, minn medja ta' 1,4 pp fl-2020 għal 1,6 pp fl-2021, b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri – ara l-Grafika 2.3.3. Fl-2021, l-akbar differenzi bejn il-ġeneri fil-prevalenza tal-kuntratti temporanji ġew osservati f'Ċipru (7,8 pp) u fil-Finlandja (5,1 pp). Fir-Rumanija, fil-Bulgarija u fil-Latvja, aktar irġiel min-nisa kellhom kuntratti temporanji, li wasslu għal differenzi bil-kontra bejn il-ġeneri.

Grafika 2.3.3: L-inċidenza tal-kuntratti temporanji hi akbar ferm għaż-żgħażagħ (15-24 sena) u għan-nisa (b'xi eċċezzjonijiet)

Id-differenza fis-sehem tal-impjegati temporanji fost l-impjegati totali bejn il-gruppi tal-età ta' 15-24 sena u 25-54 sena – “differenza tal-età” (pp, 2021, assi tax-xellug). Id-differenza fis-sehem tal-impjegati temporanji fost in-nisa u l-irġiel totali – “differenza bejn il-ġeneri” (pp, 2021, assi tal-lemin).




Sors: il-Eurostat, [lfsi_pt_a], l-LFS tal-UE.

Is-sehem tal-impjegi part-time fl-UE baqa' ġeneralment stabbli; f'diversi Stati Membri, parti sinifikanti minnu kienet involontarja. Fil-livell ta' 17,2 % fl-2021, is-sehem tal-impjegati (20-64 sena) li jaħdmu part-time fl-UE baqa' l-istess meta mqabbel mal-2020 u għadu 1,5 pp anqas milli kien fl-2019. Ħames Stati Membri (in-Netherlands, l-Awstrija, il-Ġermanja, il-Belġju, u d-Danimarka) irreġistraw ċifri ta' aktar minn 20 %, filwaqt li ħamsa oħra (il-Bulgarija, is-Slovakkja, ir-Rumanija, l-Ungerija u l-Kroazja) kienu anqas minn 5 % – ara l-Grafika 2.3.4. Xi Stati Membri (Malta, il-Polonja, il-Greċja, Franza, u l-Bulgarija) raw tnaqqis żgħir (anqas minn 1 pp) fil-proporzjon tal-impjegati li jaħdmu part-time bejn l-2020 u l-2021. Min-naħa l-oħra, ġew osservati żidiet fl-Irlanda (1,4 pp), fil-Finlandja (1,3 pp), fin-Netherlands, fid-Danimarka, u fl-Awstrija (0,7 pp). Is-sehem tax-xogħol part-time involontarju fl-impjegi totali kien ta' 23,9 % fl-2021 fl-UE, mill-ġdid b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri¹⁴¹. Ir-Rumanija, l-Italja, il-Greċja, Spanja u l-Bulgarija jirrapportaw ċifri ta' madwar 50 % jew aktar, filwaqt li n-Netherlands, il-Ġermanja, l-Awstrija, il-Lussemburgu, u s-Slovenja għandhom ċifri ta' 10 % jew anqas.

¹⁴¹ Indikatur tal-Eurostat [lfsa_eppgai]. It-tqabbil ta' dan l-indikatur ma jistax jitqabbel mal-valuri ta' qabel l-2021 għax hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba id-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

Grafika 2.3.4: Is-sehem tax-xogħol part-time kien ġeneralment stabbli tul l-aħħar sena, iżda ħafna minnu kellu komponent involontarju sinifikanti

Is-sehem tal-impjegati part-time mill-impjegati totali (20-64) u tal-impjegati part-time involontarji bħala persentaġġ tal-impjegati part-time totali (20-64) (%), *data annwali*.



Nota: Id-definizzjoni tvarja fi ES u FR fl-2021 (ara l-metadata).

Sors: il-Eurostat, [lfsi_pt_a] u [lfsa_eppgai], I-LFS tal-UE.

Is-sehem tal-ħaddiema għal rashom bla impjegati għandu t-tendenza li jkun għoli, iżda b'differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Filwaqt li l-ħaddiema għal rashom ikollhom xogħol volontarju u sinjal pożittiv ta' spirtu intraprenditorjali, xi drabi dan jostor xi relazzjonijiet ta' impjieg dipendenti, jew ikun l-hekk imsejjaħ impjieg indipendenti "falz". Fl-2021, il-ħaddiema għal rashom bla impjegati (l-hekk imsejjaħ "ħaddiema awtonomi", li jistgħu jintużaw bħala indikatur biex jiġi vvalutat ir-riskju ta' impjieg indipendenti "falz") irrappreżentaw 9 % tal-impjegati totali fl-UE (grupp tal-età ta' 20-64 sena)¹⁴². Il-Greċja, il-Polonja u l-Italja wrew l-ogħla rati (aktar minn 14 %), u warajhom iċ-Ċekja, in-Netherlands u s-Slovakkja b'ċifri ogħla minn 10 %. Min-naħa l-oħra, l-anqas ishma (anqas minn 6 %) ġew osservati fil-Ġermanja, fid-Danimarka, fil-Lussemburgu, fl-Iżvezja u fil-Kroazja.

Kaxxa 5 tal-Pilastru: Pjattaformi diġitali tax-xogħol u relazzjonijiet ta' impjieg

Il-prevenzjoni tal-abbuż tar-relazzjonijiet ta' impjieg li jwasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inkluż fir-rigward tax-xogħol fuq il-pjattaformi, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-prinċipju 5 (dwar impjieg sigur u adattabbli) jistipula li l-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali rigward il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u għat-taħriġ, irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni ta' impjieg tagħhom. Forom innovattivi ta' xogħol, inkluż permezz tal-intraprenditorija u l-impjieg indipendenti, jistgħu jikkontribwixxu b'mod importanti għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-istess ħin, għandhom jiġu identifikati u indirizzati forom prekarji ta' xogħol, inkluż fil-kuntest ta' xi pjattaformi diġitali tax-xogħol, u għandu jiġi evitat l-abbuż ta' kuntratti atipiċi, biex jiġu appoġġati impjegati ta' kwalità.

¹⁴² Sors: il-Eurostat [lfsa_esgais] u [lfsa_egaps], I-LFS tal-UE. Nota: Persentaġġ tal-ħaddiema għal rashom bla impjegati fost l-impjegati totali. It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea.

Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali saru parti importanti mill-ekonomiji tal-UE, b'sett varjat ta' persuni li jaħdmu permezz tagħhom. Il-pjattaformi tax-xogħol diġitali espandew bħala daqs, bid-dħul stmat li kiber fl-EU-27 minn EUR 3 biljun fl-2016 għal madwar EUR 14-il biljun fl-2020. Il-qligħ aggregat ta' persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi attivi fl-EU-27 żdied minn EUR 2,6 biljun fl-2016 għal EUR 6,3 biljun fl-2020¹⁴³. Illum, aktar minn 28 miljun persuna hađmu, tal-anqas f'xi punt fil-karriera tagħhom, permezz ta' pjattaformi fl-Unjoni.¹⁴⁴ Il-pjattaformi diġitali tax-xogħol huma preżenti f'varjetà ta' setturi ekonomiċi, xi wħud joffru servizzi "fuq il-post" bħal pereżempju r-ride-hailing, it-twassel ta' oġġetti, servizzi ta' tindif jew ta' kura filwaqt li oħrajn joperaw biss online, billi jipprovdu servizzi bħall-kodifikazzjoni tad-*data*, it-traduzzjoni jew id-disinn (ara l-Grafika). Persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi spiss hađna jkunu żgħażaġh, irġiel u bi kwalifiki oġhla, għalkemm il-profil tal-ħaddiema huwa influwenzat hađna mit-tip ta' xogħol fuq il-pjattaformi kkunsidrat¹⁴⁵. In-nisa, pereżempju, huma rrappreżentati b'mod aktar wiesa' fis-servizzi personali u domestiċi, kif ukoll fis-settur tal-kura.

Ix-xogħol fuq il-pjattaformi jista' jwassal għal tikkettar falz tal-impjegati *de facto* bħala ħaddiema għal rashom, u jaħbi relazzjonijiet ta' xogħol subordinati, xi drabi b'rabta mal-użu ta' ġestjoni algoritmika. Disgħa minn kull għaxar pjattaformi attivi fl-UE bħalissa jikklassifikaw lill-persuni li jaħdmu permezz tagħhom bħala ħaddiema għal rashom. Hađna minn dawk il-persuni huma ġenwinament ħaddiema għal rashom u jistgħu jużaw il-pjattaformi biex jiżviluppaw l-attivitajiet intraprenditorjali tagħhom, u b'hekk jagħtu kontribut pożittiv għall-iżvilupp tan-negozju, għall-innovazzjoni u għad-diġitalizzazzjoni fl-UE. Madankollu, hu stmat li sa 5,5 miljun persuna li jaħdmu bil-pjattaformi diġitali tax-xogħol jispiċċaw tikkettati b'mod falz bħala ħaddiema għal rashom, u ma jkunux intitolati għad-drittijiet u l-protezzjonijiet tal-impjegati li japplikaw għal ħaddieħor. F'dawn is-sitwazzjonijiet, spiss jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u/jew aċċess inadegwat għall-protezzjoni soċjali.¹⁴³ Hemm ukoll persuni li jesperjenzaw subordinazzjoni għall-pjattaformi tax-xogħol diġitali li joperaw permezz tagħhom, u gradi differenti ta' kontroll mit-tali pjattaformi, pereżempju l-assenjazzjoni tax-xogħol, tal-paga jew tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Dan jista' jkun relatat ukoll mal-funzjonament tal-ġestjoni algoritmika użata mill-pjattaformi biex iqabblu l-provvista u d-domanda għax-xogħol, iżda wkoll biex jassenjaw il-kompiti, jimmonitorjaw, jevalwaw u jieħdu deċizzjonijiet għan-nies li jaħdmu permezz tagħhom¹⁴⁶.

¹⁴³ De Groen W., Kilhoffer Z., et al., *Digital Labour Platforms in the EU: Mapping and Business Models*. Rapport Finali. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.


¹⁴⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, Barcevičius, E., Gineikytė-Kanclerė, V., Klimavičiūtė, L., et al., *Study to support the impact assessment of an EU initiative on improving working conditions in platform work*. Rapport Finali. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.

¹⁴⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, *European Centre for Expertise (ECE) in the field of labour law, employment and labour market policy: thematic review 2021 on platform work*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

¹⁴⁶ Il-letteratura tiddefinixxi l-ġestjoni algoritmika bħala sett ta' Prattiki ta' superviżjoni, ta' governanza u ta' kontroll xprunat mill-algoritmi. Dawn il-prattiki huma implimentati wkoll permezz ta' għodod u tekniki teknoloġiċi li jistrutturaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ġestjoni mill-bogħod tal-ħaddiema. Għal aktar informazzjoni, ara Mateescu A. u Nguyen A. (2019), *Algorithmic management in the workplace*, Data & Society Research Institute.

L-evidenza tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali żdiedet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin u tkopri firxa wiesgħa ta' attivitajiet

Id-daqs tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-EU-27 skont l-attività ekonomika (EUR biljun)



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, Barcevičius, E., Gineikytė-Kanclerė, V., Klimavičiūtė, L., *et al.*, [Study to support the impact assessment of an EU initiative on improving working conditions in platform work](#). L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021

L-istabbiliment ta' regoli skont il-qafas legali tal-UE jista' jgħin biex jitnaqqsu r-riskji ta' kundizzjonijiet tax-xogħol inġusti. Fil-livell tal-UE, id-Direttiva dwar Kundizzjonijiet tax-Xogħol Trasparenti u Prevedibbli (TPWCD) tgħin biex jiġu żgurati l-għoti ta' informazzjoni trasparenti u l-prevedibbiltà tal-iskedi tax-xogħol għall-ħaddiema kollha. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali tappoġġa l-kopertura formali u effettiva għall-ħaddiema nonstandard u għal rashom, kif ukoll it-trasparenza u s-simplifikazzjoni tar-regoli. Ippreżentat f'Diċembru 2021, pakkett ġdid tal-UE jfittex li jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi u jappoġġa t-tkabbir sostenibbli tal-pjattaformi tax-xogħol diġitali fl-UE¹⁴⁷. Il-proposta għal Direttiva tinkludi miżuri dwar il-ġestjoni algoritmika, il-klassifikazzjoni ħażina tal-istatus fl-impjieg u t-trasparenza transfruntiera. Is-sett ta' inizjattivi jinkludi wkoll abbozzi ta' linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE għal ftehimiet kollettivi dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema għal rashom bla impjegati (inkluż dawk li jaħdmu bil-pjattaformi) u Komunikazzjoni li takkumpanja l-proposta leġiżlattiva.

Wara t-tkabbir qawwi tagħhom, numru ta' Stati Membri ressqu miżuri biex itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi. Xi Stati Membri (il-Belġju, il-Greċja, Spanja, Franza, u l-Italja) adottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li għandha l-għan li ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol u/jew l-aċċess għall-protezzjoni soċjali fix-xogħol fuq il-pjattaformi, u fil-biċċa l-kbira rrikorrew għal leġiżlazzjoni settorjali, billi ffokaw b'mod ġenerali fuq il-pjattaformi tat-trasport u tal-konsenja. Fil-Belġju, f'Ġunju 2022, il-gvern qabel li jiddefinixxi l-istatus soċjali tal-ħaddiema tal-pjattaformi, filwaqt li stabbilixxa tmien kriterji biex jiġi determinat jekk persuna tistax titqies bħala ħaddiema għal rasha jew bħala impjegat, li jridu jintużaw mit-Tribunali Industrijali. F'Ġunju 2021, il-Greċja adottat liġi ġdida dwar ir-relazzjonijiet industrijali li se tintroduċi miżuri għal persuni li jaħdmu permezz

¹⁴⁷ Ara: Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva biex jittejjeb l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni li jaħdmu permezz ta' pjattaformi tax-xogħol diġitali COM(2021) 762 final u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021) 323 dwar l-isfruttament tal-benefiċċji kollha tad-diġitalizzazzjoni għall-futur tax-xogħol.

ta' pjattaformi, filwaqt li tirrikonoxxi kuntratti ta' impjieg dipendenti jew kuntratti ta' servizzi/ ta' xogħol indipendenti. Fi **Spanja**, liġi ġdida mill-2021 introduċiet il-preżunzjoni legali li dawk involuti f'attivitajiet ta' distribuzzjoni lil partijiet terzi bl-użu ta' mezzi teknoloġiċi għandhom relazzjoni ta' impjieg mal-kumpanija, u tesiġi li l-operaturi tal-pjattaformi jagħtu prova li ma għandhomx tali relazzjoni. Stabbiliet ukoll id-dritt tar-rappreżentanti tal-ħaddiema li jiġu informati dwar il-parametri tal-algoritmi li għandhom impatt fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-2021, **Franza** adottat ordni li tippermetti lill-ħaddiema freelance ta' pjattaformi ta' ride-hailing u ta' konsenja biex jaħtru r-rappreżentanti tagħhom fl-2022. Id-Digriet stabbilixxa l-Awtorità tar-Relazzjonijiet Soċjali tal-ħaddiema tal-Pjattaformi (ARPE), bħala regolatur pubbliku ġdid tad-djalogu soċjali bejn il-pjattaformi u l-ħaddiema għal rashom. Fl-2019, l-Italja adottat leġislazzjoni nazzjonali bl-għan li żżid il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa li jwasslu l-ikel li jaħdmu għal rashom. Il-leġislazzjoni reġjonali fil-Piemonte u fil-Lazio tindirizza direttament il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali tan-nies kollha li jaħdmu permezz tal-pjattaformi. Fid-**Danimarka**, fl-2021, il-Federazzjoni Magħquda tal-ħaddiema "3F" u l-organizzazzjoni tal-impjegaturi "*Dansk Erhverv*" laħqu ftehim settorjali nazzjonali għas-sewwieqa li jwasslu l-ikel. B'mod simili, fl-**Awstrija**, is-sħab soċjali kkonkludew ftehim kollettiv settorjali għall-kurrieri tar-roti impjegati, li minn Jannar 2020 setgħu jibbenefikaw minn paga minima u minn liv imħallas. Fl-**Iżvezja**, fl-2021 il-pjattaforma ta' konsenja "*Foodora*" u l-Unjoni Żvediża tal-ħaddiema tat-Trasport laħqu ftehim kollettiv għas-sewwieqa li jwasslu l-ikel. Bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tal-**Portugall**, sa tmiem Marzu 2023 jenħtieġ tiġi implimentata leġislazzjoni ġdida dwar ix-xogħol għall-pjattaformi diġitali tal-kurrieri.

L-ispettorati tax-xogħol għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-identifikazzjoni u fil-prevenzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u fil-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat. Iż-żieda fl-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u l-iżvilupp tal-ekonomija tal-pjattaformi (ara l-Kaxxa 5 tal-Pilastru) ġabu sfidi ġodda għall-ispettorati tax-xogħol fit-twettiq tal-kompiti tagħhom. Bħalma turi l-esperjenza passata, żieda għolja u sostnuta fil-prezzijiet tal-enerġija u pressjonijiet inflazzjonarji qawwjin jistgħu jwasslu għal żieda ulterjuri fix-xogħol mhux dikjarat għax dawn iħallu impatt fuq il-kapaċità ta' ċerti ditti u ħaddiema, inkluż tal-ħaddiema għal rashom, li jħallsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u t-taxxi (ara wkoll it-Taqsima 2.1 u l-Kaxxa 7 tal-Pilastru). L-ġhoti ta' riżorsi xierqa għall-ispettorati tax-xogħol u l-istabbiliment ta' strateġiji komprensivi biex jiġi appoġġat ix-xogħol formali f'dan il-kuntest speċifiku ta' kriżi se jkunu partikolarment importanti biex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol inklużivi u ġusti u protezzjoni soċjali adegwata għal kulħadd. Il-Pjattaforma Ewropea li tindirizza x-xogħol mhux dikjarat qed tħejji rapport dwar il-progress tal-Istati Membri fl-approċċi komprensivi li jindirizzaw ix-xogħol mhux dikjarat. F'Marzu 2022, ġie stabbilit ukoll grupp fokali biex iħeġġeġ l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mhux iddikjarati f'impjieg regolari¹⁴⁸.

Wara l-pandemija, it-telexogħol sar forma stabbilita ta' xogħol fl-Unjoni, li xi drabi teħtieġ l-adattament tar-regolamenti, tal-politiki u tal-kultura tax-xogħol. Studju riċenti tal-Eurofound jidentifika t-telexogħol fil-leġislazzjoni u fin-negozjar kollettiv fis-27 Stat Membru flimkien man-Norveġja, inklużi bidliet fl-oqfsa nazzjonali. Fl-2022, 23 pajjiż daħħlu fis-seħħ definizzjonijiet statutorji u leġislazzjoni speċifika dwar it-telexogħol¹⁴⁹. Fil-biċċa l-


¹⁴⁸ Għad-dettalji, ara s-sit web tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA): www.ela.europa.eu

¹⁴⁹ Sors: il-Eurofound, Vargas Llave, O., Rodríguez Contreras, R., Sanz de Miguel, P., *et al.*, *Telework in the EU : regulatory frameworks and recent updates*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea,

kbira tagħhom, il-leġiżlazzjoni statutorja hija kkomplementata minn ftehimiet ta' negozjar kollettiv transsettorjali jew fil-livell tal-kumpaniji, għalkemm b'livelli differenti ta' intensità. Fil-Kroazja, fil-Latvja u fil-Polonja biss, il-leġiżlazzjoni statutorja hija l-uniku sors ta' regolamentazzjoni (żviluppata l-aktar permezz ta' ftehimiet individwali bejn l-impjegaturi u l-impjegati). Minoranza biss ta' Stati Membri ma għandhom l-ebda definizzjoni statutorja jew leġiżlazzjoni speċifika fis-seħħ li tindirizza t-telexogħol. Madankollu, f'dan il-grupp, l-arranġamenti tat-telexogħol huma koperti f'liġijiet differenti, fir-rigward pereżempju l-liġi dwar is-saħħa u s-sikurezza, il-ħin tax-xogħol, jew il-liġi ġenerali dwar ix-xogħol. Għalhekk, spiss it-telexogħol ikun regolat permezz ta' negozjar kollettiv settorjali (eż., fil-Finlandja) jew permezz ta' ftehimiet kollettivi settorjali u tal-kumpaniji (eż., fid-Danimarka u fl-Iżvezja). Skont ir-rwol tan-negozjar kollettiv, ir-raggruppamenti tal-Istati Membri jistgħu jiġu identifikati bħal fl-Grafika 2.3.5.

Grafika 2.3.5: Jeżistu differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tar-regolamentazzjoni tat-telexogħol

Ir-regolamentazzjoni tat-telexogħol fl-EU-27 u fin-Norveġja. (CB tfisser negozjar kollettiv (collective bargaining).)



Nota: Kontribuzzjonijiet nazzjonali min-*Network tal-Korrispondenti tal-Eurofound*.

Sors: il-Eurofound, *Telework in the EU: Regulatory frameworks and recent updates*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

It-telexogħol jidher li qed iwassal għal titjib fil-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, iżda joħloq riskji li jeħtieġu monitoraġġ; il-metodi ta' xogħol ibridu, li qabdu aktar, jidhru li jtaffu xi wħud minn dawk ir-riskji. Il-JER 2022 ippreżenta analiżi estensiva tar-riskji assoċjati mat-telexogħol (bħal xogħol barra mill-ħinijiet tax-xogħol, iżolament fuq ix-xogħol, jew riskji psikosoċjali), abbażi tar-riċerka tal-Eurofound. Analiżi aktar riċenti (ukoll mill-Eurofound) tikkonferma li, tul il-pandemija tal-COVID-19, sigħat twal ta' xogħol spiss kienu problema għal dawk li għamlu telexogħol full-time biss, meta mqabblin ma' dawk li jaħdmu fil-bini tal-impjegatur¹⁵⁰. Abbażi tal-aktar sejbiet riċenti, il-persuni bit-telexogħol


2022. Nota: L-Istati Membri li jaqgħu taħt l-ewwel grupp huma: AT, BE, BG, CZ, DE, EE, EL, ES, FR, HR, HU, IT, LT, LU, LV, MT, NL, PL, PT, RO, SI u SK. Min-naħa l-oħra, CY, DK, FI, IE u SE jaqgħu taħt it-tieni kategorija.

¹⁵⁰ Il-Eurofound (2022), *Telework during the pandemic: Prevalence, Working Conditions and Regulations*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu (pubblikazzjoni pendenti). Nota:

f' mudell tax-xogħol ibridu (jiġifieri li jgħaqqdu x-xogħol mid-dar ma' xogħol fil-bini tal-impjegatur) kienu anqas probabbli li jirrapportaw sigħat twal tax-xogħol meta mqabblin ma' arranġamenti oħra tat-telexogħol – ara l-Grafika 2.3.6. Tal-anqas żewġ terzi tal-impjegati b'telexogħol irrapportaw li ħadmu aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa. Fl-UE, l-impjegati b'telexogħol huma anqas probabbli li jirrapportaw bilanċ batut bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (13 %) meta mqabblin ma' dawk li jaħdmu fil-bini tal-impjegatur biss (18 %). Iċ-ċifri fil-livell tal-pajjiżi jindikaw ukoll sehem aktar baxx ta' impjegati li jirrapportaw bilanċ batut bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fost it-teleħaddiema meta mqabblin mal-medji nazzjonali (pereżempju fil-Finlandja, fl-Estonja u fil-Bulgarija.) Madankollu, fir-Rumanija, fil-Lussemburgu u fin-Netherlands, differenzi bħal dawn huma żgħar, filwaqt li fil-Portugall u fil-Greċja, it-teleħaddiema jinsabu fl-istess sitwazzjoni bħall-ħaddiema l-oħrajn – ara l-Grafika 2.3.7.

Grafika 2.3.6: Impjegati li jaħdmu permezz ta' telexogħol biss għandhom possibbiltajiet għoljin li jaħdmu aktar fit-tul jew barra mill-ħinijiet tax-xogħol, meta mqabblin ma' dawk f'xogħol ibridu (2021)

Persentaġġ tal-impjegati li ħadmu għal aktar minn 40 siegħa fil-ġimgħa tul il-pandemija tal-COVID-19.




Sors: Eurofound, [European Working Conditions Telephone Survey \(EWCTS\) 2021](#).

minħabba l-metodu tal-ġbir tad-data u d-daqs tal-kampjun, differenzi żgħar jaf ma jkunux statistikament sinifikanti.

Grafika 2.3.7: B'mod ġenerali, it-teleħaddiema rrapportaw bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata f'ħafna mill-Istati Membri

Bilanċ ħażin bejn ix-xogħol u l-ħajja privata rrapportat għall-impjegati u għat-teleħaddiema kollha fl-Istati Membri (% , 2021)



Nota: Bilanċ ħażin bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jinkludi l-impjegati li jwieġbu, “mhux tajjeb ħafna” u “xejn tajjeb” għall-mistoqsija dwar “kif is-siġhat tax-xogħol jaqblu mal-impjenji tal-familja jew soċjali tagħhom barra mix-xogħol”.

Sors: Eurofound, [European Working Conditions Telephone Survey \(EWCTS\) 2021](#).

Il-konsultazzjoni u l-kooperazzjoni mas-sħab soċjali huma strumentali biex jiġi żgurati li r-regolamenti dwar it-telexogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol joħlqu eżiti pożittivi kemm għall-impjegaturi kif ukoll għall-ħaddiema. Skont studju riċenti tal-Eurofound,¹⁵¹ anqas minn nofs l-Istati Membri għamlu bidliet regolatorji permanenti relatati mat-telexogħol bejn l-2020 u l-2021 (jiġifieri l-Awstrija, il-Greċja, il-Latvja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja adottaw leġislażzjoni; filwaqt li l-Belġju, Franza, u l-Lussemburgu żviluppaw ftehimiet kollettivi nazzjonali). F'erba' pajjiżi qed jiġu diskussi abbozzi leġislattivi ġodda (jiġifieri l-Ġermanja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, u n-Netherlands). Minn dawn il-bidliet, xi wħud kienu regolamenti kompluti dwar it-telexogħol li jindirizzaw l-aspetti kollha tat-telexogħol jew il-biċċa l-kbira tagħhom, filwaqt li oħrajn kienu ffokati b'mod aktar ristrett. Fl-Istati Membri fejn ġew introdotti ftehimiet kollettivi dwar it-telexogħol matul il-pandemija tal-COVID-19, il-biċċa l-kbira tagħhom saru fil-livelli settorjali u tal-kumpaniji, b'mod partikolari f'setturi bħal-finanzi, il-manifattura u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Aktar riċenti, ġew konklużi wkoll ftehimiet fis-setturi tal-amministrazzjoni pubblika, tal-edukazzjoni, tas-saħħa u tal-ħidma soċjali. L-isforzi tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni Ewropea fl-oqsma tal-ħin tax-xogħol u tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol (ara l-Kaxxa 6 tal-Pilastru), b'kooperazzjoni msaħħa mas-sħab soċjali, huma kruċjali biex jitqiesu l-iżviluppi teknoloġiċi riċenti u x-xejriet ġodda tat-telexogħol fl-organizzazzjoni tax-xogħol għall-benefiċċju tal-kumpaniji u tal-ħaddiema.

¹⁵¹ Il-Eurofound, *Telework during the pandemic: Prevalence, Working Conditions and Regulations*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

Kaxxa 6 tal-Pilastru: Ambjenti tax-xogħol ħielsa mill-periklu, sikuri u adattati sew

Kundizzjonijiet tax-xogħol ħielsa mill-periklu u sikuri huma prerekwiżit għal forza tax-xogħol produttiva, filwaqt li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa u għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-prinċipju 10). Fl-2018, fl-EU-27 ġew irreġistrati aktar minn 3 300 aċċident fatali u 3,1 miljun aċċident mhux fatali. Bejn l-2017 u l-2019 mietu madwar 200 000 ħaddiem kull sena minn mard relatat max-xogħol. F'dan il-kuntest, il-qafas tal-2021-2027 tal-UE dwar is-Sigurtà u s-Saħħa Okkupazzjonali (OSH) jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin għat-titjib tas-saħħa u tas-sikurezza tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, inkluż billi jadatta għall-ħtiġijiet speċifiċi ta' forza tax-xogħol li qed tixjieħ u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u digitali¹⁵².

Il-Qafas tal-OSH tal-UE jintroduċi approċċ ta' "Viżjoni Żero" għall-imwiet relatati max-xogħol fl-UE bi skambji ta' esperjenzi u tal-aħjar Prattiki previsti fi grupp ta' ħidma tripartitiku fi ħdan il-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ACSH)¹⁵³. Din l-inizjattiva se tkun akkumpanjata minn sensibilizzazzjoni akbar dwar ir-riskji relatati mal-aċċidenti relatati max-xogħol permezz ta' kampanji ta' informazzjoni mmirati. Fil-livell tal-UE, miżuri oħra li jippromwovu s-saħħa u tas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jinkludu emendi għad-Direttiva dwar il-Karċinoġeni, is-Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzzjoni (mill-2022) u l-Mutaġeni adottata mill-Kunsill f'Marzu 2022, l-aġġornament tad-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi, il-proposta biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali għall-asbestos u l-promozzjoni tar-rikonoxximent tal-COVID-19 bħala marda okkupazzjonali sal-aħħar tal-2022.

Il-Qafas Strateġiku tal-OSH tal-UE jagħti attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali u lill-iżgurar tas-saħħa fiżika u mentali fuq il-post tax-xogħol. Fl-2021, l-esponiment għar-riskji fiżiċi kompli jaffettwa sehem sinifikanti ta' ħaddiema fl-UE. In-nisa kienu aktar esposti mill-irġiel għal materjali infettivi (21 % vs 15 %), filwaqt li l-irġiel huma aktar esposti għad-domanda li jgħorru tagħbijiet tqal min-nisa (40 % vs 29 %)¹⁵⁴. Fir-rigward tas-saħħa mentali, ir-riżultati riċenti tal-istħarriġiet tal-Eurofound juru li l-benesseri mentali fl-UE għadu taħt il-livell irreġistrat fil-bidu tal-pandemija, minkejja l-eliminazzjoni gradwali tar-restrizzjonijiet¹⁵⁵. B'mod partikolari, il-persuni ta' 18-29 sena jirrapportaw l-aktar livelli baxxi ta' benessere mentali mill-2020, filwaqt li dawk ta' aktar minn 60 sena jirrapportaw deterjorament. B'mod ġenerali, 18 % tar-rispondenti jirrapportaw ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa mentali mhux issodisfati, b'ċifri oġġla għar-rispondenti nisa (24 %). Studju riċenti¹⁵⁶ wera li hemm bżonn ta' aktar appoġġ għall-miżuri ta' ġestjoni u ta' prevenzjoni tar-riskji psikosoċjali relatati mal-użu tat-teknoloġiji diġitali li jippermettu l-ġestjoni tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Pereżempju, pjan ta' azzjoni għall-prevenzjoni tal-istress

¹⁵² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2021) 323. Ara wkoll: Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva 2004/37/KE dwar is-Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzzjoni u l-aġġornament għad-Direttiva 2000/54/KE dwar l-Aġenti Bijoloġiċi.

¹⁵³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (2003/C 218/01)

¹⁵⁴ Ara l-Eurofound, *Working conditions in the time of COVID-19: Implications for the future*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (pubblikazzjoni pendenti).

¹⁵⁵ Il-Eurofound, *Fifth round of the Living, working and COVID-19 e-survey: Living in a new era of uncertainty*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.


¹⁵⁶ Nota: Analiżi empirika tad-data mill-Istħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti (ESENER) 2019 tal-EU-OSHA. Ir-riskji psikosoċjali kkunsidrati kienu l-pressjoni tal-ħin, il-komunikazzjoni jew il-kooperazzjoni dgħajfa, il-biża' ta' telf tal-impjieg, it-trattament ta' kliġenti diffiċli, pazjenti, studenti, u xogħol għal sigħat twal jew għal ħinijiet irregolari). Sors: Urzì Brancati, C., Curtarelli, M., *Digital tools for worker management and psychosocial risks in the workplace: evidence from the ESENER survey*, Seville: il-Kummissjoni Ewropea, 2021, JRC125714.

relatat max-xogħol jew inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni jistgħu jillimitaw il-prevalenza ta' riskji psikosoċjali u jtejbu sostanzjalment is-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

Skont il-leġislazzjoni tal-UE, it-tisħiħ ta' miżuri preventivi u linji gwida aktar prattiċi jistgħu jgħinu biex jiġu mminimizzati r-riskji mill-karċinoġeni fuq il-post tax-xogħol. Il-kanċers relatati max-xogħol huma l-kawża ewlenija tal-biċċa l-kbira tat-telf tas-snin ta' ħajja (DALYs) fl-UE (jiġifieri l-istimi tas-snin ta' ħajja aġġustati għad-diżabbiltà jew DALYs) – ara l-Grafika ta' hawn taħt. Il-karċinoġeni kkontribwew għal madwar 100 000 sitwazzjoni ta' mortalità u ta' morbidità relatati max-xogħol kull sena, kif stmati permezz tad-DALYs), għall-perjodu mill-2015 sal-2017¹⁵⁷. Barra minn hekk, il-kost tal-kanċers relatati max-xogħol waħdu jammonta għal EUR 119,5-il biljun. L-azzjonijiet biex jitnaqqsu l-preżenza ta' sustanzi perikolużi fuq il-post tax-xogħol u l-esponiment għalihom huma komponenti importanti tal-pjan Ewropew biex jingħeleb il-kanċer, inklużi azzjonijiet preventivi¹⁵⁸. Sallum, ir-riskji assoċjati ma' 29 sustanza ġew evitati permezz ta' erba' reviżjonijiet tad-Direttiva dwar il-karċinoġeni, il-mutaġeni u s-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni (CMRD), li jirrappreżentaw aktar minn 100 000 ħajja li se jiġu salvati fuq 50 sena.

Fl-UE, il-kanċer huwa kawża ewlenija ta' mwiet relatati max-xogħol

Il-kawża ewlenin għall-mortalità u għall-morbidità relatati max-xogħol fit-telf tas-snin ta' ħajja fl-UE (% , 2017).



Nota: Il-kategorija “*ċirkolatorju*” tinkludi l-mard tas-sistema muskuloskeletal u ċirkolatorja. Il-kategorija “*oħrajn*” tiġbor flimkien il-mard li jifdal, bħall-mard mentali jew il-mard li jittieħed. Iċ-ċifri mill-2017 jinkludu l-EU-27 u r-Renju Unit.

Sors: EU-OSHA (2017).

Wara l-adozzjoni tal-Qafas tal-UE dwar l-OSH, ħafna Stati Membri adottaw strateġiji nazzjonali dwar l-OSH jew dokumenti simili li jkopru l-biċċa l-kbira tal-oġġettivi tiegħu. Pereżempju, il-Pjan ta' Azzjoni **Belġjan 2022-27** jistabbilixxi approċċ ta' *viżjoni żero* għall-aċċidenti waqt ix-xogħol u jinkludi miżuri biex jitnaqqas l-esponiment għal aġenti kimiċi perikolużi. Il-Pjan **Franċiż** dwar is-Saħħa Okkupazzjonali 2021-25 jiffoka b'mod speċjali fuq il-prevenzjoni ta' aċċidenti serji u fatali fuq ix-xogħol. Tingħata wkoll prijorità lir-riskji psikosoċjali u lill-esponiment għall-karċinoġeni. Il-Pjan Strateġiku **Malti 2022-27** jiddefinixxi ħames oqsma ta' politika tas-saħħa okkupazzjonali biex jitwettaq il-Qafas Strateġiku tal-UE. Il-Pjan Nazzjonali **Kroat 2021-27** għandu l-għan li jqajjem kuxjenza dwar

¹⁵⁷ Nota: Karċinoġeni huwa sustanza jew taħlita li ttipprovoka l-iżvilupp tal-kanċer, u li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Il-metodu huwa bbażat fuq stimi tas-snin ta' ħajja aġġustati għad-diżabbiltà (DALYs), li jistgħu jiġu kkawżati minn mard u minn korrimenti. Dan jittqabbel max-xenarju ideali, li fih pajjiż ma jitlef l-ebda DALY affattu, jew permezz ta' assenzi mix-xogħol jew aċċidenti fatali jew mard. Iċ-ċifri miksubin huma bbażati fuq *data* disponibbli fuq livell internazzjonali mill-ILO, mid-WHO u mill-Eurostat. Sors: EU-OSHA, *Tqabbil internazzjonali tal-kost ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2017.

¹⁵⁸ COM/2021/44 final.

I-importanza tal-prevenzjoni tal-korrimenti u tal-mard relatati max-xogħol, u tat-tnaqqis tal-fatalitajiet u tal-istress fuq ix-xogħol. L-Istrateġija Konġunta **Ġermaniża** dwar is-Sikurezza u s-Saħħa Okkupazzjonali (GDA) għandha l-għan li timmodernizza s-sistema tal-OSH u li toħloq inċentivi biex il-kumpaniji jsaħħu s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Il-Pjan ta' Implimentazzjoni 2022-23 tal-**Finlandja**, id-Dikjarazzjoni Strateġika tal-Awtorità tal-**Irlanda** għas-Saħħa u għas-Sikurezza 2022-24, il-Linji Gwida ta' Politika tal-**Latvja** dwar il-Protezzjoni Soċjali u s-Suq tax-Xogħol 2021-27, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-**Litwanja** dwar is-Saħħa u s-Sikurezza 2022-27 huma eżempji ulterjuri tax-xogħol li għaddej.


Il-qgħad fit-tul¹⁵⁹ żdied bi ftit, u dan jirrifletti l-impatt tal-COVID-19, iżda r-rispons politiku rapidu impedixxa milli joħorġu xejriet negattivi tas-suq tax-xogħol. Ir-rata tal-qgħad fit-tul kienet ta' 2,8 % fl-2021, ftit ogħla mill-2020 (b'0,3 pp), wara xejra ta' tnaqqis fuq kważi għaxar snin. Kif muri fl-Grafika 2.3.8, ir-rata tal-qgħad fit-tul fl-2021 kienet ogħla milli fl-2020 fl-Istati Membri kważi kollha, ħlief għall-Greċja (-1,3 pp), għal Malta (-0,2 pp), għal-Latvja u għall-Bulgarija (it-tnejn b'0,1 pp). Min-naħa l-oħra, iż-żieda fir-rata tal-qgħad fit-tul matul l-istess perjodu seħħet fi Spanja (1,2 pp), fil-Kroazja (0,7 pp), fil-Portugall (0,6 pp), fil-Belġju u f'Ċipru (it-tnejn b'0,5 pp). L-indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jimmarka "sitwazzjoni kritika" għal Spanja u għall-Italja, li jikkombinaw livelli ogħla mill-medja (6,2 % u 5,4 %, rispettivament, fl-2021) b'żieda (b'1,2 pp u b'0,3 pp, rispettivament) fuq is-sena ta' qabel. Il-Greċja hija mmarkata fost il-pajjiżi f'"sitwazzjonijiet dgħajfin iżda li qed jitjiebu" bis-saħħa tal-prestazzjoni pożittiva tagħha (-1,3 pp fl-2021 meta mqabbla mal-2020), għalkemm għadha l-pajjiż bl-ogħla rata fl-UE (9,2 % fl-2021). Is-Slovakkja u l-Kroazja jinsabu f'"sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati", minħabba d-deterjorament fuq is-sena ta' qabel. Għall-kuntrarju, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, u l-Polonja huma indikati bħala "aħjar mill-medja", b'rati tal-qgħad fit-tul baxxi u ġeneralment stabbli fl-2021. Differenzi reġjonali kbar huma osservati wkoll fir-rati tal-qgħad fit-tul (ara l-Anness 3). Il-monitoraġġ u l-valutazzjoni kontinwi tal-progress skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul jistgħu jgħinu biex jittejjbu l-mekkaniżmi u s-servizzi pprovduti u, min-naħa tagħhom, jappoġġaw il-formazzjoni tal-kapital uman u t-tkabbir potenzjali fl-UE¹⁶⁰.

¹⁵⁹ Definit bħala n-numru ta' persuni rreġistrati mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u li jfittxu xogħol b'mod attiv għal aktar minn sena bħala sehem mill-popolazzjoni attiva.

¹⁶⁰ SWD(2019) 154 final, dwar l-evalwazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni ta' persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol.

Grafika 2.3.8: Fl-2021, ir-rata tal-qgħad fit-tul żdiedet bi ftit fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri u l-evoluzzjoni tagħha teħtieġ monitoraġġ mill-qrib 'il quddiem

Ir-rata tal-qgħad fit-tul, il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (% , indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Sors: il-Eurostat [tesem130], I-LFS tal-UE.

Hemm differenzi sostanzjali bejn l-Istati Membri f'termini ta' parteċipazzjoni f'politiki attivi tas-suq tax-xogħol, li f'xi każijiet jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib. Fl-2020, is-sehem tal-persuni qiegħda li jixtiequ jaħdmu, li pparteċipaw fi programmi attivi tas-suq tax-xogħol kien anqas minn 10 % f'ħames Stati Membri (ir-Rumanija, Ċipru, il-Latvja, il-Greċja u l-Kroazja), filwaqt li kien iżjed minn 50 % f'erba' oħra (il-Litwanja, l-Irlanda, Spanja u l-Belġju) – ara l-Grafika 2.3.9¹⁶¹. Bejn l-2019 u l-2020, sitt Stati Membri rrapportaw żieda fil-parteeċipazzjoni, filwaqt li ġie osservat tnaqqis f'16 oħrajn. Filwaqt li din l-istatistika naturalment tirrifletti l-isforzi tal-Istati Membri biex jappoġġaw il-parteeċipazzjoni fil-miżuri tal-ALMP, ir-reġistrazzjoni hija influwenzata wkoll minn fatturi istituzzjonali oħrajn, bħall-funzjonament tas-sistema ta' protezzjoni soċjali. Minbarra l-kopertura tagħhom, ALMPs effettivi li huma adattati għall-ħtiġijiet tal-persuni li qed ifittxu impjieg jgħinu biex itaffu t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u jappoġġaw trasformazzjonijiet kbar fid-dinja tax-xogħol li ma jħallu lil ħadd lura.

¹⁶¹ Il-Eurostat [lmp_ind_actsup], sors: id-DG EMPL. Il-miżuri tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) (il-kategoriji 2-7) jinkludu fost l-oħrajn l-għoti ta' taħriġ (2), inċentivi għall-impjiegi (4), l-impjiegi appoġġati u r-riabilitazzjoni (5), il-ħolqien dirett tax-xogħol (6), u inċentivi għal negozji ġodda (7). Madankollu, dan l-indikatur għandu jiġi interpretat b'kawtela, peress li jkejjel biss il-parteeċipazzjoni fil-politiki tas-suq tax-xogħol (u mhux l-effettività tagħhom). Il-valuri huma stmati għal DK, EL, HR u SE. Affidabbiltà statistika baxxa għal FR u LT minħabba l-proċess tal-għbir tad-data. Iċ-ċifri għall-2020 mhumiex disponibbli għal CZ, EL, NL, PL, u SK.

Grafika 2.3.9: Il-parteċipazzjoni f'miżuri attivi tas-suq tax-xogħol tvarja b'mod sinifikanti fost tati Membri

Il-parteċipanti f'interventi regolari tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) (kategorija 2-7) għal kull 100 persuna qiegħda li jixtiequ jaħdmu



Nota: Is-serje kronoloġika mhix disponibbli għal CZ. Id-data għall-2020 mhix disponibbli għal EL, NL, PL, u SK. Twissijiet: Affidabbiltà baxxa għal FR u LT. Ċifri ogħla minn 100 % jindikaw li n-nies jirreġistraw aktar minn darba fis-sett tad-data tal-Politika Attiva dwar is-Suq tax-Xogħol bħala parti mill-parteċipazzjoni tagħhom f'kategoriji differenti ta' miżuri.

Sors: il-Eurostat [[lmp_ind_actsup](#)], il-Bażi tad-data dwar il-politika tas-suq tax-xogħol (LMP).

Politiki attivi tas-suq tax-xogħol effiċjenti u effettivi huma kruċjali biex jitjiebu l-prestazzjoni, l-eżiti u t-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, anke fid-dawl taż-żieda fl-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet fl-UE. Fl-2021, l-Istati Membri bħal Spanja, is-Slovakkja u l-Litwanja juru nfiq relattivament għoli f'miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol (il-kategoriji 2-7) bħala persentaġġ tal-PDG, filwaqt li għandhom rati tal-qgħad fit-tul relattivament għoljin – ara l-Grafika 2.3.10. F'pajjiżi oħra bħan-Netherlands, l-Irlanda u d-Danimarka, l-infiq f'miżuri tas-suq tax-xogħol kien iżjed minn 1,3 % tal-PDG fl-2020, u kiseb prestazzjonijiet relattivament tajba f'termini ta' ishma aktar baxxi ta' persuni qiegħda fit-tul. B'kuntrast għal dan, f'pajjiżi bħall-Greċja, l-Italja, il-Portugall u l-Kroazja, l-infiq fuq l-appoġġ ipprovdut lil dawk li qed ifittxu impjieg permezz ta' miżuri tas-suq tax-xogħol huwa relattivament baxx (jiġifieri anqas minn jew madwar 0,3 % tal-PDG), filwaqt li l-qgħad fit-tul jippersisti f'livell ogħla mill-medja tal-UE. Fl-Istati Membri li qed jiffaċċjaw sfidi akbar għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, it-tisħiħ tal-forniment ta' politiki attivi mfaqqas tajjeb tas-suq tax-xogħol jista' jgħin biex jitnaqqsu l-ostakli għall-impjieg, b'mod partikolari għal dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli¹⁶². Minbarra l-appoġġ finanzjarju mill-Politika ta' Koeżjoni (inkluż il-Fond Soċjali Ewropew),¹⁶³ l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali


¹⁶² L-OECD (2021), *Building inclusive labour markets: Active labour market policies for the most vulnerable groups*, OECD Policy Responses to Coronavirus (COVID-19), OECD Publishing.

¹⁶³ Saret metanalizi tal-ewalwazzjonijiet tal-impatt disponibbli tal-FSE u tal-Inizjattiva favur l-impjieg taż-Żgħażaġħ (YEI) li jkopru l-perjodi ta' programmazzjoni 2007-2013 u 2014-2020 fl-Istati Membri kollha tal-UE. Ir-riżultati wrew effett pożittiv tal-interventi tal-FSE, bi probabbiltà ogħla ta' impjieg ta' 7,3 pp għal individwi li pparteċipaw fl-azzjonijiet. L-analiżi identifikat is-sussidji għall-impjieg u l-internships bħala l-aktar kategoriji ta' intervent b'suċċess tal-FSE. Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, *Meta-analysis of the ESF counterfactual impact evaluations (VT/2020/052)*, Rapport Finali, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022 (Katalogu nru KE-03-22-139-EN-N)

għall-irkupru u r-reżiljenza (RRPs) qed tgħin lil ħafna Stati Membri jsaħħu l-isforzi tagħhom għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Dawn l-isforzi jqisu t-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi u huma żviluppati fid-dawl tal-linji tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi.

Grafika 2.3.10: L-infiq fuq miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol ivarja bejn l-Istati Membri

L-infiq fuq il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (il-kategoriji 2-7, f'perċentwal tal-PDG, 2020) u l-qgħad fit-tul bħala perċentaġġ tal-popolazzjoni (15-74 sena) fil-forza tax-xogħol (% GDP, 2021)



Sors: il-Eurostat [[lmp_expsumm](#)], il-Bażi tad-data tal-politika tas-suq tax-xogħol (LMP) u [[lune_ltu_a](#)], l-LFS tal-UE.

Is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) għandhom rwol importanti fl-akkumpanjament tal-ħaddiema permezz ta' bidliet fis-suq tax-xogħol, inkluż fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-PES għandhom rwol importanti fl-integrazzjoni tan-nies fis-suq tax-xogħol, billi jipprovdu informazzjoni lil dawk li jixtiequ jaħdmu u jaġixxu bħala intermedjarji bejn dawk li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi. Kienu qed jittrasformaw il-proċessi interni tan-negozju tagħhom u jkomplu javvanzaw fil-perkors tagħhom lejn id-diġitalizzazzjoni biex iżidu l-kapaċità tagħhom, inkluż f'termini tal-għarfien espert tal-persunal tagħhom, u jipprovdu servizzi aktar effettivi u effiċjenti¹⁶⁴. Iż-żieda fil-forniment ta' servizzi diġitali naturalment jeħtieġ li tmur id f'id mal-kisba mifruxa ta' ħiliet diġitali fost il-popolazzjoni. Fl-2021, 18-il PES nazzjonali rrapportaw it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali fost dawk li qed ifittxu impjieg bħala wieħed mill-għanijiet bi tħejjija għall-perjodu ta' wara l-pandemija.¹⁶⁵ Fl-istess ħin, il-PES qed jibnu sħubijiet u jimplementaw miżuri speċifiċi għas-setturi, biex isir tbassir aħjar tas-suq tax-xogħol, tinkiseb informazzjoni dwar il-ħiliet, u jiġu identifikati tal-iskarsezzi tal-ħaddiema u tal-ħiliet u tinstab soluzzjoni dwarhom, b'mod partikolari fir-rigward tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali. Il-programmi ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet għall-gruppi ta' ħaddiema f'riskju li jtilfu l-impjieg tagħhom jirriżultaw bħala responsabbiltà ġdida, b'xi PES nazzjonali li diġà adattaw it-twassil tas-servizz tagħhom u żviluppaw programmi u strateġiji komprensivi ta' taħriġ biex jindirizzaw il-ħtiġijiet futuri b'rabta mal-ħiliet. Il-formalizzazzjoni tal-kollaborazzjonijiet eżistenti bejn il-PES, il-fornituri ta'

¹⁶⁴ Sorsi: Il-Kummissjoni Ewropea (2021). *European Network of Public Employment Services, Work programme 2022*. Ippubblikat f'Ġunju 2022. OECD (2022), *Harnessing digitalisation in Public Employment Services to connect people with jobs*, OECD Policy Brief on Active Labour Market Policies, OECD Publishing.

¹⁶⁵ Il-Kummissjoni Ewropea, Peters, M., *Assessment report on PES capacity: 2021*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022, (p.39).

edukazzjoni vokazzjonali u għolja, flimkien mas-servizzi soċjali, tista' tgħin biex jiġu żgurati kundizzjonijiet xierqa għal provvista effiċjenti tal-ħiliet (ara t-Taqsima 2.2).

L-isforzi biex tiġi appoġġata l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal persuni spostati mill-Ukrajna saru komputu importanti fl-aġenda tal-PES.¹⁶⁶ F'diversi Stati Membri (il-Bulgarija, id-Danimarka, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, u l-Latvja), il-persuni spostati mill-Ukrajna jistgħu jibdew jaħdmu malli tiġi sottomessa t-talba tagħhom għar-reġistrazzjoni għall-protezzjoni temporanja, mingħajr ma jkollhom jistennew li din tiġi pproċessata¹⁶⁷. Madankollu, ir-reġistrazzjoni mal-PES kienet relattivament baxxa. Kif irrapportat min-Network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES), f'Mejju 2022 total ta' 150 000 persuna spostata mill-Ukrajna biss kienu rreġistraw fost 26 membru tan-Network. Madwar nofs dawn ir-reġistrazzjonijiet ġew irrapportati mill-Ġermanja u mill-Polonja¹⁶⁸. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, ir-responsabbiltajiet tal-PES ma jmorrux lil hinn minn dawk li normalment jassumu għal persuni oħrajn li qed ifittxu impjieg, xi PES żviluppaw miżuri mmirati lejn ir-refuġjati, li għalihom huma eliġibbli persuni spostati mill-Ukrajna (ara wkoll it-Taqsima 2.3.2). Diversi Stati Membri stabbilew ukoll gruppi ta' koordinazzjoni li jinvolvu lill-PES, lill-Ministeri nazzjonali u lill-awtoritajiet tal-migrazzjoni biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-azzjonijiet kurrenti u biex jipplanaw attivitajiet komuni, anki f'kooperazzjoni mal-impjegaturi u mal-awtoritajiet lokali u reġjonali¹⁶⁹. L-emendi leġiżlattivi għar-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni għall-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Rifuġjati fl-Ewropa (CARE) jipprovdu aċċess għal ammonti mhux minfuqin skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-20 biex jiffinanzjaw soluzzjonijiet rapidi u flessibbli għall-pajjiżi tal-UE kif meħtieġ. L-appoġġ imfassal apposta permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku huwa mmirat ukoll biex jgħin lill-pajjiżi tal-UE jibnu l-kapaċità biex jilqgħu lir-refuġjati u jindirizzaw l-isfidi tal-integrazzjoni tagħhom.¹⁷⁰

Bħala medja, erbgħa minn kull għaxar persuni qiegħda għal żmien qasir¹⁷¹ **huma koperti mill-benefiċċji tal-qgħad fl-UE** (42,2 % fl-2021), b'disparitajiet sinifikanti madwar l-Istati Membri – ara l-Grafika 2.3.11. Fl-2021, l-ogħla rati ta' kopertura (aktar minn 50 %) ġew osservati fil-Ġermanja (89,7 %), fl-Awstrija (54,1 %), fil-Finlandja (53,6 %) u fil-Litwanja (51,5 %), segwiti minn Franza, mill-Estonja, mill-Belġju, u mid-Danimarka b'ċifri ogħla minn 40 %. Min-naħa l-oħra, l-aktar kopertura baxxa ġiet irreġistrata fir-Rumanija (10,6 %), fil-Kroazja (13,9 %), fil-Polonja (15,5 %) u f'Ċipru (19,2 %). Dawn id-differenzi bejn il-pajjiżi jistgħu jiġu spjegati minn differenzi fit-tfassil tal-iskemi tal-benefiċċji tal-qgħad, b'mod partikolari d-durata massima tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà tagħhom, ir-rigorożità tar-rekwiżiti tagħhom għat-tfittix ta' impjieg jew is-sinerġiji tagħhom ma' skemi oħrajn ta' protezzjoni soċjali. Fl-2021, 37,8 % biss ta' dawk qiegħda rreġistrati għal anqas minn sena fl-UE rċevew benefiċċji jew assistenza. Il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar il-benefiċċji tal-qgħad jidentifika dawn l-elementi kollha bħala lievi ta' politika ewlenin biex jiġu appoġġati dawk li qed ifittxu impjieg matul it-tranżizzjonijiet tagħhom fis-suq tax-xogħol.

¹⁶⁶ COM(2022) 4050 final dwar *Gwida għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali, u għat-tagħlim tal-adulti fil-każ tal-persuni li qed jaħarbu mill-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna*.

¹⁶⁷ Nota: Bejn Frar u Ġunju 2022, kien hemm madwar 312 000 applikant għall-ażil fl-UE. Sors: il-Eurostat [[migr_asyappctzm](#)] u skedi tal-pajjiżi tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA), Ġunju 2022.

¹⁶⁸ L-istħarriġ tan-Network tal-PES, Mejju 2022.


¹⁶⁹ Pereżempju, AT, BE (f'livell reġjonali), BG, EE, FI, HR, LT, NO, PL, RO u SK.

¹⁷⁰ Għal aktar dettalji, ara r-Regolament li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa (CARE). Ara wkoll C(2022) 1379 *dwar id-deċiżjonijiet ta' finanzjament u l-programmi ta' ħidma annwali tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku*.

¹⁷¹ Dawk li ilhom qiegħda għal anqas minn 12-il xahar. Analiżi għall-gruppi ta' età 15-64 sena.

Grafika 2.3.11: Hemm differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tas-sehem tal-persuni qiegħda għal żmien qasir koperti mill-benefiċċji tal-qgħad

Il-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad għall-persuni qiegħda għal żmien qasir (jiġifieri anqas minn 12-il xahar, 15-64 sena, %, 2021)



Nota: It-tqabbil mal-valuri ta' qabel l-2021 ta' dan l-indikatur ma jsirx peress li hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fl-2021 għall-Istati Membri kollha minħabba d-[dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-Istatistika Soċjali Ewropea](#). Ma hemmx *data* disponibbli għall-2021 għal IE u MT.


Sors: il-Eurostat, [\[lfsa_ugadra\]](#), l-LFS tal-UE.

It-tul biex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad baqa' ġeneralment stabbli fl-2022, u hekk ukoll il-perjodu massimu tat-talba.¹⁷² Il-perjodu ta' kwalifika baqa' stabbli fl-Istati Membri kollha, u jvarja minn 13-il ġimġha ta' kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni fl-Italja għal 104 ġimġhat fis-Slovakkja – ara l-Grafika 2.3.12. Id-durata massima tal-benefiċċji (għal ħaddiem bi storja tal-impjieg ta' sena) tvarja fost l-Istati Membri – ara l-Grafika 2.3.13. Fil-Latvja, id-durata tnaqqset minn 39 għal 35 ġimġha fl-2020, lura għal-livell tal-2015. Għall-Istati Membri l-oħrajn kollha, il-perjodu baqa' l-istess matul l-aħħar 5 snin. F'16-il Stat Membru, il-benefiċċji għall-persuni qiegħda bi storja tal-impjieg ta' sena jistgħu jintalbu għal mhux aktar minn 6 xhur (24 ġimġha). Madankollu, fid-Danimarka u fil-Belġju, id-durata tal-intitolament tasal sa sentejn jew aktar. Fil-Lussemburgu u fil-Greċja, id-durata hija ta' sena u fil-Litwanja, fil-Latvja u fl-Irlanda d-durata hija ta' madwar 8 xhur.

¹⁷² L-analiżi tirreferi għall-benefiċċji tal-qgħad li ġeneralment jingħataw lil dawk l-individwi li jirreġistraw li qed jisfaw qiegħda mingħajr il-ħtija tagħhom, mingħajr ma jiġu inklużi skemi ta' natura temporanja li setgħu ġew adottati bħala rispons għas-sitwazzjoni epidemjoloġika marbuta mal-COVID-19.

Grafika 2.3.12: Il-perjodu ta' kontribuzzjoni biex wieħed jikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad baqa' stabbli meta mqabbel mal-2021 b'differenzi sinifikanti bejn l-Istati Membri

It-tul tal-perjodu ta' kwalifika meħtieġ (gimġhat, 2016 u 2022)




Nota: F'Malta (l-2016 u l-2022), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 50 kontribuzzjoni ta' kull gimġha minn meta l-persuna tkun bdiet taħdem għall-ewwel darba; fl-Irlanda (l-2016 u l-2022), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 104 kontribuzzjonijiet ta' kull gimġha minn meta l-persuna tkun bdiet taħdem għall-ewwel darba; fl-Awstrija (2022), iridu jkunu tħallsu tal-anqas 52 kontribuzzjoni ta' kull gimġha għal applikazzjonijiet għall-ewwel darba, u jridu jkunu tħallsu tal-anqas 28 kontribuzzjoni ta' kull gimġha għal applikazzjonijiet sussegwenti.

Sors: [Il-bażi tad-data tal-MISSOC](#) (Jannar 2016 u Jannar 2022).

Grafika 2.3.13: Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, storja tal-impjegi ta' sena tagħti aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad għal massimu ta' 6 xhur

Id-durata massima tal-benefiċċji f'numru ta' gimġhat bi storja tal-impjegi ta' sena (2022 u 2016)




Nota: Fil-Belġju, ma hemm ebda limitu fuq id-durata tal-benefiċċji. F'Ċipru, il-gimġhat jiġu kkalkolati abbażi ta' 6 ijiem ta' xogħol fil-gimġha. Fl-Irlanda, il-benefiċċju jiġi tħallas għal 39 gimġha (234 jum) biss għal persuni b'260 kontribuzzjoni tal-PRSI jew aktar ta' kull gimġha mħallsin. Fis-Slovakkja, persuna b'rekord ta' sena ma tistax tikkwalifika għall-benefiċċji tal-qgħad (huma meħtieġa tal-anqas sentejn kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-qgħad matul l-aħħar 4 snin). Fil-Polonja, id-durata tvarja skont il-livell tar-rata tal-qgħad tar-reġjun meta mqabbla mal-medja nazzjonali.

Sors: [Il-bażi tad-data tal-MISSOC](#) (Jannar 2016 u Jannar 2022) u l-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Is-sostituzzjoni tal-introjtu għall-persuni qiegħda tiddependi fuq it-tul tal-perjodu tal-qgħad. L-Grafika 2.3.14 tqabbel ir-rati ta' sostituzzjoni għal ħaddiema b'paga baxxa (67 % tal-introjtu medju nazzjonali) bi storja tal-impjegi qasira (sa 12-il xahar ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali) madwar l-UE, fit-tieni u fit-12-il xahar tal-perjodu tal-qgħad. Ir-rati netti ta' sostituzzjoni fit-tieni xahar tal-qgħad ivarjaw minn 10,8 % tal-qligħ (nett) preċedenti fis-Slovakkja sa aktar minn 90 % fil-Lussemburgu jew fil-Belġju. Fl-Awstrija jew fil-Belġju, pereżempju, ir-rata ta' sostituzzjoni tibqa' l-istess fit-12-il xahar tal-perjodu tal-qgħad. Madankollu, minħabba l-iskadenza tal-benefiċċji jew tnaqqis fil-ġenerożità tal-benefiċċji maż-żmien, ir-rati ta' sostituzzjoni jonqsu fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn. F'xi pajjiżi, il-persuni qiegħda li jkunu eżawrew il-benefiċċji tal-qgħad jistgħu jibbenefikaw minn skemi alternattivi, bħall-assistenza soċjali, li ġeneralment jipprovdu livelli aktar baxxi ta' benefiċċji – ara t-taqsimu 2.4.1 għad-dettalji dwar l-inklużjoni attiva, inkluża l-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat b'approċċ ta' inklużjoni attiva.

Grafika 2.3.14: Ir-rati ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad ivarjaw madwar l-UE

Ir-rata netta ta' sostituzzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad b'67 % tal-paga medja, fit-tieni u fit-12-il xahar tal-qgħad (2021)



Nota: L-indikatur jiġi kkalkolat għall-każ ta' persuna mhux miżżewġa mingħajr tfal bi storja tal-impjegi qasira (sena) u li jkollha 20 sena. Komponenti ta' introjtu differenti, benefiċċji tal-qgħad u benefiċċji oħrajn (bħall-assistenza soċjali u l-benefiċċji għall-akkomodazzjoni) huma inklużi.

Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-Mudell tal-OECD dwar il-Benefiċċji tat-Taxxa.

Djalogu soċjali ta' kwalità għolja u effettiv kien strumentali għall-ġestjoni tajba ta' kundizzjonijiet soċjoekonomiċi kumplessi matul l-aħħar snin. Il-Linji Gwida Nru 7 dwar l-impjegi u l-prinċipju 8 (id-djalogu soċjali u l-involviment tas-sħab soċjali) tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitolbu lill-Istati Membri biex jiżguraw l-involviment f'waqt u sinifikanti tas-sħab soċjali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi u ta' investimenti dwar l-impjegi, soċjali u, fejn rilevanti, ekonomiċi, inkluż billi jappoġġaw il-kapaċità akbar tagħhom. Matul il-kriżi tal-COVID-19, l-organizzazzjonijiet settorjali tas-sħab soċjali fil-livell tal-UE kienu proattivi ħafna u mxew malajr biex jistabbilixxu l-fehmiet tagħhom dwar strateġiji possibbli għall-irkupru. Fil-livell nazzjonali, diversi Stati Membri stiednu lis-sħab soċjali, skont il-prattiki nazzjonali u l-oqfsa istituzzjonali tagħhom, biex jiddiskutu, jinneogzjaw u/jew jimplementaw miżuri li jsostnu l-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-funzjonament tas-suq tax-xogħol, l-opportunitajiet indaqs, is-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol, ix-xogħol mill-bogħod, u d-dritt għall-iskonnessjoni. Aktar riċenti, xi drabi s-

sħab soċjali Ewropej ikkontribwew b'mod sinifikanti għal inizjattivi fil-livell Ewropew u nazzjonali biex ikompli jattiraw ħaddiema ġodda lejn setturi li qed jiffaċċjaw l-iskarsezzi tal-ħaddiema, inkluż dawk li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, permezz ta' ħidma fuq sħubijiet tat-talent u bl-implimentazzjoni tas-sħubija Ewropea għall-integrazzjoni bejn diversi partijiet ikkonċernati¹⁷³.

L-involviment prevedibbli, sinifikanti u f'waqtu tas-sħab soċjali għandu rwol importanti biex jiżgura li r-riformi jitfasslu u jiġu implimentati b'mod effettiv. Is-sjieda nazzjonali tinsab fil-qalba tas-Semestru Ewropew u tal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-istabbiliment ta' korpi tripartitiċi ġodda (eż. fil-Polonja, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, fost l-oħrajn) biex tiġi mmonitorjata l-implimentazzjoni tal-RRPs huwa żvilupp pożittiv li, jekk jiġi ġestit b'mod inklużiv, għandu l-potenzjal li jtejjeb il-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u l-akkontabilità pubblika¹⁷⁴. Kooperazzjoni msaħħa mas-sħab soċjali, inkluż matul iċ-ċiklu kollu tas-Semestru Ewropew, hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-fehmiet tagħhom jitqiesu u jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid ta' deċizzjonijiet; inkluż meta jiġu diskussi politiki ta' appoġġ xierqa favur l-integrazzjoni taċ-ċittadini Ukreni u ta' persuni spostati oħrajn fis-swieq tax-xoġhol Ewropej. Mill-2016 u fuq bażi annwali, il-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) iwettaq rieżamijiet ta' sorveljanza multilaterali tal-involviment tas-sħab soċjali nazzjonali fis-Semestru Ewropew biex jivvaluta dawn l-isfidi u sfidi u Prattiki tajbin oħrajn. Id-differenzi fil-grad ta' involviment ta' kwalità u sinifikanti tas-sħab soċjali għadhom jiġu osservati fl-Istati Membri kollha.

Id-djalogu soċjali kien kruċjali għal settur tas-saħħa b'saħħtu, li jiffaċċja l-pandemija tal-COVID-19 u jikkontribwixxi għal żieda fit-tħejjija tal-UE għal kriżijiet potenzjali futuri tas-saħħa. Il-pajjiżi kollha affaċċjaw il-ħtieġa li jżidu l-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa, b'mod partikolari fl-isptarijiet, biex ilaħħqu mad-domanda dejjem akbar għas-servizzi tal-kura tas-saħħa f'perjodu qasir ħafna, minħabba l-pandemija tal-COVID. Il-persjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa toħroġ fid-dieher iżjed meta wieħed iqis il-kuntest ta' sfidi oħra fit-tul, bħall-iċ tal-ħaddiema tas-saħħa. Id-djalogu soċjali kellu rwol prominenti fl-indirizzar ta' wħud minn dawn l-isfidi fl-Istati Membri b'istituzzjonijiet stabbiliti sew u bi tradizzjoni dejjiema ta' kooperazzjoni bejn is-sħab soċjali (eż. id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Finlandja u l-Iżvezja) u f'dawk li jibbażaw fuq raggruppamenti b'saħħithom ta' sħubijiet soċjali (eż. l-Awstrija, il-Belġju, il-Lussemburgu u n-Netherlands). Fl-istess ħin, il-pajjiżi fejn id-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma anqas prominenti fis-settur tal-kura tas-saħħa (eż. il-Bulgarija, iċ-Ċekja, Malta u l-Estonja) raw spinta fid-djalogu soċjali fid-dawl tal-kriżi tal-COVID-19¹⁷⁵.

Il-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-istadji kollha tas-Semestru Ewropew hija strumentali għat-tweqqiq ta' riformi u ta' politiki ta' kwalità fl-Istati Membri. Il-Kummissjoni Ewropea enfasizzat l-importanza ta' konsultazzjonijiet f'waqthom u sinifikanti mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili f'Rapporti Konġunti preċedenti dwar l-Impjiegi. Filwaqt li tibni fuq il-prattiki nazzjonali eżistenti, hija enfasizzat ukoll is-sinifikat tal-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-laqgħat u fl-iskambji regolari

¹⁷³ Ara t-tiġdid tas-Sħubija Ewropea għall-Integrazzjoni wara l-kriżi tal-COVID-19. Sors: [is-Sit web Ewropew dwar l-Integrazzjoni \(europa.eu\)](https://is-sit-web-Ewropew-dwar-l-Integrazzjoni.europa.eu)

¹⁷⁴ Sors: il-Eurofound (2022), Rodríguez Contreras, R., Sanz, P., *Involvement of social partners in the national recovery and resilience plans*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Nota: Għad-dettalji dwar in-negozjar kollettiv, ara t-taqsim 2.1 ta' dan ir-rapport u l-Kummissjoni Ewropea, *Employment and Social Developments in Europe 2022*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

¹⁷⁵ Ara l-Eurofound (2022), *Social dialogue and collective bargaining in the hospital sector during the COVID-19 pandemic*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (pubblikazzjoni pendenti).

tagħha mal-Istati Membri. L-identifikazzjoni tal-isfidi eżistenti – uħud minnhom enfasizzati f'riżoluzzjoni riċenti tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁷⁶ – hi opportunità biex ikompli jissaħħu l-kwalità, it-trasparenza, ir-regolarità u l-prevedibbiltà tal-iskambji. 'Il quddiem, l-involvement tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-impjiegi u soċjali se jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-granularità u tal-effiċjenza tar-riformi u tal-investimenti meħtieġa biex jingħelbu l-isfidi soċjoekonomiċi eżistenti u biex isir progress fit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

2.3.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

L-isforzi biex jiġu indirizzati l-kawżi tas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol jissoktaw f'xi Stati Membri, f'konformità mal-prinċipju 5 tal-Pilastru (dwar impjiegi siguri u adattabbli). F'Lulju 2021, **Spanja** (fi ħdan l-RRP tagħha) emendat l-istatut tal-impjegat pubbliku biex tnaqqas l-impjiegi temporanji fis-settur pubbliku kif ukoll biex tipprevjeni u tikkastiga l-abbużi, inkluż l-obbligu li jiġu ppubblikati s-sejħiet kollha għall-proċeduri ta' stabbilizzazzjoni tal-persunal temporanju sal-31 ta' Diċembru 2022. Ġew adottati wkoll emendi dwar ir-regoli applikabbli għall-impjegati pubbliċi li jaħdmu fis-setturi tas-saħħa u tal-edukazzjoni. F'Diċembru 2021, **Spanja** (ukoll fi ħdan l-RRP tagħha) adottat ukoll pakkett ta' riforma tas-suq tax-xogħol bl-għan li tnaqqas is-sehem għoli ta' kuntratti temporanji fis-settur privat, ittejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ċerti impjegati, u trawwem tranżizzjonijiet lejn impjiegi b'kuntratt indefinit. Ir-riforma ddefiniet mill-ġdid il-firxa tal-kuntratti tal-impjieg billi enfasizzat ir-rwol ċentrali tal-kuntratti permanenti u billi kompliet tillimita l-użu tal-kuntratti b'terminu fiss (eż., naqqset it-tul massimu tal-kuntratti b'terminu fiss, filwaqt li żiedet is-sanzjonijiet għall-użu frawdolenti tagħhom). Bħala parti minn riforma usa' skont l-Aġenda għal Xogħol Deċenti, il-**Portugall** qed jippjana li jnaqqas in-numru massimu ta' tiġdid tal-kuntratti temporanji minn 6 għal 4; iżid il-kumpens għas-sensji ta' ħaddiema temporanji u jikkriminalizza x-xogħol mhux iddikjarat bi priġunerija sa 3 snin. Meta jiġu adottati, dawn il-miżuri huma mistennija jnaqqsu s-sehem ta' kuntratti temporanji u jippromwovu tranżizzjonijiet lejn xogħol b'kuntratt indefinit u formali. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) għan-**Netherlands** fih diversi riformi tas-suq tax-xogħol immirati biex jindirizzaw l-isfidi relatati mas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol. Dawn jinkludu t-tnaqqis gradwali fit-taxxa tal-ħaddiema għal rashom, l-introduzzjoni ta' assigurazzjoni obligatorja tad-diżabbiltà lill-ħaddiema għal rashom, u miżuri biex jiġu indirizzati ħaddiema b'impjieg indipendenti falz, inkluż modifika tad-definizzjoni ta' relazzjoni ta' impjieg u żieda fl-infurzar pubbliku, kollox sal-2026. Barra minn hekk, f'Lulju 2022, in-**Netherlands** ħabbru wkoll pjanijiet biex jitnaqqsu l-inċentivi għall-użu ta' kuntratti flessibbli jew temporanji u biex tiġi introdotta sistema ta' ċertifikazzjoni għall-aġenziji tax-xogħol temporanju.

Diversi Stati Membri qed jipproponu regolamenti ġodda jew emendati dwar il-leġislazzjoni għall-protezzjoni tal-impjiegi biex iwieġbu għall-isfidi identifikati tas-suq tax-xogħol, skont il-prinċipju 7 tal-Pilastru (dwar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg u l-protezzjoni f'każ ta' sensji). F'Novembru 2021, l-**Estonja** introduċiet il-possibbiltà li l-impjegaturi u l-impjegati fis-settur tal-bejgħ bl-imnut jikkonkludu kuntratti ta' impjieg aktar flessibbli taħt kundizzjonijiet speċifiċi. Dawn il-ftehimiet jistgħu jikkontribwixxu biex jinvolvu ħaddiema addizzjonali, u b'hekk iżidu l-opportunitajiet ta' impjieg filwaqt li jiżguraw livell oġġla ta' protezzjoni. Din il-miżura ġiet ikkomplementata bl-adozzjoni f'Diċembru 2021 ta' emendi ġodda għall-att dwar it-trasport bit-triq. B'din il-

¹⁷⁶ Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2022), *L-Involvement tas-Soċjetà Ċivili Organizzata fil-Pjani Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza – Kif nistgħu ntejjebuh?*, ir-Risoluzzjoni [ECO/592], Mejju 2022.

miżura, l-**Estonja** tistenna li tappoġġa kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għas-sewwieqa fis-settur tat-trasport bit-triq. Fi Frar 2022, **Franza** għaddiet liġi ġdida li toħloq status uniku għall-ħaddiema għal rashom u li tipproteġi l-assi personali tagħhom (s'issa, ir-residenza ewlenija biss ġiet protetta). Barra minn hekk, il-liġi testendi l-kundizzjonijiet biex tiffaċilita r-rikonverżjoni tal-ħaddiema għal rashom. Permezz ta' allowance li tiswa EUR 800 fix-xahar, il-Gvern għandu l-għan li jappoġġa lil dawk li b'mod permanenti waqqfu l-attività tagħhom li saret insostenibbli. F'Ġunju 2022, l-**Italja** adottat dispożizzjonijiet ġodda biex tiżgura li l-ħaddiema kollha, inklużi dawk b'kuntratti mhux standard, jibbenefikaw minn trasparenza akbar dwar ir-relazzjoni ta' impjeg, b'mod partikolari rekwiżiti minimi ta' informazzjoni mill-impjegaturi rigward il-perjodu ta' prova u t-taħriġ (jekk applikabbli). Bħala parti minn riforma wiesgħa, l-**Iżvezja** qed tippjana li tadotta miżuri fit-tieni semestru tal-2022 rigward ir-regoli għat-tkeċċija għal raġunijiet oġġettivi u li żżid il-prevedibbiltà tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tipprevjeni t-tilwim dwar ix-xogħol.

Flimkien mal-analiżi ppreżentata fil-Kaxxa 5 tal-Pilastru, diversi Stati Membri introduċew miżuri li jsaħħu s-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, skont il-prinċipju 10 tal-Pilastru (dwar ambjent tax-xogħol ħieles mill-periklu, sikur u adattat sew). Bħala parti minn riforma usa', f'Lulju 2021 **Franza** (fl-RRP tagħha) adottat sett ta' miżuri li jsaħħu s-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol. L-aktar azzjonijiet rilevanti f'termini ta' impatt mistenni jinkludu l-possibbiltà li d-ditti jespandu s-servizzi tas-saħħa offruti fuq il-post tax-xogħol u l-ħolqien ta' passaport ta' prevenzjoni. Barra minn hekk, **Franza** wessgħet ukoll id-definizzjoni ta' fastidju sesswali fuq il-post tax-xogħol u f'Novembru 2021 hija rratifikat il-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju. F'Diċembru 2021, il-**Kroazja** adottat il-Pjan nazzjonali dwar ix-Xogħol, is-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol u l-impjegi għall-2021-2027. Dan il-pjan huwa allinjat mal-Istrateġija Nazzjonali ta' Żvilupp sal-2030 u jirrappreżenta kontinwità u titjib tal-politiki tas-suq tax-xogħol li se jappoġġaw il-forniment ta' xogħol deċenti għal kulħadd, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli. F'Lulju 2022, il-**Bulgarija** adottat operazzjoni tal-FSE+ biex tappoġġa l-benesseri tal-ħaddiema u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol b'baġit totali ta' EUR 51,1 miljun. Uħud mill-aktar azzjonijiet rilevanti jinkludu appoġġ finanzjarju lill-kumpaniji biex jipprevjenu l-eżawriment minħabba x-xogħol, iħarsu s-saħħa mentali, jixtru lbies u tagħmir tas-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol, jattrezzaw l-ambjent tax-xogħol b'żoni rikreattivi u sportivi, u jħaddmu approċċi ekoloġiċi għall-imġiba organizzazzjonali. Il-miżura se ddum sal-aħħar tal-2024 u hija mistennija li se tibbenefika lil sa 91 000 impjegat. L-**Italja** wkoll qed tippjana li tadotta miżuri ta' politika mmirati tul l-2022 u l-2023 biex ittejjeb is-saħħa u s-sikurezza fuq il-lant tax-xogħol.

Xi Stati Membri qed jintroduċu jew jemendaw ir-regolament biex jiddefinixxu aħjar il-kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli u l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, skont il-prinċipju 9 tal-Pilastru (dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata). F'Lulju 2021, **Spanja** approvat dispożizzjonijiet legali biex tirregola t-telexogħol u x-xogħol mill-bogħod fis-setturi privati u pubbliċi. B'mod partikolari, l-emendi leġiżlattivi jiggarrantixxu l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk li jaħdmu mill-bogħod u fuq il-post, kif ukoll in-natura volontarja tat-telexogħol kemm għall-ħaddiem kif ukoll għall-impjegatur. Dan il-qafas il-ġdid jista' jiffavorixxi x-xogħol ibridu, li jħallat ix-xogħol mill-bogħod u x-xogħol fuq il-post. F'Ġunju 2022, il-**Belġju** adotta miżuri ġodda biex ittejjeb il-flessibbiltà fis-siġhat tax-xogħol u jappoġġa bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fis-settur privat. L-azzjonijiet ewlenin jinkludu d-dritt għal ġimġha ta' xogħol ta' erbat ijiem (permezz ta' żieda fin-numru ta' siġhat kull jum) jew biex jinbidel ir-reġim tax-xogħol (jiġifieri, jiġu bbilanċjati s-siġhat tax-xogħol bejn il-ġimġhat). Fl-istess ħin, il-**Belġju** adotta d-"dritt għall-iskonnessjoni" għal ditti b'aktar minn 20 impjegat, li issa ma jistgħux jippretendu li l-impjegati tagħhom jirreaġixxu għat-talbiet tax-xogħol wara l-ħinijiet regolari tal-uffiċċju. Iż-żewġ miżuri huma parti minn ftehim

federali dwar ir-riformi tas-suq tax-xogħol li jinkludi wkoll aktar flessibbiltà fir-rigward tar-regoli dwar ix-xogħol ta' filgħaxija u ta' billejl fil-kummerç elettroniku. Barra minn hekk, huma previsti proġetti pilota li jippermettu xogħol ta' filgħaxija u ta' billejl fuq bażi volontarja mingħajr il-qbil minn qabel ta' union. Bħala parti minn riforma usa', il-**Polonja** (fl-RRP tagħha) tippredvi li tintroduċi dispożizzjonijiet tal-liġi tax-xogħol biex trawwem bilanç aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar prevedibbli. B'mod partikolari, se tippredvi regoli għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli, inklużi pawżi u/ jew taħriġ matul is-siġħat tax-xogħol, il-kunsens tal-impjegat li jaħdem is-sahra jew billejl, jew li jwettaq xogħol intermittenti. Hemm ukoll pjanijiet biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tar-relazzjoni ta' impjegat tal-impjegati matul il-liv tat-tqala, tal-maternità jew tal-ġenituri. F'April 2022, l-**Estonja** aġġornat ukoll il-qafas legali eżistenti biex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol aktar flessibbli (eż., part-time, telexogħol, jew ħinijiet flessibbli tax-xogħol) għall-ħaddiema jew għall-impjegati maç-çivil b'responsabbiltajiet ta' kura, filwaqt li trawwem protezzjoni effettiva tal-minorenni (jiġifieri taħt l-14-il sena). Il-**Lussemburgu** qed jippjana li jadotta dispożizzjonijiet biex jirregola l-fastidju morali. L-azzjoni hija mistennija tapplika għall-impjegati, iżda wkoll għall-apprendisti, għat-trainees u għall-kuntratti temporanji speċjali li jistgħu jiġu konklużi mal-istudenti.

Għadd ta' Stati Membri emendaw ukoll il-leġislazzjoni tagħhom jew qed jippjanaw li jemendawha biex jipprovdu arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli lill-ħaddiema, skont il-prinċipju 9 tal-Pilastru (dwar il-bilanç bejn ix-xogħol u l-ħajja privata). Spanja estendiet sa Ġunju 2022 il-pjan dwar il-modifiki fil-ħinijiet tax-xogħol ("*Plan Mecuida*") adottat f'Marzu 2020 biex issaħħaħ il-flessibbiltà tal-impjegati fl-issodisfar tar-responsabbiltajiet tal-familja direttament relatati mal-kriżi tal-COVID-19. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, l-impjegatur u l-impjegat jistgħu jiftiehem fuq bidliet raġonevoli u proporzjonati oħrajn fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegat (eż., telexogħol, tibdil fix-xift, bidla fil-post tax-xogħol jew assenjament ta' funzjonijiet differenti, fost l-oħrajn). F'Jannar 2022, **Spanja** aġġornat il-qafas legali tagħha dwar il-ħinijiet tax-xogħol biex testendi l-possibbiltajiet ta' indukrar għall-ġenituri ta' tfal bil-kanċer jew b'marda severa. Il-limitu tal-età tad-dixxendent fil-mira fil-bżonn tal-kura zdiend minn 18 għal 23 sena. Bħala parti mill-RRP tiegħu, **Ċipru** qed jippjana li jwettaq studju dwar arranġamenti tax-xogħol flessibbli fis-settur pubbliku. L-istudju huwa mistenni jipprovdi rakkomandazzjonijiet sal-2023 li għandhom l-għan li jtejbu l-effettività tas-servizz pubbliku. Ladarba r-rakkomandazzjonijiet tal-istudju jkunu disponibbli, issegwi deċizzjoni dwar l-implimentazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, billi jibbenefika mill-appoġġ tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, **Ċipru** għandu l-ħsieb li sal-2023 jadotta liġi ġdida li tirregola arranġamenti tax-xogħol flessibbli, b'mod partikolari t-telexogħol. F'Awwissu 2022, il-**Litwanja** emendat il-qafas ġuridiku tagħha li jipprovdi aktar flessibbiltà għal ċerti familji fir-rigward tal-arranġamenti tax-xogħol tagħhom. Dawn l-emendi jkopru, fost l-oħrajn, jiem addizzjonali ta' liv lill-ġenituri li jrabbu t-tfal, u l-possibbiltà li jaħdmu anqas minn jum sħiħ u li jikkombinaw it-telexogħol u skedi tax-xogħol flessibbli għan-nisa tqal jew li qed ireddgħu, għall-ġenituri li jrabbu tfal sa 8 snin jew għall-ġenituri singoli bit-tfal sa 14-il sena (jew sa 18-il sena, fil-każ ta' tfal b'diżabbiltà) (ara t-Taqsima 2.2.2)

Diversi Stati Membri saħħew l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw ix-xogħol mhux iddikjarat b'riżorsi addizzjonali, inkluża ż-żieda tal-kapaċità tal-ispettorati tax-xogħol. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, l-**Italja** (fl-RRP tagħha) hija mistennija tadotta sal-aħħar tal-2022 Pjan Nazzjonali u pjan direzzjonali għall-ġlieda kontra x-xogħol mhux iddikjarat fis-setturi ekonomiċi kollha, bl-għan li żżid b'mod permanenti n-numru ta' spezzjonijiet tax-xogħol sal-2025 u tnaqqas il-każijiet ta' xogħol mhux iddikjarat sal-2026. Għal dan l-għan, fi Frar 2022 ġie stabbilit grupp ta' ħidma interistituzzjonali. F'Ottubru 2021,

ir-**Rumanija** approvat sanzjonijiet amministrattivi ġodda biex tillimita x-xogħol mhux iddikjarat u mhux iddikjarat biżżejjed, kif ukoll il-prattika tal-ħlas tal-“pagi f’kontanti”. L-azzjoni tinkludi r-regolamentazzjoni tal-kunċett ta’ “xogħol mhux iddikjarat biżżejjed”. Aktar tard f’April 2022, ir-**Rumanija** nediet ukoll sistema ta’ vawċers ta’ servizz (li għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta’ Jannar 2024) biex il-ħaddiema domestiċi jiddaħħlu fl-ekonomija formali. Il-ħaddiem domestik u se jkun kopert mis-sistema tas-sigurtà soċjali u tal-assigurazzjoni tas-saħħa wara li jiskambja 85 vawċer. Bħala parti minn riforma usa’, fi Frar 2022, l-**Iżvezja** nediet proċess biex tistabbilixxi ċentri reġjonali kontra l-kriminalità relatata max-xogħol (li jittrattaw ukoll ix-xogħol mhux iddikjarat). Dawn iċ-ċentri se jiffunzjonaw bħala ċentru għall-ħidma tal-awtoritajiet fir-rigward tal-ippjanar, tal-implimentazzjoni u tas-segwitu tal-kontrolli konġunti tal-gvern, f’konsultazzjoni mas-sħab soċjali u mal-korpi nazzjonali u reġjonali. F’Marzu 2022, il-**Belġju** (ir-reġjun ta’ Brussell Kapitali) adotta miżura mira biex iżid l-għadd ta’ spezzjonijiet imwettqa fil-kumpaniji ta’ settur partikolari, meta jkun hemm suspett raġonevoli ta’ diskriminazzjoni. Barra minn hekk, l-ispetturi tax-xogħol jistgħu jżuru wkoll ditta b’isem fażul biex jidentifikaw id-differenzi fit-trattament. F’Mejju 2022, **Spanja** approvat sejħa ġdida għal 90 spettur pubbliku ġdid tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali, biex irdoppjat dik approvata fl-2021. F’April 2022, il-**Kroazja** introduċiet att ġdid dwar l-informaturi li jemenda d-dispożizzjonijiet preċedenti mill-2019. L-iskop ta’ dan l-att huwa li jtejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema li jirrapportaw dwar ditti li jwettqu ksur legali, inklużi sanzjonijiet għall-impjegaturi li jibdeu proċedimenti kontra l-informaturi. Bħala parti minn riforma usa’ skont l-RRP, f’Diċembru 2022 il-**Kroazja** qed tippjana wkoll li tadotta liġi ġdida dwar l-indirizzar tax-xogħol mhux dikjarat, li tiddefinixxi x-xogħol mhux dikjarat, issaħħaħ l-ispettorati tax-xogħol u tkompli tirregola t-trasferiment tal-ħaddiema minn xogħol mhux dikjarat għal xogħol dikjarat.

Diversi Stati Membri adottaw miżuri mmirati biex itejbu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda fit-tul, skont il-prinċipju 4 tal-Pilastru. F’Ottubru 2021, il-**Greċja** adottat liġi ġdida li tirrifirma l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (“*OAED*”). Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jinkludu s-sitwazzjoni tar-reklutaġġ ta’ konsulenti ġodda dwar l-impjiegi (540 għal perjodu ta’ sentejn) u enfasi akbar fuq l-intermedjazzjoni bejn il-provvista u d-domanda ta’ ħaddiema. Fl-2021, il-**Greċja** introduċiet ukoll allowance tax-xogħol lill-persuni li jirċievu sussidji tal-qgħad u li jsibu impjeg, u tipprovdi bonus ta’ EUR 300 lill-persuni qiegħda fit-tul (definiti għal aktar minn 5 snin) li jfasslu pjan ta’ azzjoni individwali. Ġew introdotti kriterji tal-introjtu biex jiġi indirizzat l-abbuż tal-benefiċċji, filwaqt li tliet rifjuti ta’ impjiegi jew ta’ parteċipazzjoni xierqa fit-taħriġ ikunu jwasslu għat-tneħħija mir-reġistru tal-qgħad. Bħala parti minn riforma wiesgħa fl-**Irlanda**, is-Servizz tal-Impjiegi taż-*Żona Lokali* (“*LAES*”) sar operazzjonali f’Jannar 2022. L-għan tas-servizz hu li jipprovdi servizzi tal-impjiegi ta’ kwalità għolja u li jistgħu jitkejlu lill-qiegħda fit-tul u lil gruppi vulnerabbli oħra. Is-servizz il-ġdid iħaddem sistema ta’ pagamenti relatata mal-prestazzjoni, u kull klijent jirċievi intitolamenti individwali abbażi tal-involviment u t-tlestija ta’ pjan ta’ progressjoni personali. Fi Frar 2022, l-**Iżvezja** kkummissjonat is-servizz pubbliku tal-impjiegi tagħha biex issaħħaħ l-appoġġ lill-persuni qiegħda fit-tul, speċjalment fit-territorji li qed jiffaċċjaw sfidi soċjoekonomiċi kbar. Huma previsti wkoll azzjonijiet biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni strateġika u operazzjonali bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u l-awtoritajiet lokali fir-rigward ta’ persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjeg.

Numru ta’ Stati Membri emendaw l-oqfsa eżistenti tagħhom tal-ALMP biex itejbu l-effettività tagħhom fl-irkupru mill-fażi tal-COVID-19, f’konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru (appoġġ attiv għall-impjiegi). Fl-2021, iċ-**Ċekja** adottat il-qafas strateġiku għall-Impjiegi 2030+. L-istrateġija tikkontribwixxi għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet abilitanti skont il-politika ta’ koeżjoni u tiddefinixxi l-oqfsa ta’ prijorità għall-10 snin li ġejjin. Miżuri

konkrete huma stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni li jispjegaw dan il-qafas. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, fl-2021 u fl-2022 il-**Greċja** adottat miżuri biex tiżviluppa għodod diġitali ġodda għas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, inkluż karta diġitali, il-possibbiltà li jiġi rreġistrat pjan ta' azzjoni individwali, u l-istruttura biex jingħataw kontijiet individwali tat-tagħlim. Il-**Kroazja** ressqet miżuri, bħala parti minn riforma usa' skont l-RRP, biex ittejjeb il-kwalità tal-appoġġ ipprovdut lil gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari proċessi relatati mat-fassil ta' profili, mas-segmentazzjoni, mal-integrazzjoni, u mal-attivazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Barra minn hekk, issoktaw l-isforzi biex jiġu żviluppanti għodod għat-tqabbil tal-persuni qiegħda mal-postijiet tax-xogħol battala u biex titħaddem aħjar is-sistema tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-politiki attivi tas-suq tax-xogħol. Dawn l-azzjonijiet, flimkien ma' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ppjanati, huma mistennjin jgħaqqdu lil 5 000 utent ġdid mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. F'April 2022, ġiet stabbilita sistema ta' vawċers b'rabta mat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-adulti, bħala bażi għall-introduzzjoni possibbli tal-kontijiet individwali tat-tagħlim skont il-FSE+. F'Diċembru 2021, l-**Italja** approvat investiment strutturali ġdid biex tippromwovi l-iżvilupp ta' osservatorju reġjonali tas-suq tax-xogħol u l-appoġġ biex tissaħħaħ l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni reġjonali u nazzjonali, u b'hekk tittejjeb il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jiġi appoġġat l-adattament għas-suq tax-xogħol. Din il-miżura hija kkomplementata bl-allokkazzjoni ta' EUR 4,4 biljun addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Garanzija tal-Programm Nazzjonali għall-Impjegati ("GOL") matul il-perjodu 2021-2023. F'Awwissu 2022, il-**Litwanja** adottat sistema ġdida ta' gwida għall-karriera skont l-RRP tagħha, li tistabbilixxi l-qafas, ir-rekwiżiti bażiċi ta' kompetenza, il-ġestjoni u l-assigurazzjoni tal-kwalità tal-gwida professjonali matul il-karriera kollha sa mill-ewwel grad tal-iskola (ara wkoll it-Taqsima 2.2.2). Bl-involviment tas-sħab soċjali, se tistabbilixxi wkoll il-proċess ta' governanza tal-istituzzjonijiet involuti. F'April 2022, il-**Lussemburgu** adotta miżura mmirata u temporanja ġdida biex jiġi assenjat xogħol temporanju lill-persuni li ma qabżux il-50 sena u li jkunu qiegħda għal mill-anqas 6 xhur. Il-liġi hija applikata b'mod retroattiv minn Ottubru 2021, u ma baqgħetx effettiva mit-30 ta' Ġunju 2022. Sa tmiem l-2022, il-**Polonja** (fl-RRP tagħha) hija mistennija tadotta żewġ atti legali importanti biex tippromwovi l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. L-ewwel nett, l-Att dwar l-impjeg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi huwa mistenni jnaqqas l-ostakli amministrattivi għall-impjeg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u jissimplifika l-proċess tal-konklużjoni ta' ċerti kuntratti ta' impjeg. It-tieni, l-Att il-ġdid dwar l-Attività tax-Xogħol fost l-oħrajn se jieħu miżuri biex jagħmilha aktar faċli għall-ġenituri li jirritornaw fis-suq tax-xogħol wara l-liv.

Barra minn hekk, hemm eżempji ta' miżuri mmirati proposti mill-Istati Membri biex jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tax-xogħol u jsaħħu l-komponent ta' attivazzjoni tagħhom, f'konformità mal-prinċipju 4 tal-Pilastru (dwar l-appoġġ attiv għall-impjiegi). F'Ġunju 2022, il-**Belġju** introduċa proċess imsejjaħ "trajettorji ta' tranżizzjoni" biex jippermetti lill-impjegati li jkunu rċevew avviż ta' terminazzjoni jaħdmu għal impjegatur ieħor biex it-tranżizzjoni ssir aktar faċli. Dan huwa kkoordinat mis-servizz tal-impjiegi reġjonali u bbażat fuq ftehim bejn żewġ ditti bħala l-utenti tiegħu. Matul it-tranżizzjoni, il-kost lavorattiv jingħadda (kompletament jew parzjalment) lill-impjegatur il-ġdid u, fi tmiem il-proċess, l-impjegat irid jiġi rreklutat b'kuntratt indefinit. Il-**Belġju** adotta wkoll miżura biex jappoġġa lill-impjegati li ngħataw is-sensja b'perjodu ta' avviż ta' mill-inqas 30 ġimgħa. L-impjegati mogħtijin is-sensja li jissodisfaw il-kriterji għandhom id-dritt li jiddedikaw terz tal-perjodu ta' avviż (jiġifieri 10 ġimgħat) għal attivitajiet li jżidu l-impjegabbiltà tagħhom. Din il-miżura tiġi minbarra l-paga tat-terminazzjoni tal-impjeg li għaliha huma intitolati l-impjegati.

Is-sistemi tal-ALMP eżistenti jew li għadhom kif ġew żviluppanti jikkontribwixxu wkoll biex jappoġġaw l-integrazzjoni ta' persuni spostati mill-Ukrajna fis-suq tax-xogħol. Il-

biċċa l-kbira tal-Istati Membri jiddependu jew fuq politiki attivi eżistenti tas-suq tax-xogħol (ALMPs) disponibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi, jew fuq programmi żviluppati wara l-kriżi tal-migrazzjoni u tar-refuġjati (2015-2016) biex jappoġġaw lin-nies li jaħrabu mill-gwerra fl-Ukrajna. Bħala parti mis-sistemi eżistenti tal-ALMP, il-maġġoranza l-kbira tal-pajjiżi tal-UE offrew konsulenza u gwida għall-karriera, filwaqt li oħrajn għaqqdu dawn l-azzjonijiet ma' inċentivi finanzjarji għall-impjegaturi biex jimpjegaw persuni spostati, jipprovdu taħriġ fuq il-post tax-xogħol jew iniedu proġetti li jrawmu l-intraprenditorija (ara wkoll it-Taqsimiet 2.1.2)¹⁷⁷. Madankollu, in-numru ta' persuni spostati mill-Ukrajna li pparteċipaw fit-taħriġ (eskluż it-taħriġ fil-lingwi) kien wieħed baxx. Dan jista' jiġi spjegat min-numru baxx ta' reġistrazzjonijiet mas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Pereżempju, fl-**Awstrija** u fi **Franza** 1 216 u 1 700 biss minn, rispettivament, 6 300 u 3 200 ċittadin Ukren irreġistrati mas-servizzi pubbliċi nazzjonali tal-impjiegi pparteċipaw f'taħriġ (ara wkoll it-Taqsima 2.3.1). Eżempji oħra ta' ALMPs immirati għal persuni spostati mill-Ukrajna dehru fl-**Estonja**, li varat servizzi speċjali ta' konsulenza għall-impjiegi għal persuni spostati mill-Ukrajna, filwaqt li l-**Polonja** introduċiet appoġġ speċifiku permezz ta' benefiċċji *in natura* u finanzjarji għall-artisti u għall-awturi Ukreni li jwettqu l-attivitatiet tagħhom il-**Polonja** (ara t-Taqsima 2.2.2)¹⁷⁸.

L-Istati Membri aġġornaw il-qafas regolatorju tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jiżguraw il-kapaċità u l-effettività tagħhom, inkluż fil-kooperazzjoni tagħhom mas-servizzi soċjali u mal-partijiet ikkonċernati. F'Lulju 2021, il-**Belġju** (ir-reġjun ta' Flanders) nieda pjan ta' azzjoni biex itejjeb il-kooperazzjoni bejn is-servizzi pubbliċi reġjonali tal-impjiegi u s-sħab privati. Il-pjan għandu l-għan li jsaħħaħ it-trasparenza fir-rigward tal-esternalizzazzjoni, li jtejjeb l-ippjanar u li jissorvelja aħjar il-kwalità tas-servizzi pprovduti permezz ta' evalwazzjonijiet imtejbini u Prattiki ta' ġestjoni tad-*data*. F'Lulju 2021, l-**Irlanda** aġġornat l-istrateġija tagħha ta' Perkorsi għax-Xogħol għall-2021-2025. Il-qafas il-ġdid ifittex li jtejjeb is-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi Irlandiżi (*Intreo*) billi jiżviluppa l-baġit, il-kapaċità u l-approċċ tagħhom iffokat fuq il-klijent. Bl-appoġġ tal-RRF, jinkludi programm ta' internships, filwaqt li l-FSE jappoġġa l-għotjiet għall-Jobsplus u għad-dħul lura fid-dinja tax-xogħol. F'Novembru 2021, il-**Belġju** (ir-reġjun ta' Wallonia) adotta riforma ġdida tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (*TIM*) biex jipprovdu appoġġ aktar personalizzat u integrat lil persuni vulnerabbli li qed ifittxu impjieg u jiżviluppaw perkorsi speċifiċi għall-impjieg għal persuni b'diżabbiltà jew f'sitwazzjonijiet vulnerabbli (fl-RRP tiegħu). Ir-riforma l-ġdida tistabbilixxi wkoll il-bażi għall-ottimizzazzjoni tal-kollaborazzjoni bejn is-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Wallonia (*Forem*) u s-sħab ta' appoġġ. F'Diċembru 2021, **Spanja** (bħala parti mill-RRP tagħha) adottat l-Istrateġija ta' Attivazzjoni tal-Impjiegi għall-2021-2024. Dan il-qafas il-ġdid għandu l-għan li jimmodernizza t-twettiq ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol mill-PES, inklużi l-iżvilupp ta' perkorsi individwali, l-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz għaż-żgħażagħ, u l-koordinazzjoni mtejba bejn l-impjiegi, is-servizzi soċjali, l-amministrazzjonijiet reġjonali, u s-settur privat. Fl-istess ħin, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, **Spanja** qed tippjana li qabel tmiem l-2022 tirriforma l-liġi dwar l-impjiegi biex taġġorna l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol, inkluż l-istruttura ta' governanza u l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tagħha fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. F'Diċembru 2021, l-**Iżvezja** adottat miżura ġdida li għandha l-għan li ssaħħaħ il-forniment ta' politiki ta' attivazzjoni fil-qasam tal-ħiliet mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (ara wkoll it-Taqsima

¹⁷⁷ L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (2022), *Overview of national measures adopted to respond to the Ukrainian crisis with regard to employment and social security having a potential impact on the EU labour mobility*, Skedi tal-Pajjiżi. ELA/2022/RS/047/ELA.323/Gunju 2022

¹⁷⁸ Il-Eurofound (2022): *In-kind support and financial support for Ukrainian artists, measure PL-2022-9/2327 (measures in Poland)*, EU PolicyWatch, Dublin.

2.2.2), bl-immappjar tal-ħtiġijiet ta' kompetenza b'rabta mas-settur privat. F'April 2022, il-**Belġju** (ir-reġjun ta' Flanders) adotta miżura ġdida biex jissaħħa ir-rwol ta' koordinazzjoni tal-awtoritajiet lokali fl-attivazzjoni ta' persuni li qed ifittxu impjieg u ta' persuni inattivi, inkluż fl-ekonomija soċjali (ara t-Taqsima 2.1.2). F'April 2022, il-**Greċja** adottat liġi ġdida għar-ristrutturar tas-servizzi pubbliċi tal-impjieg (*OAED* għal *DYPA*), inkluż il-ħolqien ta' Kunsill tas-sħab soċjali u kont tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit mis-sħab soċjali u ġestit minn entità legali. L-arranġamenti l-ġodda huma mistennija jwasslu għal forniment aktar veloċi u flessibbli ta' appoġġ għall-attivazzjoni. F'Mejju 2022, bħala parti mill-impenn tagħha fl-RRP, il-**Litwanja** adottat miżuri ġodda biex toperazzjonalizza aħjar is-servizzi tal-impjieg eżistenti permezz ta' għodod diġitali u tiżgura orjentazzjoni aktar sistematika lill-klijent. Din il-miżura tinkludi reviżjoni tal-metodi ta' ħidma u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi ewlenin biex jiġu appoġġati servizzi aktar individwalizzati u integrati għal dawk li qed ifittxu impjieg. F'Mejju 2022, il-**Finlandja** daħlet fis-seħħ il-liġi dwar is-servizzi pubbliċi tal-impjieg u tan-negozju li tirregola l-mudell Nordiku tas-servizz tal-impjieg għal persuni li qed ifittxu impjieg. L-objettiv huwa li jittejjeb il-forniment ta' servizzi aktar personalizzati u integrati għal dawk li qed ifittxu impjieg. Ir-riforma hija mistennija tappoġġa lil madwar 10 000 persuna f'impjieg. L-effetti fuq l-impjieg huma mistennija jinħassu bis-sħiħ wara l-2025.

Numru ta' Stati Membri żiedu l-ġenerożità tal-benefiċċji tal-qgħad tagħhom, anki bħala reazzjoni għall-pressjonijiet inflazzjonarji attwali. Fid-dawl tal-limitazzjoni tal-impatt taż-żieda fil-prezzijiet, l-**Awstrija** tfitteż li tadatta l-benefiċċji tal-qgħad tagħha fuq bażi annwali. Fl-**Estonja**, kemm il-benefiċċji tal-assigurazzjoni tal-qgħad, kif ukoll il-benefiċċju tal-qgħad żdiedu fl-2022. Bl-istess mod, l-**Italja** estendiet il-ġenerożità u l-perjodu ta' żmien tas-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad. Fi **Spanja**, riforma biex jiġu indirizzati d-differenzi fil-kopertura fil-protezzjoni kontra l-qgħad u l-frammentazzjoni tal-protezzjoni tal-qgħad għandha titlesta, skont l-RRP tagħha, sa tmiem l-2022. Barra minn hekk, ġiet iffaċilitata t-tranżizzjoni għall-protezzjoni soċjali għall-benefiċjarji li ma jirritornawx għax-xogħol u li jinsabu f'sitwazzjoni vulnerabbli. Fid-**Danimarka**, ir-reqwiziti kemm tal-ġenerożità kif ukoll tal-eliġibbiltà żdiedu, u dan irriżulta f'benefiċċji oġhla tal-qgħad matul l-ewwel tliet xhur tal-qgħad. Fl-istess ħin, ir-reqwiziti għar-riċevuta tal-benefiċċji saru aktar stretti għall-gradwati riċenti. F'dan il-każ, il-perjodu massimu ta' benefiċċju tal-gradwati se jitnaqqas minn sentejn għal sena u, f'każ li ma jkunx sabu impjieg fi żmien tliet xhur minn meta jiggradwaw, il-benefiċċji tagħhom jitnaqqsu. F'Lulju 2021, **Franza** adottat miżura temporanja biex testendi d-dritt għall-benefiċċju tal-qgħad tal-ħaddiema temporanji fil-qasam tal-kultura (jiġifieri dawk li għandhom l-istatus ġuridiku ta' "*intermittents du spectacle*") u li huma partikolarment affettwati mill-kriżi tal-COVID-19. Il-miżura baqgħet valida sa Diċembru 2021. L-RRP ta' **Malta** jinkludi studju li jivvaluta l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad u li jirrakkomanda għażliet ta' politika biex jinkisbu adegwatezza u kopertura aħjar tal-benefiċċji, f'termini kemm tad-durata kif ukoll tal-aċċess effettiv, filwaqt li jittejjbu l-inċentivi għax-xogħol. F'April 2022, il-**Greċja** introduċiet reqwiziti ġodda għat-tfittix tal-impjieg biex tħeġġeġ lill-persuni qiegħda jfittxu impjieg b'mod attiv u jaċċettaw l-offerti tal-impjieg ippreżentati lilhom.

Diversi Stati Membri adottaw miżuri biex isaħħu d-djalogu soċjali u jappoġġaw l-involviment tas-sħab soċjali fit-tfassil tal-politika, f'konformità mal-prinċipju 8 tal-Pilastru. Pereżempju, f'Lulju 2021, is-sħab soċjali u l-Gvern fil-**Portugall** iffirmary ftehim tripartitiku biex itejbu s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali, inkluż regolament dwar il-governanza (ara wkoll it-Taqsima 2.2.2). Fi **Spanja**, is-sħab soċjali kienu involuti fit-tfassil tar-riformi ewlenin tas-suq tax-xogħol li ttieħdu mill-2020. F'Mejju 2022, is-sħab soċjali u l-Gvern fl-**Estonja** ffirmary ftehim ta' avvjament għar-riforma tal-pensjonijiet preferenzjali. Abbażi ta' din, qed jittejjja regolament ġdid dwar il-pensjonijiet tax-xjuħija u

tal-irtirar. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, ir-**Rumanija** qed tippjana li sa tmiem l-2022 tadotta liġi ġdida dwar id-djalogu soċjali diskussa u miftiehma mas-sħab soċjali.

2.4 Linja Gwida 8: Nippromwovu l-opportunitajiet indaqgħal kulħadd, inrawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar

Din it-taqsimata tagħti ħarsa lejn l-implimentazzjoni tal-linja gwida nru 8 dwar l-impjiegi, li tirrakkomanda li l-Istati Membri jippromwovu opportunitajiet indaqgħal kulħadd, irawmu l-inklużjoni soċjali u niġġieldu l-faqar, f'konformità mal-prinċipji 2 (dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri), 3 (dwar l-opportunitajiet indaqgħal kulħadd), 11 (dwar il-kura tat-tfal u l-appoġġ għat-tfal), 12 (dwar il-protezzjoni soċjali), 14 (dwar l-introjtu minimu), 15 (dwar l-introjtu u l-pensjoni tax-xjuħija), 16 (dwar il-kura tas-saħħa), 17 (dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà), 18 (dwar il-kura fit-tul), 19 (dwar l-akkomodazzjoni u l-ġhajjnuna għall-persuni mingħajr dar) u 20 (dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali) tal-Pilastru. It-Taqsimata 2.4.1 tipprovdi analiżi tal-indikaturi ewlenin, filwaqt li t-Taqsimata 2.4.2 tirrapporta dwar il-miżuri ta' politika mill-Istati Membri


2.4.1 Indikaturi ewlenin

L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) per capita żdied b'mod ġenerali fil-livell tal-UE u fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021 fid-dawl tal-irkupru ta' wara l-COVID-19. L-akbar żieda ġiet osservata fil-Latvja u fl-Ungerija, filwaqt li oħrajn iżgħar ġew osservati f'Malta, fiċ-Ċekja, fl-Estonja, u fis-Slovenja. Id-Danimarka rat l-akbar tnaqqis, segwita biss mill-Ġermanja u mil-Litwanja. Kif diskuss fit-taqsimiet 1.2 u 2.1.1, dawn il-bidliet jirriflettu l-effett ikkombinat tat-tkabbir tal-pagi kif ukoll komponenti oħrajn tal-GDHI, bħat-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' appoġġ għall-introjtu wara l-pandemija u matul l-irkupru. Abbażi tal-prestazzjoni fl-2020 u fl-2019, ġew immarkati "sitwazzjonijiet kritiċi" għall-Greċja, għall-Italja, għal Spanja, għall-Awstrija u għal Ċipru¹⁷⁹. Fil-Belġju, iż-żieda kienet marġinali, bil-valur tal-indikatur li baqa' qrib il-livelli tal-2008 tiegħu u l-pajjiż indikat fost il-pajjiżi f'"sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati".

¹⁷⁹ Fid-data limitu, kien hemm *data* disponibbli għal 13-il Stat Membru biss, li għalihom l-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-JER tkun qarrieqa. Sakemm tintuża kategorizzazzjoni oħra tal-aġġornament tad-*data* mis-sena ta' qabel.

Grafika 2.4.1: L-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) *per capita* baqa' ġeneralment stabbli fl-Istati Membri kollha fl-2021 [Spazju riżervat sakemm tasal id-data ġdida kollha]

It-tkabbir reali *per capita* tal-introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI) (2008=100), il-livelli tal-2020 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Fid-data ta' limitu, kienet nieqsa d-data għal 14-il Stat Membru, u għalhekk iċ-ċart tirrifletti l-livelli tal-2020 u l-bidliet mill-2019 sal-2020.

Sors: il-Eurostat [[tepsr_wc310](https://tepsr.wc310)].


Is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROE) baqa' ġeneralment stabbli jew naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021, għalkemm b'differenzi kbar bejn il-pajjiżi. Fl-2021, ir-Rumanija, il-Bulgarija, il-Greċja, Spanja, u l-Latvja kellha l-ogħla rati tal-AROE (b'34,4 %, 31,7 %, 28,3 %, 27,8 % u 26,1 % rispettivament). Is-sitwazzjoni hija mmarkata bħala “kritika” għall-Greċja, għal Spanja u għal-Latvja, li għalihom il-valuri relattivament għoljin huma aggravati minn żieda akbar sal-2021 milli għall-medja tal-UE (b'0,9, 0,8 u 1 pp, rispettivament) – ara l-Grafika 2.4.2. Fost l-Istati Membri b'livelli oġhla, ir-Rumanija u l-Bulgarija rreġistraw tnaqqis (1,2 u 1,9 pp, rispettivament). Il-Portugall, il-Lussemburgu u l-Italja huma mmarkati bħala pajjiżi f'“sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati” minħabba deterjorament relattivament sostanzjali tal-indikatur (bi 2,4, 1,8 u 1,2 pp, rispettivament), minkejja li l-livelli huma madwar jew eqreb tal-medja tal-UE¹⁸⁰. Fost l-Istati Membri bl-aktar rati baxxi tal-AROE, is-Slovakkja għandha livell relattivament baxx iżda esperjenzat żieda relattivament kbira fl-2021, u hija mmarkata bħala fost il-pajjiżi f'“sitwazzjonijiet tajbin iżda li għandhom jiġu mmonitorjati”. Iċ-Ċekja, is-Slovenja u l-Finlandja komplew jirreġistraw titjib flimkien mal-livelli l-aktar

¹⁸⁰ Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika għal dan l-indikatur għal-Lussemburgu fl-2021.

baxxi, li jikkwalifikawhom bħala “bl-aqwa prestazzjoni”. Id-differenzi fir-rati tal-AROE huma kbar fir-reġjuni Ewropej, b’firxa usa’ minn dik bejn l-Istati Membri. Dawn id-disparitajiet jistgħu jidhru fi Stat Membru wieħed, bħall-Italja, l-Ungerija jew il-Polonja – ara l-Grafika 8 fl-Anness 3. B’mod ġenerali, dawn il-bidliet fir-rati tal-AROE ma jidhrux li juru xejriet ta’ konverġenza jew ta’ diverġenza. Fil-futur, valutazzjoni kontinwa tal-impatt distribuzzjonali tar-riformi ta’ politika se tkun kruċjali biex jiġi żgurat li miżuri u riformi ġodda jgħinu biex ikompli jitnaqqas il-faqar, u b’hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-mira ewlenija tal-UE li jitneħħew tal-anqas 15-il miljun persuna mill-faqar sal-2030¹⁸¹.

Grafika 2.4.2: Is-sehem ta’ persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa’ ġeneralment stabbli fl-2021 u saħansitra naqas f’diversi Stati Membri, iżda għad hemm differenzi importanti

Is-sehem tal-popolazzjoni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta’ qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat [[ilc_peps01n](#)], l-UE-SILC.

Minkejja l-pressjoni li l-kriżi tal-COVID-19 xeħtet fuq ħafna pajjiżi fl-UE kollha, azzjoni effettiva fil-livell tal-Istati Membri u tal-UE, appoġġata wkoll minn għodod ta’ finanzjament tal-UE, ippermettiet il-prevenzjoni ta’ żieda ġenerali fil-faqar, fid-deprivazzjoni materjali u soċjali severa, u fis-sehem ta’ persuni li jgħixu f’familji (kważi) mingħajr impjeg. Is-sehem ta’ persuni fir-riskju tal-faqar (AROP) baqa’ stabbli jew naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fl-2021 (b’riferiment għall-introjti tal-2020). Iċ-Ċekja kellha l-aktar rata baxxa, segwita mill-Finlandja u mis-Slovenja, li lkoll irreġistraw tnaqqis fl-indikatur (b’0,9, 1,4 u 0,7 pp, għal 8,6 %, 10,8 % u 11,7 % fl-2021, rispettivament) – ara l-

¹⁸¹ Għal dan l-għan, il-Kummissjoni ħarġet [Komunikazzjoni dwar valutazzjoni aħjar tal-impatt distributtiv tal-politiki tal-Istati Membri](#) (COM(2022)494 final).


faxxa ta' fuq tal-Grafika 2.4.3. L-ogħla rati ġew irreġistrati għal-Latvja, għar-Rumanija u għall-Bulgarija (23,4 %, 22,6 % u 22,1 % fl-2021, rispettivament). Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2021, ir-rata tal-AROP baqgħet stabbli għall-maġġoranza tal-Istati Membri meta mqabblin mal-2020. Ġew indikati żidiet, meta mqabblin mas-sena tal-introjtu 2020 għaċ-Ċekja, għas-Slovenja u għall-Kroazja, filwaqt li l-indikatur kien stmat li naqas fi Spanja, fl-Iżvezja u fl-Awstrija kif ukoll, sa livell oġhla, fil-Greċja u fil-Bulgarija¹⁸². Is-sehem tal-popolazzjoni f'deprivazzjoni materjali u soċjali severa fl-2021 varja b'mod konsiderevoli fl-UE, minn 1,1 % fil-Finlandja sa 23,1 % fir-Rumanija. Il-valuri tal-indikatur naqsu mis-sena ta' qabel fl-Istati Membri kollha minbarra f'ħames Stati Membri (is-Slovakkja, il-Lussemburgu, il-Portugall, Malta, u l-Polonja b'żidiet ta' 1,2 pp, 0,7 pp, 0,6 pp, u 0,3 pp fl-aħħar tnejn). Minkejja tnaqqis kbir, huma osservati valuri għoljin għar-Rumanija, għall-Bulgarija, għall-Greċja u għall-Ungerija (bi 23,1 %, 19,1 %, 13,9 % u 10,2 %) – ara l-faxxa tan-nofs tal-Grafika 2.4.3. Is-sehem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg fl-2021 (li jirreferu għas-sitwazzjoni fis-sena kalendarja preċedenti) parzjalment irrifletta l-effett negattiv tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impjiegi, li żdied b'mill-inqas 1 pp jew aktar f'seba' Stati Membri (Spanja, l-Irlanda, l-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Franza, u l-Iżvezja) – ara l-faxxa t'isfel tal-Grafika 2.4.3. L-Istati Membri bi sfidi sinifikanti (rati oġhla minn 10 %) kienu jinkludu pajjiżi bħall-Irlanda, il-Greċja, il-Belġju, Spanja, l-Italja, u Franza. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-valuri tal-Istati Membri baqgħu stabbli jew saħansitra naqsu b'mod modest, li jirriflettu l-isforzi ta' politika għall-prevenzjoni tat-telf ta' impjiegi fil-kuntest tal-pandemija. Ġew osservati żviluppi pożittivi notevoli b'mod partikolari fil-Finlandja, fil-Lussemburgu¹⁸³ u fir-Rumanija (bi tnaqqis ta' 1,7, 1,6 u 1,2 pp, rispettivament), li jrendu livelli taħt jew madwar il-medja tal-UE.

¹⁸² Inħarġu stimi rapidi f'Awwissu 2022, disponibbli fuq is-[sit web tal-Eurostat](#). Aċċessat fid-29 ta' Awwissu 2022. Huma diskussi biss bidliet statistikament sinifikanti. Mhumiex disponibbli stimi għall-Belġju, għal Franza, għall-Irlanda u għall-Portugall, u huma neqsin diżaggregazzjonijiet skont il-gruppi ta' età għal sett akbar ta' pajjiżi.

¹⁸³ Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fid-*data* tal-2021 tal-Lussemburgu.

Grafika 2.4.3: It-titjib mill-2015 fil-komponenti tal-AROE ġie sostnut ukoll matul il-kriżi tal-COVID-19 għall-Istati Membri kważi kollha

Komponenti tal-indikatur ewlieni tar-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (% , 2015, 2020, 2021)



Nota: L-indikaturi huma kklassifikati skont ir-rati tal-AROE fl-2021. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat [tessi010], [tepsr_lm420], [tepsr_lm430], UE-SILC.

Ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal baqgħet ġeneralment stabbli fl-2021, b'varjazzjonijiet li għadhom kbar u b'sinjali ta' diverġenza fost l-Istati Membri. Sal-2021, il-medja tal-UE żdiedet biss marġinalment (b'0,4 pp għal 24,4 %). Is-Slovenja, il-Finlandja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, u n-Netherlands kellhom l-aktar rati baxxi, wara tnaqqis jew żieda żgħira meta mqabblin mal-2020. Min-naħa l-oħra, ir-Rumanija, Spanja, il-Bulgarija, il-Greċja, l-Italja, u l-Lussemburgu kellhom l-ogħla rati ta' riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għat-tfal fl-2021, il-koll (minbarra l-Bulgarija, bis-saħħa tat-titjib kbir reġistrat) indikati bħala f'“sitwazzjonijiet kritiċi” b'valuri li sejrjn għall-agħar¹⁸⁴. Żidiet relattivament kbar, minkejja livelli relattivament aktar baxxi fl-2020, ġew irreġistrati fl-Ungerija, fis-Slovakkja, fil-Ġermanja, u fil-Portugall (1,5 pp, 1,3 pp, 1,2 pp, u 1 pp, rispettivament). L-akbar tnaqqis fir-rata tal-AROP għat-tfal bejn l-2020 u l-2021 (b'riferiment għall-introjti tal-2019 u tal-2020, rispettivament) ġie rreġistrat fil-Bulgarija, fil-Litwanja, u fil-Finlandja (4,1, 2,8 u 2,5 pp rispettivament), filwaqt li fit-tarf l-ieħor tal-ispettru, il-Lussemburgu¹⁸⁵ rreġistra żieda ta' 4,7 pp, segwit mill-Greċja (2,8 pp), u mill-Ungerija (2,4 pp)¹⁸⁶. L-istimi rapidi tal-Eurostat (b'riferiment għall-introjti tal-2021) jindikaw stabbiltà ġenerali tal-indikatur meta mqabbel mal-2020 għall-maġġoranza tal-pajjiżi u tnaqqis għall-Greċja, għal Spanja u għall-Italja, u, f'livell ogħla, fil-Latvja u fl-Iżvezja¹⁸⁷. Is-sehem tat-tfal f'deprivazzjoni materjali u soċjali severa naqas fi 19-il Stat Membru, b'mod aktar drastiku f'sitta minnhom, u b'mod partikolari fil-Bulgarija (b'4,8 pp), li madankollu għadha

¹⁸⁴ Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fid-data tal-2021 tal-Lussemburgu.

¹⁸⁵ Hemm interruzzjoni fis-serje kronoloġika fid-data tal-2021 tal-Lussemburgu.

¹⁸⁶ Ara t-tabella tal-Eurostat [ilc_li02].

¹⁸⁷ Ara l-kalkoli tal-Eurostat disponibbli [online](#).

fost dawk bl-ogħla rati, flimkien mar-Rumanija (20 % u 28,2 %, rispettivament)¹⁸⁸. Is-sehem ta' tfal li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg zdieg b'aktar min-nofs (b'2,3 pp minn 4,1 %) fiċ-Ċekja, filwaqt li kważi naqas bin-nofs (b'2,5 pp minn 5,7 %) fir-Rumanija, biż-żewġ pajjiżi li baqgħu taħt il-medja tal-UE¹⁸⁹. L-Irlanda, Franza, il-Ġermanja, u l-Bulgarija kellhom l-ogħla rati (aktar minn 10 %), u kollha kemm huma (ħlief il-Bulgarija) urew ukoll żieda żgħira.

It-tfal li jikbru fil-faqar jew fl-esklużjoni soċjali huma anqas probabbli li jmorru tajjeb fl-iskola, li jgawdu saħħa tajba u li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom aktar tard fil-ħajja, inkluża l-parteċipazzjoni fis-swieq tax-xogħol u fis-soċjeta. Il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju għall-indukrar tat-tfal u għall-appoġġ għat-tfal jiddependi fuq diversi indikaturi biex tiġi vvalutata s-sitwazzjoni tat-tfal fl-Istati Membri¹⁹⁰. Fl-2021, ir-rata ta' faqar persistenti baqgħet ġeneralment stabbli u ogħla fost it-tfal milli għall-bqija tal-popolazzjoni (bi 11,9 % vs 10,7 %)¹⁹¹. Skont id-*data* tal-2021 (li tirreferi għal-livelli ta' introjtu tal-2020), l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq il-faqar fost it-tfal baqa' ferm aktar baxx mill-medja tal-UE f'xi Stati Membri, bħall-Greċja, il-Portugall, Spanja, Malta, il-Bulgarija, ir-Rumanija, u l-Ungerija, matul l-ewwel sena tal-pandemija¹⁹².

¹⁸⁸ Ara t-tabella tal-Eurostat [[ilc_md11](#)].

¹⁸⁹ Ara t-tabella tal-Eurostat [[ilc_lvhl1ln](#)].


¹⁹⁰ In-nota ta' informazzjoni relatata għas-Sottogrupp tal-Indikatur tal-KPS hija disponibbli fuq din il-[link](#).

¹⁹¹ Il-Eurostat [[ilc_li21](#)], l-UE-SILC.

¹⁹² Mhux disponibbli bħala indikatur uffiċjali tal-Eurostat, iżda jista' jiġi kkalkolat mir-rata tal-AROP għat-tfal [wara](#) u [qabel](#) it-trasferimenti. It-trasferimenti soċjali *in natura*, inkluż, fost l-oħrajn, l-edukazzjoni u l-kura bikrija mingħajr ħlas tat-tfal, l-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, mhumiex ikkunsidrati f'din l-analiżi.

Grafika 2.4.4: Is-sehem tat-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali kien ġeneralment stabbli minkejja l-kriżi tal-COVID-19, b'xi diverġenza bejn l-Istati Membri

Is-sehem tat-tfal (persuni ta' 17-il sena jew anqas) fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (%), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat [tepsr_lm412], l-UE-SILC.


Il-profondità tal-faqar¹⁹³ baqgħet ġeneralment stabbli jew naqset fil-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri fl-2021, għall-popolazzjoni totali kif ukoll għat-tfal. Bħala medja, l-ispariġġ relattiv tar-riskju tal-faqar fl-2021 (li tirreferi għall-introjti tal-2020) kien ta' 24,4 % fl-UE. Id-differenza kienet usa' fi Spanja, fl-Ungerija, fl-Italja, fil-Latvja, fil-Kroazja, fil-Greċja (jiġifieri, l-Istati Membri fejn baqgħet ġeneralment stabbli jew kemxejn imnaqqsa), fil-Portugall (fejn żdiedet bi ftit), u fil-Bulgarija (li huwa l-Istat Membru bl-ogħla tnaqqis - 3,1 pp) – ara l-Grafika 2.4.5. Id-differenza kienet l-usa' fir-Rumanija (37,7 %), li hija wkoll l-uniku Stat Membru li rreġistra żieda kbira (b'5,8 pp) matul it-tifqigħa tal-COVID-19. Is-sitwazzjoni fl-Istati Membri hija ġeneralment simili meta wieħed iħares lejn it-tfal biss, għalkemm bi ftit differenzi u b'varjazzjonijiet ġenerali akbar fl-Istati Membri bejn l-2020 u l-2021. Pereżempju, l-ispariġġ tal-faqar għat-tfal baqa' ġeneralment stabbli fir-Rumanija, għalkemm għadu l-ogħla fl-UE b'39,3 %, filwaqt li żdied b'mod sinifikanti fin-Netherlands (8,3 pp) u naqas sostanzjalment fl-Ungerija (11,6-il pp). Il-faqar huwa aktar profond fost in-

¹⁹³ Dan l-indikatur, magħruf ukoll bħala l-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar huwa kkalkolat bħala d-differenza bejn l-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan tal-persuni li huma f'livell anqas mil-limitu tar-riskju ta' faqar u l-limitu tar-riskju ta' faqar, espressa bħala persentaġġ tal-limitu tar-riskju tal-faqar (linja tal-qtugħ: 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali). Sors: [Glossarju:L-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar](#).

nies li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjeg¹⁹⁴, b'madwar 36 % fl-UE skont id-*data* tal-2021 (li tirreferi għall-introjti tal-2020) għall-popolazzjoni ta' 18-64 sena, għalkemm bi tnaqqis żgħir (madwar 1 pp) mis-sena ta' qabel (*data* tal-2020 li tirreferi għall-introjti tal-2019). Għal dan il-grupp, ir-Rumanija, l-Italja u l-Latvja għandhom l-akbar spariġġi tal-faqar li iżda qed jonqsu (ilkoll iżjed minn 50 %), u warajhom hemm qribhom il-Litwanja u l-Bulgarija li iżda rreġistraw tnaqqis kbir (madwar 12 pp). L-ispariġġ tal-faqar għal dan il-grupp wera l-akbar żieda f'Malta (7,5 pp), għalkemm baqa' madwar il-medja tal-UE. Rati għoljin jindikaw ukoll sfidi relatati mal-adeqwatezza u mal-kopertura tal-benefiċċji. L-indikatur huwa anqas minn 20 % fil-Finlandja, fin-Netherlands u fil-Belġju.

Grafika 2.4.5: Il-profondità tal-faqar baqgħet ġeneralment stabbli jew naqset fl-Istati Membri, iżda b'varjazzjonijiet akbar għat-tfal

L-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar għall-popolazzjoni totali u għat-tfal (% , 2020, 2021)



Nota: L-indikatur huma kklassifikati skont il-livelli fl-2021. Id-*data* hija provviżorja għal IT u PL u mhix disponibbli għal SK għall-2021 (il-livell tal-2020 irrapportat kemm għall-2020 kif ukoll għall-2021). Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat, [ilc_li11], UE-SILC.

Minkejja t-titjib, il-persuni b'diżabbiltà, speċjalment nisa u daww fl-età tax-xogħol, kellhom probabbiltà fermha ogħla li jkunu fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali mill-bqija tal-popolazzjoni fl-2021 fl-Istati Membri kollha¹⁹⁵. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, is-sehem ta' persuni b'diżabbiltà li huma fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali naqas meta mqabbel mal-2020. L-aktar titjib sostanzjali ġie osservat fil-Bulgarija, fejn ir-rata xorta waħda baqgħet l-ogħla fl-UE (44,1 %, wara tnaqqis ta' 8,2 pp mill-2020). Il-Latvja, il-Litwanja, u l-Irlanda segwew rati għoljin sa 40,8 %, 39,6 %, u 38,9 %, rispettivament, u saħansitra rreġistraw xi żieda (sa 4,9 pp fl-Irlanda). L-aktar rati baxxi fl-2021 ġew irreġistrati fiċ-Ċekja (18,3 %, wara tnaqqis ta' 5,1 pp), fil-Finlandja (20,7 %) u fid-Danimarka (21,9 %). Fost il-persuni b'diżabbiltà, fl-Istati Membri kważi kollha, in-nisa kellhom it-tendenza li jkunu aktar f'riskju mill-irġiel (medja tal-UE ta' 29,6 % u 28,1 %,

¹⁹⁴ L-indikatur huwa kkalkolat mill-Eurostat (mhux ippublikat) bħala d-distanza bejn l-introjtu nett totali ekwivalizzat medjan tal-persuni – li l-introjtu disponibbli ekwivalizzat tagħhom huwa taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar u li qed jgħixu f'familja (kważi) mingħajr impjeg – u l-limitu tar-riskju ta' faqar innifsu, espress bħala persentaġġ tal-limitu tar-riskju tal-faqar. Dan il-limitu huwa stabbilit għal 60 % tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat medjan nazzjonali tal-persuni kollha f'pajjiż u mhux għall-UE kollha kemm hi.

¹⁹⁵ Il-Eurostat [hlth_dpe010], l-UE-SILC, li jkopri persuni li għandhom 16-il sena u aktar. Abbażi tal-kunċett tal-indikatur tal-limitazzjoni tal-attività globali (ĠAI), in-nies jitqiesu li għandhom diżabbiltà jekk ikollhom xi limitazzjoni tal-attività jew limitazzjonijiet tal-attività severi. Ma hemmx *data* disponibbli għal SK.

rispettivament), u hekk ukoll il-persuni ta' 16-64 sena (medja tal-UE ta' 34,6 % vs 28,9 % għall-popolazzjoni totali ta' aktar minn 16-il sena). Sa minn qabel il-kriżi tal-COVID, ħafna persuni b'diżabbiltà diġà kienu f'sitwazzjoni ekonomika vulnerabbli. F'xi pajjiżi, bħall-Kroazja u r-Rumanija, il-pandemija aggravat ir-riskji ta' faqar tagħhom. Hemm ukoll tħassib li l-konsegwenzi ekonomiċi mill-pandemija saħħew u aggrawaw il-faqar u l-inugwaljanza relatati mad-diżabbiltà, pereżempju fil-Portugall u fil-Kroazja¹⁹⁶.

Is-sehem ta' persuni bi sfond ta' migrazzjoni u Rom fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' ogħla milli għaċ-ċittadini tal-pajjiżi fl-2021. Ir-rati tal-AROE għal persuni li ma twildux fl-UE baqgħu ferm ogħla (fil-biċċa l-kbira tal-każijiet aktar mid-doppju) meta mqabblin man-nattivi li twieldu f'ċerti Stati Membri (56,4 % vs 22,2 % fi Spanja, 51,1 % vs 31,3 % fil-Bulgarija, 51 % vs 25,9 % fil-Greċja, 44,7 % vs 21,9 % fl-Italja, 39,7 % vs 11,3 % fl-Iżvezja, u 39,1 % vs 15,4 % fil-Belġju)¹⁹⁷. Fost dawn il-pajjiżi bl-ogħla rati, ir-rati tal-AROE għal persuni li ma twildux fl-UE naqsu biss fil-Belġju (b'7,4 pp) meta mqabblin mal-2020. L-akbar żieda (b'11,2-il pp) ġiet irreġistrata fil-Bulgarija. Ir-rati l-aktar baxxi fl-2021 ġew osservati fiċ-Ċekja (11,2 %) u fl-Ungerija (13,2 %), fejn id-differenza mar-rati għan-nattivi hija wkoll ħafna iżgħar (jiġifieri anqas minn 10 pp). Ir-riskju ta' faqar monetarju għar-Rom ma nbidilx fl-2021, b'sa erbgħa minn kull ħames Rom (80 %) fl-UE kollha kemm hi li jesperjenzaw riskji ta' faqar¹⁹⁸. Proporzjon iżgħar iżda xorta sinifikanti ħafna ta' Rom kien jgħix f'deprivazzjoni materjali estrema fl-2021 (48 %). Is-sitwazzjoni kienet saħansitra agħar għat-tfal Rom, b'madwar 83 % minnhom li kienu f'riskju ta' faqar u 54 % f'deprivazzjoni materjali estrema. L-isfidi preeżistenti, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni, għall-protezzjoni soċjali, u għas-servizzi essenzjali aggrawaw il-vulnerabbiltà tar-Rom marġinalizzati matul it-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi ekonomika sussegwenti¹⁹⁹.

Kaxxa 7 tal-Pilastru: L-effett taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u tar-riskji tal-faqar enerġetiku

Hemm ir-riskju li l-prezzijiet għoljin u dejjem ogħla tal-enerġija, kif osservati mill-2021 tul ir-rikorrenza tal-kriżi tal-COVID-19 u saħansitra aktar wara l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna, jiġġeneraw żidiet fil-faqar enerġetiku u jaffettwaw ħażin il-kapaċità tal-akkwist, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. Żidiet ġenerali fil-kostijiet tal-enerġija residenzjali, prinċipalment b'rabta mat-tiġin u mat-tkessiħ, u fil-kostijiet tat-trasport, jimplikaw riskju akbar għall-unitajiet domestiċi li jsibu ruħhom f'faqar enerġetiku jew li jesperjenzaw livelli ogħla tiegħu. Bit-twessigħ tal-pressjonijiet fuq il-prezzijiet, mhux biss fis-settur tal-enerġija, qed isir dejjem aktar importanti li l-miżuri ta' appoġġ temporanju jkunu mmirati sew għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli. L-Istati Membri daħħlu fis-seħħ miżuri li għandhom l-għan li jappoġġaw l-aċċess għall-enerġija għal familji b'introjtu baxx, biex jipprevjenu u jtaffu dawn ir-riskji u jrawmu l-aċċess għal servizzi tal-enerġija affordabbli kif spjegat f'aktar dettall f'din il-kaxxa (b'hekk jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali).

¹⁹⁶ Minhabba nuqqas fil-forniment ta' data dettaljata, dawn id-dettalji għadhom mhumiex kompletament ċerti. Ara: [COVID-19 and people with disabilities in Europe Assessing the impact of the crisis and informing disability-inclusive next steps](#), European Disability Expertise, Settembru 2021.

¹⁹⁷ Kif juri l-indikatur tal-Eurostat [[ilc_peps06n](#)], meta dawk imwielda f'pajjiżi mhux tal-EU27 jitqabblu ma' dawk imwielda fil-pajjiż tar-rapportar; persuni ta' 18-il sena jew aktar. Data mhux disponibbli għall-2021 għal Franza, għal-Litwanja, għall-Polonja, għar-Rumanija u għas-Slovakkja. Interruzzjoni fis-serje fid-data għall-2021 għal-Lussemburgu u għall-Portugall.


¹⁹⁸ Id-data dwar ir-Rom hija mill-[Istħarriġ tal-2021 tal-FRA dwar ir-Rom](#).

¹⁹⁹ Ara l-[ħarsa ġenerali](#) tal-Kummissjoni u l-[Bullettin tal-FRA dwar l-impatt tal-Covid-19 fuq ir-Rom](#).

Il-faqar enerġetiku jaffettwa lin-nies f'riskju ta' faqar b'mod partikolarment qawwi, minkejja li x-xejra ta' tnaqqis fil-faqar enerġetiku kompliet fl-2021. Is-sehem ta' dawk li ma jistgħux iżommu d-dar sħuna b'mod adegwat naqas b'0,6 pp, u laħaq is-6,9 % fl-2021 fl-UE²⁰⁰. Fl-2021 żdied b'mod konsiderevoli fi Spanja u fl-Ungerija (bi 3,3 u 1,2 pp, rispettivament), filwaqt li naqas sostanzjalment, bi 3,8 pp, fil-Ġermanja u fil-Bulgarija, b'din tal-aħħar li baqgħet l-Istat Membru bl-ogħla sehem (23,7 %) – ara l-Grafika ta' hawn taħt. L-ogħla ishma għall-popolazzjoni totali (madwar wieħed minn kull ħamsa) ġew irreġistrati fil-Bulgarija, fil-Litwanja, f'Ċipru u fil-Greċja (23,7 %, 22,5 %, 19,4 % u 17,5 %, rispettivament), filwaqt li l-valuri taħt wieħed minn kull għaxra ġew irreġistrati għall-Finlandja, għall-Iżvezja, għas-Slovenja u għall-Awstrija (1,3 % għall-Finlandja u 1,7 % għal dawk tal-aħħar). Għalkemm it-tnaqqis kien ukoll aktar b'saħħtu, dan is-sehem kien aktar mid-doppju għal persuni f'riskju ta' faqar (AROP, anqas minn 60 % tal-introjtu medjan) milli għall-popolazzjoni totali, b'16,4 % fl-2021²⁰¹. Għal persuni f'riskju ta' faqar, l-ogħla ishma ġew irrapportati għal Ċipru u għall-Bulgarija (50 % u 42,6 %, rispettivament), segwiti mill-Greċja u mil-Litwanja (36,8 % u 30,9 %, rispettivament). L-Estonja, l-Iżvezja, il-Finlandja u l-Awstrija għandhom l-anqas ishma fil-popolazzjoni tal-AROP (3,2 %, 3,3 %, 4,1 % u 4,6 %, rispettivament).

Il-faqar enerġetiku kien ġeneralment stabbli jew naqas qabel il-kriżi tal-enerġija, iżda kien ogħla għall-persuni f'riskju ta' faqar

Inkapaċità li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat għall-popolazzjoni totali u għall-popolazzjoni tal-AROP (% 2020, 2021)



Nota: L-indikaturi huma kklassifikati skont il-livelli fl-2021 għall-popolazzjoni tal-AROP. Id-data hija provviżorja għal IT u PL. Interruzzjoni fis-serje għal LU u PT.

Sors: il-Eurostat [[ilc_mdcs01](#)], l-UE-SILC.

²⁰⁰ Ma hemm l-ebda indikatur uffiċjali uniku fl-UE tal-faqar enerġetiku. Dan l-indikatur huwa bbażat fuq l-istat tal-inabbiltà infurzata u fuq id-data miġbura dwar id-deprivazzjoni materjali fuq pressjoni ekonomika partikolari. Il-mistoqsija relatata fl-istħarriġ tal-UE SILC tirreferi għal wieħed mill-punti inklużi biex jinbena l-indikatur tad-Deprivazzjoni Materjali u Soċjali Severa, diġà diskuss fost il-komponenti tal-AROEPE. Ara aktar dettalji dwar dan l-indikatur fil-[paġna web relatata tal-Glossarju tal-Eurostat](#). Ara wkoll l-[ISG Note: Fiche on available energy poverty indicators at EU level](#) għal aktar dettalji.

²⁰¹ Indikatur tal-Eurostat [[ilc_mdcs01](#)]. Bħalissa, ma hemm l-ebda indikatur uffiċjali wieħed tal-UE dwar il-faqar enerġetiku. Indikatur addizzjonali bbażat fuq l-UE-SILC huwa s-sehem tal-popolazzjoni li għandha arretrati fil-kontijiet tal-utilitajiet, indikatur tal-Eurostat [[ilc_mdcs07](#)]. Ta' min jinnotta li, għall-2021, dawn l-indikaturi jrendu konklużjonijiet simili b'mod kwalitattiv f'livell għoli, u għalhekk wieħed biss huwa diskuss. Minbarra dawn, l-Osservatorju tal-Faqar Enerġetiku tal-UE jipproponi żewġ indikaturi primarji addizzjonali bbażati fuq in-nefqa fis-[sett irrakkomandat](#) tiegħu.

Fl-istess ħin, l-esponent tal-unitajiet domestiċi għaż-żieda riċenti fil-prezzijiet, li l-aktar hija dovuta għaż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, qed inaqqas il-kapaċità tal-akkwist tagħhom, u l-impatt qed jinħass l-aktar mill-familji b'introjtu baxx u minn xi familji b'introjtu medju. Miż-żieda konsiderevoli fl-għoli tal-ħajja rreġistrata fil-livell tal-UE bejn Mejju 2021 u Settembru 2022 (11,7 %), kważi nofsa kienet dovuta għal żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija (4,9 %).²⁰² Din għandha t-tendenza li tapplika wkoll għal Stati Membri individwali, iżda b'differenzi konsiderevoli – ara l-Grafika hawn taħt. Filwaqt li l-kontribut taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija huwa ta' madwar żewġ terzi għan-Netherlands u għall-Belġju, huwa madwar nofsu għad-Danimarka, għall-Italja, għall-Greċja, għall-Irlanda, għall-Latvja u għall-Estonja, u madwar jew anqas minn terz għall-Finlandja, għar-Rumanija, għall-Bulgarija, għal Franza, għal Spanja u għall-Ungerija²⁰³. Matul l-istess perjodu, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija relatati mal-akkomodazzjoni kkontribwew għaż-żieda fl-għoli tal-ħajja kważi tliet darbiet aktar minn dawk relatati mat-trasport (3,6 pp u 1,3 pp, rispettivament). Il-kontribut taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija relatati mal-akkomodazzjoni kienet akbar fl-Istati Membri kollha, ħlief għall-Ġermanja, u ta' 90 % jew aktar fin-Netherlands, fl-Ungerija, fil-Litwanja u fl-Estonja. Bħala medja, il-familji b'introjtu baxx u medju (l-ewwel u t-tielet għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni, meta titqassam skont l-introjtu) ikklassifikaw b'mod simili fil-livell tal-UE, u jiffaċċjaw żieda ta' madwar 12 % fl-għoli tal-ħajja tagħhom.²⁰⁴ Id-distakk bejn iż-żidiet fl-għoli tal-ħajja li jiffaċċjaw il-familji b'introjtu baxx u medju fl-Istati Membri jvarja minn 2,5 pp u 1,6 pp għall-Estonja u għal-Latvja, fejn il-familji b'introjtu baxx imorru agħar, sa -1,5 u -0,9 fl-Iżvezja u fin-Netherlands, rispettivament, fejn il-familji b'introjtu medju jmorru agħar minn dawk b'introjtu baxx.


²⁰² Kalkoli bbażati fuq il-Eurostat [[prc hicip manr](#)] u fuq id-*data* dwar in-nefqa fil-livell tal-unitajiet domestiċi. Għad-dettalji u għall-metodi, ara Menyhért, Bálint, *The effect of rising energy and consumer prices on household finances, poverty and social exclusion in the EU - A preliminary empirical analysis*, JRC science for policy report, 2022. Ta' min jinnota li l-analiżi tiddependi fuq l-istrutturi tal-konsum aġġustati biss skont iż-żidiet fil-prezzijiet, teskludi l-adattament sħiħ tal-unitajiet domestiċi għalihom u li l-prezzijiet jinkludu l-effett tal-politiki dwar il-limitu massimu tal-prezzijiet. Ta' min jinnota wkoll li d-diżaggregazzjoni tal-enerġija għall-komponenti relatati mal-akkomodazzjoni u mat-trasport hija proporzjonali għall-kontribut relattiv ta' dawn is-subkomponenti għall-aġġustamenti tal-għoli tal-ħajja meta jiġu kkalkolati separatament bl-użu tal-ishma tan-nefqa rilevanti bbażati fuq l-HBS u d-*data* diżaggregata tal-HICP mill-Eurostat. Għalhekk, ir-riżultati ppreżentati huma stimi.

²⁰³ Fid-*data* limitu tad-*data*, il-prezzijiet tal-enerġija kienu għadhom ma nbidlux f'Malta meta mqabblin ma' Mejju 2022. Raġuni importanti għall-impatt diskuss tal-bidliet fil-prezzijiet hija l-ishma għoljin u li jvarjaw tal-enerġija fin-nefġiet tal-unitajiet domestiċi. Bħala medja, l-unitajiet domestiċi Ewropej jiddedikaw 13,0 % tal-infiq totali tagħhom għall-enerġija.

²⁰⁴ Ara b'mod partikolari d-diskussjoni fil-paġna 196 f'Il-Kummissjoni Ewropea, [Employment and social developments in Europe 2019](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2019.

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija, speċjalment fir-rigward tal-akkomodazzjoni, taqdi rwol importanti fil-bidliet fl-għoli tal-ħajja ġenerali esperjenzati kemm minn familji b'introjtu baxx kif ukoll minn familji b'introjtu medju f'nofs l-Istati Membri

Il-kontribut tat-tipi ta' nefqa għaż-żidiet fl-għoli tal-ħajja għall-ewwel u għat-tielet għoxrin fil-mija tal-popolazzjoni (l-ewwel u t-tieni żbarra skont l-Istati Membri, rispettivament), meta ordnata skont l-introjtu (l-ewwel u t-tielet kwintili, %)



Nota: Iż-żidiet fl-għoli tal-ħajja jiġu kkomputati għall-ishma tan-nefqa fil-medja fl-ewwel u fit-tielet kwintili tad-distribuzzjoni tal-introjtu disponibbli ekwivalizzat tal-unitajiet domestiċi. L-Istati Membri mqassmin skont il-kontribut tal-bidliet fil-prezzijiet tal-enerġija relatati mal-akkomodazzjoni għall-ewwel kwintil.

Sors: Kalkoli tal-JRC ibbażati fuq *data* dwar l-inflazzjoni tal-HICP mill-indikatur tal-Eurostat [[prc_hicp_manr](#)] sa Mejju 2022 u fuq mikrodara mill-mewġa tal-2015 tal-HBS tal-UE. Id-*data* għal AT hija nieqsa.

Iż-żidiet fil-prezzijiet għall-enerġija relatata mal-akkomodazzjoni u mat-trasport għandhom il-potenzjal li jiġġeneraw impatt negattiv qawwi fuq is-suq tax-xogħol u fuq l-eżiti soċjali speċjalment għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, jekk ma jkunux mitigati b'mod adegwat, hekk kif jinfirxu fl-ekonomija. Is-simulazzjonijiet juru li, mingħajr protezzjoni lill-unitajiet domestiċi u bidla fl-imġiba, l-effetti kkawżati miż-żidiet fil-prezzijiet bejn Ġunju 2021 u Ġunju 2022 jistgħu jkunu sostanzjali²⁰⁵.²⁰⁶ Fost l-individwi li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'introjtu li ma jkunx ogħla mill-introjtu medjan f'pajjiżhom, il-frazzjoni b'shem mill-baġit tal-enerġija residenzjali ta' mill-inqas 10 % tan-nefġiet totali tagħhom tal-unitajiet domestiċi tista' (jekk mill-bqija kollox jibqgħu l-istess) tiżdied b'madwar 21 pp, bħala riżultat tal-iżviluppi fil-prezzijiet. Dan jimplika li n-numru ta' persuni affettwati qed jikber minn madwar 83,1 miljun għal madwar 126,6 miljun²⁰⁷.²⁰⁸ Fost dawk b'introjtu ta' mhux

²⁰⁵ Filwaqt li ma jitqisux miżuri ta' appoġġ immirati, dawn il-kalkoli jqisu l-interventi ġenerali tas-suq li jaffettwaw lill-utent finali (bħal-limiti massimi tal-prezzijiet u t-tnaqqis tal-VAT).

²⁰⁶ L-effetti fuq il-benesseri jitkejlu bl-applikazzjoni tal-bidliet osservati fil-prezzijiet fuq ix-xejra tal-konsum tal-unitajiet domestiċi mill-Istħarriġ dwar il-Baġit tal-Unitajiet Domestiċi, li jippermettu l-kalkolu ta' bidliet teoretiċi fl-ispejjeż għall-oġġetti u l-ishma mill-baġit. Kalkoli bbażati fuq il-proġett tal-EMPL-JRC GD-AMED1. Ta' min jinnota li r-riżultati jirreferu għal 23 pajjiż tal-UE, filwaqt li jħallu barra d-*data* għall-Awstrija, għal Malta, għall-Portugall u għas-Slovenja.

²⁰⁷ Meta jiġu applikati l-bidliet fil-prezzijiet osservati fid-*data* tal-HBS tal-2015 dwar ix-xejriet tan-nefqa. Formalment, il-kriterju huwa ż-żieda fil-proporzjon ta' dawk b'shem tal-baġit tal-enerġija residenzjali (REBS) ta' aktar minn 10 %. L-REBS jinkludi l-ispejjeż tat-tisħin u tat-tkessiħ skont il-klassifikazzjoni tal-ECOICOP tal-elettriku (CP0451), tal-gass (CP0452), u tal-fjuwils likwidi/taż-żejt (tat-tisħin) (CP0453). Dan l-indikatur għall-faqar enerġetiku ntgħażel għall-fini tal-istudju sottostanti. Ma jirriflettix id-definizzjoni proposta mill-Kummissjoni skont ir-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Efficijenza Enerġetika u ma għandux jitqies li janticipla n-negożjati li għaddejjin dwar definizzjoni bħal din, b'mod partikolari skont ir-riformulazzjoni tal-EED.

aktar minn 60 % tal-introjtu medjan (jiġifieri li huma f'riskju ta' faqar), iż-żieda hija stmata li hija ta' madwar 19-il pp fl-UE. Dan jammonta għal aktar minn 10 miljun persuna, li jżid in-numru ta' daww affettwati minn madwar 31,7 miljun qabel il-bidla fil-prezzijiet għal madwar 43,4 miljun warajha. L-effetti diretti u indiretti taż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija fuq individwi li jgħixu f'familji b'introjtu taħt l-introjtu medjan u b'sehem tal-baġit għall-fjuwil għat-tagħmir tat-trasport personali akbar minn 6 % huma stmata li huma ta' 7,4 pp. In-numru ta' tagħhom jżied minn madwar 79,8 miljun qabel il-bidla fil-prezzijiet għal madwar 95,2 miljun warajha. Fl-aħħar nett, għall-individwi li jgħixu f'familji b'introjtu mhux oġġla minn 60 % tal-introjtu medjan, iż-żieda fil-frazzjoni li s-sehem tal-baġit tagħha għall-fjuwil għat-tagħmir tat-trasport personali jkun tal-anqas 6 % hija ta' aktar minn 4 pp fl-UE. In-numru ta' tagħhom jżied minn madwar 20,7 miljun qabel il-bidla fil-prezzijiet għal madwar 23,3 miljun warajha. Lil hinn mis-simulazzjonijiet diskussi hawnhekk, iż-żidiet fil-prezzijiet tal-gass u tal-elettriku jistgħu jħallu impatt fuq il-kapaċità tal-impjegaturi li jimpjegaw, iżommu l-impjegati u jżidu jew iżommu l-livelli tal-pagi, lil hinn mill-impatt dirett fuq il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi.

L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-enerġija u l-effetti distributtivi ta' tagħhom jeħtieġ li jiġu mmonitorjati bir-reqqa. L-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli biex jgħin il-konsum tal-enerġija huwa partikolarment importanti fil-kuntest attwali. L-immirar jgħin biex il-profondità tal-faqar enerġetiku tinżamm milli tkompli tiżdied u jgħin biex jinżammu l-inċentivi għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika. F'Ottubru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-prezzijiet tal-enerġija, inkluż sett ta' għodod, li tiddekrivi x'jistgħu jagħmlu l-Istati Membri skont ir-regoli eżistenti tal-UE biex jgħinu lill-konsumaturi u lin-negozji vulnerabbli jiffaċċjaw il-prezzijiet għoljin²⁰⁹. Ta' min jgħid li r-Regolament tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2022 dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija estenda s-sett ta' għodod u huwa mistenni wkoll li jrendi dħul pubbliku addizzjonali mill-profitti mhux mistennija minn teknoloġiji inframarġinali. Dan id-dħul mill-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà fuq il-kumpaniji tal-fjuwils fossili, għad-distribuzzjoni lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji li qed jirriskjaw dejjem aktar li ma jkunux jistgħu jħallu l-kontijiet tal-enerġija ta' tagħhom, mistenni jgħin biex jiġi evitat li jżied ir-riskju tal-faqar, inkluż tal-faqar enerġetiku, u tal-inugwaljanzi²¹⁰. Ftehim dwar **approċċ komuni biex jiġu ssostitwiti miżuri tal-prezzijiet fuq bażi wiesgħa b'sistema tal-ipprezzar tal-enerġija fuq żewġ livelli, ikkalibrata u mmirata kif xieraq**, bi prezz aktar baxx applikat fuq konsum definit minn qabel, itejjeb il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u tal-kumpaniji vulnerabbli, jippreserva l-inċentivi biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija u jkun aktar sostenibbli mil-lat fiskali. L-appoġġ għall-introjtu mmirat u l-appoġġ biex jitwettqu azzjonijiet relatati mal-effiċjenza enerġetika u biex tiżdied l-enerġija rinnovabbli xorta jistgħu jikkomplementaw sistema ta' pprezzar tal-enerġija bħal din.

²⁰⁸ Approċċ alternattiv ibbażat fuq l-indikatur ta' inabbiltà li d-dar tinżamm sħuna b'mod adegwat, użat fl-[ESDE Quarterly Review, October 2022](#), juri effetti li jindikaw l-istess direzzjoni, iżda huma iżgħar. L-indikatur huwa stmat li żied b'1,8 pp fl-UE bejn Jannar 2022 u Awwissu 2022. L-impatt stmat ivarja bejn il-pajjiżi u hu oġġla b'mod sinifikanti għall-unitajiet domestiċi f'AROP (6,9 pp), għall-kerreġja (3,7 pp), għall-unitajiet domestiċi b'ġenitur singolu (4,0 pp) u għal unitajiet domestiċi ta' persuna waħda (3,8 pp). Għalhekk, l-istimi jiddependu ħafna fuq l-indikatur użat biex jitkejjel il-faqar enerġetiku.

²⁰⁹ Ara [online](#).

²¹⁰ Ara: [Il-Kunsill jadotta formalment miżuri ta' emerġenza biex inaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija - Consilium \(europa.eu\)](#). Ta' min jinnotta li t-teknoloġiji inframarġinali jinkludu iżda mhumiex ristretti għall-biċċa l-kbira tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

L-Istati Membri adottaw miżuri temporanji ta' appoġġ pubbliku biex jittrattaw il-kriżi tal-enerġija li għaddejja bħalissa, għalkemm il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' emerġenza mhumiex immirati lejn persuni b'introjti baxxi iżda pjuttost għandhom l-għan li jnaqqsu l-kostijiet għall-utenti finali kollha fl-ekonomija. Bħala parti minn dawn, ġew introdotti miżuri ta' tnaqqis tal-VAT fuq l-elettriku jew fuq il-fjuwils għat-tisħin domestiku **fil-Belġju, f'Ċipru, fis-Slovenja, fil-Polonja**, u **fil-Litwanja**. Tnaqqis ieħor tat-taxxa (dazji tas-sisa, kontributi għat-tranżizzjoni ekoloġika u taxxi/dazji/imposti speċifiċi oħrajn) ġie rrapportat **fl-Awstrija, f'Ċipru, fil-Ġermanja, fl-Italja, fin-Netherlands, fil-Polonja, fis-Slovenja**, u **fi Spanja**. Ġew stabbiliti skemi temporanji ġodda ta' appoġġ għall-introjtu **fil-Belġju, fil-Bulgarija, fil-Lussemburgu, fil-Polonja, fi Franza, fid-Danimarka, fl-Iżvezja, fil-Latvja, fl-Irlanda, fir-Rumanija, fil-Ġermanja, fis-Slovenja, fl-Awstrija u fl-Estonja**, filwaqt li l-kopertura u/jew l-ammont ta' dawk eżistenti ġew estiżi **fil-Litwanja, fil-Greċja, fiċ-Ċekja, fin-Netherlands, u fl-Italja**. L-informazzjoni u l-pariri disponibbli għall-konsumaturi ġew imsaħħa **fir-Rumanija, fil-Ġermanja, fil-Greċja u fil-Kroazja**. Ġew introdotti limiti massimi tal-prezzijiet **fil-Bulgarija, fil-Greċja, fiċ-Ċekja u fis-Slovenja** u mill-1 ta' Jannar 2023 se jiġi introdott limitu massimu temporanju **fin-Netherlands**²¹¹. Il-kostijiet tan-network u tad-distribuzzjoni tnaqqsu **fil-Lussemburgu, fil-Polonja, fl-Estonja, fis-Slovenja u fil-Latvja**. Ittieħdu miżuri biex tiġi żgurata provvista bażika mingħajr interruzzjoni **fir-Rumanija u fil-Portugall**. Fl-2022, xi Stati Membri implimentaw tnaqqis fil-prezz tal-użu tat-trasport pubbliku, xi drabi mmirat speċifikament lejn it-tnaqqis tal-kostijiet tal-ivvjaġġar (eż., Spanja) jew b'mod aktar ġenerali (eż., l-Irlanda)²¹².

L-Istati Membri ħadu miżuri biex inaqqsu n-nefqa tal-unitajiet domestiċi għall-enerġija, inkluż billi mmobilizzaw l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-enerġija rinnovabbli, u dan jikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi fid-dawl taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Minbarra l-pariri lill-konsumaturi tal-enerġija, l-Istati Membri nedew kampanji ta' informazzjoni biex jistimolaw l-iffrankar volontarju tal-enerġija, filwaqt li xi wħud minnhom daħħlu fis-seħħ rekwiżiti ta' ffrankar tal-enerġija għal attivitajiet speċifiċi. Barra minn hekk, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni ekoloġika, ġew introdotti skemi għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tad-djar eżistenti **fl-Irlanda, fi Franza, fl-Awstrija, fil-Portugall, f'Ċipru, fl-Estonja, u fil-Litwanja**. Barra minn hekk, **is-Slovakkja, il-Portugall, il-Kroazja, il-Litwanja, Ċipru, ir-Rumanija, u n-Netherlands** introduċew miżuri mmirati lejn it-titjib tal-effiċjenza enerġetika, filwaqt li **fl-Iżvezja u fid-Danimarka** ġew stabbiliti forom oħrajn ta' inċentivi u ta' appoġġ, li jinkludu t-tnaqqis fit-taxxa. Permezz ta' finanzjament mill-RRF, l-Istati Membri (għas-26 pjan nazzjonali adottati minn Novembru 2022) jinvestu total ta' madwar EUR 72 biljun fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika²¹³, pereżempju permezz ta' investimenti fl-

²¹¹ Il-Belġju, ir-Rumanija, l-Italja, Spanja, Franza, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Ungerija diġà kellhom fis-seħħ limitu massimu tal-prezzijiet tal-enerġija għall-popolazzjoni qabel il-kriżi, li ġie estiż.

²¹² Il-miżuri indikati f'dan il-paragrafu huma r-risultati ta' mmappjar imwettaq għall-Kummissjoni Ewropea mill-Eurofound u jkopri l-perjodu 2021 – lejn l-aħħar tar-rebbiegħa tal-2022. Aktar informazzjoni tista' tinstab fi [Eurofound, Access to essential services for people on low incomes: Energy, public transport and digital communications, Eurofound, Dublin, 2022.](#)

²¹³ Iċ-ċifra hi bbażata fuq il-metodoloġija tat-tikkettar tal-pilastru għat-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Irkupru u r-Reżiljenza. Tikkorrispondi għall-kost stmat tal-miżuri allokat għall-"Effiċjenza enerġetika" bħala qasam ta' politika primarju jew sekondarju. Il-kalkolu huwa bbażat fuq is-26 pjan għall-irkupru u r-reżiljenza approvati mill-Kummissjoni u mill-Kunsill sa Novembru 2022. Dawn huma kostijiet stmati; il-finanzjament attwali se jkun ibbażat fuq l-oġġettivi intermedji u l-miri milħuqa. Il-Kummissjoni vvalutat l-istimi tal-kostijiet meta ġew sottomessi u approvati l-pjanijiet inizjali. L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jissottomettu l-irċevuti tal-infiq u l-Kummissjoni mhix se tivverifika l-kostijiet attwali tal-miżuri appoġġati mill-RRF.


effiċjenza enerġetika tal-bini privat u pubbliku fil-**Belġju**, u r-rinnovazzjoni u r-riabilitazzjoni tal-akkomodazzjoni privata u soċjali fil-**Greċja** u fi **Franza**²¹⁴. Fit-tul, investimenti bħal dawn huma l-aħjar soluzzjoni biex jiġu indirizzati ż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija billi jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, għall-benefiċċju tal-unitajiet domestiċi u tal-ambjent.

L-inugwaljanza fl-introjtu baqgħet ġeneralment stabbli wara l-kriżi tal-COVID-19 iżda b'sinjali ta' diverġenza bejn l-Istati Membri. Il-proporzjon medju tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu tal-UE żdied biss bi ftit (minn 4,89 għal 4,97) fl-2021 (is-sena tal-introjtu 2020). L-inugwaljanza fl-introjtu naqset b'mod relattivament qawwi fil-Bulgarija u fil-Lussemburgu (-0,5 pp u -0,4 pp), iżda anki fin-Netherlands, fil-Belġju, fl-Irlanda, li tipikament jirreġistraw livelli aktar baxxi ta' inugwaljanza fl-introjtu – ara l-Grafika 2.4.6. Ġew osservati żidiet sostanzjali (aktar minn 0,2 pp) fil-Portugall, fil-Greċja, fir-Rumanija, fi Spanja, fil-Latvja, u f'Malta, li ġeneralment juru livelli oġġla mill-medja. Il-Latvja, il-Litwanja, ir-Rumanija, u Spanja jinsabu f'"sitwazzjonijiet kritiċi" kemm minħabba livelli għoljin kif ukoll minħabba żidiet jew inkella tnaqqis komparattivament żgħir fil-każ tal-Litwanja. L-istabbiltà ġenerali tal-inugwaljanza fl-introjtu rriżultat mill-funzjonament tal-istabilizzaturi awtomatiċi kif ukoll mill-miżuri ta' emerġenza adottati b'reazzjoni għall-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u skemi oħrajn ta' żamma tal-impjieg. Skont l-istimi rapidi tal-Eurostat, l-inugwaljanzi fl-introjtu huma stmati li baqgħu fil-biċċa l-kbira stabbli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi wkoll fl-2021 (ħlief għal titjib fl-Italja), u dan jirrifletti l-impatt taż-żieda fl-introjtu reali tal-unitajiet domestiċi, ibbilanċjati tul id-distribuzzjoni tal-introjtu.

²¹⁴ Ir-Rapport ta' rieżami dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, COM(2022) 383 final.

Grafika 2.4.6: L-inugwaljanza fl-introjtu naqset jew baqgħet ġeneralment stabbli fl-UE matul il-pandemija tal-COVID-19 għalkemm b'xi sinjali ta' diverġenza bejn l-Istati Membri

Il-proporzjon tad-distribuzzjoni kwintili tal-introjtu (S80/S20), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena preċedenti (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)




Nota: L-assi huma ċċentrati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat [[tessi180](#)], l-UE-SILC.

Il-forma tal-inugwaljanzi fl-introjtu fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu tvarja ħafna fl-Istati Membri tal-UE. Matul l-aħħar 10 snin, iż-żidiet fl-inugwaljanzi kienu essenzjalment xprunati bħala medja minn żidiet fil-limitu inferjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu (ara l-JER 2021). L-Istati Membri li esperjenzaw inugwaljanza ġenerali ogħla fl-introjtu (S80/S20) mill-medja tal-UE ġeneralment urew ukoll inugwaljanzi ogħla fil-limiti kemm inferjuri kif ukoll superjuri tad-distribuzzjoni tal-introjtu, kif indikat mill-proporzjonijiet rispettivi tad-distribuzzjoni kwintili (S50/S20 u S80/S50) – ara l-Grafika 2.4.7. Madankollu, dan huwa aktar evidenti fil-limitu inferjuri (S50/S20) bħal fil-każijiet tar-Rumanija, ta' Spanja, tal-Greċja, u tal-Estonja. Inugwaljanza ogħla fil-limitu inferjuri tixpruna wkoll l-inugwaljanza ġenerali f'pajjiżi taħt il-medja tal-UE, bħall-Kroazja, is-Slovakkja u l-Iżvezja. Fi Stati Membri oħrajn (il-Bulgarija, Ċipru, iċ-Ċekja, il-Finlandja, Franza, l-Irlanda, u l-Litwanja), l-inugwaljanza ġenerali kienet ġejja relattivament aktar mill-inugwaljanza akbar fil-limitu superjuri (S80/S50).

Grafika 2.4.7. Il-forma tal-inugwaljanzi fl-introjtu fuq id-distribuzzjoni tal-introjtu tvarja b' mod sinifikanti fost l-Istati Membri

Proporzjonijiet tad-distribuzzjoni kwintili S80/S20, S80/S50 u S50/S20 (2021)



Nota: Ma hemmx *data* disponibbli għall-2021 għal SK, li għaliha jintużaw il-valuri tal-2020.

Sors: il-Eurostat [[tessi180](#)], [[ilc di11d](#)], [[ilc di11e](#)], I-UE-SILC.

Stimi bikrija tal-livelli tan-nefqa tal-benefiċċji tal-protezzjoni soċjali fl-2021 juru stabbiltà meta mqabblin mas-sena ta' qabel. Għal 24 Stat Membru, is-sehem ta' tali nefqiet fil-PDG naqas biss bi ftit meta mqabbel mal-2020 (minn 30,7 % għal 29,2 %), għalkemm jibqgħu ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi (27,1 % fl-2019)²¹⁵. In-nefqiet żdiedu b'EUR 124 biljun (jew +3,1 %) matul l-2020-21, ħafna anqas milli fl-2020 (EUR 304 biljun jew +8,3 %) iżda fl-2021, kellhom it-tendenza li jiżdiedu aktar malajr fl-Istati Membri b'livelli aktar baxxi mill-medja²¹⁶. Fl-UE, ġew osservati l-akbar żidiet fil-benefiċċji tal-kura tas-saħħa u tal-mard²¹⁷ (EUR 91 biljun jew +8 %), segwiti mill-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti (EUR 51 biljun jew +3 %), il-benefiċċji għad-diżabbiltà (EUR 12 biljun jew +4 %), il-benefiċċji għall-esklużjoni soċjali²¹⁸ (EUR 9,5 biljun jew +4 %) u l-benefiċċji tal-familja (EUR 7,5 biljun jew +2 %). Min-naħa l-oħra, in-nefqiet għall-benefiċċji għall-akkomodazzjoni baqgħu ġeneralment stabbli (+0,7 %), filwaqt li daww għall-benefiċċji tal-qgħad²¹⁹ naqsu drastikament (b'EUR 47 biljun jew -16 % fl-UE kollha). B' mod ġenerali, il-benefiċċji tax-xjuħija u tas-superstiti komplew jirrappreżentaw l-ogħla kategorija ta' nefqiet fuq il-benefiċċji fl-2021 (43,8 %). Is-sehem tal-benefiċċji tal-kura tas-saħħa u tal-mard żdied kważi fl-Istati Membri kollha (22 minn 24) matul l-2020-21 u laħaq it-30,5 % tan-nefqiet għall-UE kollha kemm hi (meta mqabbel ma' 29,2 % fl-2020). B'kuntrast għal dan, is-sehem tal-benefiċċji tal-qgħad fin-nefqiet ġenerali fuq il-benefiċċji naqas kważi fl-Istati Membri kollha (21 minn 24), jiġifieri naqas minn 7,4 % fl-2020 għal 6 % fl-2021 għall-UE kollha kemm hi, iżda madankollu baqa' ogħla mil-livell ta' qabel il-kriżi tiegħu (4,5 % fl-2019).

²¹⁵ Il-Eurostat, [Early estimates - Social protection](#) (aġġornata l-aħħar fis-27/10/2022), li tkopri l-Istati Membri kollha minbarra EL, RO u SK. B'kollox, dawn l-24 Stat Membru kienu jirrappreżentaw madwar 97 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2020 (u 96 % tan-nefqiet fuq il-protezzjoni soċjali).

²¹⁶ In-nefqiet żdiedu b'madwar 6 % jew aktar f'seba' Stati Membri: LV, BG, HU, SI, HR, PL, u CZ.

²¹⁷ Minħabba żieda ta' aktar minn 10 % f'disa' Stati Membri: LV, HR, SI, CY, BG, FR, HU, PT, u EE.


²¹⁸ Żidiet b'aktar minn 20 % seħħew f'IT, LV, BG, HR u ES.

²¹⁹ Minħabba tnaqqis b'aktar minn 10 % f'14-il Stat Membru: HU, DK, AT, BG, MT, FR, NL, BE, ES, IT, HR, PL, LU, u EE.

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (minbarra l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar żdied b'mod ġenerali fl-UE fl-2021, iżda għad hemm differenzi sinifikanti fost l-Istati Membri. Fl-2021 (b'referenza għall-introjti tal-2020), l-indikatur varja minn 18,1 % fir-Rumanija għal aktar minn tliet darbiet oġhla fl-Irlanda (60,7 %). Stati Membri oħrajn b'livelli relattivament għoljin kienu l-Finlandja (57,7 %), id-Danimarka (53,9 %) u l-Belġju (53,3 %), fejn ir-riskju ta' faqar tnaqqas b'aktar min-nofs b'riżultat tal-impatt tat-trasferimenti soċjali (esklużi l-pensjonijiet) matul is-sena tat-tifqigħa tal-pandemija. Dawn il-pajjiżi kollha huma identifikati, flimkien mal-Irlanda, bħala “bl-aqwa prestazzjoni” – ara l-Grafika 2.4.8. L-oġhla żieda ġiet irreġistrata fil-Bulgarija (9,4 pp) u fl-Italja (8,5 pp), li madankollu baqgħet f'livell taħt il-medja tal-UE. Il-Portugall, il-Greċja u l-Kroazja (madwar 20 % kollha) huma mmarkati bħala li jinsabu f'“sitwazzjoni kritika”, għal livelli baxxi u li sejrjn għall-aġġar (b'6 pp għall-Portugall), flimkien mal-Latvja b'livelli baxxi simili, għalkemm stabbli, u r-Rumanija, li għadha fl-aktar livell baxx fl-UE wara xi titjib. L-Estonja u Malta jinsabu f'“sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati”. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fit-tnaqqis tal-faqar żdied fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn, iżda f'livelli differenti. Id-differenzi huma kbar ukoll bejn ir-reġjuni fl-UE, b'valuri partikolarment baxxi rreġistrati fil-Portugall, f'diversi reġjuni fir-Rumanija u fil-Greċja, kif ukoll f'xi reġjuni tal-Italja – ara l-Grafika 9 fl-Anness 3.

Grafika 2.4.8: Matul il-kriżi tal-COVID-19, l-impatt tat-tnaqqis tal-faqar tat-trasferimenti soċjali żdied b'mod ġenerali, iżda b'pass differenti fl-Istati Membri, b'differenzi sinifikanti persistenti

L-impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar, il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentriati fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data għal IT u PL hija provviżorja u mhix disponibbli għal SK. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat, [tespm050].

Il-protezzjoni soċjali għandha rwol importanti għan-nies f'forom mhux standard ta' impjieg għalkemm il-kopertura tvarja ħafna bejn l-Istati Membri u l-kategoriji u l-faqar ma jiġix evitat għal xi wħud minnhom. FI-UE, l-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar fl-2021 kien (ibbażat fuq l-UE-SILC) ħafna ogħla għall-persuni f'impjieg mhux standard²²⁰ (26,5 %) milli għal dawk f'impjieg standard (10,1 %), u enfażizza r-rwol sinifikanti li għandha l-protezzjoni soċjali fl-introjtu ta' tali gruppi. Madankollu, dan ma jipprevjenix livelli ogħla ta' faqar monetarju fost il-ħaddiema kuntrattwali temporanji, il-part-timers, dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema tal-familja fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. B'mod ġenerali, kien tliet darbiet aktar probabbli li l-persuni f'impjieg mhux standard ikunu fir-riskju tal-faqar (16,6 %) milli dawk f'impjieg standard (5 %). Dan id-distakk jaqbeż il-15-il pp f'ħames Stati Membri, l-aktar minħabba rati għoljin tal-AROP fost dawk li jaħdmu għal rashom (l-Estonja, il-Portugall u r-Rumanija) u/jew fost il-ħaddiema kuntrattwali temporanji (il-Latvja u Spanja). Dan minħabba li l-kopertura tal-benefiċċji soċjali tvarja ħafna bejn l-istatus tal-attività u l-Istati Membri. Bħala medja fl-UE kollha kemm hi, fl-2021 is-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol (16-64) f'riskju ta' faqar li jirċievu benefiċċji soċjali (fil-livell individwali) kien biss ftit ogħla fost il-ħaddiema mhux standard (b'39,5 %) milli għall-ħaddiema standard (b'37,9 %)²²¹. Madankollu, f'14-il Stat Membru, is-sehem ta' dawk li jirċievu benefiċċji kien ogħla fost il-ħaddiema standard (milli fost il-ħaddiema mhux standard) u b'aktar minn 10 pp f'erba' Stati Membri (il-Bulgarija, il-Litwanja, il-Latvja u s-Slovenja). Madankollu, żieda qawwija meta mqabbla mas-snin preċedenti hija rrapportata fis-sehem ta' persuni fl-età tax-xogħol f'riskju ta' faqar li jirċievu benefiċċji soċjali, għall-kategoriji kollha tal-istatus ta' attività – li jirriflettu l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għall-introjtu meħudin bħala rispons għall-pandemija tal-COVID-19. L-akbar żieda seħħet fost dawk li jaħdmu għal rashom, bi 32,5 % ta' dawk f'riskju ta' faqar li jirċievu xi benefiċċji soċjali (meta mqabblin ma' madwar 10,8 % fis-sena ta' qabel²²²), għalkemm għadha anqas minn 41,8 % fost l-impjegati kollha. Fl-aħħar nett, filwaqt li fl-2021 madwar nofs (52,7 %) il-persuni qiegħda fir-riskju tal-faqar irċeview benefiċċji soċjali fl-UE, dan is-sehem kien ħafna anqas, taħt l-20 %, fir-Rumanija, fil-Polonja, fil-Kroazja u fil-Greċja.

L-adeqwatezza tal-iskemi tal-introjtu minimu naqset fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fis-sena tal-introjtu tal-2020, meta mqabbla mal-2019. L-adeqwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu tiġi mmonitorjata billi jitqabbel l-introjtu tal-benefiċċjarji mas-soll nazzjonali tal-faqar kif ukoll mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa²²³. Dawn ir-referenzi jipprovdu indikazzjonijiet dwar l-impatt ta' tnaqqis tal-faqar, kif ukoll dwar id-dimensjoni tal-attivazzjoni u l-effetti ta' incensiv tal-iskemi. Filwaqt li baqgħu ġeneralment l-istess matul l-aħħar deċennju (ara l-Kaxxa 8 tal-Pilastru, li tiddiskuti l-bidliet matul l-2009-2019), fl-aħħar sena tal-introjtu disponibbli (2020), l-adeqwatezza tal-iskemi tal-introjtu minimu marret ftit għall-agħar b'mod ġenerali fl-UE. Din kienet aktar sostanzjali (aktar minn 2 pp) f'xi pajjiżi, kemm meta mqabbla mas-soll tal-faqar (il-Polonja -4,4 pp, il-Lussemburgu -3,4 pp, iċ-Ċekja -2,8 pp, il-Kroazja -2,5 pp, l-Ungerija -2,4 pp u n-Netherlands -2,3 pp) u mal-introjtu

²²⁰ L-impjieg mhux standard huwa definit bħala l-impjegati kollha mingħajr kuntratt permanenti full-time kif ukoll dawk kollha li jaħdmu għal rashom – ara wkoll it-taqsimu 2.3.1.

²²¹ Skont l-indikatur dwar "aċċess effettiv" approvat mill-KPS fl-2020 fil-kuntest tal-qafas ta' monitoraġġ dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. Il-popolazzjoni fil-mira hija l-persuni f'riskju ta' faqar qabel it-trasferimenti soċjali. Il-benefiċċji soċjali koperti fl-indikatur huma dawk riċevuti fil-livell individwali, minbarra l-pensjonijiet tax-xjuħija u tas-superstiti.


²²² Tqabblil ibbażat fuq is-sena ta' referenza 2021 (sena tal-introjtu tal-2020) sal-2020 (sena tal-introjtu tal-2019).

²²³ Skont il-metodoloġija miftiehma fil-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtu minimu, ara r-Rapporti Konġunti dwar l-Impjiegi mill-2019 u l-Kaxxa 8 tal-Pilastru.

ta' ħaddiem b'paga baxxa (il-Litwanja -6,6 pp u l-Polonja -2,2 pp). Għall-kuntrarju, l-adeqwatezza żdiedet b'mod sinifikanti fiż-żewġ każijiet fil-Greċja (15,4-il pp u 7 pp) u f'Ċipru (5,1 pp u 5,7 pp). L-adeqwatezza tal-introjtu minimu hija oġġla minn 80 % tas-soll tal-faqar fin-Netherlands, fl-Irlanda, fil-Lussemburgu, fid-Danimarka, fl-Italja, u wkoll f'Ċipru, filwaqt li għadha taħt terz tas-soll tal-faqar fir-Rumanija, fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fis-Slovakkja. F'termini ta' kopertura, espressa mir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji, is-sitwazzjoni baqgħet kważi l-istess fl-2020 meta mqabbla mal-2019, b'xi titjib (żieda ta' aktar minn 5 pp) fl-Italja, fil-Litwanja, u fil-Lussemburgu iżda wkoll b'xi tnaqqis (aktar minn 5 pp) fil-Kroazja, f'Ċipru u fil-Polonja, fejn ir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji hija anqas minn 80 % - ara l-Grafika 2.4.9. Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, ir-rati tar-riċevituri tal-benefiċċji jilhqqu kważi 100 % tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar, li tgħix f'familji kważi mingħajr impjieg fid-Danimarka, fl-Irlanda, fil-Finlandja u fi Franza. Lil hinn minn dawn id-dimensjonijiet ta' adegwatezza u ta' kopertura, il-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura inklużjoni attiva tiddekrivi oqsma għal aktar modernizzazzjoni tal-iskemi tal-introjtu minimu skont l-approċċ ta' inklużjoni attiva.

Grafika 2.4.9 Is-sehem ta' persuni f'riskju ta' faqar f'familji (kważi) mingħajr impjieg fuq il-benefiċċji soċjali baqa' kważi l-istess bejn l-2019 u l-2020, minkejja xi bidliet fi ftit Stati Membri

Rata tar-riċevituri tal-benefiċċji għall-persuni f'riskju ta' faqar ta' 18-64 sena u li jgħixu f'familji (kważi) mingħajr impjieg (% , sena tal-introjtu tal-2019 u tal-2020, rispettivament)



Nota: Id-data għal IT u PT hija provviżorja. Id-data hija provviżorja għal HU u SK. Interruzzjoni fis-serje għal LU. Id-data għas-snin ta' stħarriġ tal-2021 u tal-2020 tintuża għas-sena tal-introjtu tal-2020 u tal-2019, rispettivament.

Sors: Kalkoli mhux ippubblikati tal-Eurostat ibbażati fuq l-UE-SILC 2020 u 2021.

Kaxxa 8 tal-Pilastru: Parametraġġ referenzjarju tal-introjtu minimu

It-tisħiħ tal-protezzjoni tal-introjtu minimu, skont l-approċċ ta' inklużjoni attiva, għandu rwol ewlieni fil-prevenzjoni u fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (dwar l-introjtu minimu). Fl-2018, il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) stabbilixxa qafas ta' parametraġġ referenzjarju għall-introjtu minimu biex tittejjeb l-analiżi tal-isfidi relatati u jiġu appoġġati l-iżviluppi tal-politika fl-Istati Membri, li jinvolvi għażla ta' indikaturi rilevanti tal-eżiti, tal-prestazzjoni u tal-lieva ta' politika.²²⁴ Ġew

²²⁴ L-indikaturi tal-eżitu huma: l-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, ir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol u r-rata ta' riskju ta' faqar tal-popolazzjoni li tgħix f'familji (kważi) mingħajr impjieg. L-indikaturi tal-prestazzjoni huma: l-impatt tat-

identifikati tliet lievi ta' politika ewlenin li l-aktar li x'aktarx jaffettwaw il-prestazzjoni tal-protezzjoni tal-introjtu minimu: (1) l-adegwatezza tal-benefiċċji, (2) ir-regoli tal-eliġibbiltà u l-użu tal-benefiċċji, u (3) l-attivazzjoni u l-aċċess għas-servizzi.²²⁵

L-ewwel rapport konġunt tal-KPS-Kummissjoni dwar l-introjtu minimu, ibbażat fuq il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju tal-introjtu minimu, ikkomplementat b'*data* addizzjonali u b'informazzjoni kwalitattiva, **ġie miftiehem f'Settembru 2022**, qabel il-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat tat-28 ta' Settembru 2022. Ir-rapport isegwi l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2020, li fihom il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni u lill-KPS biex iħejju perjodikament tali rapport konġunt biex janalizzaw u jirrieżaminaw il-progress miksub fl-iżvilupp tal-protezzjoni tal-introjtu minimu fl-Istati Membri. Ir-rapport identifika l-isfidi marbutin mal-indikaturi tal-qafas ta' parametraġġ referenzjarju²²⁶. Ir-rapport ikkonkluda li l-qafas kien ipprova għodda analitika siewja u ppropona li dan jiġi aġġornat regolarment, kif ukoll li jitqiesu d-dimensjonijiet potenzjali għall-espansjoni futura tiegħu, b'mod partikolari fl-oqsma tal-kriterji ta' eliġibbiltà, tal-aċċess għas-servizzi kif ukoll tat-tranżizzjonijiet u tal-inċentivi tas-suq tax-xogħol.

L-adegwatezza tal-benefiċċji tal-introjtu minimu baqgħet kważi l-istess fil-livell tal-EU-27 matul l-aħħar deċennju, iżda b'varjazzjoni sostanzjali fost l-Istati Membri, u deterjorament żgħir osservat fl-2020 bħala l-aħħar sena tal-introjtu²²⁷. Bejn l-2009 u l-2019 (snin tal-introjtu), l-adegwatezza tal-provvediment tal-introjtu minimu baqgħet ġeneralment stabbli b'madwar 60 % fl-UE meta mqabbla mas-soll tal-faqar u f'madwar 46 % meta mqabbla mal-introjtu ta' impjegat b'paga baxxa sal-2019, filwaqt li ġie osservat deterjorament żgħir fil-livell tal-UE fl-2020 (ara analiżi aktar dettaljata fit-test ewlieni għal din l-aħħar sena). B'mod ġenerali, bejn l-2009 u l-2019, ġie osservat titjib fl-adegwatezza f'pajjiżi fejn ġew introdotti skemi ġodda, bħall-Italja u l-Greċja u sar ukoll titjib fis-Slovenja u fil-Litwanja (qrib jew aktar minn 10 pp – ara l-Grafika ta' hawn taħt). Għal-Latvja, għall-Estonja, u għal-Lussemburgu, il-paraguni mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa pjuttost jindikaw deterjoramenti mill-2009 sal-2019. L-adegwatezza ddeterjorat b'mod sinifikanti matul l-2009-19 (b'aktar minn 10 pp) fl-Ungerija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, fejn l-adegwatezza fl-2009 kienet taħt il-medja, iżda wkoll fl-Irlanda u f'Malta u, sa ċertu punt, fin-Netherlands, anke jekk l-adegwatezza tibqa' oġhla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE.

trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq il-faqar tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, ir-rata persistenti ta' riskju ta' faqar tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, ir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji għal persuni f'riskju ta' faqar f'familji (kważi) mingħajr impjeg, id-differenza fil-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għal eżami mediku, id-differenza fir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni u d-differenza fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni fit-taħriġ relatat mal-attività professjonali. Għall-indikaturi tal-lieva ta' politika, intgħażel l-indikatur tal-adegwatezza b'bażi doppja (l-introjtu ta' benefiċjarju tal-introjtu minimu bħala sehem a) tas-soll tar-riskju ta' faqar u b) tal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa). Ara aktar dettalji fin-[nota ta' informazzjoni relatata għall-ISG tal-KPS](#).


²²⁵ Ara s-sommarju u t-test sħiħ tal-konklużjonijiet tal-Kunsill [online](#).

²²⁶ Ara t-taqsimu 2.4.1 dwar l-iżviluppi bejn is-sena tal-introjtu tal-2019 u tal-2020 rigward l-adegwatezza u l-kopertura tal-appoġġ għall-introjtu minimu biex tikkomplementa l-analiżi tat-tendenza fit-tul hawnhekk.

²²⁷ Ara r-rapport konġunt tal-KPS-Kummissjoni dwar l-introjtu minimu.

L-adegwatezza kienet stabbli matul l-2009-2019, b'varjazzjoni kbira fost l-Istati Membri

Bidliet fl-adegwatezza kif imkejla skont il-limitu tal-AROP livellat u l-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa bejn l-2009 u l-2019 (pp)



Nota: UE kkomputata bħala medja mhux ponderata. Il-limiti tal-AROP livellati huma l-medji tal-2007, tal-2008 u tal-2009 għall-valur tal-2009 u l-medji tal-2018 u tal-2019 għall-valur tal-2019. Il-valuri għal CY u HR mhumiex disponibbli u, għalhekk, ma jingħaddux fil-medja tal-UE għas-sena tal-introjtu tal-2009. Il-bidliet għal CY huma relattivi għall-2011, meta disponibbli. Il-bidliet għal HR huma relattivi għall-2013. Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni huma preżunti li huma 11 % tal-paga medja.

Sors: Komputazzjoni tad-DG EMPL ibbażata fuq *data* tal-Eurostat u l-mudell tal-benefiċċji tat-taxxa tal-OECD.

Kien hemm titjib bejn l-2015 u l-2020 f'termini ta' kopertura, li jista' jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' żidiet fil-profondità tal-faqar u fid-deprivazzjoni materjali, iżda għad hemm sfidi f'termini ta' effettività. Mill-2015 sal-2020, il-kopertura tal-appoġġ għall-introjtu żdiedet bħala medja fl-UE minn 73 % għal 78 % (kif imkejla mir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji²²⁸). Madankollu, ir-riskju ta' faqar fost il-familji kważi mingħajr impjieg żdied (minn 61,2 % fl-2015 għal 64 % fl-2019) u ġeneralment stabbilizza għal 61,6 % fl-2020, b'żieda ġenerali fi kważi żewġ terzi tal-Istati Membri. Filwaqt li l-impatt tat-trasferimenti (esklużi l-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar naqas bi ffit matul id-deċennju (minn 37 % għal 36 %), il-profondità tal-faqar, kif imkejla mill-ispariġġ tar-riskju tal-faqar, baqgħet ġeneralment stabbli għal madwar 27 %. Madankollu, dan l-ispariġġ huwa ferm usa' fost in-nies li jgħixu f'familji kważi mingħajr impjieg, għal madwar 37 %. Id-deprivazzjoni materjali u soċjali naqset mill-2015 sal-2020 (minn 18 % għal 13 %) kif ukoll id-diskrepanzi fil-ħtiġijiet mhux issodisfati għall-eżami mediku u l-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni. Madankollu, it-tnaqqis fir-rata ta' deprivazzjoni materjali u soċjali għal familji kważi mingħajr impjieg (minn 51 % għal 44 % bejn l-2015 u l-2020) seħħ b'pass aktar bil-mod u għadu ferm oġhla fl-2020 milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

Dan l-aħħar, xi Stati Membri introduċew skemi tal-introjtu minimu. Bejn l-2009 u l-2019, ġew introdotti riformi kbar f'xi Stati Membri fejn l-iskemi nazzjonali tal-introjtu minimu ma kinux jeżistitu qabel. Fl-2017, tnediet skema ta' Introjtu Minimu Garantit fil-**Greċja**, segwita mill-“introjtu taċ-ċittadinanza” ġdid fl-**Italja** fl-2019, filwaqt li **Spanja** introduċiet l-ewwel skema nazzjonali tagħha fl-2020. Dawn l-iskemi l-ġodda ġeneralment isegwu l-approċċ ta' inklużjoni attiva, filwaqt li jikkomplementaw l-appoġġ għall-introjtu

²²⁸ Ir-rata tar-riċevituri tal-benefiċċji hija definita bħala s-sehem ta' individwi ta' 18-59 sena li jirċievu kwalunkwe benefiċċju soċjali (minbarra dawk tax-xjuħija) fost il-popolazzjoni f'riskju ta' faqar. Dan l-indikatur huwa kkomputat mid-*data* tal-UE-SILC mid-DG EMPL.

b'miżuri ta' attivazzjoni u jipprovdu aċċess għas-servizzi għall-benefiċjarji. Peress li r-riformi msemmijin hawn fuq ġew introdotti biss fl-aħħar ftit snin, l-implimentazzjoni tagħhom għadha qed tiġi rfinata u teħtieġ monitoraġġ mill-qrib. Jistgħu jkunu meħtieġa aġġustamenti addizzjonali fir-rigward tal-oqsma l-oħrajn ta' inklużjoni attiva, jiġifieri l-aċċess għas-servizzi soċjali u għall-programmi attivi tas-suq tax-xoġhol. Saru aġġustamenti iżgħar iżda xorta sinifikanti tal-iskemi eżistenti f'xi Stati Membri oħrajn. Pereżempju, fl-2018, il-Lussemburgu introduċa l-Introjt tal-Inklużjoni Soċjali, li għandu enfasi aktar qawwija fuq l-integrazzjoni tal-benefiċjarji fis-suq tax-xoġhol, inkluż permezz ta' skrinjar obligatorju u tfassil ta' profili tal-ħiliet tal-applikanti u tal-unitajiet domestiċi tagħhom, flimkien ma' kundizzjonijiet u ma' sanzjonijiet aktar stretti marbutin mal-attivazzjoni.


Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni baqgħet ġeneralment stabbli matul il-kriżi tal-COVID-19, b'bidliet sinifikanti maż-żmien fi ftit Stati Membri biss. Fl-2021, l-indikatur wera li 8,3 % tal-popolazzjoni tal-UE kienet tgħix f'unitajiet domestiċi li kienu jonfqu 40 % jew aktar mill-introjt disponibbli (ekwivalizzat) tagħhom fuq l-akkomodazzjoni, żieda b'0,5 pp mill-2020. Il-Greċja rreġistrat l-ogħla rata (28,8 %), iżda wkoll l-akbar tnaqqis (4,5 pp) meta mqabbla mal-2020. Stati Membri oħrajn b'rati relattivament ogħla kienu d-Danimarka (15,5 %), l-uniku Stat Membru mmarkat bħala f'"sitwazzjoni kritika", in-Netherlands (12,5 %), il-Bulgarija (11,6 %), u l-Ġermanja (10,7 %). In-Netherlands esperjenzaw l-akbar żieda (b'4,2 pp) u huma mmarkati fost is-"sitwazzjonijiet li jridu jiġu ssorveljati", flimkien mal-Ġermanja, ma' Spanja u mal-Portugall (b'żidiet ta' 1,8, ta' 1,7, u ta' 1,7 pp, rispettivament). L-aktar rati baxxi fl-2021 ġew osservati f'Ċipru, fl-Ungerija, fl-Irlanda (2,5 % kull Stat Membru), fil-Litwanja, u f'Malta (2,7 % kull wieħed) – ara l-Grafika 2.4.10. Għall-persuni f'riskju ta' faqar, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kienet ogħla b'mod sinifikanti milli għall-bqija tal-popolazzjoni, għalkemm b'disparitajiet sinifikanti fost l-Istati Membri²²⁹. Fil-Greċja, 76,7 % tal-popolazzjoni f'riskju ta' faqar kienet iġġarrab piż eċċessiv minħabba l-kostijiet tal-akkomodazzjoni, għalkemm b'titjib (b'3,7 pp) meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fid-Danimarka, dan is-sehem kien ta' 72,1 %, wara żieda żgħira (b'1,9 pp). Grupp kbir ta' Stati Membri kellhom rati ta' madwar 40 % u 30 %, filwaqt li fl-Irlanda u f'Ċipru s-sehem kien anqas minn 10 % (8,8 % u 9,3 %, rispettivament). B'mod ġenerali, fl-Istati Membri, il-kerrejja fis-suq privat tal-kiri kellhom it-tendenza li jkunu ħafna aktar affettwati mill-isfidi tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni mis-sidien, b'ipoteka jew mingħajrha, u mill-kerrejja bi prezz imnaqqas jew b'kera libera²³⁰.

²²⁹ Indikatur tal-Eurostat [[ilc_lvho07a](#)], UE-SILC.

²³⁰ Indikatur tal-Eurostat [[ilc_lvho07c](#)], UE-SILC.

Grafika 2.4.10: Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kienet stabbli bħala medja matul il-kriżi tal-COVID, iżda hemm differenzi sostanzjali fost l-Istati Membri

Is-schem tal-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni (%), il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentri fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Id-data hija provviżorja għal IT u PL, u mhix disponibbli għal FR u SK. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat, [tespm140], I-UE-SILC.

Il-familji bit-tfal u l-unitajiet domestiċi b'ġenitur singolu ġarrbu diffikultajiet aktar severi marbutin mal-akkomodazzjoni. Fl-2020, 7,6 % tal-unitajiet domestiċi ta' ġenitur singolu bi tfal dipendenti, ġarrbu privazzjoni severa tal-akkomodazzjoni (żieda minn 6,5 % fl-2019), meta mqabblin ma' 4,3 % għall-popolazzjoni totali²³¹. F'żewġ Stati Membri, aktar minn persuna waħda minn kull għaxra ffaċċjaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni severa fl-2020: il-Latvja b'rata ta' 11,5 % u r-Rumanija b'14,3 %. Il-Kroazja, il-Litwanja, il-Greċja, l-Italja, l-Ungerija, il-Polonja, u l-Bulgarija lkoll kellhom rati ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni severa ta' bejn 5 % u 10 %. Il-privazzjoni ta' akkomodazzjoni affettwat lil 14,9 % tat-tfal fl-UE kollha kemm hi fl-2020, rata li hija kemxejn ogħla minn dik għall-popolazzjoni totali u li żdiedet (b'1 pp) mill-2019²³². Il-Portugall (26,2 %), Ċipru (35,8 %), u Spanja (24,4 %) kellhom rati li kienu sostanzjalment ogħla mill-medja tal-UE (b'madwar 10 pp jew aktar). Ir-rata ta' privazzjoni ta' akkomodazzjoni għat-tfal żdiedet jew baqgħet bejn wieħed u ieħor l-istess fl-Istati Membri kollha minbarra l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, fejn naqset.

²³¹ Indikatur tal-Eurostat [ilc_mdho06a] u [ilc_mdho06b], UE-SILC.


²³² Indikatur tal-Eurostat [ilc_mddd044b], I-UE-SILC. M'hemm data disponibbli għal DE u PL. Interruzzjoni fis-serje għal LU, FR, u IE.

Fl-aħħar 10 snin, ftit li xejn sar progress fit-tnaqqis tan-numru ta' persuni bla saqaf fl-Istati Membri tal-UE. Minħabba n-nuqqas ta' definizzjoni u metodoloġija statistiċi komuni niex jingħaddu l-persuni li spiċċaw mingħajr saqaf, id-*data* mhix komparabbli bejn l-Istati Membri, u dan il-fenomeno ma jistax jiġi kwantifikat b'mod preċiż fil-livell tal-UE. Madankollu, fl-2019, il-FEANTSA u l-Fondazzjoni Abbé Pierre stmaw li l-għadd ta' persuni bla saqaf li kienu qed jorqdu barra jew f'akkomodazzjoni temporanja/ta' emerġenza f'xi lejl partikolari kien mill-inqas 700 000 fl-UE, jiġifieri żdied b'70% f'għaxar snin²³³. Mill-2019, il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar naqset f'xi Stati Membri minħabba interventi ta' politika ġodda fil-kuntest tal-pandemija. Madankollu, ħafna minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari l-aċċess aktar faċli għal kenn diċenti, il-moratorji fuq l-iżgumbramenti u l-appoġġ dirett lill-unitajiet domestiċi, tneħħew tal-anqas parzjalment fit-tieni sena tal-kriżi tal-COVID-19. Dan wassal għal aktar żidiet fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar f'diversi Stati Membri meta mqabblin mal-livelli ta' qabel il-pandemija.

Ir-rata tal-AROE fost il-persuni ta' 65 sena jew aktar kienet ġeneralment stabbli fl-UE bejn l-2020 u l-2021. Ir-rata kienet ta' 19,6 % fl-2021 fl-UE, bi tnaqqis żgħir meta mqabbla mal-2020. Madankollu, id-differenza bejn ir-rati tal-AROE għan-nisa u għall-irġiel għadha tippersisti (22,1 % u 16,3 %, rispettivament). Ir-rata tar-riskju ta' faqar (AROP) fost dawk li għandhom aktar minn 65 sena kienet ta' 16,8 % fl-2021 fl-UE, kemxejn oġhla minn fost il-persuni ta' bejn 18-64 sena (15,9 %). Fil-maġġoranza tal-pajjiżi, is-sehem huwa oġhla milli għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (18-64), għalkemm id-differenza bejn iż-żewġ gruppi tvarja b'mod sinifikanti – ara l-faxxa ta' fuq tal-Grafika 2.4.10. Ir-rata ta' deprivazzjoni materjali jew soċjali estrema kompliet tonqos (minn 7,4 % fl-2015 għal 5,3 % fl-2021) u hija aktar baxxa minn dik fost il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fil-livell tal-UE (6,3 % fl-2021) u fil-maġġoranza tal-Istati Membri – ara l-faxxa t'isfel tal-Grafika 2.4.12. Għar-Rumanija u għall-Bulgarija huma osservati valuri partikolarment kbar kif ukoll diskrepanzi fir-rigward tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol.

Grafika 2.4.11: Il-persuni ta' 65 sena jew aktar qed jesperjenzaw aktar riskji tal-faqar mill-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, iżda qed ikunu esposti inqas ta' spiss għal deprivazzjoni materjali u soċjali severa

Ir-rati tar-riskju tal-faqar (il-faxxa ta' fuq) u r-rati ta' Deprivazzjoni Materjali u Soċjali Severa (il-faxxa t'isfel) skont il-gruppi ta' età (% , 2021)



Nota: Fuq ix-xellug, l-iżbarra ta' 18-64 hija addizzjonali għall-65+; fuq il-lemin, l-iżbarra ta' 65+ hi addizzjonali għat-18-64. Id-*data* hija provviżorja għal IT u PL. Interruzzjoni fis-serje għal LU.

Sors: il-Eurostat [[ilc_li02](#)] u [[ilc_mdsd11](#)], I-UE-SILC.

²³³ Ara: [6th Overview of Housing Exclusion in Europe 2021](#).

Bħala medja, il-pensjonijiet jammontaw għal aktar minn nofs l-introjtu tal-fażi tardiva tal-karriera fl-Unjoni. Il-pensjoni medja ta' dawk li għandhom 65-74 sena ammontat għal 58 % tal-introjtu mix-xogħol ta' dawk li kellhom 50-59 sena fl-2021²³⁴. Dan il-“proporzjon ta' sostituzzjoni aggregat” ilu jiżdied mill-2012, meta kien ta' 54 %. F'xi pajjiżi (bħal-Lussemburgu, il-Greċja, l-Italja, u Spanja), huwa ferm ogħla minn 70 %. Dawn huma wkoll fost l-Istati Membri fejn ir-rati ta' faqar fost l-anzjani huma anqas mill-faqar fost il-persuni ta' età tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, fi 12-il Stat Membru, il-proporzjon ta' sostituzzjoni huwa anqas minn 50 % u f'ħamsa minnhom anqas minn 40 % (l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja, ir-Rumanija u l-Bulgarija). Fil-biċċa l-kbira tagħhom, dan il-proporzjon huwa aktar baxx fost in-nisa, iżda fi tmienja, il-proporzjonijiet ta' sostituzzjoni huma ogħla għan-nisa (il-Lussemburgu, il-Latvja, il-Ġermanja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, in-Netherlands, l-Ungerija u s-Slovenja).

Matul l-2021, it-tieni sena tal-pandemija tal-COVID-19, il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika naqsu bħala medja, u hekk ukoll il-varjazzjoni fl-Istati Membri, li madankollu baqgħet kbira – ara l-Grafika 2.4.12. Is-Slovenja, il-Lussemburgu u l-Polonja rreġistraw l-akbar żidiet (bi 2,1 pp, b'0,9 pp, u b'0,8 pp, rispettivament). Fosthom, is-Slovenja, flimkien mal-Greċja, mar-Rumanija u mal-Finlandja, huma mmarkati bħala li jinsabu f'“sitwazzjoni kritika”, minħabba l-livelli għoljin ta' ħtiġijiet mhux issodisfati rapportati fl-2021 (4,8 %, 6,4 %, 4,4 % għall-aħħar tnejn, rispettivament). Fl-istess ħin, il-Finlandja rreġistrat tnaqqis relattivament kbir (1 pp), flimkien mal-Estonja u mal-Latvja (4,9 pp u 1,3 pp), li madankollu baqgħu f'livelli għoljin anke fl-2021 (8,1 % u 4 %). Bħal fl-2020, is-sehem ta' persuni li rrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika baqa' baxx ħafna (anqas minn 1 %) fil-Ġermanja, f'Ċipru u f'Malta (0,1 %), kif ukoll fin-Netherlands, fiċ-Ċekja, u fl-Awstrija (0,2 %, 0,3 % fl-aħħar tnejn). Huwa aktar probabbli li l-persuni f'unitajiet domestiċi b'introjtu baxx jirrapportaw il-ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, għalkemm il-firxa tad-distakk mill-popolazzjoni ġenerali tvarja fost l-Istati Membri²³⁵.²³⁶ Għall-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati, tiġi rreġistrata xi varjazzjoni reġjonali fil-Polonja u fir-Rumanija – ara l-Grafika 10 fl-Anness 3.


²³⁴ Ara: [Pension Adequacy Report 2021](#), il-paġna 40. Kif muri mill-indikatur tal-Eurostat [[ilc_pnp3](#)], iddefinit bħala l-proporzjon tal-medja tal-pensjonijiet gross individwali tal-grupp ta' età ta' 65-74 sena mqabbla mal-medjan tal-qligħ gross individwali tal-grupp ta' età ta' 50-59 sena, esklużi benefiċċi soċjali oħrajn.

²³⁵ Il-Eurostat [[hlth_silc_29](#)], l-UE-SILC.

²³⁶ Fl-2021, aktar Rom ħassewom diskriminati f'dawn l-aħħar 12-il xahar meta aċċessaw is-servizzi tas-saħħa (14 %) milli fl-2016 (8 %), bl-ogħla sehem osservat fil-Portugall (32 %). Matul il-pandemija tal-COVID-19 anki l-aċċess bażiku għall-kura tas-saħħa primarja, il-prevenzjoni bażika u l-miżuri ta' tbeġid soċjali rriżultaw impossibbli li jiġu implimentati f'komunitajiet emarġinati remoti Rom (20 % tar-Rom ma għandhomx aċċess għall-ilma tal-vit, u 78 % jgħixu f'unitajiet domestiċi ffullati żżejjed). Sors: FRA, [Fundamental rights report 2022](#)).

Grafika 2.4.12: Ġew irreġistrati varjazzjoni kbira u żidiet fil-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika fl-Istati Membri kollha fit-tieni sena tal-kriżi tal-COVID-19

Il-ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika, il-livelli tal-2021 u l-bidliet mis-sena ta' qabel (%), indikatur ewlieni tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali)



Nota: L-assi huma ċċentri fuq il-medja mhux ponderata tal-UE. Id-didaskalija hija ppreżentata fl-Anness. Ma hemmx data disponibbli għal SK u d-data hija proviżorja għal IT, u PL. Interruzzjoni fis-serje għal LU.
Sors: il-Eurostat, [tespm 110], I-UE-SILC.

L-iżviluppi demografiċi, b'mod partikolari r-rati konsistentiment baxxi tat-twelid u r-rata akbar ta' stennija tal-għomor, qed iżidu l-ħtieġa potenzjali ta' kura fit-tul (LTC). Il-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija fl-UE huwa mistenni li jżidied b'mod sinifikanti, minn 32,5 % fl-2021 għal 52,0 % fl-2050. Minkejja l-progress fis-snin ta' ħajja fi stat tajjeb ta' saħħa, kif ukoll fl-approċċi preventivi u fl-użu tat-teknoloġiji diġitali, dan se jwassal għal ħtieġa dejjem akbar għal-LTC fil-futur²³⁷. In-numru ta' persuni potenzjalment fil-bżonn ta' LTC huwa proġettat li se jżidied minn 30,8 miljun fl-2019 għal 33,7 miljun fl-2030 fl-UE, u għal 38,1 miljun fl-2050²³⁸. Bħala medja, skont id-data tal-2019 għall-EU-27, 26,6 % tal-persuni ta' 65 jew aktar (32,1 % tan-nisa vs 19,2 % tal-irġiel) u 39,4 % ta' 75 sena jew aktar

²³⁷ Dan jissarraf f'potenzjal sinifikanti ta' ħolqien tax-xogħol tas-settur tal-LTC, b'evidenza li sal-2050 se jkollhom jżidiedu 1,6 miljun ħaddiem tal-kura fit-tul biex il-kopertura tal-kura fit-tul tinżamm fl-istess livell – ara d-[dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni Ewropea li jakkumpanja d-dokument tal-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għal kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja](#), SWD(2022)441 final.

²³⁸ Il-Kummissjoni Ewropea u l-Komitati tal-Politika Ekonomika, [The 2021 Ageing Report – Economic and budgetary projections for the EU Member States \(2019-2070\)](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2021.


li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati kienu jeħtieġu LTC.²³⁹ Fil-kwintil tal-anqas introjtu, 35,9 % kienu jeħtieġu kura fit-tul, meta mqabblin ma' 17,2 % fil-kwintil tal-ogħla introjtu²⁴⁰.

Il-kopertura tal-protezzjoni soċjali hija fattur importanti għad-determinazzjoni tal-aċċess għal servizzi ta' kura fit-tul, minbarra d-disponibbiltà ta' servizzi ta' kwalità.

Għalkemm l-Istati Membri kollha joffru xi kopertura tal-protezzjoni soċjali, jew *in natura* u/jew permezz ta' benefiċċji fi flus, 35,7 % tan-nies fl-UE rrapportaw li ma jużawx (aktar) servizzi tal-kura fid-djar għal raġunijiet finanzjarji, 9,7 % semmew nuqqasijiet fil-provvista u 2,1 % semmew tħassib dwar il-kwalità²⁴¹. Biex titkejjel il-profondità tal-protezzjoni soċjali għall-kura fit-tul fix-xjuħija u titqabbel fl-Istati Membri kollha, l-OECD, bl-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea, żviluppat sett ta' każijiet tipiċi ta' ħtiġijiet ta' kura fit-tul²⁴². L-analiżi tissuġġerixxi li, anke wara l-protezzjoni soċjali, il-kostijiet mill-but għall-kura jistgħu jkunu għoljin ħafna speċjalment għall-anzjani bi bżonnijiet severi ta' kura fit-tul li jirċievu kura fid-dar – ara **Error! Reference source not found.** 2.4.13²⁴³.

Grafika 2.4.13: Il-kostijiet mill-but għall-kura jistgħu jkunu għoljin ħafna speċjalment għall-anzjani bi bżonnijiet severi ta' kura fit-tul li jirċievu kura fid-dar

Il-kostijiet mill-but tal-kura fid-dar bħala sehem mill-introjtu tax-xjuħija (wara l-appoġġ pubbliku), għal dawk li jirċievu l-kura b'introjtu medjan u mingħajr ġid nett, skont il-livell ta' severità



Nota: EE tirreferi għal Tallinn fl-Estonja, IT tirreferi għal Alto Adige (Tyrol tan-Nofsinhar) fl-Italja, AT tirreferi għal Vjenna fl-Awstrija, BE tirreferi għal Flanders fil-Belġju.

Sors: Analizzjiet tal-OECD skont il-kwestjonarju tal-OECD dwar il-protezzjoni soċjali fit-tul, il-Bażi tad-Data tal-OECD dwar id-Distribuzzjoni tal-Introjtu u l-Bażi tad-Data tal-OECD dwar id-Distribuzzjoni tal-Ġid

²³⁹ Il-Eurostat [[hlth_ehis_tadle](#)], l-EHIS. Is-sehem ta' dawk fil-bżonn huwa wieħed imnaqqas bis-sehem ta' dawk li ma għandhom l-ebda diffikultà serja. Din il-miżura bbażata fuq l-istħarriġ tkopri biss persuni f'unitajiet domestiċi privati iżda mhux dawk f'kura residenzjali.

²⁴⁰ Il-Eurostat [[hlth_ehis_tadli](#)], l-EHIS.

²⁴¹ Il-Eurostat [[ilc_ats15](#)], il-modulu *ad-hoc* 2016 tal-UE-SILC.

²⁴² Cravo Oliveira Hashiguchi, T. u Lena-Nozal, A., 2021, [The Effectiveness of Social Protection for Long-term Care in Old Age: Is social protection reducing the risk of poverty associated with care needs?](#), l-OECD Health Working Papers No 117, OECD Publishing, Pariġi.

²⁴³ L-OECD, pubblikazzjoni pendenti, 2023, Measuring social protection for long-term care in old age, l-OECD Health Working Papers, OECD Publishing, Pariġi.

2.4.2 Miżuri meħudin mill-Istati Membri

Fl-2021 u fl-2022, l-Istati Membri nehew gradwalment il-miżuri temporanji ta' appoġġ għall-introjtu li ġew introdotti matul il-pandemija tal-COVID-19. Xi Stati Membri nedew miżuri permanenti biex jiżguraw protezzjoni soċjali aħjar għal kulħadd, inkluż titjib fl-adeqwatezza u fil-kopertura ta' diversi benefiċċji. Dawn il-miżuri kellhom l-għan li jneħħu d-diskrepanzi fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali li jaffettwaw b'mod partikolari lin-nies f'sitwazzjonijiet vulnerabbli (bħall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx mingħajr introjtu relatat max-xogħol, persuni f'impjiegi prekarji jew migranti u refuġjati). Wara l-gwerra tal-aggressjoni Russa fl-Ukrajna u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha fl-Ewropa, xi Stati Membri introduċew miżuri mmirati biex jindirizzaw l-impatti soċjali tal-pressjonijiet inflazzjonarji, b'mod partikolari fuq is-servizzi essenzjali tal-enerġija. Madankollu, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri ma kinux immirati lejn daww l-aktar esposti għal prezzijiet għoljin tal-enerġija u vulnerabbli (ara l-Kaxxa 7 tal-Pilastru). Barra minn hekk, skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja, persuni spostati li jaħarbu mill-Ukrajna u li huma benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja għandhom aċċess għall-kura tas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għall-protezzjoni soċjali, minbarra għall-edukazzjoni, għat-taħriġ u għas-suq tax-xogħol. Din it-taqsimha tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-approċċ meħud mill-Istati Membri biex jindirizzaw iċ-ċirkostanzi attwali, minbarra miżuri oħrajn li jindirizzaw sfidi aktar strutturali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom.

Uħud mill-miżuri temporanji introdotti matul il-pandemija nżammu għal persuni vulnerabbli u għall-familji tagħhom filwaqt li ġew introdotti miżuri addizzjonali biex jiġi indirizzat l-effett taż-żieda fil-prezzijiet. Matul il-pandemija, ir-riċevituri tal-assistenza soċjali fil-**Belġju** rċevew primjum temporanju ta' kull xahar ta' EUR 50 minn Lulju 2020 sa Settembru 2021 u EUR 25 bejn Ottubru 2021 u Marzu 2022. Sussidji u miżuri oħrajn, inkluż il-benefiċċju tal-COVID, il-benefiċċju għall-benesseri psikoloġiku u l-benefiċċju għaż-żgħażagħ u għall-istudenti f'pożizzjoni vulnerabbli, ġew estiżi wkoll sal-31 ta' Marzu 2022. Fil-**Bulgarija**, bħala miżura ta' darba, l-awtoritajiet żiedu l-limitu għall-benefiċċju għat-tisħin (bi BGN 30, madwar EUR 15,3) għal persuni li ma kinux applikaw għall-benefiċċju sa Ottubru 2021. Madankollu, minħabba l-kriżi tal-enerġija, il-benefiċċju reġa' żdied b'BGN 100 (madwar EUR 51, madwar 20 %) biex laħaq is-BGN 624 (madwar EUR 319) fl-2022. F'**Malta**, fid-dawl tal-pressjonijiet inflazzjonarji, b'mod partikolari fuq l-ikel, u wkoll biex ikompli jsostni l-irkupru ekonomiku, fi Frar 2022 il-gvern approva l-iżborż ta' għotja ta' darba fi flus. Minn Marzu 2022, il-ħaddiema taħt ċertu livell ta' introjtu u l-istudenti jirċievu ċekkijiet ta' EUR 100, filwaqt li l-pensjonanti u l-persuni bil-benefiċċji soċjali sa EUR 200. Fi **Spanja**, ġew adottati diversi miżuri temporanji biex jiżdiedu l-introjtu minimu u l-pensjonijiet mhux kontributorji biex tiġi kkompensata l-inflazzjoni għolja, bl-għan li jiġu appoġġati sa 800 000 unità domestika vulnerabbli. Skont immappjar tar-risponsi tal-politika nazzjonali biex jittaffa l-impatt tal-inflazzjoni dejjem akbar fuq iċ-ċittadini, kif irrapportat sa Ġunju 2022 fil-bażi tad-*data* "EU PolicyWatch" tal-Eurofound, il-biċċa l-kbira tal-miżuri rrapportati kienu temporanji u *ad hoc*²⁴⁴. Il-pagamenti ta' darba u ta' somma f'daqqa kienu aktar komuni mill-appoġġ ta' kull xahar u l-biċċa l-kbira tal-miżuri ma kinux immirati. Kien aktar probabbli li l-miżuri mmirati jieħdu l-forma ta' appoġġ finanzjarju, filwaqt li miżuri mhux immirati kienu prinċipalment limitati għall-kontijiet tal-enerġija u għall-prezzijiet tal-fjuwil (ara hawn taħt u l-Kaxxa 7 tal-Pilastru għal aktar dettalji).

²⁴⁴ Il-Eurofound, Aumayr-Pintar, C. u Cantero Guerrero, M., [First responses to cushion the impact of inflation on citizens](#), Artiklu, it-12 ta' Settembru 2022.

Ġew adottati jew implimentati bidliet permanenti fl-iskemi eżistenti biex tissaħħaħ ulterjorment ir-reżiljenza soċjali u ekonomika, f'konformità mal-prinċipji 12 (dwar l-protezzjoni soċjali) u 14 (dwar l-introjtu minimu) tal-Pilastru, fost l-oħrajn, bl-ghajjuna tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF). Fi **Spanja**, l-RRF jappoġġa sa 34 proġett pilota li joħlqu perkorsi ta' integrazzjoni għar-riċevituri tal-introjtu minimu. L-oġettivi tagħhom huma li jtejbju l-adozzjoni u l-effettività tal-iskema ta' introjtu minimu permezz tal-integrazzjoni soċjoekonomika u l-inklużjoni edukattiva kif ukoll diġitali. Barra minn hekk, hija ppjanata riforma ġdida fi ħdan il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) biex jingħaqdu, sa tmiem l-2023, il-benefiċċji mhux kontributorji mal-iskema tal-introjtu minimu biex jittejbju l-effettività u l-effiċjenza tar-riżorsi pubbliċi u jiġu ffokati fuq il-kopertura xierqa ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli kif ukoll fuq l-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu. Għal dan l-għan, il-konsolidazzjoni tal-benefiċċji għandha tqis, minn naħa waħda, il-ħtiġijiet strutturali tal-unitajiet domestiċi bi tfal u b'persuni b'diżabbiltà u, min-naħa l-oħra, torbot l-appoġġ għall-introjtu mat-tfittix attiv ta' impjeg għall-inklużjoni u jiġu evitati "nases tal-faqar". Fil-**Latvja**, f'konformità mal-RRP, riforma sal-bidu tal-2023 għandha l-għan li tintroduċi metodoloġija unifikata u bbażata fuq l-evidenza għall-kalkolu u sistema ta' indiċjar annwali tal-Introjtu Minimu Garantit (GMI) biex jintlaħaq il-limitu ta' 20 % tal-introjtu medjan. Fir-**Rumanija**, il-gvern emenda liġi biex jiżdied l-Indikatur ta' Referenza Soċjali, il-bażi għad-determinazzjoni tal-ammonti ta' diversi benefiċċji, inklużi l-benefiċċji tal-qgħad u l-assistenza soċjali, u l-indiċjar regolari tiegħu mar-rata annwali medja tal-inflazzjoni beda f'Marzu 2022. Fil-**Bulgarija**, bħala riforma tranżizzjonali, sakemm tiġi implimentata r-riforma sħiħa tal-introjtu minimu prevista fl-RRP, ġiet promulgata emenda legali biex jiżdiedu gradwalment l-adeqwatezza u l-kopertura tal-iskema tal-introjtu minimu ta' żidiet obligatorji tal-koeffiċjenti tad-DMI (Introjtu Minimu Differenzjat) għall-gruppi fil-mira kollha. Il-**Kroazja** żiedet l-ammont bażiku tal-Benefiċċju Minimu Garantit għal HRK 1 000 u tejbet ukoll il-kopertura, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi bit-tfal, kif ippjanat skont l-RRP. Fil-**Litwanja**, ġie promulgat xi titjib fl-adeqwatezza tal-benefiċċju soċjali bażiku flimkien ma' aċċessibbiltà akbar tal-kumpensi għall-kostijiet tat-tisħin soġġetti għall-itestjar tal-mezzi, flimkien ma' emenda skont l-RRP tal-liġi dwar is-servizzi soċjali biex tiżdied il-kwalità tal-kura soċjali permezz ta' skema ta' akkreditazzjoni ġdida. F'**Malta**, il-benefiċjarji tal-assistenza soċjali jirċievu l-Aġġustament sħiħ tal-Għoli tal-Ħajja, minflok iż-żewġ terzi tal-kumpens bħal qabel. Barra minn hekk, se tiġi introdotta proċedura ġdida biex tgħin lill-persuni mingħajr indirizz fiss biex jirċievu assistenza soċjali. Fin-**Netherlands**, miżura ta' żieda tal-limitu ta' età għal 27 sena tista' tgħin biex jittaffa r-riskju dejjem akbar ta' faqar għall-ġenituri meta t-tfal tagħhom ta' aktar minn 21 sena jkomplu jgħixu magħhom u tiġi evitata l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fost iż-żgħażaġh. Il-**Greċja** applikat żidiet għall-miżuri permanenti ta' appoġġ għall-introjtu li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, inkluż il-benefiċċju għat-tisħin u l-benefiċċju għall-akkomodazzjoni ta' studenti universitarji li jistudjaw lil hinn mill-belt ta' domiċilju tagħhom. Barra minn hekk, fil-futur, l-RRF se jappoġġa, fost l-oħrajn, l-integrazzjoni fis-suq tax-xoġhol tal-benefiċjarji tal-GMI, tal-persuni b'diżabbiltà, tar-Rom u tar-refuġjati fil-Greċja.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri pprovdew appoġġ finanzjarju lill-persuni spostati mill-Ukrajna, billi tawhom aċċess għal pakketti bażiċi ta' assistenza soċjali fis-seħħ għaċ-ċittadini tal-pajjiżi jew għall-migranti li jirresjedu legalment. F'xi każijiet ġie pprovdut aċċess għal skemi tal-introjtu minimu, pereżempju **fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Litwanja, fl-Ungerija, fil-Portugall, u fis-Slovakkja**. Xi Stati Membri taw aċċess lill-persuni spostati mill-Ukrajna għall-benefiċċji għall-applikanti għall-ażil, pereżempju **l-Awstrija, Spanja, il-Finlandja, Franza, in-Netherlands, u l-Iżvezja**, filwaqt li fi Stati Membri oħrajn ġew stabbiliti benefiċċji mmirati għalihom speċifikament, bħall-**Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Italja, il-Lussemburgu**. Il-**Polonja** pprovdiet it-tliet tipi kollha ta' appoġġ. Skont l-immappjar tal-

Eurofound tal-politiki relatati mar-refuġjati mill-Ukrajna, mill-bidu tal-gwerra u sa nofs Ġunju, b'kollox ġew irrapportati 144 politika, prinċipalment relatati mal-aċċess għall-akkomodazzjoni (19 %), għall-edukazzjoni (13 %), għall-kura tas-saħħa (8 %) u għall-protezzjoni soċjali (6 %), kif ukoll mal-aċċess għas-swieq tax-xogħol u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol (22 %).

Il-pandemija enfasizzat il-ħtieġa li jiġu mmodernizzati s-servizzi soċjali. L-isfidi ewlenin huma l-istandardizzazzjoni jew l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi u t-titjib tal-kwalità tas-servizzi soċjali kif ukoll it-titjib tal-provvista integrata ta' servizzi u ta' benefiċċji. Xi wħud mir-riformi relatati ma' dawn l-oqsma bdew matul jew wara l-ewwel mewġiet tal-pandemija tal-COVID-19 u xi wħud huma appoġġati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Pereżempju, il-**Bulgarija** adottat ordinanza ġdida dwar il-kwalità tas-servizzi soċjali (ukoll parti mill-RRP), inkluż dwar il-kwalifiki tal-forza tax-xogħol. **Spanja** kompliet tnejn r-riforma mmirata lejn id-definizzjoni fil-livell nazzjonali ta' portafoll minimu garantit ta' servizzi soċjali komuni u standards ta' kwalità biex tnaqqas id-disparitajiet relatati mat-tip, mal-livell u mal-kwalità tas-servizzi pprovduti. Il-**Kroazja** u l-**Litwanja** qed jespandu l-portafoll tas-servizzi soċjali; il-Kroazja qed ittejjeb l-aċċess għas-servizzi soċjali u l-koordinazzjoni bejniethom, u tipprovd i garanzija għal portafoll ta' servizzi minimi komuni u standards komuni għall-forniment tas-servizzi soċjali fil-pajjiż kollu. **Ċipru** u l-**Kroazja** jiffokaw fuq it-tisħiħ tal-forniment integrat ta' servizzi permezz tat-tisħiħ tal-approċċ multidixxiplinari u l-forniment integrat ta' servizzi u ta' benefiċċji rispettivament. Il-**Litwanja** introduċiet tip ġdid ta' servizz soċjali preventiv u proattiv ta' ħidma biex jintlaħqu n-nies bl-għan li tidentifika familji u individwi potenzjalment soċjalment vulnerabbli f'riskju li jsibu ruħhom f'esklużjoni soċjali.

L-aċċess għall-protezzjoni soċjali ttejjeb f'numru ta' Stati Membri, inkluż għal ħaddiema mhux standard u għal dawk li jaħdmu għal rashom, f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali (ippreżentati fl-2021) biex tiġi implimentata r-rakkomandazzjoni tal-2019 tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali.²⁴⁵ Filwaqt li l-appoġġ eċċezzjonali għall-introjt u jew il-laxkar temporanju tar-regoli standard ta' eliġibbiltà (jew iż-żieda fl-ammonti ta' benefiċċji) introdotti matul il-pandemija tneħħew gradwalment f'haġna Stati Membri fi tmiem l-2021 jew fil-bidu tal-2022, ġew introdotti riformi strutturali li jestendu l-aċċess għall-protezzjoni soċjali. L-RRP ta' **Ċipru** jinkludi riforma tas-sistema tal-assigurazzjoni soċjali, immirata biex testendi l-kopertura għal forum ta' impjeg indipendenti u nonstandard (bħall-persuni li jaħdmu bil-pjattaformi), filwaqt li l-**Polonja** qed tippjana, bħala parti mill-RRP tagħha, li testendi l-assigurazzjonijiet soċjali obligatorji eżistenti u li ttejjeb il-kopertura, b'mod partikolari tal-kuntratti tal-liġi ċivili bl-assigurazzjoni tal-pensjoni u bl-assigurazzjoni għal inċidenti. Diversi Stati Membri qed jindirizzaw l-adegwatezza tal-pensjonijiet tal-ħaddiema għal rashom billi jżidu r-rati tal-kontribuzzjoni, bħal-**Latvja** (li qed tintroduċi wkoll bażi ta' kontribuzzjoni minima), u Spanja li fl-2022 adottat ir-riforma dwar is-sistema tal-kontribuzzjoni għall-ħaddiema għal rashom skont l-RRP. **Franza** adottat liġi (fl-aħħar tal-2021) b'miżuri li għandhom l-għan li jżidu l-livell tal-pensjonijiet għall-assistenti tal-bdiewa, u f'Ġunju 2022, il-**Finlandja** ppreżentat proposta dwar l-iżvilupp tal-assigurazzjoni tal-pensjoni għal dawk li jaħdmu għal rashom, li għandha tiġi diskussa u approvata mill-Parlament f'dan l-istadju.

Diversi miżuri jindirizzaw l-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad, speċjalment għall-ħaddiema mhux standard. L-RRP ta' **Spanja** jinkludi riforma tas-sistema ta' assistenza għall-qgħad (sal-aħħar tal-2022) biex jimtlew xi wħud mid-diskrepanzi fil-kopertura, tiġi

²⁴⁵ Ara l-Kaxxa 5 tal-Pilastru: Aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata fil-JER 2022 u l-[Pjanijiet Nazzjonali msemminja fih](#).

estiża d-durata massima u tiġi ssimplifikata s-sistema. Minn Marzu 2022 'il quddiem, Spanja pprovdiet ukoll aċċess għal sussidji mhux kontributorji tal-qgħad għal impjegati fissi/mhux kontinwi li għandhom aktar minn 52 sena. Fl-aħħar nett, (minn Ottubru 2022) ingħata aċċess għall-benefiċċji kontributorji tal-qgħad lill-ħaddiema domestiċi wara r-ratifika tal-Konvenzjoni tal-ILO dwar il-ħaddiema domestiċi u l-miżuri ta' implimentazzjoni. L-**Italja** tejbet l-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad għall-ħaddiema mhux standard b'mod partikolari billi estendiet il-perjodu massimu tal-benefiċċju fi flus f'każ ta' sensji involontarji għall-ħaddiema b'kuntratt atipiku (DIS-COLL) għal 12-il xahar. Għal dan l-għan ukoll, l-iskemi ordinarji (CIGO u FIS) u straordinarji (CIGS) għall-ħaddiema li qabel ma kinux koperti saru aktar ġenerużi u aktar aċċessibbli biex jinkludu l-apprendisti u l-ħaddiema mid-dar.

Ittieħdu diversi miżuri biex jappoġġaw lil dawk li jaħdmu għal rashom bi skemi speċifiċi ta' appoġġ għall-introjtu jew ta' sostituzzjoni, pereżempju f'każ ta' liv tal-maternità jew tal-paternità jew perjodi temporanji oħrajn barra mix-xogħol. Wara l-iskadenza tas-sistema tagħha ta' appoġġ għall-introjtu temporanju (TOZO 5), il-persuni li jaħdmu għal rashom jistgħu jkunu eliġibbli għal appoġġ għall-introjtu fin-**Netherlands** taħt is-sistema aktar permanenti (Bbz). L-**Awstrija** estendiet (sa Marzu 2022) l-iskema tagħha ta' sostituzzjoni tal-introjtu anki għall-ħaddiema għal rashom waħedhom li jkunu waqqfu l-attivitajiet tagħhom minħabba l-COVID-19 u għamlet il-Fond tat-Tbatija speċifiku tagħha aċċessibbli għal individwi li mhumiex appoġġati bil-miżuri eżistenti (b'mod partikolari ħaddiema għal rashom ġodda, freelancers, ħaddiema kulturali, persuni f'diversi kuntratti part-time). Fl-2022, **Franza** naqqset il-kundizzjonijiet għal dawk li jaħdmu għal rashom biex jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-introjtu fil-każ ta' waqfien tal-attività (fis-seħħ mill-2019). Fl-aħħar nett, bħala parti mid-digriet dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (Ġunju 2022), ir-regolamenti l-ġodda dwar il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri fl-**Italja** jinkludu d-dritt għal gratifika għal kull jum għal nisa li jaħdmu għal rashom għall-perjodi ta' qabel il-ħlas (f'każ ta' kumplikazzjoni); jinkludu wkoll id-dritt għal-liv tal-ġenituri għall-missirijiet li jaħdmu għal rashom. Fil-**Lussemburgu** (f'Ġunju 2022) ġie adottat abbozz ta' liġi mill-gvern u dan tressaq quddiem il-parlament li għandu l-għan li jintroduċi benefiċċji tal-paternità għal dawk li jaħdmu għal rashom.

F'diversi pajjiżi ttieħdu miżuri ġodda għal protezzjoni soċjali mtejba ta' professjonisti attivi fis-settur kulturali. Professjonisti bħal dawn kienu fost il-gruppi li ma kinux koperti biżżejjed mill-protezzjoni soċjali matul il-COVID-19, minħabba l-kombinazzjoni ta' status ta' xogħol speċifiku u tnaqqis fil-possibiltajiet ta' xogħol. L-intitolamenti tagħhom għall-benefiċċji tal-qgħad jew għall-appoġġ temporanju għall-introjtu ġew estiżi matul l-2021-22 fl-**Estonja**, fil-**Lussemburgu**, fi **Spanja**, u fi **Franza** filwaqt li l-**Ġermanja** ħadet miżuri biex iżżomm il-kopertura tal-assigurazzjoni ta' artisti li jaħdmu għal rashom billi ssussidjat il-kontribuzzjonijiet tagħhom. B'mod importanti, il-**Portugall** approva status ġdid għall-professjonisti fis-settur kulturali u fond speċjali tas-sigurtà soċjali għalihom.

Xi pajjiżi introduċew miżuri biex jappoġġaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa għall-ħaddiema kollha. Fil-**Lussemburgu**, f'Ottubru 2021 il-gvern ressaq proposta dwar Kopertura Universali tal-Kura tas-Saħħa biex jiġi offrut aċċess għall-kura tas-saħħa permezz ta' affiljazzjoni mal-assigurazzjoni tas-saħħa lil kwalunkwe persuna vulnerabbli li tgħix fil-pajjiż iżda li mhix affiljata. Il-proposta bħalissa tinsab quddiem il-Parlament. Sa mill-bidu tal-2022, l-impjegaturi fil-**Ġermanja** jridu jirrapportaw jekk l-impjegati b'kuntratt ta' terminu qasir ikunux koperti mill-assigurazzjoni tas-saħħa. Fir-rigward tal-benefiċċji tal-mard, l-**Irlanda** approvat abbozz (li għad irid jiġi adottat mill-Parlament) li jipprovi livell minimu ta' protezzjoni lil impjegati b'paga baxxa, li jaf ma jkollhom l-ebda intitolament għal skema tal-kumpaniji ta' benefiċċju tal-mard. L-**Estonja** u l-**Latvja** estendew il-kopertura tal-benefiċċju tal-mard għall-impjegati kollha.

L-Istati Membri għandhom fis-seħħ miżuri strutturali u mmirati għal familji b'introjtu baxx jew foqra biex jappoġġaw l-aċċess għal servizzi essenzjali, f'konformità mal-prinċipju 20 tal-Pilastru. Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għas-servizzi essenzjali tal-enerġija, b'mod partikolari l-aktar miżuri strutturali komuni jinkludu benefiċċji tal-introjtu, tariffi mnaqqsin, sussidji u protezzjoni kontra projbizzjonijiet u skonnessjonijiet u jistgħu jikkontribwixxu biex jittaffew l-effetti taż-żidiet fil-prezzijiet. Madankollu, minbarra dawn, ġew adottati miżuri ta' emerġenza biex iwieġbu għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, kif diskussi fil-Kaxxa 7 tal-Pilastru.

Fil-kuntest taż-żidiet attwali fl-għoli tal-ħajja, inkluż il-kontijiet tal-utilitajiet, ċerti Stati Membri qed jistabbilixxu miżuri preventivi biex jiproteġu l-kirjiet u jnaqqsu l-prezzijiet tal-enerġija, iżda maġġoranza kbira mhix qed tintlaqat. Pereżempju, fi Spanja, l-iżgumbramenti li jaffettwaw il-kerrejja vulnerabbli huma sospiżi sal-31 ta' Diċembru 2022 u ż-żieda fil-kera annwali hija limitata għal 2 %. Barra minn hekk, il-garanzija ta' provvisti bażiċi (ilma, gass, elettriku, u telekomunikazzjoni) applikata għal unitajiet domestiċi vulnerabbli ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2022. Fl-aħħar nett, il-gvern ħa diversi miżuri biex jillimita l-kostijiet tal-enerġija u jiproteġi l-provvista tal-enerġija, inkluż vawċer soċjali tal-elettriku għall-konsumaturi vulnerabbli u l-projbizzjoni li tiġi interrotta l-provvista tal-elettriku għall-persuni f'riskju ta' esklużjoni soċjali. Il-Latvja introduċiet żidiet temporanji fil-benefiċċju tal-akkomodazzjoni mashuba għall-popolazzjoni b'introjtu baxx biex tikkumpensa għaż-żidiet fil-kostijiet tal-enerġija fl-istaġun tat-tisħin tal-2022-2023, flimkien ma' kumpens parzjali għall-kontijiet tal-enerġija lill-konsumaturi kollha. Fil-Litwanja, l-Istat jirrimborża parti mill-kostijiet tal-enerġija għall-familji kollha, filwaqt li r-Rumanija tillimita l-prezzijiet tal-elettriku u tal-gass naturali. L-Irlanda tipprovdi wkoll kreditu ta' EUR 600 fi tliet pagamenti parzjali għall-konsumaturi domestiċi kollha tal-elettriku. Barra minn hekk, f'Novembru, dawk li jirċievu l-Benefiċċju għall-Fjuwil (tat-tisħin) se jirċievu ħlas ta' darba ta' EUR 400, u aktar nies se jikkwalifikaw għal dan il-benefiċċju minn Jannar 2023. Fil-Greċja, il-miżuri temporanji applikati biex jikkumpensaw għall-pressjonijiet inflazzjonarji jinkludu benefiċċju ta' EUR 250 għal pensjonanti b'introjtu baxx, għal persuni akbar fl-età mhux assigurati, u għall-benefiċjarji tal-benefiċċji tad-diżabbiltà, kif ukoll pagament parzjali addizzjonali tal-Introjtu Minimu Garantit u tal-benefiċċji għat-tfal (dawn il-miżuri kienu japplikaw f'April 2022 u huma ppjanati li se japplikaw ukoll f'Diċembru 2022).

F'diversi Stati Membri ġew stabbiliti riformi biex jiġi indirizzat il-faqar fost it-tfal, inkluż fil-qasam tal-liv tal-ġenituri u tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal, f'konformità mal-prinċipju 11 tal-Pilastru (Indukrar tat-tfal u appoġġ għat-tfal), u mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. L-espansjoni tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal kienet l-aktar tip komuni ta' riforma. L-RRP ta' Spanja jipprevedi l-ħolqien ta' mill-inqas 60 elf post pubbliku tal-edukazzjoni u tal-kura bikrija tat-tfal għal tfal taħt it-3 snin sa tmiem l-2024. Il-Greċja, l-Italja, is-Slovakkja, u Ċipru huma mistennija wkoll iżidu l-provvista tal-indukrar tat-tfal. Iċ-Ċekja żgurat finanzjament stabbli għall-gruppi tat-tfal wara li jintemm l-appoġġ tal-FSE, Malta u s-Slovenja estendew id-drittijiet għall-użu tal-indukrar tat-tfal b'xejn. F'konformità mal-RRP tagħha, il-Litwanja nediet studju dwar il-fattibbiltà tal-iżvilupp ta' infrastruttura tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal fil-muniċipalitajiet. Fid-Danimarka, il-gvern approva l-introduzzjoni ta' normi minimi ġodda fil-kura tat-tfal, mill-2024. Permezz tal-RRP, ir-Rumanija se tistabbilixxi, tgħammar, u tibda topera 412-il servizz komplementari biex iżżid il-kapaċità u l-kwalità tas-sistema tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal tagħha sal-2024, li hija prevista li se taqdi lil madwar 20 000 tifel u tifla minn sfondi żvantaġġati.

Xi Stati Membri żiedu l-benefiċċji tat-tfal u tal-familja. Dawn il-miżuri, filwaqt li huma bidliet strutturali fl-iskemi eżistenti, jistgħu jikkontribwixxu biex jgħinu lill-familji jtaffu l-

effett taż-żieda fil-prezzijiet u tal-pressjonijiet inflazzjonarji fis-sitwazzjoni attwali. L-**Awstrija**, il-**Latvja**, il-**Litwanja**, ir-**Rumanija** u s-**Slovakkja** żiedu l-ammonti tal-benefiċċji universali eżistenti għat-tfal, il-**Bulgarija** żiedet l-eżenzjoni mit-taxxa għat-tfal, u l-**Italja** introduċiet benefiċċju universali ta' kull xahar għat-tfal dipendenti kollha. Il-livelli ta' benefiċċji mmirati żdiedu fl-**Awstrija**, fil-**Bulgarija** u fi **Spanja**, u hekk ukoll il-livell tal-bonus wara l-ħlas u l-adozzjoni f'**Malta**. Se jkun hemm pagament doppju għall-Benefiċċji tat-Tfal (aktar minn EUR 140 għal kull tifel u tifla) fl-Irlanda, u n-nies li jirċievu l-Pagament tal-Familja li Taħdem se jirċievu pagament ta' darba ta' EUR 500 f'Novembru 2022.

L-għoti ta' appoġġ addizzjonali għall-introjtu lil persuni b'diżabbiltà u lill-familji tagħhom ġie diskuss f'diversi Stati Membri, f'konformità mal-prinċipju 17 (Inklużjoni tal-persuni b'diżabbiltà) tal-Pilastru. Il-**Kroazja** introduċiet emenda fil-liġi tas-suq tax-xogħol biex tiddetermina l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-assistenza finanzjarja lil persuni qiegħda b'diżabbiltà. Il-**Litwanja** approvat żieda fl-ammont tal-benefiċċju addizzjonali tat-tfal, li jinkludi t-tfal b'diżabbiltà, u f'Lulju 2021 adottat ukoll liġi ġdida li tagħti benefiċċji addizzjonali lil persuni anzjani waħedhom u lil persuni b'diżabbiltà. **Malta** adottat sensiela ta' miżuri biex ittejjeb l-aċċess għall-benefiċċji soċjali għall-persuni b'diżabbiltà u żżid l-ammonti eliġibbli, inkluż għall-persuni li jindukraw lil persuni b'diżabbiltà severa. Il-benefiċċji tad-diżabbiltà huma disponibbli wkoll għal persuni spostati mill-Ukrajna f'diversi Stati Membri, inklużi pereżempju **I-Kroazja**, **Ċipru**, **I-Estonja**, **Franza**, **I-Irlanda**, **il-Litwanja**, **Spanja**, u **I-Polonja**.

Ħafna Stati Membri adottaw miżuri biex jiżviluppaw is-servizzi neċessarji bbażati fil-komunità biex jappoġġaw l-għajxien indipendenti ta' persuni b'diżabbiltà. Tali miżuri jittieħdu fil-kuntest tad-destituzzjonalizzazzjoni u f'konformità mal-impenji meħudin skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà (CRPD tan-NU). Il-**Bulgarija** qed timplimenta proġett pilota maħsub biex tinholq is-sistema tal-kura f'familja u tas-servizzi bbażati fil-komunità għad-destituzzjonalizzazzjoni tat-tfal, inkluż it-tfal b'diżabbiltà u f'assoċjazzjoni mal-UNICEF. Barra minn hekk, hija allokat EUR 41,6 miljun skont il-FSE+ sal-2026 għall-iżvilupp ta' servizzi soċjali mmirati lejn tfal minn gruppi vulnerabbli u lejn tfal b'diżabbiltà, minn indukrar bikri tat-tfal sal-konsulenza u l-medjazzjoni għas-suq tax-xogħol. Madwar 40 000 tifel u tifla taħt it-18-il sena huma mistennija jibbenefikaw minn dan l-investment. Fil-kuntest tal-RRP, il-**Greċja** adottat miżuri biex tiżviluppa skemi ta' assistenza personali, li se tipprova hom għall-ewwel darba bħala skema pilota fir-reġjun ta' Attica fuq sentejn. Il-**Kroazja** adottat Pjan Nazzjonali għall-Uniformizzazzjoni tal-Opportunitajiet għal Persuni b'Diżabbiltà għall-2021-2027, li għandu l-għan li jnaqqas in-numru ta' persuni b'diżabbiltà f'servizzi tal-akkomodazzjoni fit-tul billi jiżviluppa servizzi bbażati fil-komunità. Il-**Belġju** (Wallonia) adotta strateġija ta' destituzzjonalizzazzjoni fil-kuntest tal-RRP. B'mod simili, fl-RRP, ir-**Rumanija** ħadet impenn għal riforma mmirata lejn l-avvanzar tal-proċess ta' destituzzjonalizzazzjoni għall-persuni b'diżabbiltà.

Diversi Stati Membri ppjanaw investimenti u introduċew miżuri ġodda biex itejbu l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli u soċjali, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli, biex jipprevjenu u jiġġieldu l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, f'konformità mal-prinċipju 19 tal-Pilastru (dwar l-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-persuni mingħajr dar). Fil-**Belġju**, il-gvern tal-Wallonia impenja ruħu fl-RRP biex jibni tal-anqas 700 unità ta' djar tal-gvern bi prestazzjoni ambjentali għolja, il-kostruzzjoni u l-adattament ta' akkomodazzjoni inklużiva għall-persuni b'diżabbiltà u għall-anzjani, u l-ħolqien ta' postijiet ta' akkoljenza ġodda għal gruppi vulnerabbli. Fl-RRP tagħha, **Spanja** qed tippjana li tibni mill-anqas 20 000 abitazzjoni ġdida għal skopijiet ta' kiri soċjali jew bi prezzijiet affordabbli konformi mal-kriterji tal-effiċjenza enerġetika. Il-**Latvja** qed tiżviluppa

strateġija, fl-RRP tagħha, biex tħejji għal proġett ta' akkomodazzjonijiet b'kera baxxa fir-reġjuni. Il-**Portugall** qed juża finanzjament mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex isahha il-provvista tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali. Bħala parti mill-impenji tal-RRP, f'Ġunju 2022, ir-**Rumanija** adottat l-Istrateġija Nazzjonali dwar l-Akkomodazzjoni li għandha tibqa' għaddejja sal-2050, b'wieħed mill-erba' pilastru ddedikat għall-akkomodazzjoni inklużiva bl-għan li jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien ta' gruppi vulnerabbli, inklużi insedjamenti informali. Din se tiġi kkomplementata b'investimenti fil-bini ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni għaż-żgħażaġh vulnerabbli. **Franza** adottat liġi li tintroduċi obbligu għdid għas-sidien li jikru fir-rigward tar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni u tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ifqar unitajiet domestiċi, filwaqt li **Malta** introduċiet sussidji għal adattamenti strutturali ta' akkomodazzjoni perikoluża. Il-**Litwanja** adottat emendi leġislattivi biex iżżid l-aċċessibilità tal-akkomodazzjoni soċjali u l-appoġġ għall-familji bi tlett itfal jew aktar, għall-ġenituri singoli bit-tfal, għall-persuni b'diżabbiltà. **Spanja, l-Italja, u Malta** introduċew taxa u/jew miżura ta' benefiċċju tal-akkomodazzjoni, biex jappoġġaw liż-żgħażaġh fl-għajxien indipendenti, filwaqt li Spanja stabbiliet ukoll benefiċċju ta' EUR 250 fix-xahar għal żgħażaġh b'introjtu baxx sa medju li se jibqa' jingħata għal sentejn. Il-**Lussemburgu** qed jintroduċi riformi leġislattivi biex jirrevedi diversi għajnuniet individwali tal-akkomodazzjoni u biex jissimplifika u jagħmel dawn l-għajnuniet individwali aktar trasparenti u aċċessibbli, flimkien ma' riforma biex jiġi stimolat il-ħolqien tal-akkomodazzjoni affordabbli bi sjieda pubblika. Fl-aħħar nett, fl-**Iżvezja**, il-Gvern iddeċieda dwar strateġija nazzjonali għall-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar b'inizjattivi estensivi biex tiġi miġġielda l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar matul il-perjodu 2022-2026 tal-istrateġija. F'diversi Stati Membri ġew introdotti benefiċċji speċifiċi fi flus għall-akkomodazzjoni, pereżempju **fil-Ġermanja, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Litwanja, fin-Netherlands, fi Spanja, fil-Polonja, fis-Slovenja u fis-Slovakkja**, għal persuni spostati mill-Ukrajna li jibbenefikaw minn protezzjoni temporanja (u possibbilment lil sidien tad-djar li jagħmlu d-djar tagħhom disponibbli għal persuni spostati), filwaqt li Stati Membri oħrajn, **bħall-Irlanda u l-Latvja**, pereżempju, estendew il-benefiċċji fi flus għall-akkomodazzjoni diġà disponibbli għal persuni spostati mill-Ukrajna.

Xi Stati Membri ħadu miżuri addizzjonali biex itejjbu l-aċċess għall-akkomodazzjoni, b'mod partikolari għall-persuni b'diżabbiltà, u b'hekk jappoġġaw l-għajxien awtonomu tagħhom. Pereżempju, il-**Litwanja** introduċiet emendi fil-liġi nazzjonali tagħha biex ittejjeb l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali għal gruppi vulnerabbli speċifiċi, inkluż għal persuni b'diżabbiltà. Il-**Lussemburgu** rreveda l-istandards għall-aċċessibilità fl-akkomodazzjoni residenzjali, biex tinkiseb żieda gradwali fl-akkomodazzjoni li hija adattata għall-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabbiltà. Il-miżuri l-ġodda, li se jkunu applikabbli minn Lulju 2023, jipprevedu l-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv dwar l-Aċċessibilità li se jippermetti l-involviment attiv tal-persuni kkonċernati. L-Awtorità tad-Djar f'**Malta** qed toffri alternattiva għal polza tal-assigurazzjoni tal-ħajja lill-persuni li, minħabba kundizzjonijiet mediċi tal-passat jew diżabbiltà, ma setgħux jiksbu polza bħal din u, għalhekk, ma setgħux isiru sid ta' akkomodazzjoni.

Il-bieċa l-kbira tal-miżuri tal-politika tal-pensjonijiet adottati matul l-aħħar sena fittxew li jissalvagwardjaw l-adeqwatezza tal-pensjonijiet, f'konformità mal-prinċipju 15 tal-Pilastru (dwar l-introjtu u l-pensjonijiet tax-xjuħija). Fl-isfond taż-żidiet fl-għoli tal-ħajja, diversi Stati Membri (**Spanja u l-Litwanja** fl-RRPs tagħhom, kif ukoll **il-Bulgarija, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja**) ħadu miżuri biex jaġġustaw il-valur tal-benefiċċji tal-pensjoni billi introduċew jew aġġustaw ir-regoli dwar l-indiċjar u/jew introduċew żidiet *ad hoc*. Il-**Ġermanja** u l-**Estonja** ħadu passi biex jiproteġu lill-pensjonanti b'introjtu baxx billi jsaħħu l-pensjonijiet bażiċi jew minimi, filwaqt li l-**Latvja, Malta** u r-**Rumanija** introduċew supplimenti mmirati lejn il-pensjonanti b'introjtu baxx. **Malta** saħħet il-pensjonijiet tas-

superstiti għar-romol. L-**Estonja**, il-**Latvja** u **Malta** introduċew bidliet fit-tassazzjoni tal-pensjonijiet, b'mod partikolari billi żiedu l-benefiċċji tat-taxxa għall-benefiċċji tal-pensjoni. Sabiex is-sistemi tal-pensjoni tagħha jsiru aktar inklużivi, **Malta** bdiet tirkonoxxi l-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni mħallsin minn età aktar bikrija. Meta mqabbla mas-snin ta' qabel, anqas riformi tal-pensjonijiet indirizzaw l-età tal-irtirar. Bħala parti mill-RRP tagħha, **Spanja** adottat riforma li timmodifika l-penali għall-irtirar bikri u li żżid l-inċentivi biex jiġi ttardjat l-irtirar, filwaqt li l-**Italja** ddeċidiet li testendi l-perkorsi temporanji għall-irtirar bikri għal xi kategoriji.

Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 kompliet tiżvolġi fl-2021 u fil-bidu tal-2022, numru ta' Stati Membri bdew riformi biex irawmu sistemi tas-saħħa aktar reżiljenti, f'konformità mal-prinċipju 16 tal-Pilastru (aċċess għall-kura tas-saħħa), bħala parti mill-RRP tagħhom²⁴⁶. Ir-riformi riċenti tas-saħħa jindirizzaw l-isfidi li ħolqot il-pandemija, bħat-titjib tal-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika. Il-Ġermanja** kompliet issaħħaħ gradwalment il-kapaċitajiet diġitali tal-funzjonijiet tas-saħħa pubblika fis-sistema tas-saħħa tagħha. **Ċipru** qed jippjana li jimplementa soluzzjoni simili sa Marzu 2023. F'Ġunju 2022, **Spanja** adottat strateġija ġdida dwar is-saħħa pubblika, li tiddefinixxi mill-ġdid il-politika u l-qafas istituzzjonali għar-rispons għall-kriżijiet. Id-**Danimarka** ħadet miżuri biex tiżgura l-livell xieraq ta' kapaċità ta' ħżin għal mediċini kritiċi. Il-pandemija mexxiet ukoll il-politika lejn il-prevenzjoni. Pereżempju, il-**Greċja** bdiet l-implimentazzjoni tal-Programm Nazzjonali tas-Saħħa Pubblika tagħha dwar il-Prevenzjoni Spiros Doxiadis. **Spanja** għamlet progress fil-kampanji ta' prevenzjoni u fil-politiki msaħħin ta' prevenzjoni skont l-Istrateġija tas-Saħħa Pubblika adottata dan l-aħħar. Inizjattivi oħrajn biex jiġu indirizzati sfidi tas-saħħa aktar globali kienu jinkludu l-adozzjoni tal-Programm Onkologu Nazzjonali **Ċek** 2022-2030 u l-introduzzjoni mill-**Portugall** ta' digriet-liġi dwar is-Saħħa Mentali f'Diċembru 2021. Simili għal dan, il-**Greċja** qed taħdem fuq riformi fil-qasam tas-saħħa mentali u l-ewwel riżultati mistennija jinkisbu sal-aħħar tal-2022. Ċerti Stati Membri ffokaw fuq rivoluzzjoni komprensiva tal-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa. L-immappjar nazzjonali ppjanat tal-**Bulgarija** tal-ħtiġijiet tal-kura tas-saħħa se jinforma r-reviżjoni tal-qafas strateġiku tagħha għas-settur tas-saħħa, li beda bl-adozzjoni tal-Istrateġija dwar il-Kura Psikjatrika 2021-2030, u **Franza** bdiet l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Trasformazzjoni tas-Sistema tas-Saħħa. Sa nofs l-2023, il-**Latvja** se timplimenta riforma mifruxa biex twitti t-triq għal kura integrata u għal kura tas-saħħa epidemjoloġikament sikura, sostnuta minn investimenti xierqa fl-infrastruttura tas-saħħa. Il-**Finlandja**, l-**Italja** u l-**Litwanja** qed jergħu jorganizzaw is-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom biex itejbu l-aċċess għall-kura tas-saħħa fil-livell lokali. B'allokazzjoni sinifikanti ta' riżorsi fl-RRP u bi programm tas-Saħħa dedikat għall-2021-2027, ir-**Rumanija** impenjat ruħha li ssaħħaħ ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa billi tinvesti f'infrastruttura moderna tal-isptarijiet biex tiżgura s-sikurezza tal-pazjenti, flimkien ma' diversi miżuri biex ittejjeb l-aċċess għall-kura tas-saħħa.**

F'xi każijiet, l-isforzi ta' politika kkonċentraw fuq il-kura tas-saħħa primarja, inkluż bħala parti mill-RRPs. L-Estonja, Spanja, u l-Portugall adottaw riformi fil-kura tas-saħħa primarja, bil-ħsieb li s-settur jiġi mmodernizzat permezz tad-diġitalizzazzjoni, it-titjib tal-aċċess f'żoni mhux moqdijin biżżejjed u rwol akbar għall-kura tas-saħħa primarja. L-**Irlanda** bdiet timplimenta n-Networks tas-Saħħa tal-Komunità, li għandhom ikunu fis-seħħ sal-aħħar tal-2022 u estendiet is-servizzi ta' tabib tal-familja mingħajr ħlas għat-tfal sa 7 snin. Is-**Slovakkja** adottat leġislazzjoni ġdida biex tistabbilixxi network nazzjonali ta' fornituri tal-kura tas-saħħa primarja. L-Istati Membri jfittxu wkoll li jsaħħu l-forza tax-xogħol tas-saħħa.

²⁴⁶ F'dan il-paragrafu u fiż-żewġ paragrafi li ġejjin, il-miżuri kollha relatati mas-saħħa huma parti mill-RRP tal-Istat Membru speċifiku, ħlief għall-programm ta' baċċellerat tal-Lussemburgu.

L-**Estonja**, il-**Latvja**, u r-**Rumanija** se jadottaw strateġiji dedikati għar-riżorsi umani għas-saħħa. Pajjiżi oħrajn għandhom l-għan speċifiku li jħarrġu u jipprovdu aktar professjonisti tas-saħħa permezz tas-sistemi edukattivi tagħhom. F'Ottubru 2021, il-**Lussemburgu** introduċa programm ġdid ta' baċċerati fil-mediċina ġenerali u l-**Polonja** ħadet miżuri leġiżlattivi biex tattira aktar studenti lejn il-fakultajiet tal-mediċina. L-RRP tal-Istati Membri bħal fil-**Lussemburgu** u f'**Malta** jinkludi wkoll miżuri għall-istabbiliment ta' għodod għat-titjib tal-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa. L-azzjonijiet jinkludu wkoll aspetti tas-saħħa organizzazzjonali usa'. L-**Awstrija** qed tibni network ta' infermiera komunitarji u qed tespandi r-rwoli tagħhom bħala koordinaturi tal-kura u fil-prevenzjoni. **Malta** qed taħdem għal integrazzjoni aħjar tal-ħaddiema tas-saħħa barranin. In-**Netherlands** qed jaħdmu biex jibnu riżerva strutturali tal-forza tax-xogħol tas-saħħa.

L-Istati Membri jfittxu li jgawdu l-benefiċċji tad-diġitalizzazzjoni, li jrawmu l-kura integrata, spiss bħala parti minn riformi usa', inkluż bħala parti mir-riformi tal-kura tas-saħħa primarja, u wkoll fil-kuntest tal-RRPs tagħhom. It-trasformazzjoni diġitali tas-sistema tas-saħħa għadha għaddejja fil-**Ġermanja**, wara d-dħul fis-seħħ ta' qafas legali ddedikat sa nofs l-2021, u fil-**Portugall**, inkluż l-aġġornament tan-networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-implimentazzjoni ta' funzjonalitajiet ġodda għat-telesaħħa u għat-telemonitoraġġ sa tmiem l-2022. Fost is-soluzzjonijiet aktar immirati hemm modulu tat-telemediċina li qed jiżviluppa l-**Lussemburgu** u li se jibda jitħaddem sa Marzu 2023. F'Diċembru 2021, il-**Litwanja** adottat liġi dwar l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa u l-**Kroazja** qed tippjana li tintroduċi sistema ċentrali tal-informazzjoni dwar is-saħħa biex taħtaf il-potenzjal tad-*data* dwar is-saħħa. Is-sistema l-ġdida tal-Ispiżerija Elettronika tal-**Irlanda**, appoġġata wkoll mill-RRF, se ttiprovdi viżibbiltà aħjar tal-użu u tal-kostijiet tal-mediċina, u possibbilment se tippermetti l-użu ta' għodod ta' Preskrizzjoni Elettronika fl-isptarijiet u permezz ta' dawn, tiffaċilita l-aċċess għall-kura tas-saħħa.

Diversi Stati Membri qed iwettqu riformi u investimenti fil-kura fit-tul (LTC) biex jespandu l-kura fid-djar u s-servizzi bbażati fil-komunità, itejbu l-kwalità tal-kura, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur, skont il-prinċipju 18 tal-Pilastru (il-kura fit-tul). Diversi minn fost dawn il-miżuri huma marbutin mar-riformi u mal-investimenti mwettqin skont il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza. Ir-**Rumanija** u l-**Bulgarija** qed jippjanaw riformi biex jiżviluppaw servizzi bbażati fil-komunità jew jespandu s-servizzi tal-kura fid-djar, pereżempju bit-taħriġ tal-persunal u billi jespandu s-servizzi mobbli tal-kura fid-djar. Bħala parti mill-RRP tagħha, il-**Litwanja** qed ittejjeb l-aċċess għall-kura fit-tul billi tistabbilixxi ċentri tal-kura fit-tul u timijiet mobbli. Il-**Bulgarija**, il-**Portugall**, u **Spanja** qed jinvestu fis-sistemi tal-LTC tagħhom bħala parti mill-RRPs tagħhom biex jimmodernizzaw l-infrastruttura u s-servizzi tal-LTC u jadattawhom għall-mudell il-ġdid tal-kura fit-tul maħsub aktar għal kura bbażata fil-komunità. Bħala parti mill-RRP tagħha, l-**Estonja** introduċiet definizzjoni formali tal-kura fit-tul. Barra minn hekk, l-Estonja żiedet sostanzjalment il-pagi tal-ħaddiema fil-qasam tal-kura, iffinanzjati permezz ta' żieda fil-prezz tas-servizzi tal-kura. Biex ittejjeb il-kwalità tal-kura, l-**Iżvezja** ħadet passi biex tistabbilixxi ċentru nazzjonali ta' kompetenza għall-kura tal-anzjani u **Spanja** qed timplimenta riforma li tiffoka, fost l-oħrajn, fuq it-tiġid tal-kwalità tas-servizzi tal-kura.